SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

18 ta' Settembru 2024*

"Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Obbligu ta' provvista esklużiva – Restrizzjonijiet kuntrattwali"

Fil-Kawża T-334/19,

Google LLC, stabbilita f'Mountain View, California (l-Istati Uniti),

Alphabet Inc., stabbilita f'Mountain View,

irrappreżentati minn C. Jeffs, avukat, J. Holmes, KC, u J. Williams, barrister,

rikorrenti,

sostnuti minn

Surfboard Holding BV, stabbilita f'Zeist (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata minn E. Batchelor, solicitor, u G. de Vasconcelos Lopes, avukata,

u minn

Vinden.NL BV, stabbilita f'Rijseen (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata minn B. Nijhof u N. Strous, avukati,

intervenjenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn N. Khan, A. Dawes, T. Franchoo u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża),

komposta, matul id-deliberazzjonijiet, minn A. Kornezov, President, E. Buttigieg, K. Kowalik-Bańczyk (Relatur), G. Hesse u D. Petrlík, Imħallfin,

* Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż.

Reġistratur: I. Kurme, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-2, tat-3 u tal-4 ta' Mejju 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Google LLC, li kienet Google Inc., u l-kumpannija omm tagħha, Alphabet Inc. (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Google"), jitolbu, prinċipalment, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2173 final, tal-20 ta' Marzu 2019, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ AT.40411 — Google Search (AdSense)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), jew, sussidjarjament, it-tneħħija jew it-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta skont din id-deċiżjoni.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Google hija impriża tas-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni speċjalizzata fil-prodotti u fis-servizzi marbuta mal-internet u hija attiva fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Hija magħrufa b'mod partikolari għall-mutur ta' tfittxija ġenerali tagħha, li jippermetti lill-utenti tal-internet ifittxu u jidħlu, bil-browser li jużaw u permezz ta' hyperlinks, is-siti internet li jkollhom bżonn.

3 Il-mutur ta' tfittxija ta' Google, aċċessibbli fl-indirizz "www.google.com", jew f'indirizzi simili b'estensjoni nazzjonali, jippermetti li jinkisbu riżultati ta' tiftix ippreżentati fuq paġni li jidhru fuq l-iskrins tal-utenti tal-internet. Dawn ir-riżultati huma magħżula mill-imsemmmi mutur skont kriterji ġenerali u dan mingħajr ħlas lil Google mingħand is-siti llinkjati magħhom sabiex jidhru jew skont loġika speċjalizzata għat-tip ta' tiftix li jsir, b'dawn l-aħħar riżultati jistgħu jkunu wkoll indipendenti minn ħlasijiet ta' siti internet illinkjati magħhom.

4 Fil-paġni tar-riżultati ta' Google, jidhru wkoll riżultati li huma marbuta ma' ħlasijiet ta' siti internet illinkjati magħhom. Dawn ir-riżultati, magħrufa bħala "reklami" ("ads" fil-qosor bl-Ingliż), huma wkoll relatati mat-tfittxija magħmula mill-utent tal-internet u huma distinti mir-riżultati naturali ta' tiftix ġenerali jew ta' tiftix speċjalizzat, pereżempju bil-kliem "reklam" jew "sponsorizzat". Il-wiri tagħhom huwa marbut ma' impenji ta' ħlas minn persuni li jirreklamaw meħuda waqt irkanti, li huma ġġenerati permezz tal-pjattaformi ta' rkanti ta' Google.

A. Fuq is-servizzi u l-kuntratti ta' Google relatati mal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

5 Sa mill-2003, Google topera wkoll pjattaforma ta' intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar imsejħa AdSense. F'dan ir-rigward, Google żviluppat servizzi differenti, fosthom b'mod partikolari servizz ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online msejjaħ AdSense for Search

(iktar ’il quddiem “AFS”). AFS jippermetti lil pubblikaturi ta’ siti internet terzi indipendenti minn Google, li s-siti internet tagħhom fihom muturi ta’ tfittixija integrati, ixerrdu reklami relatati mat-tiftix online ta’ Google meta utenti jfittxu fuq is-siti internet tagħhom.

6 B’hekk, il-fornituri ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online (iktar ’il quddiem l-“intermedjarji”) jippermettu lill-pubblikaturi ta’ siti internet juru reklamar marbut mat-tiftix online li l-utenti jwettqu fuq is-siti internet li fihom mutur ta’ tfittxija integrat. B’dan il-mod, l-intermedjarji u l-pubblikaturi jistgħu jaqsmu bejniethom id-dħul iġġenerat mill-wiri ta’ dan ir-reklamar.

7 Fir-rigward tal-AFS, il-persuni li jirreklamaw kellhom jassoċjaw ir-reklamar tagħhom ma’ kliem prinċipali (keywords) li l-utenti tas-siti internet ikkonċernati setgħu jużaw fil-kuntest ta’ tfittxija online. Sabiex jiġi stabbilit liema persuni li jirreklamaw seta’ jkollhom ir-reklamar tagħhom muri bħala risposta għal tfittxija online, Google kienet prinċipalment tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-prezz li kull persuna li tirreklama kienet indikat li lesta tħallas fil-qafas ta’ rkant previst għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, ir-rilevanza ta’ dan ir-reklamar fir-rigward tal-imsemmija tfittxija, kif ukoll, il-probabbilità li l-utent jikklikkja fuq dan ir-reklamar. Fil-fatt, il-persuna li tirreklama, bħala regola, ma tħallasx il-prezz li jirriżulta mill-wiri tar-reklamar tagħha ħlief meta l-utent jikklikkja fuqu effettivament, b’tali mod li d-dħul mir-reklamar iġġenerat minn tali wiri ma jiddependix esklużivament mill-ammont tal-irkant inkwistjoni.

8 Sabiex jużaw l-AFS, il-pubblikaturi kkonkludew ma’ Google, fost l-oħrajn, żewġ tipi ta’ kuntratti.

9 Minn naħa, il-pubblikaturi setgħu jikkonkludu, għal sit internet wieħed jew iktar tagħhom, “kuntratt online”, jiġifieri kuntratt standard mhux negozjabbli. Google kklassifikat il-pubblikaturi li kkonkludew tali kuntratt bħala “imsieħba online”.

10 Min-naħa l-oħra, il-pubblikaturi setgħu jikkonkludu, għal sit internet wieħed jew iktar tagħhom, “ftehim ta’ servizzi Google” (iktar ’il quddiem il-“FSG”). B’differenza mill-kuntratti online, il-FSG kienu nnegozjati b’mod individwali ma’ kull pubblikatur. Google kklassifikat il-pubblikaturi li għażlu li jikkonkludu FSG bħala “imsieħba diretti”.

11 Google stabbilixxiet mudelli ta’ FSG, minkejja li l-FSG kienu kuntratti individwalment innegozjati mal-imsieħba diretti. Dawn il-mudelli ġew emendati diversi drabi, b’mod partikolari fix-xahar ta’ Marzu 2009. Barra minn hekk, sabiex jikkonkludu FSG, l-imsieħba diretti kellhom jimlew formola ta’ ordni li fiha jispeċifikaw jekk xtaqux jużaw l-AFS jew servizz ieħor AdSense u l-lista ta’ indirizzi ta’ siti internet li għalihom xtaqu jużaw is-servizz jew is-servizzi mitluba.

12 Sax-xahar ta’ Marzu 2009, il-mudell tal-FSG kien fih żewġ klawżoli b’mod partikolari. L-ewwel klawżola (iktar ’il quddiem il-“klawżola ta’ esklużività”) kienet tistipula li l-imsieħeb dirett ma għandux juża, fis-siti internet elenkati fil-formola tal-ordni, servizz li kien identiku jew sostanzjalment simili għas-servizzi pprovduti minn Google taħt il-FSG jew li kienu direttament f’kompetizzjoni ma’ dawn is-servizzi. It-tieni klawżola (iktar ’il quddiem il-“klawżola Ingliża”) kienet tistipula li, bla ħsara għall-klawżola ta’ esklużività, l-imsieħeb dirett u Google għandhom jippruvaw jinnegozjaw formola ta’ ordni ġdida qabel ma jikkuntattjaw fornitur ieħor ta’ servizzi ta’ tiftix online jew ta’ reklamar. Barra minn hekk, f’każ fejn l-imsieħeb dirett u Google ma jaslux għal qbil fuq formola tal-ordni ġdida u fejn l-imsieħeb dirett jiddeċiedi li jikkuntattja tali fornitur, din il-klawżola kienet tipprevedi li Google setgħet tippreżenta offerta li tikkorrispondi mal-kundizzjonijiet offruti minn dan tal-aħħar.

13 B'effett mix-xahar ta' Marzu 2009, il-mudell tal-FSG la baqa' jinkludi l-klawżola ta' esklużività u lanqas il-klawżola Ingliża. Minflokhom ġew inklużi żewġ klawżoli ġodda. L-ewwel waħda (iktar 'il quddiem il-"klawżola ta' pożizzjonament") kienet tistipula li, fir-rigward tas-siti internet li jużaw l-AFS, l-imsieħeb dirett kellu, minn naħa, juri numru minimu ta' reklamar tat-tiftix online, li ġej minn Google u, min-naħa l-oħra, ma jurix tali reklamar, li ġej minn intermedjarji oħra (iktar 'il quddiem ir-"reklamar kompetitur"), 'il fuq minn dak li ġej minn Google jew direttament maġenbu. It-tieni (iktar 'il quddiem il-"klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel") kienet timponi fuq l-imsieħeb dirett l-obbligu li jikseb il-kunsens Google qabel ma jimmodifika l-wiri tar-reklamar kollu relatat mat-tiftix online, inkluż ir-reklamar kompetitur, li jidhru fuq il-paġni tar-riżultati tagħhom. Kien ukoll spjegat li Google ma setgħetx tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha ħlief għal ċerti motivi u li tali kunsens kien jiġi preżunt jekk Google ma tirrispondix f'terminu ta' ħmistax-il jum ta' xogħol.

14 Il-FSG kollha li kellhom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhom ukoll il-klawżola ta' pożizzjonament. Min-naħa l-oħra, mhux il-FSG kollha li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament neċessarjament kellhom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

15 Fl-aħħar nett, il-formola ta' ordni li kienet tikkorrispondi mal-mudell tal-FSG tax-xahar ta' Marzu 2009 kienet tistipula l-inklużjoni ta' screenshots tal-paġni tar-riżultati tas-siti internet elenkati f'din il-formola ta' ordni għall-finijiet tal-użu tal-AFS (iktar 'il quddiem il-"mudelli"). Il-mudelli kellhom jirriflettu n-numru, il-format u l-pożizzjonament tar-reklamar tat-tiftix online li ġej minn Google fuq dawn il-paġni.

B. Fuq il-proċedura amministrattiva

16 F'Jannar 2010, il-Bundeskartellamt (l-Uffiċċju Federali tal-Akkordji, il-Ġermanja) bagħat lill-Kummissjoni Ewropea ilment imressaq minn Ciao GmbH kontra Google.

17 Fit-30 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni bdiet proċedura kontra Google abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101] u [102] TFUE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

18 Fil-31 ta' Marzu 2011, fit-30 ta' Marzu 2012 u fit-30 ta' Jannar 2013, Microsoft Corporation, Expedia Inc. u Initiative for a Competitive Online Marketplace rispettivament ressqu ilment kontra Google.

19 Fit-13 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat evalwazzjoni preliminari, fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), li kienet tirrigwarda b'mod partikolari l-obbligi kuntrattwali imposti minn Google fir-rigward ta' kampanji ta' reklamar relatati mat-tiftix online.

20 Fit-3 ta' April 2013, fil-21 ta' Ottubru 2013 u fil-31 ta' Jannar 2014, Google offriet impenji lill-Kummissjoni sabiex tindirizza t-tħassib tagħha espress fl-evalwazzjoni preliminari tagħha.

21 Fis-16 ta' Mejju 2014 u fit-2 ta' Lulju 2015, Deutsche Telekom AG u [*kunfidenzjali*] [1] u s-sussidjarja tagħha, [*kunfidenzjali*] rispettivament, ressqu ilment kontra Google.

[1] Informazzjoni kunfidenzjali oskurata.

22 Fil-21 ta' April 2016, l-ilmenti ta' Microsoft u ta' Ciao kontra Google ġew irtirati.

23 Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 773/2004 fir-rigward tal-klawżoli ta' esklużività, ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel li kienu stipulati fil-FSG. Fl-istess jum, hija adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament li permezz tagħha hija informat lil Google li dawn il-klawżoli setgħu jikkostitwixxu abbuż minn pożizzjoni dominanti u, konsegwentament, jiksru l-Artikolu 102 TFUE.

24 Fid-9 ta' Settembru 2016, Google informat lill-Kummissjoni li hija kienet bagħtet ittri lill-imsieħba diretti kollha tinformahom li kienet qiegħda tirrinunzja għall-applikazzjoni tal-klawżoli ta' esklużività u ta' awtorizzazzjoni minn qabel fl-intier tagħhom kif ukoll għal ċerti kundizzjonijiet tal-klawżola ta' pożizzjonament.

25 Fl-20 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

C. Fuq id-deċiżjoni kkontestata

26 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li Google kienet ikkommettiet wettqet tliet istanzi ta' ksur separati tal-Artikolu 102 TFUE li, flimkien, jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu ta' din l-istess dispożizzjoni. Konsegwentament, hija kkundannat lil Google LLC tħallas multa, parti minnha *in solidum* ma' Alphabet Inc.

1. Fuq id-definizzjoni tas-suq

27 Il-Kummissjoni qieset li s-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online u s-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' dan it-tiftix fiż-ŻEE kienu jikkostitwixxu swieq rilevanti separati għall-finijiet tal-analiżi tagħha.

a) Fuq is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online

1) Fuq is-suq tal-prodotti

28 Il-Kummissjoni qieset li l-provvista ta' reklamar tat-tiftix online, jiġifieri r-reklamar online li jidher wara t-tiftix permezz ta' kelma li utent iwettaq fuq is-siti internet li għandhom mutur ta' tfittxija, tikkostitwixxi suq tal-prodotti distint.

29 Il-Kummissjoni spjegat li dan is-suq kien jinvolvi l-assoċjazzjoni ta' tiftix imwettaq mill-utenti ma' reklamar rilevanti relatat ma' dan it-tiftix permezz tal-pjattaformi ta' reklamar relatati mat-tiftix online. Hija osservat ukoll li, f'dan is-suq, id-domanda kienet tikkonsisti mill-utenti u persuni li jirreklamaw u l-offerta kienet tikkonsisti mill-operaturi ta' pjattaformi ta' reklamar relatati mat-tiftix online. Dawn il-pjattaformi kienu jirrikjedu, skont l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni, servizz ta' tiftix ġenerali, it-teknoloġija sabiex jiġi assoċjat it-tiftix tal-utenti mar-reklamar rilevanti relatat ma' dan it-tiftix u bażi ta' persuni li jirreklamaw kbira biżżejjed sabiex tikkompeti ma' pjattaformi ta' reklamar oħra relatati mat-tiftix online.

30 Sabiex tikkonkludi li s-suq tar-reklamar tat-tiftix online kien suq tal-prodotti separat, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn ir-reklamar tat-tiftix online u tliet tipi oħra ta' reklamar.

31 L-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li r-reklamar mhux online, bħar-reklamar imxandar fit-televiżjoni, fir-radju jew fil-ġurnali, ma kienx sostitwibbli għar-reklamar online.

32 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li r-reklamar tat-tiftix online ma kienx sostitwibbli għar-reklamar online li ma huwiex relatat mat-tiftix online, jiġifieri r-reklamar li jitpoġġa direttament fuq paġna tas-sit internet mingħajr link ma' tiftix permezz ta' kelma prinċipali mwettaq mill-utenti.

33 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li r-reklamar tat-tiftix online ma kienx sostitwibbli għar-riżultati ta' tiftix speċjalizzat online, li kienu jinvolvu l-elenkar bi ħlas ta' prodotti u ta' servizzi ta' persuni li jirreklamaw, pereżempju fuq is-siti ta' tfittxija ġenerali ta' Google permezz tas-servizzi "Google Shopping" u "Google Hotel Finder".

2) Fuq is-suq ġeografiku

34 Minn perspettiva ġeografika, il-Kummissjoni qieset li s-suq tar-reklamar tat-tiftix online kien nazzjonali, filwaqt li identifikat swieq nazzjonali fiż-ŻEE.

b) Fuq is-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE

1) Fuq is-suq tal-prodotti

35 Il-Kummissjoni rrilevat li l-provvista tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, jiġifieri s-servizzi li, bħall-AFS, jippermettu lill-pubblikaturi "ibigħu" spazju ta' reklamar fuq is-siti tagħhom lill-persuni li jirreklamaw li jixtiequ juru reklamar tat-tiftix online, kienet tikkostitwixxi suq tal-prodotti distint.

36 L-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li kien hemm sostitwibbiltà limitata, skont it-termini użati fid-deċiżjoni kkontestata, bejn il-"bejgħ" ta' reklami online permezz ta' intermedjazzjoni u l-bejgħ ta' reklamar online mwettaq direttament mill-pubblikaturi.

37 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li kien hemm sostitwibbiltà limitata bejn servizzi ta' intermedjazzjoni għar-reklamar tat-tiftix online u dawk għall-prodotti mhux relatati mat-tiftix online.

2) Fuq is-suq ġeografiku

38 Minn perspettiva ġeografika, il-Kummissjoni qieset li s-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien ikopri ż-ŻEE kollha.

2. Fuq il-pożizzjoni dominanti

39 Il-Kummissjoni rrilevat li Google kienet f'pożizzjoni dominanti, minn naħa, f'30 minn 31 suq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE f'perijodi differenti bejn l-2006 u l-2016 u, min-naħa l-oħra, fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE mill-2006 sal-2016.

a) Fuq is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online

40 Il-Kummissjoni qieset li Google kellha pożizzjoni dominanti matul perijodi differenti, bejn l-2006 u l-2016, fis-swieq kollha nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, minħabba l-ishma tas-suq ta' din tal-aħħar, il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir u n-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-persuni li jirreklamaw.

1) Fuq l-ishma tas-suq

41 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkalkolat l-ishma tas-suq ta' Google billi bbażat ruħha kemm fuq id-dħul gross u d-dħul nett ta' din tal-aħħar. Hija kkonstatat li Google kellha iktar minn [*kunfidenzjali*] % tal-ishma tas-suq mill-2006 sal-2016 fis-swieq nazzjonali taż-ŻEE kollha li għalihom kellha informazzjoni, bl-eċċezzjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Portugall, tas-Slovenja, tal-Finlandja, tal-Isvezja u tan-Norveġja. Hija żiedet li, fl-2016, Google kellha sehem tas-suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] %, billi bbażat ruħha fuq id-dħul gross tagħha, u minn [*kunfidenzjali*] %, billi bbażat ruħha fuq id-dħul nett tagħha, fis-swieq nazzjonali taż-ŻEE kollha li għalihom kellha informazzjoni, inkluż ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja.

42 It-tieni nett, il-Kummissjoni kkalkolat l-ishma tas-suq ta' Google billi bbażat ruħha fuq il-volum ta' tiftix online. Hija kkonstatat li Google kellha iktar minn [*kunfidenzjali*] % ta' ishma tas-suq, bejn l-2010 u l-2013, fis-swieq nazzjonali taż-ŻEE kollha li għalihom kellha informazzjoni.

43 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li, mill-2006 sal-2016, Google kellha kompetizzjoni limitata mill-forniturl-oħra tar-reklamar tat-tiftix online, fosthom Microsoft u Yahoo!, minkejja l-akkwist, minn din tal-aħħar, fl-2003, ta' Overture Services Inc. li dak iż-żmien kienet pijuniera u mexxejja fis-settur.

2) Fuq il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir

44 Il-Kummissjoni qieset li kien hemm diversi barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online.

45 L-ewwel nett, il-Kummissjoni rrilevat li kienu meħtieġa investimenti sinjifikattivi sabiex fornitur ta' reklamar tat-tiftix online jkun jista' jistabbilixxi ruħu u li din il-konstatazzjoni kienet tapplika wkoll għall-forniturl ta' reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

46 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li s-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online kienu kkaratterizzati mill-effetti ta' network.

47 Minn naħa, il-Kummissjoni rrilevat li, iktar ma jkun kbir in-numru ta' persuni li jirreklamaw li jużaw is-servizz ta' fornitur ta' reklamar tat-tiftix online, iktar huwa seta' jagħżel minn numru kbir ta' reklamar tat-tiftix online u, b'hekk, iżid ir-rilevanza tar-reklamar li kien juri bħala risposta għat-tfittxija online ta' utent.

48 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kkonstatat li, iktar man-numru ta' utenti ta' servizz ta' tiftix ġenerali jkun għoli, iktar ikun probabbli li reklamar tat-tiftix online jintwera lil utent interessat minnu.

49 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li s-"saħħa" tas-servizz ta' tiftix ġenerali ta' Google u l-"interazzjoni" ta' dan is-servizz mar-reklamar tat-tiftix online ma setgħux faċilment jintlaħqu mill-forniturі kompetituri ta' reklamar tat-tiftix online. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li s-servizz ta' tiftix ġenerali ta' Google kellu, fl-2016, sehem ta' suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] % f'kull wieħed mill-Istati Membri taż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tar-Repubblika Ċeka fejn hija baqgħet xorta ogħla minn [*kunfidenzjali*] %.

50 Ir-raba' nett, il-Kummissjoni kkonstatat li kważi l-persuni kollha li jirreklamaw kienu jużaw il-pjattaforma ta' rkanti ta' Google, AdWords, assoċjata mas-servizz ta' tiftix ġenerali ta' din tal-aħħar.

51 Il-ħames nett, il-Kummissjoni rrilevat li, mill-2006 u t-tnedija minn Microsoft ta' adCenter, ma kien hemm l-ebda dħul sinjifikattiv fuq l-ebda wieħed mis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE.

52 Is-sitt nett, il-Kummissjoni rrilevat li Google kienet saħħet il-pożizzjoni dominanti tagħha billi kkonkludiet, f'Ottubru 2015, ftehim ma' Yahoo! Inc. li jipprevedi l-provvista, minn din tal-aħħar, ta' reklamar tat-tiftix online, ta' servizzi ta' tiftix ġenerali u ta' servizzi ta' tiftix ta' immaġnijiet speċjalizzati.

3) Fuq in-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja

53 Il-Kummissjoni qieset li s-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE kienu kkaratterizzati minn nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-persuni li jirreklamaw.

54 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, li kull persuna li tirreklama kienet tirrappreżenta parti żgħira mid-domanda fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, li l-persuni li jirreklamaw ma setgħux jużaw biss il-pjattaformi ta' reklamar tal-kompetituri ta' Google.

55 It-tieni nett, il-Kummissjoni rrilevat li l-persuni li jirreklamaw ma setgħux jinnegozjaw it-termini tal-ftehim tagħhom ma' Google għall-provvista ta' servizzi ta' reklamar tat-tiftix online u li Google kienet timponilhom prezzijiet għoljin.

b) Fuq is-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE

56 Il-Kummissjoni qieset li Google kellha pożizzjoni dominanti mill-2006 sal-2016 fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, minħabba l-ishma tas-suq ta' din tal-aħħar, il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir kif ukoll in-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-pubblikaturi.

1) Fuq l-ishma tas-suq

57 L-ewwel nett, filwaqt li bbażat ruħha fuq id-dħul gross ta' Google, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, abbażi ta' data li kienet ġejja minn din tal-aħħar, li hija kellha ishma tas-suq li kienu dejjem ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2006 u l-2016 u li matul din l-aħħar sena, li kienet

laħqet [*kunfidenzjali*] % u, min-naħa l-oħra, abbażi ta' data li kienet ġejja minn Google, Microsoft u Yahoo!, li Google kellha ishma tas-suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] % fl-2006, li dejjem kienu ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2007 u l-2014.

58 It-tieni nett, filwaqt li bbażat ruħha fuq id-dħul nett ta' Google, il-Kummissjoni kkonstat, minn naħa, abbażi ta' data li ġejja minn din tal-aħħar, li din kellha ishma tas-suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] % fl-2006 u ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2007 u l-2016 u, min-naħa l-oħra, abbażi ta' data li ġejja minn Google u minn Yahoo!, li Google kellha ishma tas-suq li dejjem kienu ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2006 u l-2011 u li kienet laħqet, matul din l-aħħar sena, iktar minn [*kunfidenzjali*] %.

59 It-tielet nett, mill-ishma tas-suq ta' Google, il-Kummissjoni ddeduċiet li din kellha kompetizzjoni limitata min-naħa tal-intermedjarji l-oħra.

2) Fuq il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir

60 Il-Kummissjoni qieset li kien hemm diversi barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE.

61 L-ewwel nett, il-Kummissjoni rrilevat li kienu meħtieġa investimenti sinjifikattivi sabiex toħloq, iżżomm u kontinwament ittejjeb "pjattaforma ta' reklamar tat-tiftix online".

62 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li s-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien ikkaratterizzat mill-effetti ta' network. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li s-suċċess ta' intermedjarju kien jiddependi min-numru ta' persuni li jirreklamaw u ta' pubblikaturi li huwa kien kapaċi jattira kif ukoll mid-daqs tal-portafoll tiegħu ta' reklamar tat-tiftix online. Hija spjegat li dawn l-elementi differenti kienu relatati, b'tali mod li intermedjarju li ma jattirax biżżejjed pubblikaturi lanqas ma jattira biżżejjed persuni li jirreklamaw. Barra minn hekk, hija kkonstatat li, iktar ma jkun hemm persuni li jirreklamaw li jużaw servizz ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, iktar l-intermedjarju seta' jagħżel min-numru kbir ta' reklamar relatat ma' dan it-tiftix u, b'hekk, iżid ir-rilevanza tar-reklamar li huwa kien juri bħala risposta għat-tfittxija online ta' utent.

63 It-tielet nett, il-Kummissjoni rrilevat li, minn Diċembru 2009 u s-sħubija bejn Microsoft u Yahoo!, ma kien hemm l-ebda dħul sinjifikattiv fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. Hija żiedet li "diversi" intermedjarji kompetituri ta' Google kienu ġew emarġinati jew kienu ħarġu minn dan is-suq mill-2007.

3) Fuq in-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja

64 Il-Kummissjoni qieset li s-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE kien ikkaratterizzat minn nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-pubblikaturi.

65 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, li kull pubblikatur kien jirrappreżenta parti żgħira mid-domanda fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, li l-pubblikaturi ma setgħux jużaw biss is-servizzi ta' intermedjarji kompetituri peress li l-AFS kien jiġġenera l-ogħla dħul għalihom.

66 It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonstatat li Google, minn naħa, kienet waqfet tiggarantixxi dħul minimu għall-pubblikaturi mill-2013 u, min-naħa l-oħra, kienet naqqset il-medja tad-dħul li hija kienet taqsam magħhom bejn l-2007 u l-2016.

3. Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu "ġeneralment" inkludew is-siti internet tagħhom kollha

67 Il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet tikkostitwixxi, mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Marzu 2016, abbuż minn pożizzjoni dominanti inkwantu din il-klawżola kienet inkluża f'FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu "ġeneralment" inkludew is-siti internet tagħhom kollha li juru reklamar tat-tiftix online. Prinċipalment, hija qieset li din il-klawżola kienet timponi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, obbligu ta' provvista esklużiva fuq dawn l-imsieħba diretti li, bħala tali, kien ksur tal-Artikolu 102 TFUE. B'mod sussidjarju, hija qieset li din il-klawżola, inkwantu kienet timponi tali obbligu, kienet tikser l-imsemmija dispożizzjoni, minħabba li setgħet tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Hija kklassifikat bħala "imsieħba diretti tas-siti kollha" lill-imsieħba diretti li kienu ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha f'tal-inqas wieħed mill-FSG tagħhom.

a) Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha inkwantu kienet tikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva li jikser, bħala tali, l-Artikolu 102 TFUE

68 Minn naħa, il-Kummissjoni fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36, punt 89), li tipprovdi li, "għal impriża li ssib ruħha f'pożizzjoni dominanti f'suq, il-fatt li torbot xerrejja, anki jekk fuq it-talba tagħhom, permezz ta' obbligu jew ta' wegħda li jiksbu l-bżonnijiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom esklużivament mingħand l-imsemmija impriża jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu [102 TFUE]".

69 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kkonstatat li l-klawżola ta' esklużività kienet tikkostitwixxi, f'dan il-każ, obbligu ta' provvista esklużiva sakemm hija kienet tobbliga lill-imsieħba diretti tas-siti kollha jiksbu l-bżonnijiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli minnhom f'servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online mingħand Google. F'dan ir-rigward, hija tirrileva, qabelxejn, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi ma' dawn l-imsieħba diretti kienet tapplika "ġeneralment" għas-siti internet tagħhom kollha li juru reklamar tat-tiftix online, sussegwentament, li l-imsemmija msieħba diretti ma kellhomx deroga minn din il-klawżola qabel ma jintemmu l-FSG tagħhom u, fl-aħħar nett, li l-FSG konklużi ma' tnejn minn dawn l-imsieħba diretti, jiġifieri [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], kienu jobbligaw lil dawn tal-aħħar jissuġġettaw għal din il-klawżola s-siti interneti tagħhom kollha li juru tali reklamar.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni qieset, prinċipalment, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE, mingħajr il-bżonn li jiġi vverifikat jekk din il-klawżola setgħetx tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

b) Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha inkwantu kienet tikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva li jista' jillimita l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE

71 Il-Kummissjoni qieset, sussidjarjament, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet tikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva li seta' jillimita l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

72 Il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lil dawn l-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-klawżola Ingliża kienet żiedet il-kapaċità ta' din il-klawżola li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

73 Il-Kummissjoni żiedet li, fil-qafas tal-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti, hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fuq, minn naħa, is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, min-naħa l-oħra, is-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' tali tiftix fiż-ŻEE, it-tieni nett, is-sehem ta' dan l-aħħar suq kopert bil-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u, it-tielet nett, it-"tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola".

c) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi

74 Il-Kummissjoni ma laqgħetx il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi invokati minn Google matul il-proċedura amministrattiva.

75 L-ewwel nett, Google sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet neċessarja sabiex tiżguralha livell ta' dħul suffiċjenti sabiex issostni, minn naħa, l-investimenti neċessarji sabiex tiġġestixxi u ttejjeb s-servizzi tagħha ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u, min-naħa l-oħra, l-investimenti speċifiċi magħmula għall-benefiċċju tal-imsemmija msieħba diretti.

76 It-tieni nett, Google sostniet li l-AFS kien ipproduċa effetti favur il-kompetizzjoni billi żied il-kwalità tal-esperjenza tal-utenti, id-dħul mir-reklamar, l-utilità tal-paġni ta' tiftix għall-pubblikaturi u l-espożizzjoni tal-persuni li jirreklamaw mal-utenti interessati mill-prodotti tagħhom.

77 Minn naħa, il-Kummissjoni qieset li Google ma stabbilixxietx li l-investimenti msemmija minnha ma kinux isiru fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, essenzjalment, li l-fatt li Google kienet issostitwixxiet l-imsemmija klawżola bil-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien juri li hija setgħet twettaq l-imsemmija investimenti bi klawżoli inqas ristrettivi. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li l-effetti favur il-kompetizzjoni allegati minn Google ma kinux rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk il-klawżola ta' esklużività kinitx oġġettivament iġġustifikata.

4. Fuq il-klawżola ta' pożizzjonament

78 Il-Kummissjoni qieset li, mill-31 ta' Marzu 2009 sas-6 ta' Settembru 2016, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, minħabba li din il-klawżola setgħet tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u li Google ma kinitx stabbilixxiet li l-imsemmija klawżola kienet oġġettivament iġġustifikata.

a) Fuq il-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament

79 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriżerva l-ispażju l-iktar viżibbli tas-siti internet tal-imsieħba koperti minn din il-klawżola għar-reklamar tat-tiftix online li ġej minn Google.

80 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet timponi lill-imsieħba diretti li juru, fl-ispazji l-iktar viżibbli tas-siti internet koperti b'din il-klawżola, minn naħa, "blokka" ta' tliet reklami "format kbir" relatati mat-tiftix online li ġej minn Google meta r-riċerka ssir minn kompjuter u, min-naħa l-oħra, tal-inqas reklam wieħed relatat mat-tiftix online li ġej minn Google meta t-tiftix ikun sar minn telefon mobbli.

b) Fuq ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' pożizzjonament

81 Il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi. Barra minn hekk, hija kkonstatat li n-natura vinkolanti tal-mudelli kienet żiedet il-kapaċità ta' din il-klawżola li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

82 Il-Kummissjoni żiedet li, fil-qafas tal-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti, hija ħadet inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fuq, minn naħa, is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, min-naħa l-oħra, is-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' tali tiftix fiż-ŻEE, it-tieni nett, is-sehem ta' dan l-aħħar suq kopert bil-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u, it-tielet nett, it-"tul ta' żmien ta' [din il-] klawżola.

c) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi

83 Il-Kummissjoni ma laqgħetx il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi invokati minn Google matul il-proċedura amministrattiva.

84 L-ewwel nett, Google sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet neċessarja sabiex tiżguralha, sa ċertu punt, dħul suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-investimenti magħmula għall-benefiċċju tal-imsieħba diretti kif ukoll sabiex timmassimizza d-dħul tagħhom (ara l-punt 75 iktar 'il fuq).

85 It-tieni nett, Google sostniet li ċertu grad ta' stabbilità fil-wiri tar-reklamar tat-tiftix online kien neċessarju sabiex dawn jibqgħu rilevanti.

86 Il-Kummissjoni rrilevat li Google ma stabbilixxietx li l-investimenti msemmija minnha ma kinux isiru fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-fatt, allegat minn Google, li l-imsemmija klawżola kienet għamlitha possibbli li jiżdied id-dħul mir-reklamar tal-imsieħba diretti ma kienx rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Fl-aħħar nett, hija qieset li Google setgħet żammet ir-rilevanza tar-reklamar tat-tiftix online billi tużu mezzi inqas ristrettivi, bħal rakkomandazzjonijiet. Hija spjegat, f'dan ir-rigward, li l-fatt li Google, fl-2016, kienet irrinunzjat għall-applikazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet tal-klawżola inkwistjoni (ara l-punt 24 iktar 'il fuq) kien jikkonferma li setgħet tadotta mezzi inqas ristrettivi.

5. Fuq il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel

87 Il-Kummissjoni qieset li, mill-31 ta' Marzu 2009 sas-6 ta' Settembru 2016, il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, minħabba li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u li Google ma wrietx li l-imsemmija klawżola kienet oġġettivament iġġustifikata.

a) Fuq ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel

88 Il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

89 Il-Kummissjoni żiedet li, fil-qafas tal-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti, hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fuq, minn naħa, is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, min-naħa l-oħra, is-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' tali tiftix fiż-ŻEE, it-tieni nett, is-sehem ta' dan l-aħħar suq kopert bil-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u, it-tielet nett, it-"tul ta' żmien ta' [din il-] klawżola".

b) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi

90 Il-Kummissjoni ma laqgħetx il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi invokati minn Google matul il-proċedura amministrattiva.

91 Google sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet neċessarja sabiex tippermetti lill-imsieħba diretti juru reklamar kompetitur skont ir-rekwiżiti kwalitattivi tagħha, b'mod partikolari sabiex tipprevjeni l-wiri ta' reklamar taparsi reklamar ta' Google u l-promozzjoin ta' kontenut mhux adattat jew li jwassal għall-installazzjoni ta' malware fuq il-kompjuter tal-utent.

92 Il-Kummissjoni qieset li Google ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex l-imsieħba diretti kellhom juru reklamar kompetitur skont ir-rekwiżiti kwalitattivi tagħha u lanqas kif il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tippermetti li jiġu prekluži prattiki qarrieqa fis-siti internet ikkonċernati. Barra minn hekk, hija qieset li Google setgħet waslet sabiex jiġu osservati r-rekwiżiti kwalitattivi tagħha u tipproteġi t-trade mark tagħha billi tuża mezzi inqas ristrettivi. Barra minn hekk, hija spjegat, f'dan ir-rigward, li l-fatt li, fl-2016, hija kienet irrinunzjat għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola (ara l-punt 24 iktar 'il fuq) jikkonferma li setgħet tadotta mezzi inqas ristrettivi.

6. Fuq il-ksur uniku u kontinwu

93 Il-Kummissjoni qieset li t-tliet abbużi minn pożizzjoni dominanti, li jirriżultaw rispettivament mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, mill-klawżola ta' pożizzjonament u mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, jikkostitwixxu, flimkien, ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 102 TFUE għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u s-6 ta' Settembru 2016.

94 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhom jilħqu l-istess għan, jiġifieri l-esklużjoni ta' intermedjarji kompetituri ta' Google sabiex iżżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u fis-swieq tar-reklamar tat-tiftix online u, konsegwentament, il-pożizzjoni tagħha fis-suq tat-tiftix ġenerali.

95 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu kumplimentari sa fejn dawn il-klawżoli kellhom it-tendenzi li jiddiswadu lill-imsieħba diretti milli jużaw reklamar kompetitur u jipprekludu lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni spjegat, b'mod partikolari, li Google kienet hi stess ddeskriviet il-klawżola ta' pożizzjonament bħala "klawżola ta' esklużività iktar flessibbli", u li l-FSG kollha li kellhom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu jinkludu wkoll il-klawżola ta' pożizzjonament.

7. Fuq l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri

96 Il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, kemm waħedhom kif ukoll flimkien setgħu jaffetwaw b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8. Fuq il-multa

97 Il-Kummissjoni kkundannat lil Google LLC tħallas multa ta' EUR 1 494 459 000, EUR 130 135 475 minnhom *in solidum* ma' Alphabet Inc.

II. Talbiet tal-partijiet

98 Google titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas l-ammont tal-multa;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

99 Surfboard Holding BV (iktar 'il quddiem "Surfboard") u Vinden.NL BV (iktar 'il quddiem "Vinden"), fid-dawl tal-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar fuq ir-rapport tas-seduta, jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

100 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lil Google għall-ispejjeż.

– tikkundanna lil Surfboard u lil Vinden għall-ispejjeż relatati mal-intervent rispettiv tagħhom.

III. Id-dritt

101 Google tinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-fatt li l-Kummissjoni ddefinixxiet b'mod żbaljat is-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u, konsegwentament, ma stabbilixxietx il-pożizzjoni dominanti tagħha f'dan is-suq; it-tieni, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konkluża mal-imsieħba diretti tas-siti kollha ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, it-tielet u r-raba', li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma kinux jikkostitwixxu tali abbuż u, il-ħames, li l-Kummissjoni imponiet b'mod żbaljat multa fuqha.

A. Rimarki preliminari

102 Skont l-Artikolu 102 TFUE, huwa inkompatibbli mas-suq intern u pprojbit, sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat, l-abbuż minn pożizzjoni dominanti minn impriża waħda jew iktar fis-suq intern jew fi ħdan parti sostanzjali tiegħu.

103 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-artikolu huwa intiż li jevita li ma jkunx hemm użu ħażin tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-interess ġenerali, tal-impriżi individwali u tal-konsumaturi, billi jiġi ssanzjonat l-aġir ta' impriżi f'pożizzjoni dominanti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fuq il-mertu u għalhekk jista' jikkawża dannu dirett lil dawn tal-aħħar, jew li jostakola jew joħloq distorsjoni ta' din il-kompetizzjoni u għalhekk jista' jikkawżalhom dannu indirett (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 124; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-

27 ta' Marzu 2012, Post Danmark, C-209/10, EU:C:2012:172, punt 20). Il-kunċett ta' "abbuż", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huwa intiż għalhekk sabiex jissanzjona l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li, f'suq fejn, wara l-preżenza tal-impriża inkwistjoni, il-livell ta' kompetizzjoni jkun diġà ddgħajjef, ikollu l-effett li jippreġudika ż-żamma ta' struttura ta' kompetizzjoni effettiva (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 Għalhekk huma l-impriżi f'pożizzjoni dominanti, indipendentement mill-kawżi ta' tali pożizzjoni, li għandhom responsabbiltà partikolari li ma jippreġudikawx, bl-aġir tagħhom, il-kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq intern (ara s-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 135, u tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 38).

105 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 102 TFUE la huwa intiż li jipprekludi lill-impriżi milli jiksbu, fuq mertu tagħhom stess, pożizzjoni dominanti f'suq wieħed jew iktar u lanqas li jiżgura li l-impriżi kompetituri li huma inqas effikaċi minn dawk li għandhom tali pożizzjoni jibqgħu fis-suq (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 126; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2012, Post Danmark, C-209/10, EU:C:2012:172, punt 21). Fil-fatt, kull effett ta' esklużjoni ma jippreġudikax neċessarjament il-kompetizzjoni, peress li, bħala definizzjoni, il-kompetizzjoni fuq il-merti tista' twassal għall-għajbien mis-suq jew għall-marġinalizzazzjoni tal-kompetituri inqas effettivi, u għalhekk inqas interessanti, għall-konsumaturi mill-perspettiva b'mod partikolari tal-prezzijiet, tal-għażla, tal-kwalità jew tal-innovazzjoni (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 133 u 134).

106 B'hekk, abbuż minn pożizzjoni dominanti jista' b'mod partikolari jiġi stabbilit meta l-aġir ikkritikat ikun ipproduċa effetti ta' esklużjoni fir-rigward ta' kompetituri daqstant effettivi bħall-awtur ta' dan l-aġir f'termini ta' struttura ta' spejjeż, ta' kapaċità ta' innovazzjoni jew ta' kwalità jew inkella meta l-imsemmi aġir ikun ibbażat fuq l-użu ta' mezzi differenti minn dawk li jaqgħu taħt kompetizzjoni "normali", jiġifieri bbażata fuq il-merti (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 F'dan ir-rigward, hija l-Kummissjoni li għandha turi n-natura abbużiva ta' aġir fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha li jikkaratterizzaw l-aġir inkwistjoni, li jinkludi dawk enfasizzati mill-provi mressqa bħala difiża mill-impriża f'pożizzjoni dominanti (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Huwa minnu li sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva ta' aġir, il-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament turi li dan l-aġir effettivament ipproduċa effetti antikompetittivi. Fil-fatt, l-Artikolu 102 TFUE huwa intiż li jissanzjona l-fatt, għal impriża waħda jew iktar, li tisfrutta b'mod abbużiv pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, indipendentement minn jekk tali użu jirriżultax jew le b'suċċess. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE billi tistabbilixxi li, matul il-perijodu li matulu l-aġir inkwistjoni ġie implimentat, dan kellu, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kapaċità li jirrestriġi l-kompetizzjoni fuq il-merti minkejja n-nuqqas ta' effett tiegħu (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Madankollu, din il-konstatazzjoni għandha, bħala regola, tkun ibbażata fuq provi tanġibbli, li juru, lil hinn mis-sempliċi ipoteżi, il-kapaċità effettiva tal-prattika inkwistjoni li tipproduċi tali effetti, bl-eżistenza ta' dubju f'dan ir-rigward għandu jkun ta' benefiċċju għall-impriża li għamlet użu minn tali prattika (ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li, għad-differenza minn, pereżempju, analiżi prospettiva meħtieġa għall-eżami ta' proġett ta' konċentrazzjonijiet, li teħtieġ li jiġu mbassra avvenimenti li ser iseħħu fil-ġejjieni, fuq bażi ta' probabbiltà pjuttost qawwija, jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni li tipprojbixxi l-konċentrazzjoni ppjanata jew li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għaliha, ħafna drabi l-Kummissjoni, meta tissanzjona abbuż minn pożizzjoni dominanti, teżamina avvenimenti tal-imgħoddi, li dwarhom ġeneralment ikun hemm disponibbli bosta provi li jippermettu li wieħed jifhem il-kawżi u jevalwa l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni effettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 42).

111 Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' b'mod partikolari, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, titlob lill-impriżi jagħtu l-informazzjoni kollha neċessarja għall-finijiet tal-investigazzjoni tagħha. Kif issostni l-Kummissjoni, għandu jingħata valur probatorju kbir għal risposti eżawrjenti għal mistoqsija diretta, mogħtija skont din id-dispożizzjoni inkwantu l-impriżi li jagħtu informazzjoni ineżatta jew żnaturata bħala risposta għal tali domanda għandhom jingħataw multa skont l-Artikolu 23(1)(a) ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2013, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, T-462/07, mhux ippubblikata, EU:T:2013:459, punt 123, u tas-26 ta' Jannar 2022, Intel Corporation vs Il-Kummissjoni, T-286/09 RENV, taħt appell, EU:T:2022:19, punt 376).

112 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-impriża kkonċernata tista' ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, abbażi ta' provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 138). Hija għalhekk il-Qorti Ġenerali li għandha teżamina l-argumenti kollha tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw il-fondatezza tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni dwar il-kapaċità ta' esklużjoni tal-kompetituri li huma tal-inqas effettivi daqsha li jirrelataw mal-prattika inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm – pagamenti għall-esklużività), T-235/18, EU:T:2022:358, punt 356, u ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 141].

113 Fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-portata tiegħu testendi għall-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri skont l-Artikolu 102 TFUE li l-Qorti Ġenerali tiżgura stħarriġ fid-dettall tiegħu, fid-dritt kemm fil-fatt, fid-dawl tal-motivi mqajma mir-rikorrenti u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-provi kollha prodotti minn din tal-aħħar, kemm jekk dawn ikunu ġew prodotti qabel u kemm jekk wara d-deċiżjoni meħuda, kemm jekk ikunu ġew ippreżentati qabel fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva jew jekk għall-ewwel darba, fil-kuntest tar-rikors li l-Qorti Ġenerali tkun adita bih, sa fejn dawn il-provi tal-aħħar ikunu rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (ara s-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 72, u tal-25 ta' Lulju 2018, Orange Polska vs Il-Kummissjoni, C-123/16 P, EU:C:2018:590, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

B. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ddefinixxiet b'mod żbaljat is-swieq rilevanti inkwistjoni u l-pożizzjoni dominanti ta' Google

114 Permezz tal-ewwel motiv, Google, sostnuta minn Surfboard u Vinden, issostni li l-Kummissjoni wettqet definizzjoni żbaljata tas-swieq tar-reklamar tat-tiftix online u tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Dan l-iżball ifisser li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx il-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fi ħdan iż-ŻEE, b'tali mod li ma setgħetx tikkonkludi, ġustament, fid-deċiżjoni kkontestata, li kien hemm abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE f'dan is-suq.

115 L-argument ta' Google huwa maqsum f'żewġ partijiet.

116 Fl-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha, Google ssostni li, għall-finijiet tad-definizzjoni tas-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online ma kienx sostitwibbli bir-reklamar tat-tiftix online.

117 Fit-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, Google ssostni li, għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq Ewropew għall-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li ma kienx hemm sostitwibbiltà bejn il-bejgħ ta' reklami online permezz ta' intermedjazzjoni u l-bejgħ ta' reklami online direttament mill-pubblikaturi.

1. Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażat fuq is-sostitwibbiltà tar-reklamar tat-tiftix online u dak mhux relatat mat-tiftix online

118 Kif ġie rrilevat fil-punt 27 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ddefinixxiet iż-żewġt iswieq rilevanti fid-deċiżjoni kkontestata. L-ewwel wieħed kien dak tar-reklamar tat-tiftix online, deskritt fil-punti 28 u 29 iktar 'il fuq. Minkejja li l-abbuż minn pożizzjoni dominanti kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata seħħ fit-tieni suq rilevanti ddefinit f'din id-deċiżjoni, jiġifieri dak tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni, waqt is-seduta, spjegat li d-definizzjoni tal-ewwel suq kienet pass neċessarju għad-definizzjoni tat-tieni, li ma jistax jiġi ddefinit bħala suq distint mingħajr id-definizzjoni minn qabel tal-ewwel.

119 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari li r-reklamar tat-tiftix online ma kienx sostitwibbli bir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, deskritt fil-punt 32 iktar 'il fuq.

120 Il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha li tiddistingwi bejn ir-reklamar tat-tiftix online u r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online (iktar 'il quddiem iż-"żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni"), fil-premessi 135 sa 169 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq, l-ewwel nett, il-bidu u l-pożizzjonament tar-reklami inkwistjoni, it-tieni nett, il-format tagħhom, it-tielet nett, il-kapaċitajiet tagħhom li jirrispondu għall-interess immedjat tal-utenti, ir-raba' nett, il-kapaċitajiet tagħhom li jwasslu għal xiri mill-utenti, il-ħames nett, ir-rati ta' klikks u ta' konverżjoni tagħhom, is-sitt nett, il-kapaċitajiet tagħhom li jkejlu r-ritorn fuq l-investimenti tal-persuni li jirreklamaw, is-seba' nett, l-osservazzjonijiet ta' assoċjazzjoni li tirrappreżenta lil persuni li jirreklamaw (World Federation of Advertisers), it-tmien nett, ir-risposta ta' persuni li jirreklamaw, ta' pubblikaturi u ta' aġenziji tal-midja għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-effett ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online, id-disa' nett, rapport tal-industrija magħmul minn operatur ta' database online li jippreżenta data u riċerka statistika (Statista) u, l-għaxar nett, l-investimenti neċessarji għall-provvista ta' servizzi ta' reklamar tat-tiftix online.

121 Google tqis li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni ma kinux jagħmlu parti mill-istess suq.

122 L-argumenti ta' Google f'dan ir-rigward jistgħu jiġu deskritti fil-qosor bil-mod segwenti. L-ewwel nett, hija tirrileva li l-Kummissjoni kkonċentrat, b'mod żbaljat, fuq is-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw minflok minn dik tal-pubblikaturi. It-tieni nett, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, u ffokat fuq allegati karatteristiċi differenti bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. It-tielet nett, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi adegwata dwar il-prezz permezz, pereżempju, ta' test li janalizza l-impatt ta' żieda sinjifikattiva u mhux tranżitorja ta' 5 sa 10 % tal-prezz ta' reklamar tat-tiftix online (iktar 'il quddiem it-"test SSNIP"), u interpretat b'mod żbaljat ir-risposti tal-pubblikaturi, tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja fil-qafas tal-analiżi li hija wettqet. Ir-raba' nett, dawn l-allegati karatteristiċi differenti bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni ma kinux ivverifikati u, barra minn hekk, ma kinux biżżejjed sabiex jiġi konkluż li ma kinux sostitwibbli. Il-ħames nett, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni eżempji ta' pubblikaturi li jalternaw jew alternaw bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Is-sitt nett, il-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat id-dikjarazzjonijiet ta' uħud mir-rappreżentanti ta' Google. Is-seba' nett, l-analiżi magħmula fid-deċiżjoni kkontestata tas-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni hija, essenzjalment, kuntrarja għal deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni.

123 Surfboard u Vinden isostnu l-argumenti ta' Google u jallegaw ukoll li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni kif suppost il-perspettiva tal-pubblikaturi.

a) Osservazzjonijiet preliminari

124 Preliminarjament, għandu jitfakkar li d-determinazzjoni tas-suq rilevanti, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, tikkostitwixxi, bħala regola, prerekwiżit għall-evalwazzjoni tal-eżistenza eventwali ta' pożizzjoni dominanti tal-impriża kkonċernata, peress li l-għan tagħha huwa l-istabbiliment tal-konfini li fihom għandha tiġi evalwata l-kwistjoni ta' jekk din l-impriża tistax iġġib ruħha, sa livell sinjifikattiv, b'mod indipendenti mill-kompetituri tagħha, mill-klijenti tagħha u mill-konsumaturi (ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' suq rilevanti jimplika li kompetizzjoni effettiva tista' teżisti bejn il-prodotti jew is-servizzi li jagħmlu parti minnu, li jippreżupponi grad suffiċjenti ta' interkambjabbiltà minħabba l-istess użu bejn il-prodotti jew is-servizzi kollha li jagħmlu parti mill-istess suq. L-interkambjabbiltà jew is-sostitwibbiltà ma humiex evalwati biss fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u l-istruttura tad-domanda u tal-offerta fuq is-suq (ara s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, F. Hoffmann-La Roche *et*, C-179/16, EU:C:2018:25, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

126 Mill-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155, iktar 'il quddiem l-"Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq"), jirriżulta wkoll li "[s]uq ta' prodotti rilevanti hu magħmul minn dawk il-prodotti u/jew servizzi illi huma kkonsidrati bħala li kappaċi li jiġu mibdula jew jkunu sostitwibbli mill-konsumatur, minħabba l-karatteristiċi tal-Prodotti, il-prezzijiet tagħhom u l-użu maħsub tagħhom". Minn perspettiva ekonomika, għal definizzjoni tas-suq inkwistjoni, is-sostituzzjoni minn naħa tat-talba hija l-fattur ta' dixxiplina l-iktar

immedjat u l-iktar effettiv fir-rigward tal-forniturі ta' prodott partikolari, b'mod partikolari li jirrigwarda d-deċiżjonijiet tagħhom fil-qasam tal-iffissar tal-prezzijiet. Barra minn hekk, is-sostitwibbiltà minn naħa tal-offerta tista' wkoll tiġi kkunsidrata sabiex tiddefinixxi s-suq inkwistjoni fit-tranżazzjonijiet fejn din is-sostitwibbiltà jkollha effetti ekwivalenti għal dawk tas-sostitwibbiltà minn naħa tat-talba f'dak li jirrigwarda immedjatezza u effettività. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-forniturі jerġgħu jorjentaw il-produzzjoni tagħhom lejn il-prodotti inkwistjoni u jikkummerċjalizzawhom fi żmien qasir, mingħajr ma jinkorru spejjeż jew riskji supplimentari sostanzjali, bħala reazzjoni għall-varjazzjonijiet ħfief, iżda permanenti, tal-prezzijiet relattivi (sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, T-336/07, EU:T:2012:172, punt 113).

127 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li kif jirriżulta mill-punt 25 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq u mill-ġurisprudenza, id-definizzjoni tas-suq rilevanti ma tirrikjedix li l-Kummissjoni ssegwi ordni ġerarkika riġida tad-diversi sorsi ta' informazzjoni jew tad-diversi tipi ta' provi (sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 82), peress li l-kwistjoni tas-sostitwibbiltà tal-prodotti tista' tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' firxa ta' indizji li jikkostitwixxu diversi elementi ta' evalwazzjoni, ħafna drabi ta' natura empirika, u l-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni rilevanti kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, T-321/05, EU:T:2010:266, punt 85).

b) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-perspettiva tal-pubblikaturi

128 Google targumenta li l-Kummissjoni ma wrietx, fid-deċiżjoni kkontestata, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu jagħmlu parti minn swieq differenti mill-perspettiva tal-pubblikaturi. Skont Google, il-Kummissjoni kellha tkompli teżamina s-sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda ta' dawn tal-aħħar, peress li l-abbuż allegat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata jirrigwarda r-restrizzjoni tal-possibbiltà tal-pubblikaturi li jagħżlu alternattivi għas-servizz ta' intermedjazzjoni ta' Google, jiġifieri l-AFS. Il-Kummissjoni għalhekk iffukat b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq is-sostitwibbiltà mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw u mhux minn dik tal-pubblikaturi.

129 Surfboard u Vinden jappoġġjaw dawn l-argumenti.

130 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

131 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li s-sostitwibbiltà għandha tiġi eżaminata ġeneralment mill-perspettiva tad-domanda (ara l-punt 126 iktar 'il fuq).

132 Madankollu, Google rrikonoxxiet, waqt is-seduta, li l-pubblikaturi ma kinux jikkostitwixxu d-domanda għaż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Barra minn hekk, Google ma kkontestatx id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, fil-premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata, li, fis-suq tar-reklamar tat-tiftix online, id-domanda kienet magħmula minn utenti u minn persuni li jirreklamaw u l-offerta kienet magħmula minn operaturi ta' pjattaformi ta' reklamar. Minn dan isegwi li Google ma wrietx li l-perspettiva tal-pubblikaturi, li ma jagħmlux parti mid-domanda, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi tas-sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda.

133 F'dawn iċ-ċirkustanzi, Google, Surfboard u Vinden ma għandhomx jikkritikaw lill-Kummissjoni li inkludiet, fl-analiżi tagħha tad-definizzjoni tas-suq rilevanti, iktar elementi li jirrigwardaw is-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw

milli minn dik tal-pubblikaturi sempliċement minħabba l-fatt li l-abbuż ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata jillimita l-għażla tal-pubblikaturi fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, li, barra minn hekk, huwa suq distint.

134 Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, il-perspettiva tal-pubblikaturi waqt l-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

135 B'hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq ir-risposti tal-pubblikaturi għat-talbiet tagħha għal informazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni sabiex tibbaża l-konklużjonijiet tagħha dwar il-karatteristiċi differenti u l-użu differenti taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Tali teħid inkunsiderazzjoni jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjonament u l-format tar-reklamar tat-tiftix online (ara l-premessi 136 u 137 tad-deċiżjoni kkontestata), il-kapaċità intrinsika ta' dawn tal-aħħar li jirrispondu għall-interess immedjat tal-utent (ara l-premessi 138 u 139 tad-deċiżjoni kkontestata) u l-fakultà superjuri tagħhom li jikkonvertu d-domanda eżistenti f'xiri (ara, b'mod partikolari, il-premessi 142 u 143 tad-deċiżjoni kkontestata). Din il-konstatazzjoni turi li l-analiżi tal-karatteristiċi u tal-użu tal-imsemmi reklamar kien jikkonċerna kemm lill-pubblikaturi kif ukoll lill-persuni li jirreklamaw. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għall-osservazzjonijiet tal-pubblikaturi sabiex tikkonkludi li dawn tal-aħħar probabbilment ma jissostiwixxux ir-reklamar kollu jew parti minnu relatat mat-tiftix online li huma juru fuq is-siti internet tagħhom b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' tnaqqis ta' 5 sa 10 % tad-dħul li ġej minn tal-ewwel (ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata). L-opinjonijiet u l-imġiba tal-pubblikaturi li juru reklamar tat-tiftix online fuq is-siti internet tagħhom issemmew ukoll fil-premessi 156 sa 158, 160, 162 u 164 tad-deċiżjoni kkontestata.

136 Konsegwentament, Google ma turix li l-Kummissjoni eżaminat b'mod insuffiċjenti s-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni mill-perspettiva tal-pubblikaturi.

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha

137 Google ssostni li l-Kummissjoni kkonċentrat, b'mod żbaljat, fuq l-allegati karatteristiċi differenti taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, filwaqt li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti għall-pubblikaturi, kif mitlub mill-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq. Google tikkritika b'mod iktar partikolari lill-Kummissjoni, billi tibbaża ruħha fuq il-punti 38 sa 43 ta' dan l-Avviż, li ma użatx, fid-deċiżjoni kkontestata, eżempji reali ta' sostituzzjoni ta' prodotti, testijiet kwantitattivi sabiex tkejjel l-elastiċità tal-prezz, osservazzjonijiet informati ta' klijenti u ta' kompetituri u l-ostakoli u l-ispejjeż għall-pubblikaturi assoċjati ma' bdil ta' prodott.

138 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

139 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 125 u 126 iktar 'il fuq, is-sostitwibbiltà ma hijiex evalwata biss fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni. Fil-fatt, minkejja li l-karatteristiċi tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni huma rilevanti għal din l-evalwazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u l-istruttura tad-domanda u tal-offerta fis-suq (ara s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, F. Hoffmann-La Roche *et*, C-179/16, EU:C:2018:25, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, li għalih tirreferi Google, essenzjalment jirrepeti dan il-prinċipju fil-punt 36 tiegħu, billi jindika li "[i]l-karatterstiċi tal-prodotti u l-użu intiż tagħhhom mhumiex suffiċjenti sabiex juri illi ż-żewġ prodotti huma sostituzzjoni tad-domanda".

140 Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għal dak li tidher qiegħda tissuġġerixxi Google fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata teżamina, meta hija tipproċedi bid-definizzjoni ta' suq tal-prodotti, l-elementi kollha ta' evalwazzjoni elenkati fl-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, u lanqas li ssegwi ordni ġerarkika riġida ta' indizji, kif jirriżulta mill-punt 25 tal-imsemmi Avviż stess u mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 127 iktar 'il fuq.

141 Fi kwalunkwe każ, minkejja li l-Kummissjoni ċertament iddedikat, fid-deċiżjoni kkontestata, parti kbira mill-analiżi tagħha għall-karatteristiċi u għall-użu li jista' jkollhom iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni u d-differenzi bejniethom, għandu jiġi kkonstatat li, sabiex jiġi konkluż li ma kienx hemm sostitwibbiltà ta' dan ir-reklamar, hija ma rrikonoxxietx biss dawn l-elementi u ħadet inkunsiderazzjoni, f'evalwazzjoni globali, serji ta' fatturi oħra, inkluż dawk irrilevati minn Google u spjegati fil-punt 137 iktar 'il fuq.

142 B'hekk, il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata eżaminat ukoll fatturi bħall-prezz tar-reklamar inkwistjoni (premessi 148 u 149), l-investimenti neċessarji għall-provvista ta' servizzi għar-reklamar tat-tiftix online (premessi 150 sa 154) u, fir-risposta tagħha għall-argumenti mqajma minn Google matul il-proċedura amministrattiva, l-aġir tal-pubblikaturi li naqqsu l-użu tagħhom ta' reklamar tat-tiftix online (premessi 162, 164 u 165) kif ukoll il-perċezzjoni tas-suq ta' rappreżentanti ta' Google (premessi 156 u 169). Barra minn hekk, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-kwistjoni ta' ostakoli għall-pubblikaturi u l-persuni li jirreklamaw sabiex jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online ġiet diskussa wkoll, impliċitament, fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, fil-premessa 148, il-Kummissjoni osservat li l-pubblikaturi kollha u l-maġġoranza tal-persuni li jirreklamaw kienu indikaw bħala risposta għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni li ma kienx probabbli li jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ kemm ta' tnaqqis mhux tranżitorju minn 5 sa 10 % tad-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online, fir-rigward tal-pubblikaturi, kif ukoll ta' żieda ekwivalenti tal-prezz ta' dan ir-reklamar, fir-rigward tal-persuni li jirreklamaw.

143 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jidher li qiegħed jiġi argumentat minn Google, il-Kummissjoni laqgħet il-kummenti motivati tal-atturi tas-suq, b'mod partikolari wara talbiet għal informazzjoni mibgħuta lill-pubblikaturi, lill-persuni li jirreklamaw u lill-aġenziji tal-midja, li jorganizzaw kampanji ta' reklamar għal impriżi. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dawn il-kummenti sabiex tiddefinixxi s-suq inkwistjoni, kif jirriżulta min-noti ta' qiegħ il-paġna 105, 109, 110, 112 sa 115, 119, 120, 122 sa 125, 128, 132 sa 138, 140, 141, 145, 169, 171, 172 u 176 tad-deċiżjoni kkontestata.

144 Minn dan isegwi li Google ma turix li l-Kummissjoni injorat ċerti fatturi rilevanti fl-evalwazzjoni globali tagħha tas-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, u lanqas li hija kkommettiet żball ta' liġi meta ddedikat parti kbira mill-analiżi tagħha għall-karatteristiċi u għall-użu differenti ta' dan ir-reklamar.

d) Fuq l-argumenti ta' Google relatati mat-test SSNIP

145 Google ssostni li kien partikolarment importanti għall-Kummissjoni li teżamina jekk il-pubblikaturi u l-persuni li jirreklamaw kinux jagħżlu li jużaw reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' bidla sostanzjali tal-prezz tar-reklamar tat-tiftix online, permezz, pereżempju, ta' test SSNIP. F'tali każ, iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni jpoġġu pressjoni kompetittiva fuq

xulxin, b'tali mod li jiffurmaw suq wieħed. Skont Google, l-analiżi relatata mal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni, deskritta fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, ma tikkostitwixxix test reali SSNIP u, barra minn hekk, il-Kummissjoni siltet konklużjonijiet żbaljati minn din l-analiżi.

146 Għandhom jiġu eżaminati, fl-ewwel lok, l-argumenti ta' Google li jikkontestaw in-natura adegwata tal-analiżi relatata mal-prezzijiet li wettqet il-Kummissjoni u, fit-tieni lok, l-argumenti ta' Google li jirrigwardaw il-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet minn din l-analiżi.

1) Fuq in-natura adegwata tal-analiżi relatata mal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni

147 Fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, l-ewwel nett, il-Kummissjoni rrilevat li "il-maġġoranza tal-persuni li jirreklamaw, il-pubblikaturi kollha u n-nofs tal-aġenziji tal-midja jindikaw li ma kienx probabbli li jmexxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, lejn reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online". It-tieni nett, il-Kummissjoni żiedet, fl-istess premessa, li ċerti pubblikaturi kienu indikaw ukoll li dan kien il-każ, peress li d-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online kien sinjifikattivament ogħla minn dak li ġej minn reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

148 Google ssostni li l-Kummissjoni ma wettqitx test reali SSNIP. F'dan ir-rigward, minn naħa, Google tallega li l-Kummissjoni ma studjatx jekk ikunx profitabbli għal impriża f'pożizzjoni ipotetika ta' monopolju li żżid il-prezz tar-reklamar tat-tiftix online minn 5 sa 10 %. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk kienx ikun hemm biżżejjed klijenti marġinali li jibdlu b'mod suffiċjenti d-domanda tagħhom sabiex jagħmlu żieda fil-prezz mhux profitabbli. Minn naħa l-oħra, hija tiddikjara li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha esklużivament fuq ir-risposti tal-pubblikaturi, tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja għal mistoqsija li saritilhom fit-talbiet għal informazzjoni, speċjalment peress li dawn ir-risposti ma kinux sostnuti minn elementi fattwali.

149 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

150 Preliminarjament, hemm lok li jiġi osservat li mill-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni staqsiet lill-persuni li jirreklamaw, lill-pubblikaturi u lill-aġenziji tal-midja dwar ir-reazzjoni tagħhom f'każ ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online jew, fil-każ tal-pubblikaturi, ta' tnaqqis ta' dħul li ġej minn dan ir-reklamar. Dan jidher li huwa kkonfermat min-noti ta' qiegħ il-paġna 135 sa 138, li jelenkaw ir-risposti ta' ċerti impriżi għad-domanda 2.2 tat-talba għal informazzjoni dwar AdWords tat-22 ta' Diċembru 2010, għad-domanda 2 tat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2013 indirizzati lill-pubblikaturi u d-domanda 12 tat-talba għal informazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 indirizzata lill-persuni li jirreklamaw u d-domanda 9 tat-talba għal informazzjoni tal-istess data indirizzata lill-aġenziji tal-midja.

151 F'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat, qabelxejn, il-kontenut ta' dawn id-domandi fit-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, id-"domanda dwar il-prezzijiet").

152 B'hekk, fir-rigward tal-persuni li jirreklamaw, mid-domandi 2.2 tat-talba għal informazzjoni dwar AdWords tat-22 ta' Diċembru 2010 u 12 tat-talba għal informazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 indirizzata lill-persuni li jirreklamaw, li wħud mir-risposti tagħhom huma ppreżentati fl-Annessi B.3 u B.4 tar-risposta, jirriżulta li l-Kummissjoni talbet lil dawn tal-aħħar jispjegaw, fil-każ li jużaw reklamar tat-tiftix online, jekk jissostitwixxux ir-reklamar kollu jew parti minnu

b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online jekk il-prezz tar-reklamar tat-tiftix online jiżdied minn 5 sa 10 % – bl-effett tal-mekkaniżmu tal-prezz fis-seħħ u mhux minħabba differenza fir-rata ta' kambju –, bil-prezz tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online jibqa' stabbli, u jispjegaw jekk jieħdux inkunsiderazzjoni fatturi oħra minbarra l-prezz f'din id-deċiżjoni.

153 Fir-rigward tal-aġenziji tal-midja, mid-domanda 9 tat-talba għal informazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 indirizzata lill-aġenziji tal-midja, li uħud mir-risposti tagħhom huma ppreżentati fl-Annessi B.3 u B.4 tar-risposta, jirriżulta li l-Kummissjoni talbet lil dawn tal-aħħar jispjegaw, fil-każ fejn poġġew reklamar tat-tiftix online għall-klijenti tagħhom, jekk jissostitwixxux ir-reklamar kollu jew parti minn dan ir-reklamar b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online jekk il-prezz tar-reklamar tat-tiftix online jiżdied minn 5 sa 10 % – bl-effett tal-mekkaniżmu tal-prezz fis-seħħ u mhux minħabba differenza fir-rata ta' kambju –, bil-prezz tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online jibqa' stabbli, u jispjegaw jekk jieħdux inkunsiderazzjoni fatturi oħra minbarra l-prezz f'din id-deċiżjoni.

154 Fir-rigward tal-pubblikaturi, mit-tieni sentenza tad-domanda 2 tat-talba għal informazzjoni tas-26 ta' Lulju 2013 indirizzata lill-pubblikaturi, li wħud mir-risposti tagħha huma ppreżentati fl-Anness B.6 tar-risposta, jirriżulta li l-Kummissjoni talbet lil dawn tal-aħħar jispjegaw jekk jissostitwixxux ir-reklamar tat-tiftix online muri fuq is-siti internet tagħhom, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online jekk id-dħul iġġenerat mill-wiri tar-reklamar tat-tiftix online jonqos minn 5 sa 10 %, filwaqt li d-dħul iġġenerat mill-wiri ta' reklamar mhux relatat mat-tiftix online jibqa' stabbli.

155 Fl-ewwel lok, f'dak li jikkonċerna l-argumenti ta' Google f'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-punt 17 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, test SSNIP jikkonsisti fil-fatt li jiġi eżaminat jekk il-klijenti tal-partijiet idurux lejn prodotti ta' sostituzzjoni faċilment aċċessibbli jew lejn forniturи li jinsabu f'lokalità oħra, f'każ ta' żieda żgħira (minn 5 sa 10%), iżda permanenti, tal-prezzijiet tal-prodotti fit-territorji kkonċernati. Jekk is-sostituzzjoni tkun biżżejjed, minħabba t-tnaqqis fil-prezz li jirriżulta minnha, sabiex tneħħi kull interess f'żieda fil-prezz, prodotti ta' sostituzzjoni u territorji addizzjonali jiġu integrati fis-suq inkwistjoni.

156 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma wettqitx test SSNIP fis-sens tal-punt 17 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq peress li ma eżaminatx il-kwistjoni dwar jekk huwiex profitabbli għal impriża li żżid il-prezz tar-reklamar tat-tiftix online minn 5 sa 10%. Min-naħa l-oħra, hija wettqet l-analiżi relatata mal-prezzijiet deskritta fil-punti 150 sa 154 iktar 'il fuq.

157 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata twettaq b'mod sistematiku test SSNIP meta tiddefinixxi s-suq f'deċiżjoni li tapplika r-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, minkejja li dan it-test jikkostitwixxi, fl-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, għodda rrikonoxxuta għal dan il-għan.

158 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tapplika t-test SSNIP, filwaqt li kkonstatat li, minkejja li dan it-tip ta' test ekonomiku jikkostitwixxi effettivament metodu rrikonoxxut sabiex jiġi ddefinit is-suq inkwistjoni, ma huwiex l-uniku metodu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-Kummissjoni setgħet ukoll tieħu inkunsiderazzjoni għodda oħra sabiex tiddefinixxi s-suq rilevanti, bħal studji tas-suq jew evalwazzjoni tal-perspettivi tal-klijenti u tal-kompetituri (sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 82).

159 Dan il-prinċipju huwa rifless fil-punt 15 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, li jistipula li t-twettiq ta' test SSNIP huwa biss "[m]od wieħed" sabiex tiġi evalwata s-sostitwibbiltà tal-prodotti. Bl-istess mod, il-punt 25 ta' dan l-Avviż jindika li "[h]emm spektrum ta' evidenza li tippermetti assessjar sa fejn is-sostituzzjoni tista' ssir" u li, f'dan ir-rigward, "[i]l-Kummissjoni issegwi approċċ miftuħ għall-evidenza empirikali, intiża sabiex tagħmel użu effettiv tal-informazzjoni kollha disponibbli illi tista' tkun rilevanti għall-każijiet individwali […] [u] ma ssegwix ġerarkija riġida ta' egħjun ta' informazzjoni differenti jew tipi ta' xiehda".

160 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, jeżistu ċerti każijiet fejn test SSNIP jista' saħansitra jirriżulta mhux adattat, pereżempju fil-preżenza tal-fenomenu msejjaħ "cellophane fallacy", sitwazzjoni fejn l-impriża inkwistjoni ssib ruħha diġà f'sitwazzjoni ta' kważi-monopolju u fejn il-prezzijiet tas-suq ikunu diġà jinsabu f'livell suprakompetittiv, jew inkella fil-preżenza ta' prodotti b'xejn jew li l-ispiża tagħhom ma hijiex koperta minn dawk li jistabbilixxu d-domanda (sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 82).

161 Minn dan jirriżulta li, minkejja li t-test SSNIP huwa, ċertament, għodda rrikonoxxuta li r-riżultati tiegħu jistgħu jiġu kkunsidrati, flimkien ma' elementi oħra, fl-evalwazzjoni globali tad-definizzjoni tas-suq, l-użu sistematiku ta' tali test ma huwiex obbligatorju għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq.

162 Għalhekk, l-argument ta' Google li, essenzjalment, l-analiżi relatata mal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex adegwata, minħabba li ma tikkostitwixxix test SSNIP "reali", għandu jiġi miċħud.

163 Fit-tieni lok, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-analiżi relatata mal-prezzijiet, imwettqa mill-Kummissjoni, tikkostitwixxix xorta mezz adegwat sabiex jiġi ddefinit is-suq rilevanti, kif issostni din tal-aħħar.

164 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont il-Kummissjoni, ir-risposti tal-persuni li jirreklamaw, tal-aġenziji tal-midja u tal-pubblikaturi għad-domanda dwar il-prezzijiet ma indikawx li s-sempliċi żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online għall-persuni li jirreklamaw u l-aġenziji tal-midja jew is-sempliċi tnaqqis għall-pubblikaturi ta' 5 sa 10 % tad-dħul li ġej minn tali reklamar probabbilment iwasslu sabiex dawn l-operaturi jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, la kollu kemm hu u lanqas parzjalment, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni spjegat li r-risposti li hija rċeviet għad-domanda dwar il-prezzijiet żvelaw li tali bdil ta' prezz jew ta' dħul fih innifsu ma huwiex fattur determinanti fl-għażla ta' dawn l-operaturi bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Skont il-Kummissjoni, fatturi oħra minbarra l-prezz kienu kkunsidrati mill-impriżi li rrispondew bħala daqstant importanti, jekk mhux iktar, fl-għażla tar-reklamar li jintuża, bħar-rata ta' klikks, ir-rata ta' kambju, ir-ritorn globali ta' investiment ta' kampanji pubbliċitarji u r-rilevanza tar-reklamar għall-utent.

165 Jekk jiġi preżunt li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kontenut tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet hija fondata, u dan ser jiġi eżaminat fil-punti 168 *et seq*. iktar 'il quddiem, għandu jiġi rrilevat, kif għamlet il-Kummissjoni, u kuntrarjament għal dak li tallega Google, li l-analiżi relatata mal-prezzijiet li hija wettqet tikkostitwixxi mezz utli sabiex jinftiehem kif il-persuni li jirreklamaw, l-aġenziji tal-midja u l-pubblikaturi jirreaġixxu f'każ ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online jew, fil-każ tal-pubblikaturi, ta' tnaqqis ta' dħul li ġej minn dan ir-reklamar, u għalhekk sabiex tevalwa jekk iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni jistgħux

potenzjalment jiġu pperċepiti minn dawn l-atturi bħala sostitwibbli. Fil-fatt, dawn ir-risposti tal-atturi tas-suq, flimkien mar-raġunijiet li fuqhom ġew ibbażati r-risposti tagħhom, kif kien il-każ f'dan il-każ, huma parti mill-elementi espressament meqjusa bħala rilevanti għad-definizzjoni tas-suq, inkwantu jippermettu li ssir evalwazzjoni tal-perspettivi tal-klijenti u tal-kompetituri u jikkostitwixxu għalhekk, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 158 iktar 'il fuq u fil-punt 40 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq, għodda li tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi ddefinit is-suq rilevanti.

166 Tali insenjament jista' għalhekk, bħala regola, ikun utili għall-evalwazzjoni tas-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw, tal-aġenziji tal-midja u tal-pubblikaturi, b'mod partikolari meta, bħal ma kien il-każ f'dan il-każ, jirriflettu l-perspettiva ta' numru sinjifikattiv ta' dawn il-persuni li jirreklamaw, ta' dawn il-pubblikaturi u ta' dawn l-aġenziji tal-midja. Jistgħu għalhekk jikkostitwixxu indizju, fost oħrajn, fil-qafas ta' evalwazzjoni globali tad-definizzjoni tas-suq, tal-assenza ta' sostitwibbiltà ta' dan ir-reklamar, skont l-argumenti tal-Kummissjoni.

167 Għalhekk, għandha tiġi eżaminata, fid-dawl tal-argumenti ta' Google, il-fondatezza tal-konklużjonijiet misluta mill-Kummissjoni mill-analiżi tagħha dwar il-prezzijiet.

2) Fuq il-fondatezza tal-konklużjonijiet misluta mill-Kummissjoni mill-analiżi relatata mal-prezzijiet li hija wettqet

168 Fl-ewwel lok, Google targumenta li l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, mill-analiżi tagħha relatata mal-prezzijiet huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tar-risposti tal-impriżi għad-domanda dwar il-prezzijiet. Fil-fatt, il-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat uħud mir-risposti msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna inklużi f'din il-premessa u injorat risposti ta' impriżi oħra li taw opinjoni kuntrarja għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni esposti fl-imsemmija premessa u li ma humiex imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata.

169 Fit-tieni lok, Google ssostni li l-konklużjonijiet inkwistjoni tal-Kummissjoni huma, essenzjalment, ibbażati fuq preżentazzjoni żbaljata tar-risposti tal-impriżi għad-domanda dwar il-prezzijiet.

170 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

171 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ddikjarat, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-"maġġoranza" tal-persuni li jirreklamaw, il-pubblikaturi "kollha" u "nofs" l-aġenziji tal-midja kienu indikaw li ma kienx probabbli li jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja ta' 5 sa 10 % tad-dħul tar-reklamar tat-tiftix online.

172 Sabiex issostni din il-konstatazzjoni f'dak li jirrigwarda il-pubblikaturi, il-Kummissjoni semmiet, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 136 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-risposti ta' sitt pubblikaturi għad-domanda 2 tat-talbiet għal informazzjoni tas-26 ta' Lulju 2013. F'dak li jirrigwarda l-persuni li jirreklamaw, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135 tad-deċiżjoni kkontestata, huma elenkati r-risposti ta' ħames persuni li jirreklamaw għad-domanda 12 tat-talba għal informazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 u dawk ta' għaxra oħra għad-domanda 2.2 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 dwar AdWords. F'dak li jirrigwarda l-aġenziji tal-midja, fin-nota ta' qiegħ

il-paġna 137 tal-imsemmija deċiżjoni, jissemmew ir-risposti ta' erba' aġenziji tal-midja għad-domanda 9 tat-talba għal informazzjoni tal-11 ta' Jannar 2016 u dawk ta' sitta oħra għad-domanda 2.2 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 dwar AdWords.

173 Fl-ewwel lok, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti ta' Google dwar l-interpretazzjoni allegatament żbaljata tal-Kummissjoni tar-risposti mogħtija mill-impriżi billi jiġu evalwati l-argumenti tagħha fir-rigward, l-ewwel nett, tal-pubblikaturi, it-tieni nett, tal-persuni li jirreklamaw u, it-tielet nett, tal-aġenziji tal-midja. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ser teżamina l-argumenti ta' Google dwar il-preżentazzjoni allegatament żbaljata ta' dawn ir-risposti fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata.

i) Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet

– Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-pubblikaturi

174 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fost ir-risposti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 136 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi sostnuta d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessa 148 ta' din id-deċiżjoni, Google, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, tikkontesta biss ir-risposta ta' [*kunfidenzjali*] (iktar 'il quddiem "[*kunfidenzjali*]"). Google ma tikkritikax għalhekk l-interpretazzjoni tal-ħames risposti l-oħra tal-pubblikaturi elenkati fiha, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], il-grupp [*kunfidenzjali*] (li lilu jappartjenu s-siti internet ta' [*kunfidenzjali*]) u [*kunfidenzjali*], u lanqas l-affidabbiltà ta' dawn ir-risposti, peress li tosserva biss li tnejn fosthom kienu ġejjin mingħand persuni li ressqu ilment fil-proċedura. Dan il-fatt biss bl-ebda mod ma huwa rilevanti sabiex juri li l-Kummissjoni interpretat dawn ir-risposti b'mod żbaljat. Google ma tispjegax għaliex iż-żewġ risposti inkwistjoni huma inqas affidabbli jew inqas kredibbli sempliċement minħabba l-fatt li kienu ġejjin mingħand persuni li ressqu ilment fil-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 111 iktar 'il fuq.

175 Fir-rigward tar-risposta ta' [*kunfidenzjali*], li l-verżjoni sħiħa tagħha tinsab fid-Dokument Nru 4 tal-Anness B.6 tar-risposta, jirriżulta li l-pubblikatur inkwistjoni spjega li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu differenti f'diversi modi, li hu kien juri biss reklamar tat-tiftix online fuq is-siti internet tiegħu, peress li dawn kellhom ħafna iktar valur għalih (peress li l-attivitajiet tiegħu kienu jikkonsistu fl-operazzjoni ta' mutur ta' tfittxija) u li ma kienx jaf jekk pubblikatur "iktar tipiku" kienx jittrasferixxi spazju pubbliċitarju għal reklamar tat-tiftix online lejn reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' tnaqqis ta' dħul minn 5 sa 10 % li ġej mir-reklamar tat-tiftix online. Fid-dawl tal-kontenut ta' din ir-risposta, il-Kummissjoni setgħet raġonevolment tiddeduċi li l-impriża inkwistjoni probabbilment ma kinitx tibdel it-tip ta' reklamar f'każ ta' tnaqqis minn 5 sa 10 % tad-dħul mir-reklamar tat-tiftix online.

176 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li l-Kummissjoni injorat ir-risposti mogħija [*kunfidenzjali*] u minn [*kunfidenzjali*], hemm lok li jiġi kkonstatat li dawn ir-risposti lanqas ma jinvalidaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li tinsab fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata u mfakkra fil-punt 171 iktar 'il fuq, f'dak li jirrigwarda r-reazzjoni tal-pubblikaturi f'każ ta' tnaqqis minn 5 sa 10 % tad-dħul mir-reklamar tat-tiftix online.

177 Fil-fatt, l-osservazzjonijiet ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], li l-estratt tagħhom ġew ippreżentati rispettivament fl-Anness A.13 u fid-Dokument Nru 24 tal-Anness A.12 tar-rikors, ġew ifformulati bħala risposta għat-talbiet għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 dwar AdWords. Dawn l-operaturi għalhekk ma kinux irrispondew it-talba għal informazzjoni tas-26 ta' Lulju 2013 indirizzata lill-pubblikaturi, kuntrarjament għar-risposti kollha msemmija

fin-nota ta' qiegħ il-paġna 136 tad-deċiżjoni kkontestata. Dawn l-operaturi b'hekk irrispondew domanda relatata mar-reazzjoni tagħhom f'każ ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online, li taffettwa lill-persuni li jirreklamaw, u mhux f'każ ta' tnaqqis ta' dħul, li jaffettwa lill-pubblikaturi. Barra minn hekk, fir-rigward ta' [*kunfidenzjali*], hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm din l-istess impriża inkludiet ukoll fir-risposta tagħha żviluppi speċifiċi li jirrigwardaw sussidjarja, li kkonkludiet FSG ma' Google bħala pubblikatur, skont il-premessi 348 u 355 tad-deċiżjoni kkontestata, din ir-risposta xorta tagħti l-perspettiva ta' persuni li jirreklamaw u, fuq kollox, tindika li żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % ma twassalx neċessarjament għal trasferiment tal-baġit pubbliċitarju lejn ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

178 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma tipprežentax elementi li jistgħu juru li l-Kummissjoni wettqet, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, għal interpretazzjoni żbaljata tar-risposti tal-pubblikaturi għad-domanda dwar il-prezzijiet.

– *Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-persuni li jirreklamaw*

179 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi osservat li Google tikkontesta biss l-interpretazzjoni ta' erba' minn ħmistax-il risposta msemmija mill-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex issostni d-dikjarazzjoni tagħha fil-premessa 148 ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri r-risposti ta' [*kunfidenzjali*], ta' "[*kunfidenzjali*]" u ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*]. Għalhekk hija la tikkritika l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tar-risposti tal-ħdax-il impriża oħra elenkati fiha, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], u lanqas l-affidabbiltà ta' dawn ir-risposti.

180 Fir-rigward tal-erba' risposti kkontestati minn Google, l-ewwel nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, minkejja li [*kunfidenzjali*] u "[*kunfidenzjali*]" indikaw li possibbilment kienu jikkunsidraw trasferiment ta' parti mill-baġit tagħhom lejn reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online, dawn il-persuni li jirreklamaw ma indikawx li tali trasferiment kien probabbli. Fil-fatt, [*kunfidenzjali*], spjegat fir-risposta tagħha, li verżjoni kompleta tagħha tinsab fid-Dokument Nru 2 tal-Anness B.3 tar-risposta, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni ma kinux "totalment sostitwibbli" u li kienet tevalwa r-ritorn fuq l-investiment tar-reklamar tat-tiftix online qabel ma ttemm investimenti għal dan l-aħħar tip ta' reklamar. Min-naħa tagħha, "[*kunfidenzjali*]" fakkret fil-bidu tar-risposta tagħha għad-domanda dwar il-prezzijiet, ippreżentata fid-Dokument Nru 3 tal-Anness A.12 tar-rikors, li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online ma kienx jissodisfa l-interess tal-konsumatur bl-istess mod bħar-reklamar tat-tiftix online, u dan jissuġġerixxi li tali trasferiment minn din l-impriża ma kienx probabbli f'każ ta' żieda fil-prezz. It-tieni nett, minkejja li [*kunfidenzjali*] indikat fir-risposta tagħha għad-domanda dwar il-prezzijiet, ippreżentata fid-Dokument Nru 4 tal-Anness A.12 tar-rikors, li probabbilment kienet tnaqqas l-investimenti tagħha fir-reklamar tat-tiftix online, hija spjegat ukoll li madankollu hija mhux "neċessarjament" kienet iżżid l-użu tagħha tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, u dan jagħti x'tifhem li tali trasferiment minn din l-impriża lanqas kien probabbli. It-tielet nett, [*kunfidenzjali*] esprimiet b'mod ċar fir-risposta tagħha, li l-verżjoni sħiħa tagħha tinsab fid-Dokument Nru 1 tal-Anness B.3 tar-risposta, l-opinjoni li, anki jekk kienet terġa' tivvaluta l-istrateġija tagħha kull darba li jkun hemm bidla fil-prezz, żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online ma hijiex suffiċjentament sinjifikattiva sabiex twassalha tibdel it-tip ta' reklamar.

181 Minn dan jirriżulta li dawn ir-risposti ma jinvalidawx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li dawn l-impriżi indikaw li ma kienx probabbli li jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja ta' 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online, filwaqt li ħadd minn dawn il-persuni li jirreklamaw ma ddikjara li tali trasferiment kien probabbli.

182 Fit-tieni lok, Google tirrileva li ċertu numru ta' persuni li jirreklamaw li rrispondew għad-domanda dwar il-prezzijiet, li r-risposti tagħhom ma humiex imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata, taw opinjoni kuntrarja għall-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata u li l-Kummissjoni sempliċement injorat dawn ir-risposti.

183 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li l-Kummissjoni kkonstatat fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata li l-"maġġoranza" tal-persuni li jirreklamaw kienu indikaw li ma kienx probabbli li jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja minn 5 sa 10 % tal-ewwel reklamar imsemmi. Dan ifisser li l-Kummissjoni impliċitament irrikonoxxiet hi stess li ċerti risposti ma eskludewx kompletament il-possibbiltà ta' trasferiment f'każ ta' żieda fil-prezz.

184 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-risposti ċċitati minn Google fit-Tabella Nru 4 tal-Anness A.12 tar-rikors, li jikkonċernaw kemm il-persuni li jirreklamaw kif ukoll l-aġenziji tal-midja, intiżi sabiex juru li l-opinjonijiet tal-operaturi kienu maqsuma fil-kuntest tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni, ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li l-operaturi awturi ta' dawn ir-risposti kienu probabbilment jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tal-ewwel tip ta' reklamar.

185 L-ewwel nett, il-kontenut tar-risposti tal-impriżi ċċitati minn Google jiżvela li l-ebda waħda minn dawn l-impriżi ma indikat b'mod ċar li kienet tissostitwixxi r-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat ma' tali tiftix minħabba sempliċement iż-żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online.

186 It-tieni nett, minkejja li l-maġġoranza tal-impriżi msemmija indikaw, f'ċerti każijiet sempliċement b'mod impliċitu, li, f'tali każ ta' żieda fil-prezz, huma kienu jevalwaw l-opportunità ta' bdil tat-tip ta' reklamar użat, dawn l-impriżi madankollu rrilevaw b'mod ċar li din id-deċiżjoni tiddependi fuq fatturi oħra bħall-prezz, il-prestazzjoni tar-reklamar, l-għanijiet tal-kampanji pubbliċitarji inkwistjoni, ir-rata ta' konverżjoni u r-ritorn fuq l-investiment. Din il-konstatazzjoni tidher mir-risposti ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], li l-estratti tagħhom huma ppreżentati fl-Anness A.12 tar-rikors.

187 It-tielet nett, minkejja li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li l-verżjonijiet kompleti tar-risposti tagħhom ġew ippreżentati rispettivament fid-Dokument Nru 6 tal-Anness B.3 u fid-Dokument Nru 1 tal-Anness B.4 tar-risposta, indikaw li huma probabbilment jibdlu t-tip ta' reklamar, dawn iż-żewġ impriżi kkwalifikaw ukoll ir-rimarki tagħhom, filwaqt li spjegaw li tali eventwali bdil jiddependi wkoll minn fatturi oħra. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, li [*kunfidenzjali*] spjegat li, peress li hija ma kinitx tuża reklamar tat-tiftix online fil-mument tar-risposta tagħha, iż-żieda fil-prezz ta' dan tal-aħħar ma kellhiex impatt fuq l-ispejjeż ta' reklamar tagħha, u dan jillimita r-rilevanza tar-risposta tagħha.

188 Ir-raba' nett, minkejja li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li l-estratti tar-risposti tagħhom huma ppreżentati rispettivament fid-Dokumenti Nru 24 u Nru 27 tal-Anness A.12 tar-rikors, issollevaw l-interkambjalità taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, huma ma rrispondewx b'mod espliċitu għad-domanda dwar l-effett ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online. Barra minn hekk, [*kunfidenzjali*] indikat li l-prezz tar-reklamar tat-tiftix online ma kellux impatt fuq is-sostitwibbiltà tiegħu bir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

189 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposti ċċitati minn Google għandhom tendenza li jikkonfermaw li ż-żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online probabbilment ma twassalx, waħidha, sabiex il-persuni li jirreklamaw jissostitwixxu dan ir-reklamar, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Għalhekk, dawn l-elementi ma għandhomx jikkontrobilanċjaw il-kontenut tar-risposti tal-persuni li jirreklamaw imsemmija mill-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 135 tad-deċiżjoni kkontestata.

190 Konsegwentament, Google ma tippreżentax elementi li jistgħu juru li l-Kummissjoni wettqet, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, interpretazzjoni żbaljata tar-risposti tal-persuni li jirreklamaw għad-domanda dwar il-prezzijiet.

– *Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-aġenziji tal-midja*

191 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-risposti tal-aġenziji tal-midja, fl-ewwel lok, Google tikkritika l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni ta' seba' mill-għaxar risposti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 137 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex issostni d-dikjarazzjoni tagħha fil-premessa 148, jiġifieri r-risposti ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*] u ta' "[*kunfidenzjali*]". Hija għalhekk la tikkontesta l-interpretazzjoni tar-risposti ta' tliet aġenziji tal-midja l-oħra li huma elenkati fiha, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], u lanqas l-affidabbiltà ta' dawn ir-risposti.

192 Fir-rigward tas-seba' risposti li l-interpretazzjoni tagħhom hija kkontestata minn Google, l-ewwel nett, minn ħames minn dawn is-seba' risposti jirriżulta li l-aġenziji tal-midja kkonċernati ma eskludewx b'mod kategoriku l-possibbiltà ta' trasferiment lejn ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online. Minn naħa, minkejja li jirrispondu fin-negattiv għad-domanda dwar jekk jagħmlux tali trasferiment, [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] issuġġerew ukoll fir-risposti tagħhom għad-domanda dwar il-prezzijiet, ippreżentati rispettivament fid-Dokumenti Nru 8 u Nru 10 tal-Anness A.12 tar-rikors, li jkun possibbli għalihom li jissostitwixxu parti limitata tar-reklamar tagħhom relatat mat-tiftix online b'tipi oħra ta' reklamar online. Min-naħa l-oħra, [*kunfidenzjali*], "[*kunfidenzjali*]" u [*kunfidenzjali*] indikaw fir-risposti tagħhom għad-domanda dwar il-prezzijiet, ippreżentati rispettivament fid-Dokumenti Nru 6, Nru 7 u Nru 10 tal-Anness A.12 tar-rikors, li trasferiment ikun possibbli jekk fatturi oħra, bħar-ritorn fuq l-investiment, iħeġġuhom jipproċedu b'dan il-mod, iżda r-risposti tagħhom ma ssuġġerewx li bidla bħal din tkun probabbli *de facto*.

193 B'hekk, minkejja li dawn il-ħames risposti huma sfumati fir-rigward ta' eventwali reazzjoni tal-impriżi f'każ ta' żieda fil-prezz tar-reklamar tat-tiftix online, xorta jibqa' l-fatt li dawn l-impriżi ma indikawx li żieda fil-prezz minn 5 sa 10 %, waħidha, probabbilment twassalhom sabiex jissostitwixxu dan ir-reklamar, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

194 It-tieni nett, fir-rigward tar-risposti ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], minkejja li Google tirrileva li [*kunfidenzjali*] għamlet copy-paste ta' risposta oħra mogħtija fil-qafas tat-talba għal informazzjoni (Dokument Nru 9 tal-Anness A.12 tar-rikors) u li [*kunfidenzjali*] spjegat li ma kinitx tuża reklamar tat-tiftix online (Dokument Nru 11 tal-Anness A.12 tar-rikors), xorta jibqa' l-fatt li dawn iż-żewġ aġenziji tal-midja madankollu rrispondew fin-negattiv għad-domanda dwar jekk kinux jissostitwixxu reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tal-ewwel tip ta' reklamar. B'hekk, il-Kummissjoni setgħet, korrettament, tuża dawn ir-risposti insostenn tal-konklużjoni tagħha relatata mal-aġenziji tal-midja li tinsab fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata.

195 Fit-tieni lok, Google tirrileva li numru sostanzjali ta' aġenziji tal-midja li rrispondew għad-domanda dwar il-prezzijiet taw opinjoni kuntrarja għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li tinsab fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata u li l-Kummissjoni sempliċement injorat dawn ir-risposti.

196 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni kkonstatat li nofs l-aġenziji tal-midja kienu indikaw li ma kienx probabbli li jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja minn 5 sa 10 % tal-ewwel reklamar. L-istess kif ġie osservat fil-punt 183 iktar 'il fuq fir-rigward tal-persuni li jirreklamaw, il-Kummissjoni għalhekk impliċitament irrikonoxxiet li n-nofs l-ieħor tal-aġenziji tal-midja ma sostnewx din id-dikjarazzjoni u għalhekk li l-opinjonijiet tal-aġenziji tal-midja kienu maqsuma.

197 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-risposti ċċitati minn Google li l-Kummissjoni injorat, għandu jsir riferiment għall-analiżi magħmula fil-punti 184 sa 189 iktar 'il fuq, li tirrigwarda kemm il-persuni li jirreklamaw kif ukoll l-aġenziji tal-midja. Kif ġie spjegat fil-punti msemmija iktar 'il fuq, ir-risposti mqajma minn Google għandhom tendenza li jindikaw li tali żieda fil-prezz ma għandhiex, waħidha, twassal għal trasferimenti, mill-persuni li jirreklamaw u l-aġenziji tal-midja, tar-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online. B'hekk, dawn ir-risposti ma jippermettux li tiġi invalidata l-konklużjoni tal-Kummissjoni li n-nofs tal-aġenziji tal-midja probabbilment ma jissostitwixxux ir-reklamar tat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz minn 5 sa 10 % tal-ewwel reklamar.

198 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma tippreżentax elementi li jistgħu juru li l-Kummissjoni wettqet, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, b'interpretazzjoni żbaljata tar-risposti tal-aġenziji tal-midja għad-domanda dwar il-prezzijiet.

– Konklużjoni dwar l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet

199 Mill-analiżi preċedenti tar-risposti tal-pubblikaturi, tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja għad-domanda dwar il-prezzijiet, u mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argument ta' Google li jinsab fl-Annessi A.12 tar-rikors u C.3 tar-replika, jirriżulta li Google ma urietx li l-Kummissjoni kienet wettqet interpretazzjoni żbaljata ta' dawn ir-risposti. L-argument tagħha għalhekk ma jippermettix li jiġu kkontestati l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet minnhom fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata.

ii) Fuq il-preżentazzjoni allegatament żbaljata tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet

200 Google ssostni wkoll li l-Kummissjoni ddeskriviet b'mod żbaljat, fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, il-kontenut tar-risposti tal-impriżi għad-domanda dwar il-prezzijiet inkwantu l-konklużjonijiet tagħha huma bbażati biss fuq ir-risposti ta' ħmistax-il-persuna li jirreklamaw, sitt pubblikaturi u għaxar aġenziji tal-midja, li huma elenkati fin-noti ta' qiegħ il-paġna 135 sa 137 tal-imsemmija deċiżjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni huma għalhekk, essenzjalment, żbaljati jew qarrieqa, peress li dawn huma bbażati fuq risposti li ġejjin minn inqas minn 10 % tal-persuni li jirreklamaw imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata u minn inqas minn 20 % ta' persuni li jirreklamaw u terz tal-aġenziji tal-midja li rċevew it-talbiet għal informazzjoni matul il-proċedura amministrattiva.

201 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

202 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni spjegat, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li r-risposti elenkati fin-noti ta' qiegħ il-paġna 135 sa 137, sabiex issostni l-konklużjonijiet li jinsabu fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, ma jirrappreżentawx lista eżawrjenti ta' impriżi li taw risposti. Fil-fatt, minbarra r-risposti tal-impriżi msemmija f'dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna, hija tirrileva, l-ewwel nett, li sitt pubblikaturi oħra rrispondew għad-domanda dwar il-prezzijiet li tinsab fit-talba għal informazzjoni tas-26 ta' Lulju 2013, it-tieni nett, li seba' pubblikaturi oħra rrispondew għad-domanda dwar il-prezzijiet li tinsab f'talba għal informazzjoni differenti, dik tat-18 ta' Marzu 2016, it-tielet nett, li t-43 persuna oħra li tirreklama rrispondew b'mod negattiv għad-domanda, li tinsab fit-talbiet għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 u tal-11 ta' Jannar 2016, jiġifieri jekk kinux jissostitwixxu r-reklamar kollu relatat mat-tiftix online, kollu jew parti minnu, b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'każ ta' żieda fil-prezz mhux tranżitorja minn 5 sa 10 % tar-reklamar tat-tiftix online u, ir-raba' nett, li seba' aġenziji tal-midja oħra rrispondew ukoll f'dan is-sens. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha spjegat li hija kienet irċeviet risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet mingħand 19-il pubblikatur, 87 persuna li tirreklama u 34 aġenzija tal-midja b'kollox.

203 Madankollu, din l-informazzjoni hija assenti mid-deċiżjoni kkontestata peress li l-Kummissjoni, effettivament, ma spjegatx fl-imsemmija deċiżjoni n-natura mhux eżawrjenti tar-risposti msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 135 sa 137 sabiex issostni l-konklużjonijiet tagħha li jinsabu fil-premessa 148 ta' din id-deċiżjoni.

204 Madankollu, is-sempliċi fatt li l-imsemmija risposti ma jikkostitwixxux r-risposti kollha riċevuti mill-Kummissjoni ma jfissirx, fih innifsu, li l-konklużjonijiet misluta fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata huma żbaljati.

205 Fil-fatt, Google setgħet tara r-risposti kollha għat-talbiet għal informazzjoni riċevuti mill-Kummissjoni, meta aċċessat il-fajl, inklużi dawk li fuqhom il-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha li jinsabu fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata. F'din l-okkażjoni, Google setgħet teżamina r-risposti mogħtija mill-impriżi u kellha l-okkażjoni tikkonstata li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha numru ferm ikbar ta' risposti ta' operaturi minn dawk imsemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna ppreżentati fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata. Dan huwa, barra minn hekk, muri permezz tal-fatt li hija tikkontesta, fil-qafas ta' dan il-motiv, l-interpretazzjoni ta' ċerti risposti li ma humiex imsemmija f'din id-deċiżjoni. Bl-eċċezzjoni tar-risposti ċċitati u kkontestati minn Google fil-qafas ta' dan il-motiv

(fil-punti 168 sa 199 iktar ’il fuq), din tal-aħħar ma tislet l-ebda argument konkret minn risposti oħra, li jikkonferma li dawn ma jistgħux, lanqas, jinvalidaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata.

206 Għall-istess raġunijiet, għandu jiġi miċħud l-argument li n-numru ta’ risposti msemmija fid-deċiżjoni kkontestata kien, skont Google, limitat inkwantu din tal-aħħar kienet taf li n-numru ta’ impriżi li rrispondew għad-domanda dwar il-prezzijiet kien ogħla.

207 Konsegwentament, il-Kummissjoni setgħet, korrettament, tibbaża l-konklużjonijiet tagħha li jinsabu fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata fuq ir-risposti għall-domanda dwar il-prezzijiet, anki meta hija ma ċċitatx ir-risposti kollha tal-impriżi li fuqhom hija bbażat ruħha.

208 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix la li l-analiżi relatata mal-prezzijiet, imwettqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, kienet irrilevanti għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq u lanqas li l-konklużjonijiet li hija siltet mill-analiżi kienu żbaljati jew qarrieqa.

e) Fuq il-fondatezza tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-karatteristiċi differenti taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni

209 Google ssostni li l-Kummissjoni analizzat b’mod żbaljat il-karatteristiċi taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni u li d-differenzi kollha tal-karatteristiċi bejn dan ir-reklamar ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ma kinux sostitwibbli, la mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw u lanqas minn dik tal-pubblikaturi.

210 Għandhom jiġu eżaminati, fl-ewwel lok, l-argumenti ta’ Google li jikkontestaw l-eżistenza ta’ kull waħda mid-differenzi tal-karatteristiċi indikati fid-deċiżjoni kkontestata, qabel ma tiġi stabbilita, fit-tieni lok, ir-rilevanza tagħhom għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq.

1) Fuq l-iskattar u l-pożizzjonament taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni

211 Fil-premessa 136 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat, fir-rigward tal-wiri taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni, li r-reklamar tat-tiftix online kien jidher biss wara tfittxija permezz ta’ kelma prinċipali u kien jinsab direttament jew ’il fuq minn jew ’l isfel minn jew inkella maġenb ir-riżultati ta’ tali riċerka. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online seta’ jidher fuq kwalunkwe sit internet u jkun kuntestwali (jiġifieri jkollu rabta mal-kontenut tal-paġna internet) jew mhux kuntestwali (jiġifieri wiri ta’ reklamar).

212 Google tikkontesta l-importanza ta’ dawn id-differenzi, filwaqt li ssostni li ż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni setgħu jiġu murija fuq l-istess paġni bħal dawk tar-riżultati ta’ tiftix f’pożizzjonijiet interkambjabbli, li jfisser li ma kienx spazju ta’ reklamar differenti.

213 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta’ Google.

214 Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-premessa 136 tad-deċiżjoni kkontestata huma bbażati fuq ir-risposti ta’ tmien pubblikaturi għal talbiet għal informazzjoni u fuq estratt tax-xhieda mogħtija minn rappreżentant ta’ Google, [*kunfidenzjali*], quddiem il-Federal Trade Commission (l-Aġenzija Federali tal-Kompetizzjoni, Stati Uniti, iktar ’il quddiem il-“FTC”) f’Mejju 2012. Barra minn hekk, mill-premessa 147 tad-deċiżjoni

kkontestata jirriżulta wkoll li l-World Federation of Advertisers irrilevat ukoll li din id-differenza fil-pożizzjonament taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni u l-fatt li r-reklamar tat-tiftix online kien iġġenerat minn tfittxija ta' utent kienu punti ta' distinzjoni sinjifikattiva bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Madankollu, Google la tikkritika l-eżattezza u l-affidabbiltà, u lanqas il-koerenza ta' dawn l-elementi ta' evalwazzjoni.

215 Fit-tieni lok, anki jekk ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online jista' effettivament jidher fuq l-istess paġni tal-internet bħar-reklamar tat-tiftix online, ma huwiex ikkontestat minn Google li l-utent jista' faċilment jiddistingwi r-reklamar li huwa relatat mat-tiftix tiegħu minn dak li ma huwiex skont il-pożizzjonament u l-kontenut tagħhom. Fil-fatt, minn naħa, ir-reklamar tat-tiftix online ġeneralment jinsab direttament taħt is-search bar (u xi drabi f'pożizzjoni ħdejha), fil-forma ta' lista jekk dan ir-reklamar ikun testwali u bl-indikazzjoni espressa li dan huwa reklamar. Min-naħa l-oħra, il-kontenut tagħhom għandu rabta diretta mat-tiftix permezz ta' kelma prinċipali mwettaq mill-utent. Min-naħa l-oħra, ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online jista' jkun f'postijiet differenti tal-paġna internet u l-prodotti u s-servizzi li jidhru fiha ma humiex influwenzati mit-tiftix magħmul mill-utent.

216 Konsegwentament, Google ma turiex li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 136 tad-deċiżjoni kkontestata u li tirrigwarda d-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni f'termini ta' skattar u ta' pożizzjonament, hija żbaljata.

2) Fuq il-format taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

217 Fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li, f'dak li jirrigwarda l-format taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, ir-reklamar tat-tiftix online kien "ġeneralment esklużivament" testwali, filwaqt li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online seta' jieħu varjetà ta' formati testwali, grafiċi u vidjo.

218 Google tikkritika din il-konstatazzjoni, billi tiddikjara li, fil-fatt, ir-reklamar tat-tiftix online jista' jidher ukoll f'formati iktar iddettaljati jew jinkludi immaġnijiet u li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online ħafna drabi jkun fih element testwali.

219 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

220 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li Google ma tinnegax li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni għandhom tendenza li jkollhom formati differenti. Hija lanqas ma tikkontesta li t-tlettax-il persuna li jirreklamaw u l-aġenziji tal-midja, kif ukoll [*kunfidenzjali*], li għalihom tirreferi l-Kummissjoni fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 110), effettivament enfasizzaw din id-differenza fir-risposti tagħhom għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni, u lanqas li l-World Federation of Advertisers ukoll kienet irrilevat din id-differenza f'sottomissjoni tat-18 ta' Frar 2011, kif ġie espost fil-premessa 147 tad-deċiżjoni kkontestata.

221 Barra minn hekk, ir-ritratt tal-iskrin ippreżentat minn Google fil-punt 54 (stampa 3) tar-rikors sabiex isostni li r-reklamar tat-tiftix online għandu ħafna drabi elementi grafiċi ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward, għaliex juri tip ieħor ta' reklamar online, jiġifieri r-riżultati ta' tiftix speċjalizzat deskritti fil-punt 33 iktar 'il fuq. Fil-fatt, l-unika kwistjoni li Google titlob lill-Qorti Ġenerali teżamina, fil-qafas tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, hija dik dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx, korrettament, tikkonkludi li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online ma kienx sostitwibbli bir-reklamar tat-tiftix online. Din hija l-unika kwistjoni mqajma, kemm fit-titolu

tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-rikors, li jirreferi esklużivament għall-analiżi tal-kompetizzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, u fil-kontenut tiegħu, li huwa effettivament relatat biss mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessi 135 sa 169 tad-deċiżjoni kkontestata li titratta l-istess kwistjoni. B'hekk, kuntrarjament għal dak sostnut minn Google waqt is-seduta, hija ma għamlet l-ebda argument f'din il-parti tal-ewwel motiv li jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessi 170 sa 183 tad-deċiżjoni kkontestata li tiddistingwi bejn ir-reklamar tat-tiftix online u r-riżultati ta' tiftix speċjalizzat.

222 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma tressaqx provi li jistgħu jinvalidaw il-konstatazzjoni li tinsab fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata li r-reklamar tat-tiftix online u r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kienu ġeneralment murija f'formati differenti.

3) Fuq l-ispejjeż ta' disinn taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

223 Fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni żiedet li mid-differenza tal-formati msemmija iktar 'il fuq bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni jirriżulta li, f'termini ta' spejjeż ta' disinn, il-persuni li jirreklamaw kellhom ftit, jew kważi xejn, fir-rigward tar-reklamar tat-tiftix online meta mqabbla mal-ispejjeż ta' disinn għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, b'mod partikolari dak li jinkludi elementi grafiċi u formati iddettaljati.

224 Google tikkontesta l-veraċità ta' din il-konstatazzjoni. Hija tiddikjara li l-ispejjeż ta' disinn tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online mhux neċessarjament huma għoljin, filwaqt li tfakkar li dawn jistgħu wkoll jidhru f'forma testwali jew jieħdu formati oħra sempliċi ħafna wkoll.

225 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

226 Kif ġie kkonstatat fil-punti 220 sa 222 iktar 'il fuq, Google ma ppreżentatx elementi li jistgħu jikkontestaw il-konstatazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-reklamar tat-tiftix online kien ġeneralment esklużivament testwali, filwaqt li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien ħafna drabi jinkludi preżentazzjoni iktar kumplessa, li tinkludi element grafiku jew vidjo, filwaqt li kultant jieħu forom iktar sempliċi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni setgħet tqis li l-ispejjeż ta' disinn tar-reklamar tat-tiftix online kienu, bħala regola ġenerali, inqas minn dawk tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

227 Barra minn hekk, Google lanqas ma kkritikat l-eżattezza, l-affidabbiltà jew il-koerenza tar-risposti għat-talbiet għal informazzjoni ta' erba' impriżi, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 112 tad-deċiżjoni kkontestata, li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex issostni l-konstatazzjoni tagħha li tinsab fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata.

228 Konsegwentament, Google ma turix li l-Kummissjoni kkonstatat b'mod żbaljat, fil-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ispejjeż ta' disinn tar-reklamar tat-tiftix online kienu ġeneralment ftit ogħla meta mqabbla mal-ispejjeż tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

4) Fuq il-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

229 Fil-premessi 138 sa 141 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li r-reklamar tat-tiftix online, li jintwera wara tfittxija permezz ta' kelma prinċipali tal-utent, kien intrinsikament iktar possibbli li jissodisfa interess immedjat tal-imsemmi utent, mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Minkejja li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrikonixxiet l-eżistenza ta'

kapaċitajiet ta' mira ta' ċertu reklamar mhux relatat mat-tiftix online, bħar-reklamar kuntestwali (li jadatta għall-paġna tal-internet li l-utent ikun qiegħed jara), ir-reklamar iffukat fuq l-aġir (li jadatta għall-istorja tal-paġni tal-internet ikkonsultati) u r-reklamar impoġġi fuq in-networks soċjali (li jadatta għall-profil tan-network tal-utent), hija qieset li dawn il-forom ta' mira ma kellhomx l-istess grad ta' rilevanza għall-utent bħar-reklamar tat-tiftix online.

230 Google tikkontesta din l-analiżi, filwaqt li ssostni li ma hemmx differenza sinjifikattiva ta' kapaċità ta' mira bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Hija ssostni l-eżistenza ta' prodotti oħra fis-suq li jippermettu li jiġi mmirat l-utent, bħal dawk ikkummerċjalizzati permezz tan-networks soċjali, u t-teknoloġija ta' mmirar mill-ġdid li jippermetti li l-utenti li diġà żaru sit internet jiġu mmirati. Dawn il-provi allegatament ġew injorati mill-Kummissjoni, u dan minkejja l-fatt li uħud mill-persuni li jirreklamaw indikawlha, fir-risposti tagħhom għat-talbiet għal informazzjoni li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien joffri mira sofistikata ferm.

231 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

232 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li l-Kummissjoni naqset milli tqis ċerti elementi fattwali rilevanti fl-analiżi tagħha tal-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni bbażat il-konklużjoni tagħha fuq il-kapaċità ogħla ta' mira tar-reklamar tat-tiftix online, fil-premessi 138 sa 141 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq sensiela ta' elementi differenti. B'hekk, hija rreferiet għar-risposti għat-talbiet għal informazzjoni li hija rċeviet mingħand erbatax-il impriża, inkluż tal-persuni li jirreklamaw, tal-aġenziji tal-midja u tal-pubblikaturi, iżda wkoll ta' [*kunfidenzjali*] (noti ta' qiegħ il-paġna 113 sa 115, 119 u 120), kif ukoll għall-informazzjoni mogħtija minn rappreżentant ta' Google quddiem il-FTC (ara l-premessa 139), għat-taqsima "AdWords Help" tas-sit internet ta' Google fl-2012 (ara l-premessa 140) u għal rapport tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni Franċiża tal-2010 fuq ir-reklamar online (ara l-premessa 141). Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat ukoll, fil-premessa 147 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-World Federation of Advertisers kienet uriet id-differenza ta' kapaċità ta' mira bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

233 Madankollu, Google ma tagħmel l-ebda argument sostnut li jikkontesta l-eżattezza, l-affidabbiltà u l-koerenza tal-informazzjoni msemmija hawn fuq. Hija lanqas issostni li dawn l-elementi ma humiex rilevanti fir-rigward tal-analiżi tal-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

234 Fit-tieni lok, Google ma turix li l-Kummissjoni naqset milli teżamina provi oħra rilevanti li setgħu jibdlu l-konklużjoni tal-analiżi tagħha.

235 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-kapaċitajiet ta' mira offruti mill-operaturi ta' networks soċjali invokati minn Google, bħal Facebook, LinkedIn u Snap, hemm lok li jiġi enfasizzat li ma huwiex ikkontestat minn Google li, skont l-argumenti tal-Kummissjoni, is-servizzi kkummerċjalizzati ġodda minn dawn l-operaturi tpoġġew fis-suq jew lejn it-tmiem tal-perijodu kkonċernat mill-abbuż ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, bħal fil-każ ta' Facebook Audience Network fl-2014, jew wara dan il-perijodu, bħal fil-każ ta' LinkedIn Audience Network u ta' Snap Audience Network. Għalhekk, l-ewwel servizz imsemmi hawn fuq kellu rilevanza limitata għad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni, filwaqt li t-tnejn l-oħra ma kinux rilevanti f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, Google ma tikkontestax l-eżattezza tal-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kapaċitajiet ta' mira offruti minn Facebook Audience Network ma kinux jippermettu li jintwera reklamar li kien jissodisfa l-interess tal-utent daqstant spiss bħar-reklamar tat-tiftix online.

236 Barra minn hekk, Google ma turix li l-prodotti msemmija fil-punt 235 iktar ’il fuq u l-prodotti l-oħra li tirreferi għalihom fil-punt 10 tal-Anness C.3 tar-risposta, jiġifieri Criteo, ValueClick u Millennial Media, kienu joffru lill-persuni li jirreklamaw il-possibbiltà li jippreżentaw reklamar li jirreaġixxi b’mod immedjat għal interess espress mill-utent, kif jagħmel ir-reklamar tat-tiftix online. Ir-riferiment, fit-Tabella Nru 7 tal-Anness C.3 tar-risposta, għal rendikont ta’ informazzjoni tal-2017 tal-Uffiċċju Federali tal-Akkordji dwar investigazzjoni li tirrigwarda l-impriża Facebook, li fih huwa kkonstatat li din tal-aħħar kellha “il-kapaċità li ttejjeb l-attivitajiet ta’ mira tar-reklamar”, mingħajr dettalji addizzjonali, ma għandux jistabbilixxi li din tal-aħħar kellha, matul il-perijodu tal-ksur allegat, prodott jew servizz li jista’ jissodisfa l-interess immedjat ta’ utent tal-internet bl-istess mod kif kien jagħmel ir-reklamar tat-tiftix online.

237 It-tieni nett, f’dak li jirrigwarda l-possibbiltà ta’ mira mill-ġdid ta’ ċertu reklamar mhux relatat mat-tiftix online, li jippermetti lill-persuni li jirreklamaw jimmiraw l-utenti abbażi tal-użu preċedenti tagħhom tal-internet, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma injoratx dan l-element, kuntrarjament għal dak li tallega Google. Fil-fatt, fil-punt 2 tal-premessa 141 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni semmiet il-possibilitajiet għall-persuni li jirreklamaw li jimmiraw utent li jkun żar ċerti siti internet fil-passat. Madankollu, hija qieset, filwaqt li semmiet ir-risposti ta’ sitt persuni li jirreklamaw għat-talba għal informazzjoni tal-11 ta’ Jannar 2016 fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 120, li l-interpretazzjoni tagħhom ma hijiex ikkontestata minn Google, li dan it-tip ta’ reklamar, ikklassifikat bħala “reklamar dwar l-imġiba”, xorta huwa inqas probabbli li jissodisfa interess tal-utent fil-mument tal-wiri tiegħu u kien għalhekk inqas possibbli li jwassal għal xiri jew xi pass ieħor min-naħa tiegħu li jkun ta’ benefiċċju għall-persuni li jirreklamaw.

238 It-tielet nett, f’dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 927 finali tal-11 ta’ Marzu 2008 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4731 – Google/DoubleClick) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni Google/DoubleClick”), minn naħa, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta mill-evalwazzjonijiet dwar is-swieq rilevanti mwettqa fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta’ Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, EU:T:2005:456, punti 118 sa 120, u tal-11 ta’ Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 93). Fil-fatt, il-Kummissjoni hija obbligata twettaq analiżi individwalizzata taċ-ċirkustanzi ta’ kull każ, mingħajr ma hija marbuta b’deċiżjonijiet preċedenti li jikkonċernaw operaturi ekonomiċi oħra, swieq ta’ prodotti u ta’ servizzi oħra jew swieq ġeografiċi oħra f’mumenti diffiċili. B’hekk, rikorrenti ma għandhiex dritt tikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, minħabba li huma differenti minn dawk magħmula preċedentament f’kawża oħra, anki jekk is-swieq inkwistjoni fiż-żewġ kawżi huma simili, jew saħansitra identiċi (ara s-sentenza tal-25 ta’ Marzu 2015, Slovenská pošta vs Il-Kummissjoni, T-556/08, mhux ippubblikata, EU:T:2015:189, punt 197 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, fi kwalunkwe każ, minkejja li l-Kummissjoni ċertament indikat, fil-premessa 52 tad-deċiżjoni Google/DoubleClick, li, skont ir-risposti tal-persuni li jirreklamaw matul l-investigazzjoni tagħha tas-suq, il-kapaċitajiet ta’ mira tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online tjieb u, u, fil-premessa 12 ta’ din id-deċiżjoni, li dawn kienu jikkonverġu, permezz ta’ reklamar “immirat skont l-imġiba” (behavioural targeting), ma’ dawk offruti mir-reklamar tat-tiftix online, f’din id-deċiżjoni hija ma kkonkludietx li kien jirriżulta li ż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni kellhom kapaċitajiet ta’ mira ekwivalenti.

239 Ir-raba’ nett, f’dak li jirrigwarda r-risposta ta’ erba’ persuni li jirreklamaw għat-talba għal informazzjoni tal-11 ta’ Jannar 2016, li estratti minnhom huma ppreżentati fit-Tabella Nru 7 tal-Anness C.3 tar-risposta, li juru, skont Google, il-kapaċitajiet ta’ mira tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, huwa ċertament veru li r-risposti ta’ tlieta minnhom, jiġifieri [*kunfidenzjali*],

[*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], jenfasizzaw l-utilità tal-kapaċitajiet ta' mira tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Madankollu, dawn ir-risposti ma jindikawx li l-kapaċitajiet ta' mira tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online jippermettu li jissodisfaw l-interess immedjat tal-utent tal-internet u li jinkoraġġuh, għalhekk, sabiex jipproċedi b'xiri, bl-istess mod li jagħmel ir-reklamar tat-tiftix online. Dawn ir-risposti għalhekk ma jistgħux jikkontrobilanċjaw l-elementi li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata, imqassra fil-punt 232 iktar 'il fuq, relatati mad-differenzi ta' kapaċitajiet ta' mira bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

240 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argument ta' Google li jinsab fl-Anness C.3 tar-risposta, hemm lok li jiġi konkluż li din tal-aħħar ma tippreżentax elementi li jistgħux jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessi 138 sa 141 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-reklamar tat-tiftix online seta' jissodisfa iktar interess immedjat tal-utent.

5) Fuq l-għanijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

241 Fil-premessi 142 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, li r-reklamar tat-tiftix online kien iktar adattat sabiex iwassal għal xiri, filwaqt li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien iktar effiċjenti fil-promozzjoni ta' trade mark.

242 Google ssostni li l-Kummissjoni ma urietx differenza sinjifikattiva bejn l-għanijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni u li, essenzjalment, dan ir-reklamar *in fine* kellu l-istess għan.

243 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

244 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha li tinsab fil-premessi 142 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata fuq diversi elementi. B'hekk, hija rreferiet, l-ewwel nett, għar-risposti tal-pubblikaturi u tal-persuni li jirreklamaw għat-talbiet tagħha għal informazzjoni, filwaqt li bbażat ruħha, fin-noti ta' qiegħ il-paġna 122 sa 124, b'mod partikolari fuq sitt risposti li hija rċeviet, it-tieni nett fuq studju tas-suq tal-2010 imwettaq mill-kumpannija ta' konsulenza Econsultancy u l-assoċjazzjoni SEMPO u bbażat fuq stħarriġ ta' persuni li jirreklamaw u ta' aġenziji tal-midja u, it-tielet nett, fuq posta elettronika ta' Settembru 2008 ta' [*kunfidenzjali*] għand Google.

245 Madankollu, Google ma tressaq l-ebda argument li jikkontesta l-eżattezza, l-affidabbiltà jew il-koerenza ta' dawn l-elementi, bl-eċċezzjoni tan-natura allegatament selettiva tal-kwotazzjoni tal-posta elettronika ta' [*kunfidenzjali*]. Madankollu, dan l-aħħar argument ma huwiex konvinċenti peress li Google tispjega biss li l-posta elettronika ta' din tal-aħħar kienet b'reazzjoni ta' artikolu li deher f'*The Wall Street Journal*, li kkonstata li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu mezzi vijabbli sabiex tintlaħaq il-klijentela. Hija għalhekk la tispjega kif il-Kummissjoni ħadet din il-posta elettronika barra mill-kuntest tagħha billi ċċitatha u lanqas għaliex id-dikjarazzjonijiet ċċitati ma kinux affidabbli.

246 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li r-rapport tal-kumpannija tal-ekonomisti RBB fuq il-kompetizzjoni eżerċitata mill-impriża Facebook fir-reklamar online, redatt għal Google u bid-data ta' Novembru 2016, ippreżentat fl-Anness A.3 tar-rikors, juri li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kellhom *in fine* l-għan li jikkonvertu d-domanda fi tranżazzjoni, fit-Taqsima 3.3 ta' dan ir-rapport huwa rrilevat li Facebook kienet tippermetti lill-persuni li jirreklamaw jagħżlu kriterji sabiex tinkoraġġixxi azzjoni pożittiva min-naħa tal-utent tal-internet li jara r-reklamar

(pereżempju klikks fuq ir-reklamar lejn is-sit internet tal-persuni li jirreklamaw). Madankollu, dan ir-rapport ma jurix li reklamar fuq in-network soċjali Facebook kellu bħala għan li jwassal lill-utent direttament lejn xiri billi jissodisfa l-interess immedjat tiegħu għal ċertu prodott jew ċertu servizz, kuntrarjament għar-reklamar tat-tiftix online.

247 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argumenti ta' Google li jinsabu fir-risposta, hemm lok li jiġi konkluż li l-argumenti ta' Google ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat, fil-premessi 142 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kellhom għanijiet differenti.

6) Fuq ir-rati ta' klikks u ta' konverżjoni taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

248 Fil-premessa 145 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li r-reklamar tat-tiftix online kellu rati ta' klikks u ta' konverżjoni aħjar mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Fi kliem ieħor, skont il-Kummissjoni, il-probabbilta li l-utent jikklikkja fuq reklam u jipproċedi b'xiri jew azzjoni oħra li tagħti valur lil persuna li tirreklama kienet ogħla meta tara reklamar relatat ma' tiftix online milli meta tara reklamar mhux relatat ma' tiftix online.

249 Google ssostni li l-Kummissjoni messha rat jekk ir-rata aħjar ta' konverżjoni tar-reklamar tat-tiftix online kkonstatata mill-Kummissjoni kinitx akkumpanjata minn differenza fil-prezz. F'dan il-każ, ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online xorta jista' jkun ristrett f'termini ta' kompetizzjoni mir-reklamar tat-tiftix online, b'tali mod li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni jagħmlu parti mill-istess suq.

250 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

251 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi osservat li Google ma tikkontestax li r-reklamar tat-tiftix online għandu rati ta' klikks u ta' konverżjoni aħjar mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Google ma tikkontestax il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 145 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq id-differenza bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni f'dan ir-rigward.

252 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li kellha tkun il-Kummissjoni li teżamina jekk din id-differenza kinitx direttament ikkumpensata b'differenza fil-prezz b'tali mod li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni setgħu jibqgħu jagħmlu parti mill-istess suq, huwa veru li l-Kummissjoni ma eżaminatx din il-kwistjoni b'mod speċifiku fid-deċiżjoni kkontestata, u dan minkejja l-fatt, irrilevat minn Google, li hija kienet semmiet, fil-premessa 149 tal-imsemmija deċiżjoni, ir-rapport ta' Statista li jsemmi preċiżament id-differenza sostanzjali fil-prezz bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Madankollu, il-Kummissjoni wettqet, fid-deċiżjoni kkontestata, analiżi relatata mal-prezzijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Fil-fatt, kif deskritt fil-punti 145 sa 208 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni evalwat jekk, mill-perspettiva tal-pubblikaturi, tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja, jistax ikun hemm sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni f'każ ta' żieda permanenti minn 5 sa 10 % tal-prezz imħallas mill-persuni li jirreklamaw tar-reklamar tat-tiftix online jew ta' tnaqqis tal-istess daqs tad-dħul riċevut mill-pubblikaturi għal dan ir-reklamar. Madankollu, kif ġie espost fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, il-maġġoranza tal-persuni li jirreklamaw, nofs l-aġenziji tal-midja u l-pubblikaturi kollha indikaw li ma kienx probabbli li tali bdil kien iwassalhom sabiex jersqu lejn ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Kif sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta, din l-analiżi uriet ukoll li l-prezz għall-persuni li jirreklamaw u l-aġenziji tal-midja jew id-dħul li ġej mir-reklamar inkwistjoni

għall-pubblikaturi ma kienx il-fattur determinanti fl-għażla tal-operaturi f'dan ir-rigward, peress li dawn tal-aħħar iħarsu lejn il-valur globali li r-reklamar jista' jagħtihom, li huwa magħmul minn sensiela ta' fatturi u mhux biss mill-prezz jew mid-dħul mir-reklamar.

253 Konsegwentament, Google ma turix li l-Kummissjoni kkonstatat b'mod żbaljat, fil-premessa 145 tad-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza ta' differenza fir-rigward tar-rata ta' klikks u ta' konverżjoni bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

7) Fuq il-possibilitajiet li titkejjel il-prestazzjoni taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni

254 Fil-premessa 146 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li r-reklamar tat-tiftix online jippermetti lill-persuni li jirreklamaw jikkalkolaw b'mod iktar faċli r-ritorn fuq l-investiment. Il-Kummissjoni spjegat, f'dan ir-rigward, li kien possibli li jiġi segwit in-numru ta' klikks fuq tali reklamar kif ukoll ix-xiri mwettaq mill-utenti wara dawn il-klikks, li ma kienx possibbli għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, fejn tipikament ma jkun hemm l-ebda rabta diretta bejn il-wiri tar-reklamar u x-xiri tal-prodott ikkonċernat.

255 Google tikkontesta din l-evalwazzjoni, billi ssostni li hemm ħafna modi kif il-persuni li jirreklamaw isegwu l-prestazzjoni tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online f'termini ta' konverżjoni (traċċar ta' konverżjoni) u jikkalkolaw ir-ritorn fuq l-investiment tagħhom, fosthom għodda li hija introdużiet fis-suq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx korretta meta rreferiet għal studju tal-kumpannija ta' konsulenza Econsultancy, flimkien mal-impriża ExactTarget.

256 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

257 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni bbażat il-konstatazzjoni tagħha, li tinsab fil-premessa 146 tad-deċiżjoni kkontestata u li tirrigwarda l-kapaċità superjuri tar-reklamar tat-tiftix online li jkejjel ir-ritorn fuq l-investiment, fuq ir-risposti għal talbiet għal informazzjoni ta' ħames persuni li jirreklamaw u ta' tliet aġenziji tal-midja, kif ukoll ta' [*kunfidenzjali*], li jissemmew fin-nota ta' qiegħ il-paġna 132 ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, Google ma tagħmel l-ebda argument dwar dawn ir-risposti u għalhekk la tikkontesta l-eżattezza, la l-affidabbiltà u lanqas il-koerenza ta' dawn l-elementi.

258 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kritika ta' Google dwar ir-riferiment li sar mill-Kummissjoni għall-istudju ta' Econsultancy fil-premessa 146 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li minn dan l-istudju, ta' Frar 2010 u bbażat fuq stħarriġ ma' 1123 persuni li jirreklamaw u aġenziji tal-midja, jirriżulta li r-risposti ta' dawn tal-aħħar kienu urew li r-reklamar tat-tiftix online kien jikkostitwixxi l-aħjar "mezz" sabiex jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment tar-reklami online. Fil-fatt, fit-Taqsima 4.3.3 (p. 42 u 43) ta' dan l-istudju, ippreżentat fl-Anness B.1 tar-risposta, huwa indikat li 54 % tal-persuni li jirreklamaw u 35 % tal-aġenziji tal-midja li rrispondew għall-istħarriġ indikaw li dan it-tip ta' reklamar kien "tajjeb" sabiex jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment, filwaqt li kienu biss 37 % tal-persuni li jirreklamaw u 23 % tal-aġenziji tal-midja li indikaw li r-reklamar kien "tajjeb" f'dan ir-rigward. Minkejja li, permezz tad-domanda magħmula fl-istħarriġ, l-operaturi ma ntalbux jipparagunaw iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni f'dan ir-rigward, minn dan jirriżulta li r-risposti xorta kienu jsostnu l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li r-reklamar tat-tiftix online kien jippermetti iktar faċilment lill-persuni li jirreklamaw ikejlu r-ritorn fuq l-investiment mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Din l-aħħar konstatazzjoni bl-ebda mod ma hija kkontestata mill-argument ta' Google li 46 % tal-persuni li jirreklamaw u 65 % tal-aġenziji tal-midja kienu jqisu li l-"kanal ta' kummerċjalizzjoni diġitali" li fih kienu fl-aħjar pożizzjoni

sabiex jikkalkolaw ir-ritorn fuq l-investiment "kien differenti minn" dak tar-reklamar tat-tiftix online, peress li ma ntweries li dawk il-kanali l-oħra kienu jinkludu r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Għalhekk, l-argument ta' Google huwa irrelevanti għall-kwistjoni dwar is-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

259 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-argument ta' Google li kien hemm għodda disponibbli matul il-perijodu tal-ksur sabiex jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment tar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, għandu jiġi osservat li l-informazzjoni mogħtija minn Google turi li dawn l-għodda kienu jagħtu possibbilitajiet li jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment, iżda ma jippermettux li jiġi konkluż li kienu joffru possibbilitajiet f'dan ir-rigward ekwivalenti għal dawk tar-reklamar tat-tiftix online.

260 L-ewwel nett, fir-rigward ta' Google Ads, mill-estratti tal-blog ta' Google, Inside AdWords, jirriżulta li l-għodda ta' Google jippermettu lill-persuni li jirreklamaw, minbarra li jikkalkolaw in-numru ta' klikks fuq ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, li titkejjel iż-żieda fiż-żjarat ta' sit internet u ta' tiftix wara kampanja ta' reklamar. Madankollu, ma huwiex indikat li dawn il-funzjonalitajiet ippermettew lill-persuni li jirreklamaw jassoċjaw l-ispejjeż tar-reklamar tagħhom mal-bejgħ iġġenerat, kif huwa l-każ għar-reklamar tat-tiftix online, li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni indikat fid-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma ġiet kontradetta minn Google, li kien possibbli li l-ispejjeż marbuta ma' kelma prinċipali jiġu pparagunati max-xiri li jirriżulta minn klikks.

261 It-tieni nett, fir-rigward tan-networks soċjali LinkedIn, Twitter u Pinterest u l-għodda ta' analiżi Adobe u Salesforce, li joffru wkoll kapaċitajiet ta' traċċar għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, għandu jiġi kkonstatat li, skont dak li tosserva l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Google ma tispjegax jekk dawn l-għodda kinux disponibbli matul il-perijodu tal-ksur, u lanqas tispjega kif il-kapaċitajiet ta' traċċar tagħhom kienu jikkompetu ma' dawk offruti mir-reklamar tat-tiftix online sabiex jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment.

262 It-tielet nett, f'dak li jirrigwarda n-network soċjali Facebook, ir-rapport ta' RBB, ippreżentat fl-Anness A.3 tar-rikors (ara l-punt 246 iktar 'il fuq), jiddeskrivi, fit-Taqsima 3.5 tiegħu, l-għodda li jippermettu li l-utenti jiġu ttraċati sa tipi differenti ta' konverżjoni, inkluż ix-xiri, relatat mar-reklamar fuq l-imsemmi network soċjali mhux relatat mat-tiftix online. Madankollu, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk dawn il-funzjonalitajiet kinux disponibbli għall-persuni li jirreklamaw matul il-perijodu ta' ksur (ara l-punt 235 iktar 'il fuq fir-rigward ta' Facebook Audience Network), Google ma turix li din l-għodda ta' Facebook kienet effikaċi daqs ir-reklamar tat-tiftix online sabiex jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment, peress li ma tirreferi għall-ebda waħda mir-risposti tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

263 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argument ta' Google li jinsab fl-Anness C.3 tar-risposta, hemm lok li jiġi konkluż li l-argumenti ta' Google ma jurux li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-premessa 146 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-reklamar tat-tiftix online jippermetti lill-persuni li jirreklamaw jikkalkolaw ir-ritorn fuq l-investiment iktar faċilment mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

8) Fuq ir-rilevanza tad-differenzi fil-karatteristiċi u fl-użu għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq

264 Mill-punti 211 sa 263 iktar ’il fuq jirriżulta li Google ma rnexxilhiex tikkontesta l-fondatezza tal-analiżi tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata li turi d-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni relatati mal-iskattar tagħhom u mal-pożizzjonament tagħhom, il-formati tagħhom, l-ispejjeż ta’ disinn tagħhom, il-kapaċitajiet ta’ mira tagħhom, l-għanijiet tagħhom, ir-rati ta’ klikks u ta’ konverżjoni tagħhom kif ukoll il-possibbilitajiet li jitkejjel ir-ritorn fuq l-investiment tagħhom. Dawn il-konstatazzjonijiet kienu bbażati fuq diversi provi, li l-argumenti ta’ Google ma rnexxielhomx jikkontestaw in-natura eżatta, affidabbli u koerenti tagħhom.

265 F’dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fl-evalwazzjoni globali tad-definizzjoni tas-suq, imwettqa mill-Kummissjoni, dawn id-differenzi jikkostitwixxu indizji rilevanti li ż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni ma kinux sostitwibbli.

266 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza u l-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq ċċitati fil-punti 125 u 126 iktar ’il fuq, il-karatteristiċi u l-użu ta’ prodotti huma rilevanti fid-definizzjoni tas-suq, peress li suq tal-prodotti jinkludi l-prodotti kollha li l-konsumatur iqis li huma interkambjabbli jew sostitwibbli minħabba l-karatteristiċi tagħhom, il-prezz tagħhom u l-użu li għalihom huma intiżi.

267 Barra minn hekk, kuntrarjament għall-argumenti ta’ Google, il-Kummissjoni rrilevat li ż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni kellhom għanijiet differenti, kif jirriżulta mill-punti 241 sa 247 iktar ’il fuq.

268 Madankollu, Google targumenta li dawn id-differenzi jibqgħu insuffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni ma kinux sostitwibbli fl-assenza ta’ analiżi ta’ sostitwibbiltà bbażata fuq il-prezz tar-reklamar inkwistjoni.

269 F’dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar, kif ġie espost fil-punti 155 sa 161 iktar ’il fuq, li analiżi tas-sostitwibbiltà bbażata fuq il-prezzijiet, bħal test SSNIP, ma kinitx mandatorja fil-kuntest tad-definizzjoni tas-suq li wettqet il-Kummissjoni. Din ma hijiex imposta la mill-ġurisprudenza u lanqas mill-Kummissjoni fl-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq.

270 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata analizzat jekk, mill-perspettiva tal-pubblikaturi, tal-persuni li jirreklamaw u tal-aġenziji tal-midja, jistax ikun hemm sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni f’każ ta’ żieda permanenti minn 5 sa 10 % tal-prezz imħallas mill-persuni li jirreklamaw għar-reklamar tat-tiftix online jew ta’ tnaqqis tal-istess daqs tad-dħul riċevut mill-pubblikaturi għal dan ir-reklamar.

271 Din l-analiżi ppermettiet lill-Kummissjoni tislet insenjamenti utli għad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni, li huma mqassra fil-premessa 148 tad-deċiżjoni kkontestata u kkonfermati fil-punti 145 sa 208 iktar ’il fuq.

272 Barra minn hekk, kif diġà ġie rrilevat fil-punti 141 sa 144 iktar ’il fuq, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq fatturi oħra fl-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni, bħall-investimenti neċessarji għall-provvista ta’ servizzi għar-reklamar tat-tiftix online (premessi 150 sa 154 tad-deċiżjoni kkontestata) u l-imġiba fis-suq ta’ ċerti pubblikaturi (premessi 162, 164 u 165 tal-imsemmija deċiżjoni). Minn dan isegwi li Google ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni għaliex ibbażat l-analiżi tagħha tad-definizzjoni tas-suq biss fuq allegati karatteristiċi taż-żewġ tipi ta’ reklamar inkwistjoni.

273 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-differenzi fil-karatteristiċi u fl-użu bejn ir-reklamar tat-tiftix online u dak mhux relatat mat-tiftix online, li kienu rilevanti għad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni, kienu jagħmlu parti minn sensiela ta' elementi li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni globali tagħha tad-definizzjoni tas-suq.

f) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' eżempji ta' imġiba reali tal-pubblikaturi li allegatament issostitwixxew jew kienu ser jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online

274 Fil-premessi 162 u 164 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-eżempji ta' pubblikaturi msemmija minn Google, bħal [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li allegatament issostitwixxew ir-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online ma jurux li dawn iż-żewġ tipi ta' reklamar kienu sostitwibbli.

275 Google ssostni li l-Kummissjoni kkonkludiet, b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata li l-eżempji ta' imġiba reali ta' pubblikaturi, bħal [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li użaw jew qegħdin jużaw iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni b'mod interkambjabbli, ma jurux is-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Din is-sostitwibbiltà hija kkonfermata wkoll mill-fatt li d-dħul mill-intermedjazzjoni dwar ir-reklamar tat-tiftix online naqas b'mod konsiderevoli bejn l-2012 u l-2016, filwaqt li l-ispejjeż totali ta' reklamar online tal-persuni li jirreklamaw żdiedu b'mod sinjifikattiv.

276 Surfboard tqis li l-Kummissjoni injorat il-provi ppreżentati minn Google li juru s-sostituzzjoni implimentata mill-pubblikaturi ta' reklamar tat-tiftix online u ta' formati oħra ta' reklami online.

277 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Surfboard.

278 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-eżempji ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], fil-premessa 162 tad-deċiżjoni kkontestata huwa spjegat li, f'Jannar 2014 u f'Jannar 2015 rispettivament, dawn l-operaturi naqqsu l-użu tagħhom tal-AFS għas-siti internet tagħhom fuq it-telefon mobbli u, konsegwentament, ir-reklamar tat-tiftix online fuq is-siti internet tagħhom, wara tnaqqis minn Google tas-sehem mid-dħul allokat lil dawn il-pubblikaturi għall-wiri tar-reklamar inkwistjoni. Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li dawn il-pubblikaturi għażlu, fi stadju ulterjuri, li jerġgħu jżidu l-użu tagħhom ta' reklamar tat-tiftix online meta kisbu mingħand Google żieda tal-perċentwali tad-dħul favur tagħhom.

279 Kif tirrileva l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dawn l-eżempji ma jistgħux juru s-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Minn naħa, ma huwiex stabbilit li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] użaw reklamar mhux relatat mat-tiftix online minflok reklamar tat-tiftix online, wara t-tnaqqis tal-perċentwali ta' dħul li kien allokat lilhom. Min-naħa l-oħra, dan it-tnaqqis tal-użu tal-AFS seħħ wara tnaqqis ferm sostanzjali tal-perċentwali tad-dħul riċevut minn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*]. Fil-fatt, is-sehem minn dan id-dħul imħallas lill-pubblikaturi naqas b'[*kunfidenzjali*] %, filwaqt li skont dak li tispjega l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha mingħajr ma hija kontradetta minn Google, kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % għal [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % għal [*kunfidenzjali*] qabel din il-bidla. Dawn iċ-ċifri juru tnaqqis sostanzjali fid-dħul tal-pubblikaturi. Tali tnaqqis huwa ferm iktar sinjifikattiv minn dak maħsub, fil-każ ta' żieda fil-prezz, fil-qafas tat-test SSNIP, kif deskritt fil-punti 17 u 18 tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq.

280 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-eżempji ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*] ippreżentati fl-Anness A.16 tar-rikors, li ma humiex imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata, ir-ritratti tal-iskrin ippreżentati minn Google jindikaw li s-siti internet tagħhom jistgħu juru, wara t-tfittxija u skont il-kliem prinċipali użati, kemm reklamar tat-tiftix online kif ukoll reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Il-pubblikaturi kkonċernati jagħżlu għalhekk, skont Google, bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni skont it-tfittxija mwettqa mill-utent permezz ta' kelma prinċipali.

281 Madankollu, is-sempliċi fatt li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu juru ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni fuq is-siti internet tagħhom ma jfissirx, fih innifsu, li dan ir-reklamar huwa sostitwibbli. Fil-fatt, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-għażla ta' dawn iż-żewġ pubblikaturi tista' tiġi spjegata sempliċement bid-diversi possibilitajiet ta' valorizzazzjoni tat-tiftix permezz tar-reklamar. Filwaqt li ċerti kliem prinċipali setgħu jinċitaw lill-persuni li jirreklamar sabiex ipoġġu reklamar tat-tiftix online u b'hekk jiġġeneraw dħul għal dawn iż-żewġ pubblikaturi, jista' jkun li kliem prinċipali oħra joħolqu inqas jew l-ebda interess min-naħa tal-persuni li jirreklamaw, b'tali mod li l-pubblikaturi jkollhom dħul aħjar billi jirriżervaw spazju għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

282 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-eżempju ta' [*kunfidenzjali*], eżaminat fil-premessa 164 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-ritratt tal-iskrin ippreżentat minn Google fl-Anness A.16 tar-rikors jindika li dan il-pubblikatur juża reklamar grafiku mhux relatat mat-tiftix online. Google ma urietx li dan il-pubblikatur kien juża, fil-passat, reklamar tat-tiftix online għall-istess spazju ta' reklamar u kien iddeċieda li jissostitwixxih b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Anki jekk dan kien il-każ, Google ma pproduċiet l-ebda element li jippermetti li tinftiehem l-għażla ta' dan l-operatur, skont dak li l-Kummissjoni rrilevat fil-premessa 164 tad-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, ir-ritratt tal-iskrin ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li juri s-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

283 Fir-raba' lok, f'dak li jirrigwarda r-ritratti tal-iskrin tas-sit internet "[*kunfidenzjali*]" u dak ta' [*kunfidenzjali*], ippreżentati rispettivament fl-Anness A.16 tar-rikors u fl-Anness C.3 tar-risposta, għandu jiġi nnotat li dawn l-eżempji juru l-wiri ta' reklamar tat-tiftix online fuq l-istess paġna internet bħal dak tar-riżultati ta' tiftix speċjalizzat. Dawn l-eżempji huma għalhekk irrilevanti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online huwiex sostitwibbli bir-reklamar tat-tiftix online. Madankollu, din l-aħħar domanda hija l-unika domanda li Google titlob lill-Qorti Ġenerali teżamina fil-qafas tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, kif huwa rrilevat fil-punt 221 iktar 'il fuq.

284 Fil-ħames lok, f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' dħul minn intermedjazzjoni dwar ir-reklamar tat-tiftix online bejn l-2012 u l-2016, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li Google ma turix l-eżistenza ta' żieda korrispondenti fid-dħul li ġej mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online matul dan il-perijodu, b'tali mod li seta' kien hemm moviment lejn dan l-aħħar tip ta' reklamar. Barra minn hekk, anki jekk tali moviment kien stabbilit, Google ma tispjegax, lanqas, kif dan il-fatt huwa sinonimu ma' sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

285 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argumenti ta' Google li jinsabu fl-Anness C.3 tar-risposta, hemm lok li jiġi konkluż li Google ma turix li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, l-eżempji ppreżentati minn Google ta' ċerti pubblikaturi li allegatament użaw jew jużaw iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni b'mod interkambjabbli. Hija lanqas tistabbilixxi li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni elementi rilevanti għal dan is-suġġett fl-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà.

g) Fuq l-interpretazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' ċerti rappreżentanti ta' Google

286 Fil-premessi 139, 144 u 156 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat dikjarazzjonijiet magħmula minn ċerti rappreżentanti ta' Google li jsemmu differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni. Fil-premessa 139, fl-analiżi tagħha tal-kapaċitajiet ta' mira tar-reklamar, hija rreferiet għal xhieda, quddiem il-FTC f'Ġunju 2012, ta' [*kunfidenzjali*], dakinhar [*kunfidenzjali*] għand Google. Fil-premessa 144, fl-analiżi tagħha tal-għanijiet tar-reklamar, il-Kummissjoni ċċitat posta elettronika interna ta' [*kunfidenzjali*] ta' Settembru 2008 (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 245 iktar 'il fuq). Fil-premessa 156, bħala risposta għal argument ta' Google dwar ir-relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, il-Kummissjoni semmiet ix-xhieda mogħtija minn [*kunfidenzjali*], dakinhar [*kunfidenzjali*] għand Google, quddiem il-FTC f'Mejju 2012.

287 Google tallega li l-Kummissjoni ħadet dawn id-dikjarazzjonijiet lil hinn mill-kuntest tagħhom u li dawn ma kinux jirrigwardaw il-kwistjoni tas-sostitwibbiltà marġinali taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni.

288 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

289 Fl-ewwel lok, fir-rigward tax-xhieda ta' [*kunfidenzjali*] ċċitata fil-premessa 139 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi rrilevat li din tal-aħħar indikat b'mod ċar fix-xhieda tagħha, li estratt tagħha hija ppreżentata fl-Anness A.29 tar-rikors, li r-reklamar tat-tiftix online kien l-aħjar reklamar online sabiex jiġġenera xiri bl-aħjar ritorn fuq l-investiment, għaliex kien jissodisfa direttament interess espress mill-utent. Huwa ddikjara, barra minn hekk, li l-persuni li jirreklamaw kienu jippreferu għalhekk ir-reklamar tat-tiftix online. Madankollu, huwa rrileva li ċerti persuni ma kinux jaqblu ma' din l-aħħar konstatazzjoni, jiġifieri dawk li xtaqu jżidu r-rikonoxximent ta' trade mark, għan li għalih ir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien iktar effettiv.

290 Minn dan jirriżulta li r-riferiment mill-Kummissjoni għal din ix-xhieda, fil-premessa 139 tad-deċiżjoni kkontestata, fil-parti tal-analiżi tagħha li ttrattat il-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, la huwa selettiv u lanqas żbaljat.

291 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-riferiment għal posta elettronika interna ta' [*kunfidenzjali*], fil-premessa 144 tad-deċiżjoni kkontestata, ippreżentata fl-Anness A.31 tar-rikors, għandu jiġi rrilevat li din ġiet redatta bħala reazzjoni għal artikolu li deher fil-*Wall Street Journal* li fih kien ġie kkonstatat li utent x'aktarx iktar jixtri prodott wara reklamar tat-tiftix online jekk ikun diġà ra reklami (reklamar mhux relatat mat-tiftix online) għall-istess prodott. L-artikolu kien għalhekk jinsisti fuq il-kumplimentarjetà bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni u mhux fuq is-sostitwibbiltà tagħhom. Fl-imsemmija posta elettronika, [*kunfidenzjali*] esprima, essenzjalment, il-qbil tiegħu ma' din l-analiżi filwaqt li indika, kif ġie ikkonstatat fil-premessa 144 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien joħloq l-interess għal prodott.

292 Il-Kummissjoni setgħet għalhekk, korrettament, tiċċita d-dikjarazzjonijiet [*kunfidenzjali*] fl-analiżi tagħha tal-għanijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni fejn ikkonstatat li r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online kien iktar effikaċi mir-reklamar tat-tiftix online sabiex iżid ir-rikonoxximent ta' trade mark. Il-fatt, irrilevat minn Google, li l-posta elettronika ta' [*kunfidenzjali*] intbagħtet b'reazzjoni għal artikolu li fih kien osservat li r-reklamar mhux relatat

mat-tiftix online kien jikkostitwixxi wkoll mezz għall-persuni li jirreklamaw sabiex jilħqu lill-konsumaturi ma jneħħi xejn mill-valur probatorju tal-opinjoni espressa minn dan tal-aħħar u li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuqha fil-premessa 144 tad-deċiżjoni kkontestata.

293 Fit-tielet lok, fir-rigward tar-riferiment għad-dikjarazzjonijiet ta' [*kunfidenzjali*] li jinsabu fil-premessa 156 tad-deċiżjoni kkontestata, hemm lok li jitfakkar li l-Kummissjoni għamlet dan ir-riferiment sabiex issostni li Google, hija stess, irrikonoxxiet id-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' mira tagħhom. Minn din ix-xhieda, li l-verżjoni kompleta tagħha hija ppreżentata fl-Anness B.5 tar-risposta, li [*kunfidenzjali*] ipprovdiet diversi osservazzjonijiet relatata ma' ċerti differenzi bejn ir-reklamar tat-tiftix online u r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online muri minn Google permezz tas-servizz tagħha AdSense For Content, bħall-fatt li l-ewwel reklamar kien jissodisfa t-tiftix imwettaq mill-utenti kif ukoll il-preżentazzjoni differenti tar-reklamar (p. 70, 77 u 81). Hija rrilevat ukoll li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-klawżoli ta' esklużività fis-seħħ għall-użu ta' AFS, dawn iż-żewġ tipi ta' reklamar ma kinux ikkunsidrati bħala "sostanzjalment simili" (p. 155 u 156).

294 Konsegwentament, filwaqt li huwa minnu li, skont l-argumenti ta' Google, [*kunfidenzjali*] ikkonstata wkoll fix-xhieda tiegħu li ż-żewġ tipi ta' reklamar murija permezz ta' AFS u ta' AdSense For Content kienu użati b'mod interkambjabbli fuq is-siti tal-pubblikaturi (ara p. 64 tal-imsemmija xhieda), xorta jibqa' l-fatt li dan ir-rappreżentant ta' Google semma l-eżistenza ta' differenzi bejn dawn iż-żewġ tipi ta' reklamar, b'mod partikolari fuq il-kwistjoni tal-kapaċitajiet ta' mira. Għalhekk, ir-riferiment magħmul mill-Kummissjoni fil-premessa 156 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex turi li Google, hija stess, irrikonoxxiet d-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, ma huwiex żbaljat. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li dan ir-rikonoxximent huwa kkonfermat ukoll bid-dikjarazzjonijiet ta' [*kunfidenzjali*], eżaminati iktar 'il fuq u msemmija fil-premessi 139 u 144 tad-deċiżjoni kkontestata.

295 Barra minn hekk, il-fatt li l-kwotazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*] ma jirreferux għall-kwistjoni tas-sostitwibbiltà marġinali tal-prodotti mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw u tal-pubblikaturi, kif tallega Google, huwa irrilevanti peress li dawn il-kwotazzjonijiet intużaw biss mill-Kummissjoni sabiex juru elementi oħra tal-evalwazzjoni globali tagħha tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni, jiġifieri l-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, l-għanijiet tagħhom u d-differenzi ta' karatteristiċi u ta' użu tagħhom f'diversi aspetti.

296 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni wettqet qari żbaljat tad-dikjarazzjonijiet ta' dawn ir-rappreżentanti msemmija fil-premessi 139, 144 u 156 tad-deċiżjoni kkontestata.

h) Fuq id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni

297 Fil-premessi 158 u 159 tad-deċiżjoni kkontestata, bħala risposta għall-argumenti ta' Google, il-Kummissjoni espressament innegat li kkonkludiet li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu sostitwibbli fid-deċiżjonijiet li hija adottat fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, inkluż fid-deċiżjoni Google/DoubleClick.

298 Google tirrileva li l-Kummissjoni allegatament irrikononxxiet, f'deċiżjonijiet preċedenti, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu konverġenti u kienu jikkompetu ma' xulxin. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għad-Deċiżjoni Google/DoubleClick kif ukoll għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

C(2010) 1077 finali tat-18 ta' Frar 2010, li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim ŻEE (Każ COMP/M.5727 – Microsoft/Yahoo! Search Business) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Microsoft/Yahoo!"), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 5272 finali tas-27 ta' Lulju 2010, li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim ŻEE (Każ COMP/M.5676 – SevenOne Media/G+J Electronic Media Service/Tomorrow Focus Portal/IP Deutschland/JV) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni SevenOne Media JV"). Hija tosserva li l-konverġenza bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni żdiedet mill-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

299 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

300 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza ċċitata fil-punt 238 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta bl-evalwazzjonijiet relatati mas-swieq rilevanti mwettqa fid-deċiżjonijiet preċedenti.

301 Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma kkommettietx żball meta ddikjarat, fil-premessi 158 u 159 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-deċiżjonijiet preċedenti tagħha ma kienx fihom konklużjonijiet kuntrarji għad-definizzjoni tas-suq tar-reklamar tat-tiftix online.

302 Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni ddeċidiet espressament li tħalli miftuħa d-definizzjoni tas-suq fit-tliet deċiżjonijiet imsemmija minn Google. B'hekk, filwaqt li l-Kummissjoni indikat, fid-deċiżjoni Google/DoubleClick, li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni setgħu "sa ċertu punt" ikunu sostitwibbli mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw (punt 53 ta' din id-deċiżjoni), mhux talli hija ma kkonkludietx definittivament dwar tali sostitwibbiltà, iżda hija espressament irrilevat li dawn iż-żewġ tipi ta' reklamar kienu "totalment differenti" mill-perspettiva tal-pubblikaturi (punti 54 sa 56 tal-imsemmija deċiżjoni). Huwa veru li, fid-deċiżjoni Microsoft/Yahoo!, il-Kummissjoni rrilevat li hija rċeviet ċertu numru ta' risposti, waqt l-istudju tas-suq tagħha, li jsemmu konverġenza f'ċerti aspetti bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni (punt 74 ta' din id-deċiżjoni), iżda hija kkonstatat ukoll li "numru sinjifikattiv" tar-risposti kienu enfasizzaw li dan ir-reklamar kien jifforma swieq differenti (punti 71 u 72 ta' din l-istess deċiżjoni). Fl-aħħar nett, fid-deċiżjoni SevenOne Media JV, il-Kummissjoni sempliċement irrimarkat li l-partijiet notifikanti kienu esprimew l-opinjoni li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni kienu qegħdin joqorbu lejn xulxin f'termini ta' kapaċitajiet ta' mira (punt 30 tal-imsemmija deċiżjoni) u li l-istudju tas-suq kien issuġġerixxa li seta' jkun hemm konverġenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' reklamar (punt 31 ta' din id-deċiżjoni).

303 Hemm lok li jingħad ukoll, f'dan ir-rigward, li l-fatt li l-Kummissjoni rrilevat, f'ċerti deċiżjonijiet, li l-impriżi kienu semmew konverġenza bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni bl-ebda mod ma jfisser li hija kkonkludiet, hija stess, li dak ir-reklamar kien sostitwibbli, kuntrarjament għal dak li tagħti x'tifhem Google. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni eżaminat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-punti potenzjali ta' konverġenza bejn iż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni li tqajmu fid-deċiżjonijiet preċedenti, bħall-kwistjoni tal-kapaċitajiet ta' mira tagħhom, sabiex xorta tasal għall-konklużjoni li ma kinux jagħmlu parti mill-istess suq.

304 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma għandhiex bażi sabiex tikkontesta l-fondatezza tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar is-sostitwibbiltà taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni abbażi tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonjiet li għalih tagħmel riferiment.

i) Konklużjoni fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv

305 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argumenti ta' Google ma jwasslux sabiex jikkontestaw l-eżattezza, l-affidabbiltà u l-koerenza tal-provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha fl-evalwazzjoni globali tagħha tas-sostitwibbiltà tar-reklamar tat-tiftix online u r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, u lanqas sabiex turi li din tal-aħħar naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni elementi rilevanti għal dan il-għan. Konsegwentament, Google ma turix li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni ma kinux sostitwibbli.

306 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li l-ewwel parti tal-ewwel motiv jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq is-sostitwibbiltà tal-bejgħ tar-reklami online permezz ta' intermedjazzjoni u l-bejgħ ta' tali reklamar direttament mill-pubblikaturi

307 Kif ġie rrilevat fil-punt 27 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ddefinixxiet, fil-premessi 184 sa 200 tad-deċiżjoni kkontestata, tieni suq tal-prodotti rilevanti, jiġifieri dak tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, deskritt fil-punt 35 iktar 'il fuq.

308 Fl-analiżi tagħha li fuqha hija bbażata d-definizzjoni tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessi 186 sa 193 tad-deċiżjoni kkontestata, li kien hemm sostitwibbiltà limitata bejn il-bejgħ ta' reklamar online permezz ta' intermedjazzjoni u l-bejgħ ta' reklamar online magħmul direttament mill-pubblikaturi (iktar 'il quddiem iż-"żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni"). L-ewwel nett, il-Kummissjoni ġġustifikat din il-konklużjoni billi spjegat li l-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni ma kienx jinvolvi spejjeż sinjifikattivi għall-pubblikaturi, kuntrarjament għall-bejgħ dirett minn dawn tal-aħħar. It-tieni nett, il-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni kien jippermetti b'mod iktar faċli li ġġib flimkien numru kbir ta' persuni li jirreklamaw, li huwa indispensabbli għar-reklamar online, u huwa għalhekk li l-pubblikaturi kollha li jbiegħu reklamar b'mod dirett jużaw ukoll il-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. It-tielet nett, il-Kummissjoni sussegwentament eżaminat l-argumenti ta' Google dwar l-imġiba ta' ċerti msieħba diretti, fosthom [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], u ta' pubblikaturi oħra, fosthom [*kunfidenzjali*], kif ukoll dwar id-deċizjoni preċedenti fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, u qieset li dawn ma kinux jippermettu li tiġi kkonstestata d-distinzjoni magħmula bejn iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni (premessi 189 sa 193 tad-deċiżjoni kkontestata). Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessi 194 sa 200 tal-imsemmija deċiżjoni, li kien hemm sostitwibbiltà limitata bejn is-servizzi ta' intermedjazzjoni għar-reklamar tat-tiftix online u dawk għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online.

309 Google tikkontesta biss l-ewwel parti ta' din id-definizzjoni tas-suq, filwaqt li ssostni li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li ż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni ma kinux sostitwibbli.

310 Fl-ewwel lok, Google tqis li l-allegata assenza ta' sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni ma ġietx murija mill-perspettiva tal-pubblikaturi. L-ewwel nett, hija tiddikjara li l-Kummissjoni ma sostnietx b'mod suffiċjenti l-konstatazzjonijiet tagħha li, minn naħa, il-bejgħ dirett kien jinvolvi spejjeż ta' tranżazzjoni ogħla għall-pubblikaturi mill-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni kien jippermetti li tinġabar b'mod iktar faċli bażi sinjifikattiva ta' persuni li jirreklamaw. It-tieni nett, dawn iż-żewġ

allegati differenzi ta' karatteristiċi bejn iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li ma kienx hemm sostitwibbiltà mingħajr ma tkun saret analiżi "reali" ta' sostitwibbiltà. It-tielet nett, il-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li l-provi li kienu juru li l-pubblikaturi kienu jużaw iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni ma kinux suffiċjenti sabiex juru li ma kinux sostitwibbli.

311 Fit-tieni lok, Google tirrileva li l-Kummissjoni ċaħdet, b'mod żbaljat, il-provi li jikkonċernaw is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw.

312 Fit-tielet lok, Google tqis li l-Kummissjoni qieset, b'mod żbaljat, bħala irrilevanti d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 6063 finali tal-4 ta' Settembru 2012, li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim ŻEE (Każ COMP/M.6314 – Telefónica UK/Vodafone UK/Everything Everywhere/JV) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Telefónica UK").

313 Surfboard targumenta li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni provi ppreżentati minn Google li kienu juru s-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni.

a) Fuq is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-pubblikaturi

1) Fuq l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-pubblikaturi

314 Fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-pubblikaturi li jipproċedu bil-bejgħ dirett ta' reklamar online kienu ogħla minn dawk relatati mal-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. Fil-fatt, sabiex jinbiegħ reklamar online direttament, il-pubblikaturi kienu mitluba jagħmlu investimenti kunsiderevoli f'termini ta' ħin, ta' flus u ta' persunal, filwaqt li l-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni kien jiġġeneralhom spejjeż ta' tranżazzjoni żgħar, jekk mhux ineżistenti.

315 Google tikkontesta l-fondatezza ta' din l-analiżi. L-ewwel nett, hija tiddikjara li l-osservazzjonijiet tal-impriżi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni, fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata, la kienu konklużivi u lanqas affidabbli. It-tieni nett, il-Kummissjoni allegatament injorat il-forza probatorja ta' elementi oħra li jindikaw li l-ispejjeż ta' tranżazzjoni tal-bejgħ dirett huma inqas minn dak ta' bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. It-tielet nett, Google tirrileva li l-ħlas mogħti lill-intermedjarji mill-pubblikaturi, taħt il-forma ta' qsim ta' dħul li ġej mill-persuni li jirreklamaw, jinnewtralizza kwalunkwe differenza fil-prezz għall-pubblikaturi.

316 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

317 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li jikkritika l-valur probatorju tar-risposti tal-pubblikaturi, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 193 inkluża fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba l-fatt li d-domandi magħmula lilhom ma talbuhomx jipparagunaw l-ispejjeż "b'mod utli", hemm lok li jitfakkar li l-Kummissjoni rreferiet, fl-imsemmija nota ta' qiegħ il-paġna, għar-risposti ta' ħames pubblikaturi għal domandi li jinsabu fit-talbiet tagħha għal informazzjoni.

318 Google ma tagħmel l-ebda argument li jikkritika l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni ta' dawn il-ħames risposti, iżda tikkritika l-kontenut tad-domandi magħmula lil tlieta mill-ħames pubblikaturi, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], fit-talba għal informazzjoni

tat-22 ta' Diċembru 2010. Skont Google, dawn id-domandi ma jippermettux li jkun hemm paragun utli bejn l-ispejjeż sostnuti mill-bejgħ dirett u dawk sostnuti mill-bejgħ permezz ta' intermedjarju, għaliex huma kienu intiżi biss sabiex jiksbu, mingħand il-pubblikaturi, b'mod separat, l-ispejjeż medji tagħhom, minn naħwa waħda għall-bejgħ dirett u, min-naħa l-oħra, għall-bejgħ permezz ta' intermedjarju, mingħajr ma jipparagunaw dawn l-ispejjeż.

319 Fir-rigward tad-domandi magħmula mill-Kummissjoni lit-tliet pubblikaturi msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li, kif tindika Google fil-punt 63 tar-rikors, l-imsemmija pubblikaturi ġew mistiedna jispjegaw l-ispejjeż medji li kienu sostnew fuq bażi annwali matul l-aħħar sitt snin (mill-2005 sal-2010) għal, minn naħa, il-bejgħ dirett ta' spazju ta' reklamar u, min-naħa l-oħra, il-bejgħ ta' spazju ta' reklamar permezz ta' intermedjarju. Dan kien jinvolvi għalhekk domandi dwar statistika li jirrigwardaw il-medja tal-ispejjeż sostnuti miż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni matul l-istess perijodu. Il-Kummissjoni setgħet għalhekk, bħala regola, tikkompara l-medja tal-ispejjeż ipprovduti minn dawn il-pubblikaturi. Madankollu, Google ma tagħmel l-ebda argument sostnut li jispjega r-raġuni għaliex id-domandi magħmula ma kinux adegwati sabiex tinkiseb informazzjoni li setgħet issostni l-konstatazzjoni li tinsab fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata li l-bejgħ dirett ta' reklamar online kien jinvolvu spejjeż ogħla għall-pubblikaturi mill-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. Barra minn hekk, hija ma sostnix li domanda oħra kienet twassal għal konklużjoni differenti minn dik li l-Kummissjoni siltet mill-ispejjeż ta' tranżazzjoni.

320 Minn dan jirriżulta li l-eżattezza, l-affidabbiltà u l-koerenza tar-risposti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 193 ma humiex ikkontestati.

321 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li l-ħlas mogħti lill-intermedjarji jinnewtralizza kwalunkwe differenza fil-prezz għall-pubblikaturi, xejn ma jindika li l-ħlas inkwistjoni ma kienx jagħmel parti mill-ispejjeż subiti minn dawn tal-aħħar, kif kellu jkun, u għalhekk ma kienx inkluż fil-medji tal-ispejjeż ikkalkolati mill-pubblikaturi fir-risposti tagħhom għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni, imsemmija fil-punti 318 sa 320 iktar 'il fuq.

322 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument ta' Google li l-Kummissjoni allegatament injorat il-provi li juru li l-ispejjeż, għall-pubblikaturi, tal-bejgħ dirett ma kinux ogħla minn dawk ta' bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni, Google tirreferi biss, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, għar-risposta ta' [*kunfidenzjali*] għat-talba għal informazzjoni ta' Diċembru 2010. Din ir-risposta, li estratt minnha jinsab fl-Anness A.32 tar-rikors, tindika li l-ispejjeż ta' tranżazzjoni ta' [*kunfidenzjali*] għall-bejgħ dirett kienu inqas minn dawk għall-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. Minkejja li l-Kummissjoni tispjega, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li [*kunfidenzjali*] ma kienx pubblikatur tipiku, peress li kien żviluppa s-servizzi tiegħu stess ta' reklamar tat-tiftix online ([*kunfidenzjali*]), u kien uża l-AFS għar-reklamar relatat ma' dan it-tiftix, xorta kien eżempju ta' pubblikatur li kien iqis li l-bejgħ dirett kien jimplika inqas spejjeż sostanzjali minn dawk ta' bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni.

323 Madankollu, dan l-element biss ma jistax jikkontesta l-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata fuq l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-pubblikaturi. Din il-konstatazzjoni ġiet sostnuta mir-risposti ta' ħames pubblikaturi għat-talbiet għal informazzjoni, li ma ġewx ikkontestati validament minn Google, u, skont l-argumenti tal-Kummissjoni, hija wkoll koerenti fir-rigward tal-ispjegazzjonijiet mogħtija fil-premessi 150 sa 154 u 195 sa 197 tad-deċiżjoni kkontestata, mhux ikkontestati minn Google, fuq l-investimenti sinjifikattivi neċessarji sabiex jingħataw servizzi ta' reklamar tat-tiftix online.

324 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-premessa 187 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-bejgħ ta' spazju tar-reklamar kienu inqas għall-pubblikaturi li jużaw intermedjarju, meta mqabbla ma' dawk li jipproċedu b'bejgħ dirett.

2) Fuq l-indikatur relatat mal-aċċess għal bażi suffiċjenti ta' persuni li jirreklamaw

325 Fil-premessa 188 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li r-reklami online kellhom bżonn l-eżistenza ta' bażi kbira ta' persuni li jirreklamaw u li l-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni kien jippermetti lill-pubblikaturi jaċċessaw iktar faċilment tali bażi meta mqabbla mal-bejgħ dirett ta' reklami online.

326 Google targumenta li l-Kummissjoni ma urietx li l-pubblikaturi stess ma setgħux jiġbru bażi suffiċjenti ta' persuni li jirreklamaw sabiex ibiegħu r-reklamar online direttament lil dawn tal-aħħar. Għal dan il-għan, hija tikkritika l-interpretazzjoni li saret tar-risposta ta' [*kunfidenzjali*] għat-talba għal informazzjoni tas-16 ta' Settembru 2011 u ssostni li l-pubblikaturi jistgħu jibbenefikaw minn bażi ta' persuni li jirreklamaw suffiċjentament sinjifikattiva sabiex iwettqu l-bejgħ dirett ta' reklamar, kif juru l-pubblikaturi bħal [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*].

327 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

328 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fost il-provi msemmija fil-premessa 188 tad-deċiżjoni kkontestata, Google tikkritika biss l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tar-risposta ta' [*kunfidenzjali*]. Hija ma tagħmel għalhekk l-ebda argument li jikkontesta l-eżattezza, l-affidabbiltà u l-koerenza tar-risposti ta' disa' pubblikaturi għat-talbiet għal informazzjoni li l-Kummissjoni rreferiet għalihom fin-nota ta' qiegħ il-paġna 195 sabiex tissostanzja l-konklużjoni tagħha dwar il-bażi ta' persuni li jirreklamaw aċċessibbli permezz tal-bejgħ ta' reklamar permezz ta' intermedjazzjoni.

329 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-informazzjoni mogħija mill-[*kunfidenzjali*], ippreżentata fl-Anness B.8 tar-risposta, għandu jiġi rrilevat li dan spjega, bħala risposta għad-domanda 3, li l-maġġoranza l-kbira tal-pubblikaturi li rrispondew għall-istħarriġ kienu jużaw intermedjarju għall-bejgħ ta' spazji ta' reklamar u li l-pubblikaturi li rrispondew, ħlief wieħed li wera r-reklamar mhux relatat mat-tiftix online, kienu indikaw li ma kienx fattibbli għalihom li jbiegħu direttament l-ispazji tar-reklamar lill-persuni li jirreklamaw, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' profittabbiltà, tal-volum żgħir ta' paġni ta' tiftix u tal-ispejjeż tal-investimenti neċessarji. Din ir-risposta turi għalhekk il-preferenza qawwija tal-pubblikaturi, skont l-istħarriġ ta' [*kunfidenzjali*], għall-bejgħ ta' reklamar permezz ta' intermedjazzjoni iktar milli bejgħ dirett.

330 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument ta' Google bbażat fuq eżempji ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], li jwettqu bejgħ dirett, hemm lok li jiġi osservat li dawn iż-żewġ eżempji ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li l-bejgħ dirett joffri lill-pubblikaturi, ġeneralment, l-istess daqs ta' bażi ta' persuni li jirreklamaw bħall-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni. Issa, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dan il-fattur huwa partikolarment importanti għar-reklamar tat-tiftix online, peress li r-rata ta' klikks, u għalhekk ta' remunerazzjoni tal-pubblikaturi, tiddependi mir-rilevanza tar-reklamar li għandu relazzjoni mat-tiftix tal-utent. Iktar ma jkun għoli n-numru ta' persuni li jirreklamaw, iktar ir-reklamar ikun jista' jissodisfa l-interess tal-utent espress permezz tat-tiftix tiegħu. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ eżempji ta' pubblikaturi li jwettqu bejgħ dirett ma għandhomx jikkontrobilanċjaw ir-risposti ta' disa' pubblikaturi msemmija mill-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 195 tad-deċiżjoni

kkontestata, li indikaw li l-bażi ta' persuni li jirreklamaw li saret aċċessibbli permezz tal-intermedjazzjoni kienet ogħla minn dik mogħtija permezz tal-bejgħ dirett u li dan kien fattur importanti għall-pubblikaturi.

331 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-premessa 188 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-pubblikaturi seta' jkollhom faċilment bażi suffiċjentament kbira ta' persuni li jirreklamaw billi jużaw il-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni għar-reklamar online minflok jipproċedu permezz ta' bejgħ dirett.

3) Fuq l-assenza ta' analiżi "vera" tas-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni

332 Google tallega li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-provi relatati mal-ispejjeż ta' tranżazzjoni u l-bażi aċċessibbli ta' persuni li jirreklamaw sabiex jiġi konkluż li ż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni ma kinux sostitwibbli mill-perspettiva tal-pubblikaturi mingħajr ma tkun wettqet analiżi "vera" tas-sostitwibbiltà. Waqt is-seduta Google spjegat li hija qieset li l-Kummissjoni kellha twettaq test SSNIP.

333 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

334 Għandu jiġi eżaminat qabelxejn l-argument tal-Kummissjoni fir-risposta tagħha li hija wettqet analiżi relatata mal-prezzijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-fatt li hija għamlet id-domanda lill-pubblikaturi, fit-talbiet tagħha għal informazzjoni tas-26 ta' Lulju 2013 u tat-18 ta' Marzu 2016, jiġifieri jekk dawn tal-aħħar kinux jissostitwixxu l-bejgħ kollha ta' reklamar tat-tiftix online permezz ta' intermedjazzjoni, jew parti minnu, b'bejgħ dirett ta' tali reklamar f'każ ta' żieda fil-prezz sinjifikattiva u mhux tranżitorja minn 5 sa 10 % tas-servizzi ta' intermedjazzjoni. L-Annessi B.6 u B.7 tar-risposta jinkludu effettivament ir-risposti ta' tnax-il pubblikatur għal din id-domanda. Il-Kummissjoni żżid, filwaqt li tirreferi għall-premessi 187 u 188 u għan-noti ta' qiegħ il-paġna 193 u 195 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-pubblikaturi kollha li rrispondew għal din id-domanda kienu indikaw li ma kienx probabbli li jipproċedu b'tali trasferiment.

335 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li d-deċiżjoni kkontestata ma fiha l-ebda riferiment għal din l-analiżi.

336 Fil-fatt, minkejja li l-Kummissjoni semmiet, fin-noti ta' qiegħ il-paġna 193 u 195, ċerti risposti tal-pubblikaturi għad-domanda indikata fil-punt 334 iktar 'il fuq u magħmula fit-talbiet għal informazzjoni, dawn ir-risposti ma jidhrux fid-deċiżjoni kkontestata sabiex jiddeskrivu r-riżultati ta' analiżi relatata mal-prezzijiet, iżda esklużivament sabiex jiġġustifikaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-ispejjeż ta' tranżazzjoni (risposti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 193 inkluża fil-premessa 187) u fuq il-bażi aċċessibbli ta' persuni li jirreklamaw (risposti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 195 inkluża fil-premessa 188).

337 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tikkompleta l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata matul il-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2021, Oltchim vs Il-Kummissjoni, T-565/19, EU:T:2021:904, punt 275 u l-ġurisprudenza ċċitata).

338 Madankollu, l-assenza ta' tali analiżi fid-deċiżjoni kkontestata ma tistax tinvalida d-definizzjoni tas-suq rilevanti mwettqa mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-pubblikaturi.

339 L-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li t-twettiq ta' test SSNIP ma huwiex mandatorju għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq, kif ġie spjegat fil-punti 155 sa 161 iktar 'il fuq.

340 It-tieni nett, Google ma tagħmel l-ebda argument fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha fejn tallega li tali test kien ser iwassal għal konklużjoni differenti minn dik li l-Kummissjoni siltet fid-deċiżjoni kkontestata. Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni bbażat ruħha, sabiex tiddefinixxi s-suq inkwistjoni, fuq sensiela ta' indizji relatati mal-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-pubblikaturi u mal-bażi aċċessibbli ta' persuni li jirreklamaw għall-pubblikaturi, li l-fondatezza u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-analiżi tas-sostitwibbiltà ma ġewx ikkontestati mill-argumenti ta' Google, kif ġie konkluż fil-punti 314 sa 331 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, l-analiżi tagħha li fuqha hija bbażata d-definizzjoni tas-suq għall-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kienet ukoll ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet li ma ġewx ikkontestati minn Google, bħall-assenza ta' sostitwibbiltà tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u l-intermedjazzjoni għar-reklamar mhux relatat mat-tiftix online. Fil-preżenza ta' dawn l-elementi rilevanti u konkordanti, is-sempliċi fatt l-Kummissjoni ma wettqitx test SSNIP għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni ma jurix li l-evalwazzjoni globali tagħha f'dan ir-rigward hija żbaljata.

341 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tad-definizzjoni tas-suq kienet żbaljata sempliċement minħabba r-raġuni li hija ma wettqitx test SSNIP.

4) Fuq il-pubblikaturi li jużaw iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni

342 Fil-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-ritratti tal-iskrin tas-sit internet ta' [*kunfidenzjali*] u r-risposti ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], dwar l-allegata sostituzzjoni minn dawn il-pubblikaturi taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni, ma kinux juru s-sostitwibbiltà ta' dawn il-kanali.

343 Google, sostnuta minn Surfboard, issostni li l-Kummissjoni injorat, b'mod żbaljat, provi li juru li l-pubblikaturi kienu juru reklami online kemm permezz ta' relazzjoni diretta mal-persuni li jirreklamaw kif ukoll permezz tal-intermedjazzjoni. Google tiċċita, għal dan il-għan, l-eżempji ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*] li juru s-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni.

344 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

345 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li Google ma tikkontestax l-analiżi tal-Kummissjoni, li tinsab fil-punt 2 tal-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata, tar-risposti ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], liema analiżi tgħid li dawn ir-risposti ma jurux is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni.

346 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżempju ta' [*kunfidenzjali*], Google tippreżenta fl-Anness A.16 tar-rikors, fl-immaġnijiet 6 u 7, żewġ ritratti tal-iskrin ta' paġni internet wara tiftix fuq [*kunfidenzjali*], li ġew eżaminati fil-punt 1 tal-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata. Google tispjega li, filwaqt li l-istampa nru 6 turi reklamar tat-tiftix online ġġenerat permezz tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' Google, l-istampa nru 7 tirreferi għal reklamar ta' [*kunfidenzjali*] (house ad) mibjugħ direttament minnha.

347 Dwar dan is-suġġett għandu jiġi osservat li l-fatt li [*kunfidenzjali*] tuża ż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni sabiex tbigħ spazji ta' reklamar mhux neċessarjament juri li dawn il-kanali huma sostitwibbli. Dan ċertament huwa prova li l-istess pubblikatur jista' jagħżel li juri r-reklamar tiegħu stess fuq paġni tas-sit internet tiegħu u juri reklamar tat-tiftix online mibjugħ permezz ta' intermedjazzjoni fuq paġna oħra. Madankollu, skont l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni fil-paragrafu 1 tal-punt 1 tal-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata, din l-għażla tista' ssir skont il-possibilitajiet ta' valorizzazzjoni tal-kliem prinċipali użati fit-talbiet għal tiftix. F'dan il-każ, is-sempliċi fatt li pubblikatur ibiegħ ir-reklamar kemm direttament u permezz ta' intermedjazzjoni ma jurix li ż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni huma interkambjabbli jew sostitwibbli minħabba l-karatteristiċi tagħhom, il-prezz tagħhom u l-użu li huma intiżi għalih fis-sens tal-ġurisprudenza u tal-Avviż dwar id-definizzjoni tas-suq iċċitati fil-punti 125 u 126 iktar 'il fuq.

348 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-eżempju ta' [*kunfidenzjali*], Google tippreżenta, fl-Anness A.22 tar-rikors, ritratt tal-iskrin wara talba għal tiftix fuq is-sit internet [*kunfidenzjali*] li juri l-wiri ta' reklamar mibjugħ direttament minn [*kunfidenzjali*] 'il fuq mir-riżultati tat-tiftix u tar-reklamar tat-tiftix online iġġenerati permezz tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' Google taħt l-imsemmija riżultati.

349 Madankollu, hemm lok li jiġi osservat li dan ir-ritratt tal-iskrin ma ġiex eżaminat fl-analiżi tad-definizzjoni tas-suq rilevanti mwettqa fid-deċiżjoni kkontestata u li fil-fajl ma hemm l-ebda element li juri li Google ppreżentatu lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva. Għalhekk, Google ma għandhiex tikkritika lill-Kummissjoni talli injorat dan l-eżempju, kuntrarjament għad-dikjarazzjoni tagħha fir-rikors. Barra minn hekk, skont l-argumenti tal-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dan ir-ritratt tal-iskrin, li juri reklamar mibjugħ permezz ta' kanali ta' bejgħ differenti fuq l-istess paġna internet, għandhom tendenza li juru l-kumplimentarjetà bejn iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni iktar milli s-sostitwibbiltà tagħhom. F'dan is-sens, l-eżempju ta' [*kunfidenzjali*] huwa konformi mal-imġiba tal-pubblikaturi deskritta fil-premessi 188, 190, 191 u fil-punt 2 tal-premessa 192 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn il-premessi, il-Kummissjoni rrilevat li diversi pubblikaturi, bħal membri tal-[*kunfidenzjali*] u ċerti msieħba diretti ta' Google, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], u [*kunfidenzjali*], kienu jbiegħu direttament spazji ta' reklamar, iżda kienu użaw ukoll b'mod sistematiku bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni fid-dawl, essenzjalment, ta' vantaġġi li dan l-aħħar kanal ta' bejgħ kien jagħti. Tali mġiba tista' turi kumplimentarjetà bejn iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni iktar milli sostitwibbiltà bejniethom.

350 Fi kwalunkwe każ, anki jekk l-eżempji ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*] kienu magħmula minn indizji tal-eżistenza ta' sostitwibbiltà tal-bejgħ ta' reklami online permezz ta' intermedjazzjoni u tal-bejgħ dirett mill-pubblikaturi, li ma ġietx ipprovata, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-elementi ma humiex suffiċjenti sabiex jikkontrobilanċjaw il-provi ppreżentati fil-premessi 187 u 188 tad-deċiżjoni kkontestata li jindikaw li l-pubblikaturi, ġeneralment, ma jqisux iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni bħala sostitwibbli minħabba spejjeż ta' tranżazzjoni sinjifikatament inqas għolja tal-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni u tal-aċċess iktar faċli għal bażi kbira ta' persuni li jirreklamaw li toffri l-intermedjazzjoni meta mqabbla mal-bejgħ dirett.

351 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat, fil-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata, eżempji ta' pubblikaturi li jużaw iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni fl-analiżi tagħha tas-sostitwibbiltà ta' dawn il-kanali ta' bejgħ.

b) Fuq is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw

352 Fil-premessa 192 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li l-eżempji msemmija minn Google, ta' pubblikaturi li żviluppaw kapaċitajiet avvanzati ta' mira tal-utent, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], ma jagħtu l-ebda indizju dwar is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni.

353 Google ssostni li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat dawn il-provi, li kienu juru s-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw. Fil-fatt, il-pubblikaturi kienu kapaċi juru reklamar mibjugħ direttament b'mod effikaċi ferm fid-dawl tal-fatt li uħud fosthom jistgħu jiġbru data fuq l-utenti (bħal [*kunfidenzjali*]), b'mod partikolari permezz tar-reġistrazzjoni tal-utenti u l-użu ta' cookies (bħal [*kunfidenzjali*]), u jiffukaw fuq l-utenti li diġà jkunu żaru sit internet (bħal [*kunfidenzjali*]).

354 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

355 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-eżempji ppreżentati minn Google jenfasizzaw il-kapaċitajiet ta' mira tal-utenti offruti mir-reklamar mhux relatat mat-tiftix online fuq is-siti internet ta' ċerti pubblikaturi. Minkejja li dawn l-elementi jistgħu juru li dawn il-pubblikaturi jistgħu jbiegħu direttament lill-persuni li jirreklamaw spazji ta' reklamar attraenti, Google ma tispjegax kif dan il-fatt biss jista' juri li l-persuni li jirreklamaw iqisu t-tqegħid tar-reklamar online direttament mal-pubblikaturi bħala sostitwibbli għat-tqegħid ta' tali reklamar permezz ta' intermedjarju, pereżempju Google u s-servizz AFS tagħha fir-rigward tar-reklamar tat-tiftix online.

356 Barra minn hekk, Google ma tikkritikax l-osservazzjoni tal-Kummissjoni, fil-paragrafu 2 tal-premessa 192 tad-deċiżjoni kkontestata, li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu komplew jużaw is-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' Google għar-reklamar tat-tiftix online, minkejja l-iżvilupp tal-għodda proprja tagħhom sabiex jiffukaw aħjar fuq ir-reklamar li jippromwovi l-prodotti proprji tagħhom. Din il-konstatazzjoni tissuġġerixxi li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu jqisu li l-għodda tagħhom ma setgħux jissostitwixxu l-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni.

357 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat l-eżempji tagħha fil-premessa 192 tad-deċiżjoni kkontestata.

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni Telefónica UK

358 Fil-premessa 193 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat li d-deċiżjoni Telefónica UK ma kinitx issostni l-argumenti ta' Google, peress li, f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ħalliet miftuħa l-kwistjoni dwar jekk ir-restrizzjoni eżerċitata mill-bejgħ dirett ta' reklamar fuq telefon mobbli fuq il-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni ta' dan ir-reklamar kinitx tiġġustifika tkabbir tas-suq inkwistjoni.

359 Google ssostni li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat il-konklużjoni tagħha fid-deċiżjoni Telefónica UK li l-bejgħ dirett ta' reklamar fuq telefon mobbli kien jirrestrinġi, b'mod sinjifikattiv, il-bejgħ ta' reklamar fuq telefon mobbli permezz ta' intermedjazzjoni.

360 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

361 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif diġà ġie rrilevat fil-punti 238 u 300 iktar 'il fuq, li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta b'evalwazzjonijiet relatati mas-swieq rilevanti mwettqa f'deċiżjonijiet preċedenti tagħha.

362 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ħalliet miftuħa, fid-deċiżjoni Telefónica UK, il-kwistjoni tas-segmentazzjoni tas-suq għall-bejgħ ta' spazji ta' reklamar fuq telefon mobbli bejn il-bejgħ direct u l-bejgħ permezz ta' intermedjazzjoni, skont il-konstatazzjoni li tinsab fil-premessa 193 tad-deċiżjoni kkontestata. Hija indikat espressament li l-istudju tas-suq tagħha ma kienx jippermetti li tinsilet konklużjoni ċara fuq din il-kwistjoni.

363 Barra minn hekk, Google ma tispjegax, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, għaliex l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, fid-deċiżjoni Telefónica UK, dwar is-sostitwibbiltà eventwali tal-kanali ta' bejgħ għall-ispazji ta' reklamar fuq telefon mobbli, kienu rilevanti fil-qafas tal-analiżi, fid-deċiżjoni kkontestata, tas-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni, li jirrigwardaw ir-reklamar online.

364 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma turix li l-Kummissjoni kkommettiet żball fil-premessa 193 tad-deċiżjoni kkontestata, billi qieset li d-deċiżjoni Telefónica UK ma kinitx issostni l-argument tagħha.

d) Konklużjoni fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv

365 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argumenti ta' Google ma jwasslux sabiex jikkontestaw l-eżattezza, l-affidabbiltà u l-koerenza tal-provi li bbażat ruħha fuqhom il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni globali tagħha tas-sostitwibbiltà tal-bejgħ ta' reklamar online permezz ta' intermedjazzjoni u tal-bejgħ ta' reklamar online magħmul direttament mill-pubblikaturi, u lanqas uriet li din tal-aħħar naqset milli tieħu inkusiderazzjoni elementi rilevanti għal dan il-għan. Konsegwentament, Google ma turix li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li kien hemm grad limitat ta' sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni.

366 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li tiġi miċħuda t-tieni parti tal-ewwel motiv ta' Google.

3. Konklużjoni fuq l-ewwel motiv

367 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Google ma urietx li d-definizzjoni tas-swieq rilevanti mwettqa mill-Kummissjoni kienet żbaljata.

368 Konsegwentament, l-argument ta' Google, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, huwa wkoll infondat inkwantu dan l-argument huwa bbażat biss fuq id-definizzjoni allegatament żbaljata ta' dan is-suq. L-argumenti ta' Google ma jippermettux għalhekk li tiġi kkontestata l-konklużjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 274 tad-deċiżjoni kkontestata, li Google kellha pożizzjoni dominanti mill-2006 sal-2016 fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE.

369 Konsegwentament, hemm lok li l-ewwel motiv ta' Google jiġi miċħud bħala infondat.

C. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti

370 Permezz tat-tieni motiv tagħha, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. Dan il-motiv huwa magħmul minn tliet partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq il-fatt li l-imsemmija klawżola ma tikkostitwixxix obbligu ta' provvista esklużiva fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), it-tieni, fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tanalizza l-effetti ta' din il-klawżola u, it-tielet, fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li l-klawżola inkwistjoni kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

371 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar li, fil-mudell tal-FSG ta' qabel ix-xahar ta' Marzu 2009, il-klawżola ta' esklużività kienet redatta kif ġej:

"Għal kull Ftehim il-Klijent jaċċetta li matul it-Terminu tas-Servizzi applikabbli l-Klijent ma jistax jimplimenta fuq is-Sit inkwistjoni jew jagħti aċċess permezz tal-Application Client inkwistjoni (jekk ikun hemm) [lil] ebda servizz li huwa identiku jew sostanzjalment simili għal wieħed mis-Servizzi li huma pprovduti minn Google bis-saħħa tal-Ftehim jew li huma b'xi mod ieħor direttament f'kompetizzjoni ma' tali Servizzi."

1. Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażati, rispettivament, fuq il-fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma tikkostitwixxix obbligu ta' provvista esklużiva fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), u fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha obbligu li tanalizza l-effetti ta' din il-klawżola

372 Minn naħa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni fakkret fil-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), li tipprovdi li, "impriża li tinsab f'pożizzjoni dominanti fis-suq torbot – anki jekk fuq talba tagħhom – numru ta' xerrejja b'obbligu jew wegħda li jiksbu l-bżonnijiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli minnhom esklużivament mingħand l-imsemmija impriża u dan jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti skont l-Artikolu [102 TFUE]" (ara l-punt 89 tal-imsemmija sentenza).

373 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kkonstatat li l-klawżola ta' esklużività kienet tikkostitwixxi, f'dan il-każ, obbligu ta' provvista esklużiva peress li kienet tobbliga lill-imsieħba diretti tas-siti kollha jiksbu l-bżonnijiet kollha tagħhom, jew parti kunsiderevoli minnhom, f'servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online mingħand Google. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, qabelxejn, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi ma' dawn l-imsieħba diretti kienet tapplika "ġeneralment" għas-siti internet tagħhom kollha li juru reklamar tat-tiftix online, sussegwentament, li dawn l-imsieħba diretti ma setgħux jidderogaw minn din il-klawżola qabel it-tmiem tal-FSG tagħhom u, fl-aħħar nett, li l-FSG konklużi ma' [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu jobbligaw lil dawn tal-aħħar jissuġġettaw is-siti internet tagħhom kollha li juru tali reklamar għall-imsemmija klawżola.

374 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni qieset, prinċipalment, li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE, mingħajr il-ħtieġa li tivverifika jekk din il-klawżola kellhiex il-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

375 Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li hija ma kellhiex bżonn tivverifika li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li dawn l-imsieħba diretti kienu suġġetti għal obbligu ta' provvista esklużiva li kien jikser l-Artikolu 102 TFUE skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36). Barra minn hekk, hija ssostni li l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632), jirrikjedu li l-Kummissjoni teżamina l-effetti tal-imsemmija klawżola sabiex jiġi stabbilit jekk din kinitx tikkostitwixxi ksur ta' din id-dispożizzjoni.

376 Surfboard tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li hija kienet suġġetta għal obbligu ta' provvista esklużiva.

377 Il-Kummissjoni ssostni li, meta l-FSG ġie konkluż, il-klawżola ta' esklużività li kienet fih kienet tapplika għall-perijodu kollu ta' dan il-FSG. Konsegwentament, imsieħeb dirett li inkluda s-siti internet tiegħu kollha fil-FSG tiegħu kien obbligat, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-FSG, li jikseb, esklużivament mingħand Google, il-bżonnijiet kollha tiegħu f'servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, u dan jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36).

378 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632), tikkjarifika l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), biss f'dak li jirrigwarda l-obbligi esklużivi ta' provvista imposti minn impriża dominanti bħala korrispettiv ta' tnaqqis jew ta' pagament, li ma huwiex il-każ f'dan il-każ.

379 Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt irrikonoxxiet, fis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36, punt 89), li l-klawżoli li permezz tagħhom partijiet kontraenti impenjaw ruħhom li jiksbu l-provvisti tagħhom għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom mingħand impriża f'pożizzjoni dominanti, anki jekk mhux akkumpanjati bi tnaqqis, kienu jikkostitwixxu, min-natura tagħhom, sfruttament ta' pożizzjoni dominanti u li l-istess japplika għat-tnaqqis għal lealtà mogħti minn tali impriża (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 46).

380 Madankollu, fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 138), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq fil-każ fejn impriża f'pożizzjoni dominanti ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, billi tipproduċi provi insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 47).

381 Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, f'din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni għandha mhux biss tanalizza, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-suq rilevanti u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-għoti tat-tnaqqis inkwistjoni, it-tul tiegħu u l-ammont tiegħu, iżda hija obbligata wkoll tevalwa l-eventwali eżistenza ta' strateġija intiża sabiex teskludi l-kompetituri tal-inqas effettivi daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti (sentenzi tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 139, u tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 48).

382 Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, fit-tieni lok, li l-analiżi tal-kapaċità ta' esklużjoni hija rilevanti wkoll għall-evalwazzjoni tal-punt dwar jekk skema ta' tnaqqis li, bħala regola taqa' taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, tistax tkun oġġettivament iġġustifikata. Barra minn hekk, l-effett ta' esklużjoni li jirriżulta minn sistema ta' tnaqqis, żvantaġġjuża għall-kompetizzjoni, jista' jiġi kkumpensat, jew anki maqbuż, permezz tal-vantaġġi f'dak li jirrigwarda l-effettività li jagħtu benefiċċju wkoll lill-konsumatur. Issa, tali bbilanċjar tal-effetti, favorevoli u sfavorevoli għall-kompetizzjoni, tal-prattika kkontestata, jista' jsir biss wara analiżi tal-kapaċità ta' esklużjoni tal-kompetituri li huma tal-inqas effettivi daqs l-impriża f'pożizzjoni dominanti, inerenti għall-prattika inkwistjoni (sentenzi tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 140, u tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 49).

383 Huwa minnu li, billi pprovdiet din it-tieni preċiżazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet biss l-iskemi ta' tnaqqis. Madankollu, peress li kemm il-prattiki ta' tnaqqis kif ukoll il-klawżoli ta' esklużività jistgħu jkunu oġġettivament iġġustifikati jew l-iżvantaġġi li jiġġeneraw jiġu kkumpensati, jew anki maqbuża, permezz ta' vantaġġi f'termini ta' effettività li minnhom japprofitta wkoll il-konsumatur, tali preċiżazzjoni għandha tinftiehem bħala li tgħodd kemm għal prattika waħda kif ukoll għall-oħra (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 50).

384 Qabelxejn, minbarra li tali interpretazzjoni tidher koerenti mal-ewwel preċiżazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 139), għandu jiġi kkonstatat li, jekk il-klawżoli ta' esklużività jqajmu, minħabba n-natura tagħhom, preokkupazzjonijiet leġittimi tal-kompetizzjoni, il-kapaċità tagħhom li jeskludu l-kompetituri ma hijiex awtomatika, kif turi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet adottati mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu[102 TFUE] għall-prattiki ta' esklużjoni abużivi tal-impriżi dominanti" (ĠU 2009, C 45, p. 7) (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 51).

385 B'hekk, minn naħa, meta l-Kummissjoni tissuspetta li impriża kisret l-Artikolu 102 TFUE billi tuża klawżoli ta' esklużività, u li din tal-aħħar tikkontesta, matul il-proċedura, il-kapaċità konkreta tal-imsemmija klawżoli li jeskludu mis-suq kompetituri daqstant effettivi, bi provi insostenn, hija għandha tiżgura ruħha, fl-istadju tal-karatterizzazzjoni tal-ksur, li dawn il-klawżoli kellhom, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kapaċità effettiva li jeskludu mis-suq kompetituri effettivi daqs din l-impriża (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 52).

386 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni għandha wkoll tevalwa, b'mod konkret, il-kapaċità ta' dawn il-klawżoli li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, meta, matul il-proċedura amministrattiva, l-impriża ssuspettata, mingħajr ma tikkontesta formalment li l-imġiba tagħha kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, issostni li jeżistu ġustifikazzjonijiet għall-imġiba tagħha (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 53).

387 F'dan il-każ, minn naħa, huwa stabbilit li Google kienet ikkontestat, matul il-proċedura amministrattiva u bi provi insostenn, il-kapaċità tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, huwa wkoll stabbilit li Google kienet sostniet li din il-klawżola kienet oġġettivament iġġustifikata.

388 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-Kummissjoni li għandha turi li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni u hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni, għal dan il-għan, iċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ.

389 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tiddikjara fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma setgħetx tillimita ruħha sabiex tikkonstata, sabiex tistabbilixi ksur tal-Artikolu 102 TFUE, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet timponi, fuq dawn tal-aħħar, obbligu ta' provvista esklużiva mingħand Google sabiex jiksbu l-bżonnjiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli minnhom, f'servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Fil-fatt, hija kellha, barra minn hekk, turi li l-imsemmija klawżola kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, waqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti rilevanti kollha tal-każ, li hija għamlet, fil-fatt, sussidjarjament, fid-deċiżjoni kkontestata.

390 B'hekk, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar il-kwistjoni, imqajma minn Google, dwar jekk il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha tikkostitwixxix effettivament obbligu ta' provvista esklużiva, bħal dak imsemmi mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), hemm lok li jiġi konkluż li l-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod żbaljat, prinċipalment, li ma kinitx obbligata tivverifika jekk din il-klawżola setgħetx tirrestrinġi l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

391 Konsegwentament, hemm lok li jintlaqgħu l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni motiv.

2. Fuq it-tielet parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni

392 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li, sussidjarjament, fil-premessa 362 ta' din id-deċiżjoni, il-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lil dawn l-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar

tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-klawżola Ingliża kienet żiedet il-kapaċità ta' din il-klawżola li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

393 B'mod iktar partikolari, għandu jiġi rrilevat li, meta kkonstatat li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet, minn naħa, iddiswadiet lil dawn l-imsieħba diretti milli jieħdu provvisti mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jaċċessaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni essenzjalment ikkunsidrat li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipproduci effett ta' esklużjoni.

394 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni, mill-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, iddeduċiet li din il-klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

395 Fil-fatt, qabelxejn, mill-premessi 404 sa 406 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ipprekludiet lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jipprovdu jew jiżviluppaw reklamar differenti relatat mat-tiftix online, b'tali mod li din il-klawżola skorraġixxithom milli jinvestu fl-innovazzjoni. Sussegwentament, mill-premessa 408 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li dan l-effett ċaħħad lill-imsemmija intermedjarji mid-dħul u mid-data li setgħu jutilizzaw għall-finijiet tal-provvista ta' reklamar tat-tiftix online. Fl-aħħar nett, mill-premessa 417 ta' din l-istess deċiżjoni jirriżulta li l-imsemmi effett ippermetta lil Google tistabbilixxi l-prezzijiet imħallsa mill-persuni li jirreklamaw f'livell għoli, biex b'hekk żiedet il-prezzijiet, imħallsa mill-konsumaturi, ta' beni li huma s-suġġett tar-reklamar tat-tiftix online. Il-Kummissjoni żiedet, fil-premessa 418 ta' din l-istess deċiżjoni, li l-fatt li l-imsemmija klawżola kienet setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni kien ukoll ipprekluda lill-konsumaturi minn għażla ikbar ta' reklamar tat-tiftix online.

396 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, l-ewwel nett, setgħet tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, it-tieni nett, għenitha żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online u, it-tielet nett, ikkawżat dannu għall-innovazzjoni jew għall-konsumaturi. Barra minn hekk, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma pprovatx li l-klawżola Ingliża setgħet tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

397 Surfboard issostni li l-FSG li hija kkonkludiet ma' Google ma pprekludihiex milli tikseb provvisti mingħand intermedjarji kompetituri ta' din tal-aħħar u tikkontesta l-fatt li l-kuntratti online ma kinux jippermettu li jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet tal-pubblikaturi għal tal-inqas uħud mis-siti internet tagħhom. Hija żżid li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG tagħha, kienet, fi kwalunkwe każ, oġġettivament iġġustifikata.

398 Qabelxejn għandu jiġi eżaminat l-effett ta' esklużjoni, ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, li jirriżulta mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha. Għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk din il-klawżola kellhiex il-kapaċità, minn naħa, li

tiddiswadi lil dawn l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, li tipprekludi lil dawn intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

399 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 364 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha sabiex turi li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fosthom, b'mod partikolari, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google, kemm fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online kif ukoll fis-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' dan it-tiftix u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tal-imsemmija klawżola fuq dan l-aħħar suq kif ukoll it-"tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola". Hija rreferiet, f'dan ir-rigward, rispettivament, għat-Taqsima 7 ta' din id-deċiżjoni, relatata mal-pożizzjoni dominanti ta' Google, li l-kontenut tagħha huwa mqassar fil-punti 39 sa 66 iktar 'il fuq, kif ukoll għat-Taqsima 8.3.4.2 kollha tal-imsemmija deċiżjoni, dwar l-impossibbiltà għall-intermedjarji kompetituri ta' Google li jaċċessaw parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq.

400 Għandu jiġi rrilevat li l-approċċ użat mill-Kummissjoni huwa konformi mal-ġurisprudenza li tipprovdi, fil-każ fejn impriża ssostni, matul il-proċedura amministrattiva, bi provi insostenn, li l-imġiba tagħha ma kellhiex l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li tipproduċi l-effetti ta' esklużjoni kkritikati, il-Kummissjoni hija obbligata tanalizza, b'mod partikolari, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-suq rilevanti, ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-klawżola inkwistjoni u t-tul tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 139).

401 F'dan ir-rigward, hemm lok jiġi rrilevat li, fit-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li Google kienet f'pożizzjoni dominanti b'mod partikolari fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE mill-2006 sal-2016, fid-dawl tal-ishma tas-suq ta' din tal-aħħar, tal-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir u tan-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-pubblikaturi.

402 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ishma tas-suq ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, billi bbażat ruħha fuq id-dħul gross ta' Google, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, abbażi tad-data ġejja minn din tal-aħħar, li din kellha ishma tas-suq li dejjem kienu ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2006 u l-2016 u li laħqu, waqt din l-aħħar sena, [*kunfidenzjali*] % u, min-naħa l-oħra, abbażi ta' data li ġejja minn Google, Microsoft u Yahoo!, li Google kellha ishma tas-suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] % fl-2006 li dejjem kienu ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2007 u l-2014. Filwaqt li bbażat ruħha fuq id-dħul nett ta' Google, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, abbażi ta' data li ġejja minn din tal-aħħar, li hija kellha ishma tas-suq ogħla minn [*kunfidenzjali*] % fl-2006 u ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2007 u l-2016 u, min-naħa l-oħra, abbażi ta' data li ġejja minn Google u minn Yahoo!, li Google kellha ishma tas-suq li dejjem kienu ogħla minn [*kunfidenzjali*] % bejn l-2006 u l-2011 u li kienet laħqet, waqt din l-aħħar sena, iktar minn [*kunfidenzjali*] %. Minn dan, il-Kummissjoni ddeduċiet li Google kienet iffaċċjat kompetizzjoni limitata mingħand intermedjari oħra.

403 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li kien hemm diversi barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, hija spjegat, b'mod partikolari, li kien hemm bżonn investimenti sinjifikattivi sabiex toħloq, iżżomm u kontinwament itejjeb "pjattaforma tar-reklamar relatata mat-tiftix online" u li s-suq

tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien ikkaratterizzat mill-effetti ta' network. Fil-fatt, is-suċċess ta' intermedjarju kien jiddependi fuq numru ta' persuni li jirreklamaw u ta' pubblikaturi li huwa kien kapaċi jattira kif ukoll fuq id-daqs tal-portafoll ta' reklamar tat-tiftix online tiegħu. B'hekk, iktar ma jkun hemm persuni li jirreklamaw li jużaw servizz ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, iktar intermedjarju seta' jagħżel minn fost numru sinjifikattiv ta' reklamar relatat ma' dan it-tiftix u, b'hekk, iżid ir-rilevanza tar-reklamar li kien juri bħala risposta għat-tfittxija online ta' utent.

404 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li s-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE kien ikkaratterizzat minn nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-pubblikaturi.

405 Google ma tikkontestax il-kontenut tat-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata apparti minn, fil-kuntest tal-ewwel motiv, li l-Kummissjoni ddefinit b'mod żbaljat is-swieq rilevanti fit-Taqsima 6 ta' din id-deċiżjoni.

406 Barra minn hekk, jekk il-kapaċità ta' klawżoli ta' esklużività li jeskludu l-kompetituri ma hijiex awtomatika, kif, barra minn hekk, juri l-paragrafu 36 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet adottati mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] għall-prattiki ta' esklużjoni abużivi tal-impriżi dominanti", xorta jibqa' l-fatt li dawn il-klawżoli jqajmu, minħabba n-natura tagħhom, preokkupazzjonijiet leġittimi tal-kompetizzjoni (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 51).

407 F'dan il-każ, huwa stabbilit li, kif jirriżulta mill-kliem tagħha kif tidher fil-mudell tal-FSG ta' qabel ix-xahar ta' Marzu 2009, il-klawżola ta' esklużività kienet tipprojbixxi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur fis-siti internet inklużi f'FSG, matul il-perijodu ta' dan tal-aħħar. Din il-projbizzjoni ma fiha l-ebda eċċezzjoni.

408 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk il-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellhiex il-kapaċità li tiddiswadi lil dawn tal-aħħar milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, fit-tieni lok, jekk l-imsemmija klawżola kellhiex il-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

a) Fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-imsieħba diretti tas-siti kollha

409 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra sabiex juru reklamar kompetitur fuq is-siti internet tagħhom jew fuq uħud mill-paġni tagħhom.

410 Google ssostni, essenzjalment, li l-għażla tal-imsieħba diretti tas-siti kollha li ġeneralment jinkludu s-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom irriżultat mill-kompetizzjoni fuq il-merti, b'tali mod li ma kinux jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra, anki fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività li tinsab f'dawn il-FSG. Hija tinvoka, f'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-fatt li dawn l-imsieħba diretti kienu, bħala regola, liberi li jagħżlu s-siti internet li inkludew

fil-FSG tagħhom, it-tieni nett, ir-risposti tal-imsemmija msieħba diretti għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni, it-tielet nett, l-għażla u l-ammont ta' investimenti magħmula minn Yahoo! u, ir-raba' nett, studju li hija pproduċiet matul il-proċedura amministrattiva.

411 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 108 iktar 'il fuq, sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-Kummissjoni ma kellhiex neċessarjament turi li din il-klawżola kienet effettivament ipproduċiet effetti kompetittivi. Fil-fatt, sabiex tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE, huwa suffiċjenti li l-Kummissjoni tistabilixxi li l-imsemmija klawżola kellha, matul il-perijodu li fih hija kienet implimentata, il-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata, fid-deċiżjoni kkontestata, li turi li l-klawżola ta' esklużività kienet effettivament iddiswadiet kull wieħed mill-imsieħba diretti differenti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

1) Fuq l-għażla tal-imsieħba diretti li jinkludu sit internet f'FSG

412 Google ssostni li l-imsieħba diretti setgħu jagħżlu s-siti internet li kienu inklużi fil-FSG tagħhom. B'hekk, hija ssostni li, sa fejn l-imsieħba diretti ma kinux, bħala regola, obbligati jinkludu s-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom, il-klawżola ta' esklużività ma setgħetx tiddiswadihom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarju ieħor. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-imsieħba diretti setgħu jużaw AFS permezz ta' kuntratti online u li setgħu, fi kwalunkwe ħin, jagħżlu li jużaw servizz kompetitur ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fuq is-siti li ma kinux inklużi fil-FSG tagħhom.

413 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

414 F'dan ir-rigward, huwa stabbbilit li, skont il-klawżola ta' esklużività, imsieħeb dirett ma setax, bħala regola, juri reklamar kompetitur fuq is-siti internet li kienu inklużi f'FSG. Minn dan jirriżulta li ladarba imsieħeb dirett għażel li jinkludi wieħed mis-siti internet tiegħu fil-FSG tiegħu, huwa kellu neċessarjament jikseb provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet tiegħu f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online f'dak li jirrigwarda dan is-sit internet.

415 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni qieset, b'mod korrett, li l-klawżola ta' esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur fis-siti internet inklużi fil-FSG tagħhom, minkejja l-fatt li setgħu jikkonkludu kuntratti online u jagħżlu s-siti internet li kienu inklużi f'dawn il-FSG.

2) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti għad-diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni u l-ittra ta' Surfboard

416 Fl-ewwel lok, fil-premessa 348 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni elenkat l-entitajiet legali differenti li, flimkien, jikkostitwixxu l-imsieħba diretti tas-siti kollha. Hija b'hekk identifikat 34 imsieħba diretti tas-siti kollha.

417 Fit-tieni lok, minn naħa, fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat ir-risposti ta' seba' msieħba diretti għat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 sabiex tikkunsidra li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

418 Is-seba' msieħba diretti identifikati mill-Kummissjoni fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata huma [*kunfidenzjali*] (li waħda mis-sussidjarji tagħha hija, minn Ottubru 2010, [*kunfidenzjali*] li hija waħda mill-imsieħba diretti tas-siti kollha msemmija fil-premessa 348 ta' din id-deċiżjoni), il-grupp [*kunfidenzjali*] (li fih jappartjeni [*kunfidenzjali*]), [*kunfidenzjali*] (liema grupp għandu [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li, flimkien, jikkostitwixxu wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha fis-sens ta' din il-premessa 348), il-grupp [*kunfidenzjali*] (li fih jappartjenu [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li jikkostitwixxu, kull wieħed, imsieħba diretti separati fis-sens tal-imsemmija premessa 348), il-grupp [*kunfidenzjali*] (li fih jappartjenu [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] li jikkostitwixxu, kull wieħed, imsieħba diretti separati fis-sens tal-imsemmija premessa 348 tad-deċiżjoni kkontestata), il-grupp [*kunfidenzjali*] (li jappartjenu għalih [*kunfidenzjali*]) u [*kunfidenzjali*].

419 Min-naħa l-oħra, fil-premessa 368 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat ir-risposti ta' żewġ imsieħba diretti sabiex tqis li l-klawżola ta' esklużività kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri.

420 Iż-żewġ imsieħba diretti identifikati mill-Kummissjoni fil-premessa 368 tad-deċiżjoni kkontestata huma l-grupp [*kunfidenzjali*], diġà msemmi fil-premessa 367 ta' din id-deċiżjoni, u l-grupp [*kunfidenzjali*].

421 Bil-grupp [*kunfidenzjali*] imsemmi kemm fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni semmiet, b'kollox, ir-risposti ta' tmien imsieħba diretti separati f'dawn il-premessi. Mill-premessa 348 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dawn it-tmien imsieħba diretti jirrappreżentaw, fir-realtà, għaxra mit-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati mill-Kummissjoni.

422 Google tirrileva li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet iddisswadiet lill-imsieħba diretti tas-siti kollha fit-totalità tagħhom, identifikati fl-imsemmija deċiżjoni, milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra. Madankollu, hija tikkonstata li din id-deċiżjoni tirreferi biss għad-dikjarazzjonijiet ta' wħud mill-imsieħba diretti. Barra minn hekk, hija ssostni li, meħuda kollha flimkien, id-dikjarazzjonijiet tal-imsieħba diretti juru, minn naħa, li dawn tal-aħħar ma kinux affettwati mill-klawżola ta' esklużività u, min-naħa l-oħra, li l-għażla tagħha li jużaw AFS irriżultat minn kompetizzjoni fuq il-merti, jiġifieri li huma għażlu AFS minħabba li kien aħjar mis-servizzi kompetituri.

423 Surfboard iżżid li l-klawżola ta' esklużività ma pprekludithiex milli tikseb provvista għal parti mill-bżonnijiet tagħha mingħand kompetitur ta' Google.

424 Il-Kummissjoni ssostni li hija bbażat ruħha fuq ir-risposti ta' tmienja minn 34 imsieħba diretti tas-siti kollha li hija identifikat, filwaqt li Google tirreferi biss, fir-rikors tagħha, għar-risposti magħmula minn tnejn biss minn dawn l-imsieħba diretti. Barra minn hekk, hija tirrileva li r-risposta ta' wieħed minn dawn iż-żewġ imsieħba diretti tikkorrobora l-fatt li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom. Fir-rigward tar-risposti l-oħra magħmula mill-imsieħba diretti l-oħra msemmija minn Google fl-Anness C.1 tar-risposta, jew huma irrilevanti, minħabba li kienu ġejjin minn imsieħba diretti li ma kinux imsieħba diretti tas-siti kollha, jew ma kkorroborawx il-fatt li dawn l-imsieħba diretti għażlu AFS, minħabba li kien aħjar mis-servizzi kompetituri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrileva li 24 mill-35 risposta ċċitata fl-imsemmi Anness C.1 kienu jirrigwardaw id-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-

22 ta' Diċembru 2010. Madankollu, din id-domanda kienet tirrigwarda l-bdil ta' intermedjarji, ġeneralment, u mhux speċifikatament il-kwalità ta' AFS meta mqabbla ma' dik tas-servizzi ta' dawn l-intermedjarji.

425 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssostni li Surfboard ma turix li hija ma xtaqitx tikseb provvista mingħand intermedjarju ieħor.

i) Fuq ir-rilevanza tar-risposti għad-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010

426 Insostenn tal-argumenti tagħha mfakkra fil-punt 422 iktar 'il fuq, Google tinvoka r-risposti tal-imsieħba diretti għad-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010.

427 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 kienet ifformulata kif ġej: "F'liema ċirkustanzi tikkunsidra tibdel l-intermedjarju għal parti minn jew għall-ispazju tar-reklamar tiegħek kollu?"

428 B'hekk, kif issostni l-Kummissjoni, id-domanda 5.2.d tirrigwarda l-bdil ta' intermedjarju, ġeneralment, u mhux speċifikatament il-kwalità ta' AFS meta mqabbla ma' dik tas-servizzi kompetituri.

429 Madankollu, ma għandux jiġi eskluż li, meta rrispondew għad-domanda 5.2.d, l-imsieħba diretti setgħu jinvokaw elementi rilevanti relatati mad-deċiżjoni tagħhom li jużaw AFS u, jekk ikun il-każ, ir-rwol li seta' kellha l-klawżola ta' esklużività f'din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, minn naħa, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni stess ibbażat ruħha, fil-punt 142 tar-risposta, fuq risposta għal din l-istess domanda sabiex twarrab argument ta' Google. Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi nnotat li l-Kummissjoni rreferiet, fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, għar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] għad-domandi 5.2.c u 5.2.e li, bħad-domanda 5.2.d, kienet tirrigwarda, ġeneralment, il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-għażla li tikseb provvista mingħand intermedjarju partikolari u mhux speċifikatament fuq il-kwalità ta' AFS meta mqabbla ma' dik ta' servizzi kompetituri.

430 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, ma huwiex possibbli li jiġi konkluż li r-risposti tal-imsieħba diretti għad-domanda 5.2.d huma irrilevanti qabel ma jiġu eżaminati individwalment.

ii) Fuq ir-rilevanza tar-risposti tal-imsieħba diretti li ma humiex imsieħba diretti tas-siti kollha

431 Insostenn tal-argumenti tagħha mfakkra fil-punt 422 iktar 'il fuq, Google tinvoka r-risposti għal diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni ta' msieħba diretti li ma kinux ikklassifikati bħala msieħba diretti tas-siti kollha fid-deċiżjoni kkontestata.

432 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

433 F'dan ir-rigward, kif ġie rrilevat fil-punt 67 iktar 'il fuq u kif jirriżulta b'mod partikolari, essenzjalment, mill-premessi 341, 362, 366, 380, 403, 407, 416, 422, 627 u 630 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti f'dak li jirrigwarda biss l-imsieħba diretti tas-siti kollha li kienu, fl-opinjoni tagħha, ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha li juru reklamar tat-tiftix online

fil-FSG tagħhom. B'hekk, l-Artikolu 1(1)(a) u (3) tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jirrigwarda biss lill-imsieħba diretti li kienu obbligati, permezz ta' din il-klawżola, li jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma qisitx li l-klawżola ta' esklużività kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fir-rigward tal imsieħba diretti li ma kinux ikkunsidrati bħala msieħba diretti tas-siti kollha.

434 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni illimitat ruħha li tikkonstata, fit-Taqsima 8.3.4.1 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' esklużività kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google. Konsegwentament, id-domanda jekk imsieħba diretti oħra, li ma kinux imsieħba diretti tas-siti kollha, kinux ġew skoraġġuti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google hija irrilevanti.

435 Minn dan isegwi, kif issostni, korrettament, il-Kummissjoni, li r-risposti tal-imsieħba diretti li ma kinux imsieħba diretti tas-siti kollha huma irrilevanti.

iii) Fuq l-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata

436 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha, identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, kienu inkludew is-siti internet tagħhom fil-FSG tagħhom u li kienu, konsegwentament, kisbu provvista esklużivament mingħandha għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

437 B'mod iktar partikolari, Google tirrileva li l-Kummissjoni kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-imsieħba diretti tas-siti kollha indikawlha, bħala risposta għal talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017, li kienu inkludew ġeneralment is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom sabiex turi li huma kienu suġġetti għal obbligu ta' provvista esklużiva. Madankollu, minn naħa, il-kelma "ġeneralment" tfisser li l-imsieħba diretti setgħu jeskludu uħud mis-siti internet tagħhom mill-imsemmija FSG. Minn dan isegwi li r-risposta tagħhom għall-imsemmija talba għal informazzjoni ma kinitx suffiċjentament preċiża sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tiddeduċi minnha li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Min-naħa l-oħra, il-klawżoli ta' esklużività, li jinsabu fil-FSG konklużi ma' [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], awtorizzaw il-wiri ta' reklamar kompetitur fis-siti internet inklużi f'dawn il-FSG. Barra minn hekk, huwa stabbilit li tmienja oħra mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha, identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, ma kinux inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom.

438 Surfboard ssostni wkoll li l-Kummissjoni qieset, b'mod żbaljat, li hija kienet inkludiet is-siti internet tagħha kollha fil-FSG tagħha. Hija tikkritika, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni posta elettronika tad-Direttur Ġenerali tagħha, mibgħuta lil Google bħala Anness għar-risposta tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li fiha din tal-aħħar indikat li setgħet tuża servizzi kompetituri ta' intermedjazzjoni fir-rigward ta' reklamar tat-tiftix online fuq uħud mis-siti internet tagħha.

439 Il-Kummissjoni ssostni li Google ma stabbilixxietx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha ma kisbux provvista esklużivament mingħandha għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

440 B'mod iktar partikolari, Il-Kummissjoni ssostni li Google ma stabbilixxietx li l-kelma "ġeneralment" kienet interpretata b'mod differenti mill-imsieħba diretti. Barra minn hekkk, mill-argumenti li jinsabu fir-rikors jirriżulta li kienu biss ħamsa mill-imsieħba diretti tas-siti kollha li setgħu jinterpretaw ħażin din il-kelma. Hija tispjega, f'dan ir-rigward, li l-argumenti, żviluppati fir-risposta u relatati mal-imsieħba diretti l-oħra, kienu tardivi u, konsegwentament, inammissibbli. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li, fi kwalunkwe każ, l-approċċ tagħha sabiex tidentifika l-imsieħba diretti tas-siti kollha kien "prudenti u favur Google" sa fejn il-klawżola ta' esklużività kienet tapplika wkoll għal 69 imsieħba diretti oħra li ma setgħux jikkonfermaw jekk kinux ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom. Fir-rigward ta' Surfboard, hija tirrileva li din tal-aħħar tinvoka biss sit internet wieħed li allegatament ma kienx inkluż fil-FSG tagħha iżda madankollu mingħajr ma pproduċiet prova f'dan ir-rigward.

– *Fuq ir-rilevanza tal-argumenti ta' Google*

441 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ma tistax, fi kwalunkwe każ, tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha stess b'dik tal-awtur tal-att ikkontestat (sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, Autostrada Wielkopolska vs Il-Kummissjoni u Il-Polonja, C-933/19 P, EU:C:2021:905, punt 115). Barra minn hekk, l-awtur ta' dan l-att ma jistax jikkompleta l-motivazzjoni tiegħu matul il-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2021, Oltchim vs Il-Kummissjoni, T-565/19, EU:T:2021:904, punt 275). Madankollu, f'dan il-każ, mid-deċiżjoni kkontestata, u b'mod partikolari mill-premessi 341, 362, 366, 380, 403, 407, 416, 422, 627 u mill-punt 1 tal-premessa 630 tagħha kif ukoll mill-Artikolu 1(1)(a) u (3) tad-dispożittiv tagħha, imsemmija fil-punt 433 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti ħlief jekk din il-klawżola kienet inkluża f'ċerti FSG, imsemmija fil-premessa 348 tal-imsemmija deċiżjoni, li fihom l-imsieħba diretti kkonċernati kienu ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha, b'tali mod li l-imsemmija klawżola kienet, konsegwentament, obbligat lil dawn l-imsieħba diretti jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

442 Konsegwentament, il-fatt, essenzjalment allegat mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li din tal-aħħar setgħet tqis li l-klawżola ta' esklużività li tinsab f'FSG oħra kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti, inkluż meta l-imsieħba diretti kkonċernati ma kinux ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom, ma jippermettix li jiġu miċħuda l-argumenti ta' Google u ta' Surfboard li permezz tagħhom dawn tal-aħħar jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma stabbilixxietx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha, identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, kienu inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom u li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli tal-bżonnijiet tagħhom. Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ssostni, barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li kienu biss ir-risposti tal-imsieħba diretti tas-siti kollha li kienu rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura dissważiva tal-klawżola ta' esklużività (ara l-punt 435 iktar 'il fuq), li tikkonferma b'hekk in-natura effettiva tal-argumenti ta' Google u ta' Surfboard.

– *Fuq l-affidabbiltà tar-risposti għat-talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017*

443 Għandu jiġi rrilevat li, meta msieħeb dirett kien inkluda s-siti internet tiegħu kollha li juru reklamar tat-tiftix online fil-FSG tiegħu, huwa jkollu neċessarjament jikseb provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet tiegħu kollha f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online għall-perijodu previst minn dan il-FSG.

444 Min-naħa l-oħra, meta msieħeb dirett ma jkunx inkluda s-siti internet tiegħu kollha fil-FSG tiegħu, il-Kummissjoni għandha, skont id-deċiżjoni kkontestata, turi li dawk li kienu inklużi kienu jirrappreżentaw tal-inqas parti kunsiderevoli tal-bżonnijiet f'termini servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online ta' dan l-imsieħeb dirett. B'mod iktar partikolari, mill-premessi 386, 389 u 390 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-volum ta' tiftix online, it-traffiku u d-dħul iġġenerat mis-siti internet kienu elementi rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-importanza ta' dawn il-bżonnijiet koperti minn FSG.

445 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni prinċipalment ibbażat ruħha fuq ir-risposti għal domanda li tinsab fit-talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017 sabiex tidentifika l-imsieħba diretti li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli minnhom f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Din id-domanda kienet redatta bil-mod segwenti: "Il-kumpannija tiegħek ġeneralment tinkludi s-siti internet kollha tagħha li juru reklamar testwali marbut mat-tiftix fil-FSG konklużi ma' Google għall-finijiet tal-provvista tas-servizz AFS?" L-imsieħba diretti kienu mistiedna jirrisponduha permezz ta' "iva" jew permezz ta' "le". Barra minn hekk, kien spjegat li r-risposta kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-impriża kollha kemm hi li lilha kienet tappartjeni din il-kumpannija, inkluż il-kumpanniji prinċipali u sussidjarji eventwali tagħha.

446 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat, kif tagħmel Google, li l-kelma "ġeneralment" kienet tfisser li l-imsieħba diretti setgħu jirrispondu "iva" għad-domanda tal-Kummissjoni, inkluż meta uħud mis-siti internet tagħhom ma kinux inklużi fil-FSG tagħhom. B'hekk, din id-domanda ċertament ma kinitx tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika l-imsieħba diretti li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Madankollu, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni fittxet biss li tidentifika l-imsieħba diretti li, tal-inqas, kisbu provvista għal parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom f'termini tas-servizzi tagħha. Minn dan isegwi li hija ma urietx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu, fil-każijiet kollha, inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom. Barra minn hekk, Google ma tispjegax ir-raġuni li għaliha hija tqis li l-Kummissjoni kellha turi li s-siti internet kollha ta' kull wieħed minn dawn l-imsieħba diretti kellhom ikunu inklużi fil-FSG tagħhom.

447 Fit-tieni lok, Google ssostni li l-Kummissjoni ma ddefinixxietx it-terminu "ġeneralment" fit-talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017. Minn dan hija ddeduċiet li din il-kelma setgħet tiġi interpretata b'modi differenti mill-imsieħba diretti.

448 Madankollu, l-ewwel nett, jekk huwa minnu li l-kelma "ġeneralment" setgħet tiġi interpretata b'żewġ modi, dan ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tibbaża ruħha fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti sabiex tidentifika dawk li kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom.

449 Fil-fatt, il-kelma "ġeneralment" setgħet tinftiehem mill-imsieħba diretti bħala li tirreferi mhux biss għan-numru ta' siti internet inklużi fil-FSG (meta mqabbla man-numru ta' siti internet li kienu eskluži minnu), iżda wkoll għall-"importanza" ta' dawn is-siti internet, f'termini ta' traffiku, il-volum ta' tiftix online u ta' dħul mill-bejgħ iġġenerat. B'hekk, il-fatt, għal imsieħeb dirett, li jirrispondi "iva" għad-domanda dwar jekk kienx inkluda ġeneralment is-siti internet tiegħu kollha f'wieħed mill-FSG tiegħu kien ifisser jew li s-siti internet kollha ta' dan l-imsieħeb dirett kienu inklużi f'dan il-FSG jew li l-eventwali siti internet li ma kinux ġew inklużi kienu jiġġeneraw biss traffiku, volum ta' tiftix online u dħul mill-bejgħ b'mod limitat, jekk mhux negliġibbli.

450 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li Google u Surfboard ċertament isostnu li ħdax mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata ma kinux inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom u li ma kinux kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom. Dawn huma, b'mod iktar partikolari, Surfboard, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*].

451 Madankollu, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-Anness A.37 tar-rikors u mill-Anness B.11 tar-risposta, il-grupp [*kunfidenzjali*] (li fiha jappartjenu [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*]), il-grupp [*kunfidenzjali*] (li fih jappartjeni [*kunfidenzjali*]) u l-grupp [*kunfidenzjali*] kienu rrispondew "le" għad-domanda dwar jekk l-impriża li lilha kienu jappartjenu kinitx inkludiet ġeneralment is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom. Konsegwentament, il-fatt, dejjem jekk jiġi stabbilit, li l-imsieħba diretti kkonċernati ma kinux inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom ma għandux jikkostitwixxi indikazzjoni li din id-domanda ma setgħetx tippermetti li jiġu identifikati l-imsieħba diretti li kienu kisbu provvistsa mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom.

452 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi nnotat li, minkejja li Google tikkritika lill-Kummissjoni li ma stabbilixxietx li [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom, hija ma tindikax li dawn l-imsieħba diretti, jew il-gruppi li fihom jappartjenu, kienu rrispondew "iva" għad-domanda dwar jekk kinux inkludew ġeneralment is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom.

453 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li Google u Surfboard jillimitaw ruħhom sabiex isostnu li tnejn biss mit-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri din tal-aħħar u [*kunfidenzjali*], jew il-gruppi li kienu jappartjenu fihom, kienu rrispondew "iva" għad-domanda dwar jekk kinux inkludew ġeneralment is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom, filwaqt li dawn l-imsieħba diretti ma kinux inkludew is-siti internet tagħhom kollha fil-FSG tagħhom. Madankollu, anki jekk jiġi preżunt li dawn l-imsieħba diretti ma kinux inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom u li l-Kummissjoni kellha, konsegwentament, tivverifika l-importanza tal-bżonnijiet tal-imsemmija msieħba diretti f'termini servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online koperti minn dawn il-FSG, għandu jiġi kkunsidrat li dawn iż-żewġ eżempji ma humiex, fi kwalunkwe każ, suffiċjenti sabiex juru li l-kelma "ġeneralment" fiha nnifisha imponiet diffikultà ta' interpretazzjoni b'tali mod li ma kinitx tippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' obbligu ta' provvista esklużiva fir-rigward ta' xi waħda minn dawn l-imsieħba diretti tas-siti kollha.

454 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà, ikkontestata mill-Kummissjoni, tal-argumenti ta' Google li jinsabu fir-risposta, hemm lok li jiġi kkonstatat li Google ma tistax issostni li l-użu tal-kelma "ġeneralment" fit-talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017 seta', fih innifsu, iwassal lill-Kummissjoni tikkunsidra, b'mod żbaljat, li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu suġġetti għal obbligu ta' provvista esklużiva għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

455 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar jekk il-11-il imsieħba diretti, imsemmija fil-punt 450 iktar 'il fuq, kinux kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom, għandu jiġi kkonstatat li t-23 imsieħba

diretti l-oħra, imsemmija fil-premessa 348 tad-deċiżjoni kkontestata, għandhom jiġu kkunsidrati bħala imsieħba diretti tas-siti kollha li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom.

iv) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti tas-siti kollha msemmija fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata

456 Kif jirriżulta mill-punt 421 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni rreferiet, fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, għat-tmien risposti li jirriflettu l-pożizzjoni ta' għaxra mit-34 imsieħba diretti tas-siti kollha li hija kienet identifikat. Dawn huma r-risposti ta' [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*] u tal-grupp [*kunfidenzjali*].

457 Google tikkontesta l-portata ta' ħamsa mit-tmien risposti ċċitati fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri dawk ta' [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], tal-grupp [*kunfidenzjali*] u tal-grupp [*kunfidenzjali*], iżda ma tikkontestax il-portata tar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*] u tal-grupp [*kunfidenzjali*].

458 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-kliem tal-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kellhiex l-intenzjoni li tistabbilixxi lista eżawrjenti tar-risposti kollha li hija rċeviet matul il-proċedura amministrattiva, iżda hija illimitat ruħha sabiex tagħti biss xi eżempji ta' risposti li jikkorroboraw il-fatt li, minn naħa, l-imsieħba diretti tas-siti kollha setgħu jiġu disważi milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google minħabba l-klawżola ta' esklużività għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom u li, min-naħa l-oħra, din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipprekludi l-imsemmija imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali u jiksbu provvista mingħand tali intermedjarji.

– *Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali]*

459 Fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat l-estratt ta' risposta ta' [*kunfidenzjali*] għat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010: "[il]-klawżoli ta' esklużività pprekludew lil [*kunfidenzjali*] milli juża fornituri ta' links sponsorizzati". Mill-premessa 348 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li [*kunfidenzjali*] kien wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati mill-Kummissjoni.

460 Google ssostni li, bħala risposta għad-domanda 14 tat-talba għal informazzjoni tat-18 ta' Marzu 2016, li kienet tikkorrispondi, essenzjalment, għad-domanda 5.2 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, fir-rigward tal-perijodu inkluż bejn l-2011 u l-2015, [*kunfidenzjali*] kien indika dan li ġej: "Bl-eċċezzjoni ta' xi esperimenti, aħna naħdmu biss ma' Google, għaliex ma hemmx alternattivi vijabbli li jippermettulna li niġġeneraw l-istess livell ta' dħul bħal dak li niġġeneraw ma' Google."

461 Madankollu, il-fatt li, kif jirriżulta mill-punt 460 iktar 'il fuq, [*kunfidenzjali*] indika li, fl-2016, hu kien jaħdem biss ma' Google minħabba l-assenza ta' alternattivi vijabbli li jippermettulu li jiġġenera l-istess livell ta' dħul bħal dak iġġenerat bl-użu tas-servizzi ta' din tal-aħħar ma kienx biżżejjed sabiex jikkontesta d-dikjarazzjoni magħmula minn [*kunfidenzjali*] fl-2010 u rrilevata fil-punt 1 tal-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' esklużività kienet ipprekluditu milli juża "fornituri ta' links sponsorizzati" oħra.

462 Fil-fatt, minn naħa, ir-risposta invokata minn Google tidher li tirrigwarda speċifikatament il-perijodu inkluż bejn l-2011 u l-2015, filwaqt li dik li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni kienet tirrigwarda l-perijodu preċedenti għall-2011. Madankollu, kif essenzjalment, tfakkar fil-punt 402 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni rrilevat, fil-premessa 276 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ishma tas-suq ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien żdid b'mod stabbilit bejn l-2006 u l-2016, b'tali mod li, fl-2016, kważi ma kienx baqa' kompetituri ta' Google fuq dan is-suq, filwaqt li, barra minn hekk, l-effetti ta' skala u ta' network kienu jagħmlu diffiċli l-introduzzjoni ta' kompetituri ġodda. B'hekk, il-fatt li [*kunfidenzjali*] ikkonstata, fl-2016, l-assenza ta' "alternattivi vijabbli" li jippermettulu jiġġenera l-istess livell ta' dħul bħal dak iġġenerat bl-użu tas-servizzi ta' Google bejn l-2011 u l-2015 jirrifletti fir-realtà l-iżvilupp tas-sehem tas-suq ta' Google, li juri li, fil-fatt, matul dan il-perijodu ma kienu jeżistu kważi l-ebda alternattivi vijabbli fis-suq. Min-naħa l-oħra, din ir-risposta ma tfissirx li l-klawżola ta' esklużività ma kinitx skoraġġitu milli jikseb provvista mingħand kompetitur bejn l-2006 u l-2010, kif jirriżulta espliċitament mir-risposta tiegħu għat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 ċċitata fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata.

463 Min-naħa l-oħra, anki jekk is-servizzi ta' Google kellhom kwalità aħjar u ppermettew lil [*kunfidenzjali*] jiġġenera livell ta' dħul ogħla minn dak iġġenerat bl-użu tas-servizzi ta' intermedjarji oħra kompetituri ta' Google, tali fatt ma jfissirx neċessarjament li [*kunfidenzjali*] ma kellu ebda interess kummerċjali li jikseb provvista, tal-inqas għal parti mill-bżonnijiet tagħhom, minn tali intermedjarji.

464 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 377 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li Google kkonkludiet FSG li fih klawżola ta' esklużività jikkostitwixxi indikazzjoni li, minkejja l-allegata kwalità superjuri tas-servizzi tagħha, Google kkunsidrat li dawn l-imsieħba kellhom interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista f'reklamar online mingħand intermedjarji oħra. Fil-fatt, kieku Google qieset, kif issostni quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu, fi kwalunkwe każ, anki fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività, jagħżlu AFS minħabba l-allegata kwalità superjuri tiegħu, hija ma kelhiex il-bżonn tinkludi tali klawżola fil-FSG,.

465 It-tieni nett, u fi kwalunkwe każ, il-kwalità ta' servizz huwa biss fattur fost oħrajn li operatur ekonomiku jieħu inkunsiderazzjoni meta jiddeċiedi dwar is-sors tal-provvista tiegħu. Il-fatturi importanti l-oħra jinkludu, pereżempju, il-prezz ta' dan is-servizz jew, fil-każ tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-parti tad-dħul allokata lill-pubblikatur tal-imsemmi servizz. B'hekk, is-sempliċi fatt li l-kwalità ta' servizz allegatament kienet superjuri għal dik offruta minn kompetitur ma huwiex neċessarjament suffiċjenti sabiex klawżola ta' esklużività, bħal din inkwistjoni fil-kawża, tiċċaħħad minn kull natura dissważiva fil-konfront ta' dawn l-operaturi ekonomiċi.

466 Barra minn hekk, il-valorizzazzjoni aħjar tar-reklamar tat-tiftix online li kien jippermetti l-AFS hija, anki jekk parzjalment, konsegwenza inerenti tal-effetti ta' network, deskritti fil-punt 403 iktar 'il fuq, li jikkaratterizzaw il-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u ppermettew lil AFS iżid b'mod esponenzjali r-rilevanza tar-reklamar muri bħala risposta għat-tiftix online tal-utenti. Din il-valorizzazzjoni aħjar hija b'hekk, tal-inqas parzjalment, ir-riżultat tal-imsemmija effetti ta' network u mhux neċessarjament tal-allegata kwalità superjuri tas-servizzi offruti minn Google.

467 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, korrettament, li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet tali li tikkorrobora l-fatt li l-klawżola ta' esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali]*

468 Fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat l-estratti segwenti tar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] għad-domandi 5.2.c u 5.2.e tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 relatati rispettivament għar-raġunijiet li għalihom dan il-grupp kien għażel li jikkollabora biss ma' intermedjarju wieħed kull darba u mal-ispejjeż neċessarji sabiex jinbidlu l-intermedjarji: "Aħna nużaw intermedjarju għal reklamar organizzat relatat mat-tiftix għaliex, sal-lum, il-kuntratt tagħna ma' Google ma kienx jippermettilna li nużaw fornitur ieħor u għalhekk aħna konna prekluži milli nikkollaboraw ma' fornitur ieħor" u [*kunfidenzjali*].

469 F'dan ir-rigward, Google ssostni li, bħala risposta għad-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, il-grupp [*kunfidenzjali*] kien indika li kien jikkunsidra jibdel l-intermedjarju tar-reklamar jekk jidentifika ieħor li joffri "prestazzjoni finanzjarja aħjar", kemm direttament (pereżempju permezz ta' dħul ogħla għal kull klikk), kemm indirettament (pereżempju billi jippermetti flessibilità ikbar sabiex jitjiebu r-riżultati b'mod li jiġġeneraw iktar dħul għal kull klikk, u billi jipprovdi estimi tad-dħul abbażi tal-kliem prinċipali).

470 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

471 Hemm lok li jiġi rrilevat li mill-estratti tar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*], iċċitati fil-punt 468 iktar 'il fuq, joħroġ b'mod ċar li dan tal-aħħar kien għażel li jikseb provvista mingħand intermedjarju wieħed kull darba minħabba l-klawżola ta' esklużività. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mid-dikjarazzjoni li tinsab fil-punt 469 iktar 'il fuq, li tirrigwarda possibbiltà futura u ta' natura ipotetika.

472 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u kif irrikonoxxiet, barra minn hekk, Google bħala risposta għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, b'mod korrett, li r-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] kienu ta' natura li jikkorroboraw il-fatt li l-klawżola ta' esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarju kompetitur għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali]*

473 Fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat l-estratt segwenti tar-risposta ta' [*kunfidenzjali*] għad-domanda 8.5 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 relatata mal-eventwali effett tal-klawżola ta' esklużività fuq l-istrateġija ta' reklamar tagħha: "Il-klawżoli ta' esklużività inkwistjoni kellhom effett sinjifikattiv fuq l-istrateġija ta' reklamar tagħna, b'mod partikolari meta fil-bidu kkunsidrajna nżidu reklamar testwali ta' partijiet terzi fuq is-siti internet tagħna […] Peress li Google ma kinitx tippermettilna naħdmu maż-żewġ kumpanniji, aħna immassimizzajna d-dħul tagħna billi ffirmajna ma' Google b'mod esklużiv u billi rrinunzjajna għal kwalunkwe opportunità ta' xogħol ma' Yahoo jew servizz ieħor ta' reklamar testwali."

474 F'dan ir-rigward, Google ssostni li [*kunfidenzjali*] rrisponda wkoll għad-domanda 8.5 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 bil-mod segwenti: "Google tradizzjonalment kellha [spejjeż għal kull klikk] ogħla minn dawn il-kompetituri bħal Yahoo. Minkejja l-fatt li Yahoo kienet lesta li taqsam perċentwali ikbar tad-dħul [spejjeż għal kull klikk] flimkien ma' [[*kunfidenzjali*]], il-prestazzjoni ġenerali tal-prodott Google xorta baqgħet ogħla minn dik ta' Yahoo."

475 Kif ġie rrilevat fil-punt 473 iktar 'il fuq, mir-risposta ta' [*kunfidenzjali*] għad-domanda 8.5 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 jirriżulta li l-klawżola ta' esklużività kellha "effett sinjifikattiv" fuq l-istrateġija tar-reklamar tiegħu, minħabba li din il-klawżola pprekludietu milli jikseb provvista, fl-istess ħin, f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online mingħand Google u mingħand wieħed jew iktar mill-kompetituri tagħha. Għalhekk, minn dan jista' jiġi dedott li, b'mod partikolari fil-bidu, meta ddefinixxa l-istrateġija tar-reklamar tiegħu, [*kunfidenzjali*] huwa xtaq jikseb provvista mingħand kompetitur ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tiegħu. Huwa minnu li minn din ir-risposta jirriżulta wkoll li [*kunfidenzjali*] qies li l-AFS kien jiġġenera iktar dħul mis-servizz ta' Yahoo! Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punti 464 sa 466 iktar 'il fuq, tali fatt ma huwiex suffiċjenti sabiex juri li [*kunfidenzjali*] ma kellu l-ebda interess kummerċjali sabiex jikseb provvista, għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tiegħu, mingħand Yahoo! jew kompetitur ieħor ta' Google.

476 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, korrettament, li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet tali li tikkorrobora l-fatt li l-klawżola ta' esklużività setgħet disswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali]*

477 Fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat l-estratt segwenti tar-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*] għad-domanda 8.5 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010: "[A]ħna nikkunsidraw nuru reklamar kompetitur relatat mat-tiftix fuq il-paġni internet tagħna […] u nikkunsidraw nassoċjaw ruħna ma' Yahoo, Bing u/jew fornituri oħra tar-rekalmar relatat mat-tiftix għal dan il-għan."

478 F'dan ir-rigward, minn naħa, Google ssostni li, bħala risposta għad-domanda dwar fuq liema bażi huwa għażel it-tip ta' reklamar li għandu jitpoġġa fl-ispażji tar-reklamar differenti tal-paġni internet tiegħu kif ukoll għad-domanda 5.2.d, il-grupp [*kunfidenzjali*] kien indika li ħa inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, il-massimizzazzjoni tad-dħul, it-tieni nett, l-imġiba tal-utenti, it-tielet nett, l-obbligi kuntrattwali u, ir-raba' nett, in-natura tal-attività ekonomika, jiġifieri l-fatt li r-reklamar muri minnu kien prinċipalment reklamar tat-tiftix online peress li kien jopera mutur ta' tfittxija.

479 Min-naħa l-oħra, Google tirrileva li, bħala risposta għad-domanda 8.6 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, dwar ir-raġunijiet li għalihom il-grupp [*kunfidenzjali*] kien aċċetta l-klawżola ta' esklużività, dan kien indika li huwa kien jattira iktar persuni li jirreklamaw mill-kompetituri tiegħu kollha u li, konsegwentament, ir-reklamar tiegħu relatat mat-tiftix online kien jiġġenera, fit-totalità tiegħu, dħul ogħla minn dak tal-kompetituri tiegħu.

480 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

481 Kif ġie rrilevat fil-punt 477 iktar ’il fuq, mir-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*] għad-domanda 8.5 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta’ Diċembru 2010 jirriżulta li dan “kien jikkunsidra” jikkonkludi sħubija ma’ kompetitur ta’ Google fl-assenza tal-klawżola ta’ esklużività. F’dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din ir-risposta hija konformi mar-risposta ta’ dan l-istess grupp għad-domanda 5.2.d, li fiha kien indika li ħa inkunsiderazzjoni b’mod partikolari l-obbligi kuntrattwali tiegħu fl-għażla jekk jibdilx jew le l-intermedjarji. Ċertament, il-grupp [*kunfidenzjali*] jidher jikkunsidra, fir-risposta tiegħu għad-domanda 8.6, li Google kienet toffri servizz superjuri għal dak tal-kompetituri tagħha. Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punti 464 sa 466 iktar ’il fuq, tali ċirkustanza ma tistax turi li l-grupp [*kunfidenzjali*] ma kellu l-ebda interess kummerċjali li jikseb provvista, għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tiegħu, mingħand intermedjarju ieħor.

482 F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, korrettament, li r-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*] kienet tali li tikkorrobora l-fatt li l-klawżola ta’ esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta’ Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali]*

483 Fil-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċċitat l-estratt segwenti tar-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*] għad-domanda 8.9 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta’ Diċembru 2010, relatata mal-eventwali investimenti mill-imsemmi grupp jew minn Google li ma kinux iseħħu fl-assenza tal-klawżola ta’ esklużività: “[Din il-klawżola] kienet tfisser li l-iżviluppi u s-sħubija ma’ atturi oħra tas-suq kellhom jiġu eżaminati f’iktar dettall u saħansitra jitwarrbu jew jiġu miċħuda.”

484 F’dan ir-rigward, Google ssostni li, bħala risposta għad-domanda 8.6 tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta’ Diċembru 2010, relatata mar-raġunijiet li għalihom il-grupp [*kunfidenzjali*] kien aċċetta l-klawżola ta’ esklużività, dan kien indika, qabelxejn li, fil-Finlandja, “[i]l-vantaġġ kien li r-reklamar ta’ Google kien joffri dħul tajjeb għal spazju ta’ reklamar fuq sit internet partikolari”, sussegwentament li, fil-Pajjiżi l-Baxxi, “Google kienet toffri teknoloġija avvanzata u soluzzjonijiet tar-reklamar profitabbli, li wrew li kienu suċċess” u li “[i]d-dħul gross kien żdied sinjifikattivament mill-2005, għaliex is-servizz AdSense kien ġie mtejjeb minn Google” u, fl-aħħar nett li, fl-Ungerija, “[l]-analiżi kienet uriet li s-servizz ta’ Google [kien] l-uniku servizz ta’ dan it-tip disponibbli fir-rigward ta’ profitabbiltà u tat-teknoloġija fis-suq Ungeriż.”

485 Il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti ta’ Google li jirrigwardaw il-Finlandja u l-Ungerija ma humiex rilevanti inkwantu huma biss l-entitajiet tal-grupp [*kunfidenzjali*] stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, jiġifieri [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li huma imsieħba diretti tas-siti kollha. Fir-rigward tal-argumenti ta’ Google dwar il-Pajjiżi l-Baxxi, hija ssostni li, kif ġie rrilevat fil-punt 5 tal-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata, il-grupp [*kunfidenzjali*] kien ukoll iddikjara li l-klawżola ta’ esklużività “kienet tfisser li l-iżviluppi u s-sħubija ma’ atturi oħra tas-suq kellhom jiġu eżaminati f’iktar dettall u saħansitra jitwarrbu jew jiġu miċħuda”.

486 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-punt 6 tal-premessa 355 tad-deċiżjoni kkontestata, kif spjegat permezz ta’ risposta għal miżura ta’ organizazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni qieset li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] biss kienu inklużi fost l-imsieħba diretti tas-siti kollha. Minn dan isegwi li l-entitajiet l-oħra tal-grupp [*kunfidenzjali*], fosthom dawk li kienu jinsabu fil-Finlandja u fl-Ungerija, ma kinux inklużi fost dawn l-imsieħba diretti.

487 Madankollu, l-ewwel nett, għandu jitfakkar, kif imsemmi fil-punt 67 iktar ’il fuq u kif jirriżulta b’mod partikolari mill-premessi 338, 341 u 347 sa 349 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Kummissjoni qieset li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu dawk li ġeneralment inkludew, f’mument partikolari, is-siti internet kollha tagħhom li juru reklamar tat-tiftix online f’tal-inqas wieħed mill-FSG tagħhom. Minn dan isegwi li dawn l-imsieħba diretti kienu, konsegwentament, xerrejja, fis-sens tas-sentenza tat-13 ta’ Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), li kienu suġġetti għal obbligu li jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-kunċett ta’ “xerrej”, fis-sens ta’ din il-ġurisprudenza, jikkorrispondi għal impriża, meħuda kollha kemm hi, jiġifieri, f’dan il-każ, il-grupp [*kunfidenzjali*] u mhux biss waħda mis-sussidjarji tiegħu. Fil-fatt, il-kunċett ta’ impriża jinkludi, fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni, kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali ta’ din l-entità (sentenzi tat-23 ta’ April 1991, Höfner u Elser, C-41/90, EU:C:1991:161, punt 21, u tal-11 ta’ Ġunju 2020, Il-Kummissjoni u Ir-Repubblika Slovakka vs Dôvera zdravotná poisťovňa, C-262/18 P u C-271/18 P, EU:C:2020:450, punt 28). Konsegwentament, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta’ Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, ma tistax tiġġustifika l-fatt li ma jiġux ikkunsidrati r-risposti ta’ entitajiet oħra legali li jappartjenu fl-istess grupp bħall-imsieħba diretti tas-siti kollha.

488 Barra minn hekk, it-talba għal informazzjoni tal-24 ta’ Frar 2017, li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet identifikat l-imsieħba diretti tas-siti kollha, u staqsithom jekk kinux ġeneralment inkludew jew le s-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom, kienet tispjega speċifikatament li r-risposta mistennija kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-impriża kollha kkonċernata, irrispettivament minn jekk hijiex kumpannija omm jew is-sussidjarji tagħha.

489 It-tieni nett, fil-premessi 218 sa 221 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddefinixxiet is-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online bħala li jkopri ż-ŻEE kollha kemm hi. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni biss ir-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] relatati ma’ uħud mill-entitajiet legali tiegħu stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, u teskludi dawk stabbiliti fi Stati Membri oħra.

490 It-tielet nett, mill-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, u mid-domandi msemmija fin-noti ta’ qiegħ il-paġna 493 sa 502 ta’ din id-deċiżjoni, jidher li l-Kummissjoni evalwat in-natura dissważiva tal-klawżola ta’ esklużività abbażi tar-risposti tal-gruppi li kienu jappartjenu magħhom l-imsieħba diretti tas-siti kollha, u mhux abbażi tar-risposti speċifiċi ta’ dawn l-imsieħba diretti kif identifikati fil-premessa 348 ta’ din id-deċiżjoni. Konsegwentament, il-Kummissjoni ma setgħetx, fir-rigward tal-grupp [*kunfidenzjali*] b’mod partikolari, tqis li r-risposti ta’ uħud mill-entitajiet legali tiegħu ma kinux rilevanti.

491 F’dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jitqies li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni r-risposti kollha tal-gruppi li kellhom tal-inqas entità waħda relatata fost l-imsieħba diretti tas-siti kollha.

492 Konsegwentament, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li ma kienx possibbli li jiġi kkunsidrat li r-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] relatati mal-Finlandja u l-Ungerija ma kinux rilevanti.

493 Madankollu, hemm lok li jiġi rrilevat li l-grupp [*kunfidenzjali*] espliċitament indika li l-klawżola ta' esklużività setgħet tittardja l-kollaborazzjoni ma' kompetitur ta' Google jew twasslu sabiex jirrifjuta tali kollaborazzjoni. Konsegwentament, minkejja li l-grupp [*kunfidenzjali*] indika li kien aċċetta din il-klawżola, għaliex is-servizzi offruti minn Google kienu aħjar minn dawk tal-kompetituri tagħha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-Ungerija, hemm lok li jiġi rrilevat, kif ġie kkonstatat fil-punti 464 sa 466 iktar 'il fuq, li tali ċirkustanza ma hijiex suffiċjenti sabiex turi li l-imsemmi grupp ma kellu l-ebda interess kummerċjali sabiex jikseb provvista, tal-inqas għal parti mill-bżonnijiet tiegħu, mingħand intermedjarju ieħor.

494 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod korrett, li r-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*] kienet tali li tikkorrobora l-fatt li l-klawżola ta' esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali]*

495 Mill-premessa 367 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, skont [*kunfidenzjali*], fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività, din kienet tesperimenta ma' intermedjarji oħra kompetituri ta' Google, bħal Yahoo! u Microsoft. Barra minn hekk, skont [*kunfidenzjali*], fl-assenza tal-imsemmija klawżola, din kienet tikkunsidra tikseb provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, sakemm dan kien iwassal għal żieda fid-dħul tagħha. Mill-premessa 368 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, skont il-grupp [*kunfidenzjali*], il-klawżola ta' esklużività pprekludietu milli "tibda tittestja fornituri oħra" u "taġġorna s-sistema tagħha" sabiex tkun tista' taħdem ma' dawn tal-aħħar.

496 Kif ġie rrilevat fil-punt 457 iktar 'il fuq, Google ma tikkontestax il-portata ta' dawn ir-risposti.

v) Fuq ir-risposti l-oħra tal-imsieħba diretti tas-siti kollha invokati minn Google

497 Google tinvoka r-risposti tal-imsieħba diretti tas-siti kollha jew tal-gruppi li fihom jappartjenu dawn l-imsieħba diretti, fosthom, b'mod partikolari, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] (li, flimkien, jikkostitwixxu wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati mill-Kummissjoni), [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], il-grupp [*kunfidenzjali*], li fih jappartjeni [*kunfidenzjali*] (li, flimkien, jikkostitwixxu wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati mill-Kummissjoni), il-grupp [*kunfidenzjali*], li fih jappartjeni b'mod partikolari [*kunfidenzjali*], u l-grupp [*kunfidenzjali*], li fih jappartjenu [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] (li jikkostitwixxu msieħba diretti tas-siti kollha separati identifikati mill-Kummissjoni). Minn dawn ir-risposti jirriżulta li l-imsieħba diretti kienu għażlu l-AFS minħabba l-kwalitajiet superjuri tiegħu, b'tali mod li l-klawżola ta' esklużività ma kinitx iddiswadithom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta' Google.

– *Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] u ta' [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali]*

498 Qabelxejn, Google ssostni li, bħala risposta għad-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu indikaw wieħed wieħed lill-Kummissjoni li l-għażla tal-intermedjarju tagħhom kienet tiddependi

fuq id-dħul iġġenerat minnu. Hija tirrileva wkoll li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] spjegaw, barra minn hekk, li kienu jikkunsidraw jibdlu l-intermedjarju jekk intermedjarju ieħor kien jippermettilhom jiġġeneraw iktar dħul minn Google.

499 Sussegwentament, Google tirrileva li l-grupp [*kunfidenzjali*] indika, fil-kuntest tat-talba għal informazzjoni tat-18 ta' Marzu 2016, minn naħa, bħala risposta għad-domanda dwar għaliex kien għażel lil Google bħala intermedjarju, li kienet "intgħażlet bħala l-uniku intermedjarju minħabba li kienet il-mexxej tas-suq għar-reklamar relatat mat-tiftix [u kienet tippreżenta] l-aħjar potenzjal ta' valorizzazzjoni u l-aħjar perspettivi f'termini ta' dħul" u, min-naħa l-oħra, bħala risposta għad-domanda dwar liema kienu d-"differenzi materjali" bejn is-servizzi offruti mill-intermedjarji differenti, li "ma kienx jara li kien hemm sieħeb ieħor potenzjali [minbarra Google] li seta' jipprovdilu prodott aħjar ta' tiftix u jiġġenera iktar dħul mir-reklamar relatat mat-tiftix". Huwa spjega wkoll li, f'każ li kien jirriżulta li kien hemm servizz ieħor bl-istess potenzjal ta' valorizzazzjoni, l-ispejjeż biex jinbidel l-intermedjarji kienu baxxi, jekk mhux xejn.

500 Fl-aħħarnett, Google tirrileva li l-grupp [*kunfidenzjali*] indika, bħala risposta għad-domanda 9.7 tat-talba għal informazzjoni tal-31 ta' Lulju 2015 relatata mar-raġunijiet li għalihom huwa kien aċċetta l-klawżola ta' esklużività, li din tal-aħħar kienet tippermettilu jibdel l-intermedjarju fir-rigward tat-tiftix online magħmul permezz ta' telefon mobbli, li għalih kien hemm alternattivi għal Google fi Franza fl-2014, u li, "peress li Google kienet il-mexxej fis-settur tagħha, [l-imsemmija klawżola] kienet tippermettilu […] l-aħjar valorizzazzjoni possibbli tal-inqas għal dak li jirrigwarda t-tiftix fuq il-kompjuters".

501 F'dan ir-rigward, minn dawn ir-risposti jirriżulta li, essenzjalment, dawn l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu jikkunsidraw li Google kienet il-mexxej tas-suq u li l-AFS kien joffrilhom valorizzazzjoni aħjar minn dik tas-servizzi tal-kompetituri ta' Google. Madankollu, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat, kif ġie rrilevat fil-punti 464 sa 466 iktar 'il fuq, li tali ċirkustanza, li tista' tiġi spjegata tal-inqas parzjalment mill-effetti ta' network li jikkaratterizzaw il-pożizzjoni dominanti ta' Google, ma hijiex suffiċjenti sabiex tispjega li dawn l-imsieħba diretti ma kellhom l-ebda interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista, tal-inqas għal parti mill-bżonnijiet tagħhom, mingħand intermedjarji kompetituri.

502 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li dawn ir-risposti ma jistgħux jikkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-klawżola ta' esklużività setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

– *Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali]*

503 Fl-ewwel lok, Google ssostni li [*kunfidenzjali*] spjega, bħala risposta għad-domanda 5.2.a "għaliex għażilt […] l-intermedjarju li qiegħed taħdem miegħu bħalissa" tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, li "Google kienet ġiet magħżula inizjalment […] minħabba l-kopertura tagħha tas-suq u l-kapaċità tagħha li tiġġenera dħul", li "Yahoo kienet intgħażlet bħala intermedjarju f'Settembru 2008 għaliex Yahoo kienet toffri l-possibbiltà li tgħaqqad il-links sponsorizzati tiegħu u dawk mibjugħa minn [*kunfidenzjali*] ma' dawk ta' siti tal-ivvjaġġar li jappartjenu lil terzi, li"Yahoo kienet wegħdet ukoll valorizzazzjoni simili għal dik ta' Google [u li] [*kunfidenzjali*] kien reġa' mar lura għand Google f'Jannar 2009 minħabba l-fatt li Yahoo ma kinitx kapaċi tivvalorizza fl-istess livell bħal Google". Barra minn hekk, Google tirrileva li [*kunfidenzjali*] indika, fir-risposta għad-domanda 5.2.d ta' din it-talba għal informazzjoni, li kien "jagħżel li jibdel jew wisq probabbli jżid intermedjarju ieħor jekk seta' jkun ċert li dan itejjeb il-prodott tiegħu jew

iżid il-valorizzazzjoni tiegħu". Fl-aħħar nett, hija tikkonstata li, bħala risposta għad-domanda 8.5 tal-imsemmija talba għal informazzjoni, [*kunfidenzjali*] kien indika li "l-istrateġija ta' reklamar tiegħu ma ġietx affettwata mill-klawżoli ta' esklużività".

504 Il-Kummissjoni ssostni li r-risposti ta' [*kunfidenzjali*] jikkorroboraw il-fatt li l-klawżola ta' esklużività kienu ddiswadew lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google. Hija tiċċita, f'dan ir-rigward, mingħajr ma tagħti iktar spjegazzjonijiet, ir-risposta ta' [*kunfidenzjali*] għad-domanda 5.2.d, invokata minn Google u msemmija fil-punt 503 iktar 'il fuq, kif ukoll dik għad-domanda 8.6, li "[*kunfidenzjali*] kien inizjalment aċċetta l-klawżoli ta' esklużività għaliex Google kienet tirrikjedi l-applikazzjoni tagħhom bħala kundizzjoni minn qabel għall-ftehim".

505 F'dan ir-rigward, mir-risposti ta' [*kunfidenzjali*] ċċitati fil-punt 503 iktar 'il fuq jirriżulta li, differenti mill-imsieħba diretti tas-siti kollha l-oħra, [*kunfidenzjali*] indika b'mod ċar li "l-istrateġija tar-reklamar tiegħu ma kinitx affettwata mill-klawżoli ta' esklużività".

506 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li l-grupp [*kunfidenzjali*] kien indika, bħala risposta għat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010, li l-"istrateġija tiegħu ma kinitx affettwata" mill-klawżola ta' esklużività u li "ma kinitx tintegra reklamar li kien ġej mingħand iktar minn fornitur wieħed [fl-assenza ta' din il-klawżola] u li [ma kienx] prekluż milli juri reklamar mhux relatat mat-tiftix online fuq is-siti internet tiegħu".

507 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li r-risposti ta' [*kunfidenzjali*] u tal-grupp [*kunfidenzjali*] huma tali li jikkorroboraw l-argument ta' Google li l-klawżola ta' esklużività ma ddiswadietx lil dawn l-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarju ieħor għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom, u dan ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni.

vi) Fuq l-ittra ta' Surfboard

508 Għandu jiġi kkonstatat li d-Direttur Ġenerali ta' Surfboard kien spjega, f'ittra indirizzata direttament lill-Kummissjoni, iżda mibgħuta lil din tal-aħħar minn Google bħala Anness għar-risposta tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li l-klawżola ta' esklużività ma kellhiex effett fuq l-imġiba ta' Surfboard. Huwa indika, f'dan ir-rigward, li l-FSG inkwistjoni li kien fih din il-klawżola kien japplika għas-siti internet "prinċipali" ta' din tal-aħħar, minħabba li d-dħul iġġenerat minn AFS kien "sostanzjalment ogħla" minn dak iġġenerat mis-servizzi ta' Yahoo! Min-naħa l-oħra, huwa spjega wkoll li siti internet oħra, fosthom is-sit internet "www.ixquick.eu", ma kinux ġew inklużi f'dan il-FSG.

509 Fil-premessa 370 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-valur probatorju tal-ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Surfboard kien limitat għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, Surfboard kienet indikat minn qabel, bħala risposta għat-talba għal informazzjoni, li hija ġeneralment kienet tinkludi s-siti internet tagħha kollha fil-FSG tagħha. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma kinitx taf kif Google kienet kisbet din l-ittra.

510 Surfboard tikkritika lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ittra tad-Direttur Ġenerali tagħha li kienet ipprovduta bħala Anness għar-risposta tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, din l-ittra kienet tispjega li Surfboard kienet użat is-servizzi de Yahoo! fuq wieħed mis-siti internet tagħha. Barra minn hekk, hija ssostni li hija għażlet AFS fuq is-siti internet prinċipali tagħha abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tekniċi u finanzjarji.

511 Il-Kummissjoni ssostni li Surfboard tirreferi biss għal sit internet wieħed li ma kienx inkluż fil-FSG tagħha. Barra minn hekk, hija tikkonstata li l-ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Surfboard, li bagħtitilha Google, kienet ambigwa. Hija ssostni wkoll li l-valur probatorju ta' din l-ittra kien iktar limitat minn dak tar-risposta ta' Surfboard għal talba għal informazzjoni li permezz tagħha din tal-aħħar indikatilha li ġeneralment kienet inkludiet is-siti internet kollha tagħha fil-FSG inkwistjoni. Fil-fatt, minn naħa, il-kuntest li fih Google kisbet l-imsemmija ittra ma kienx magħruf. Min-naħa l-oħra, Surfboard setgħet tipprovdi, f'din l-ittra, informazzjoni ineżatta jew żnaturata mingħajr ma tirriskja li tingħata multa skont l-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament Nru 1/2003.

512 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fost il-garanziji mogħtija mid-dritt tal-Unjoni Ewropea fil-proċeduri amministrattivi hemm, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, stabbilit bl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li magħha jintrabat l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni (sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Shell Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni, T-343/06, EU:T:2012:478, punt 170).

513 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, differenti mill-Kummissjoni, Google ma kellhiex setgħat ta' investigazzjoni u ta' sanzjoni stabbiliti bir-Regolament Nru 1/2003, b'tali mod li hija kellha neċessarjament tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja tal-imsieħba diretti sabiex tiġbor informazzjoni relatata b'mod partikolari mas-siti internet li ma kinux inkludew fil-FSG tagħhom sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha fil-kuntest ta' din il-kawża. Madankollu, minn dan ma għandux jiġi dedott li l-informazzjoni miġbura minn Google kienet neċessarjament irrilevanti, għaliex il-valur probatorju tagħha kien iktar limitat.

514 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni tindika biss li hija ma kinitx taf kif Google kienet kisbet l-ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Surfboard li kienet indirizzata lilha, iżda li ma kinitx ikkontestat l-awtentiċità ta' din l-ittra jew argumentat li din ma kellha l-ebda valur probatorju. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni setgħet, bis-saħħa tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, titlob direttament lil Surfboard informazzjoni addizzjonali li kieku qieset li din l-ittra ma kinitx konċiljabbli mar-risposta ta' din tal-aħħar għat-talba talba għal informazzjoni preċedenti.

515 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, l-ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Surfboard ma hijiex ambigwa. Fil-fatt, minnha jirriżulta b'mod ċar li Surfboard ma kinitx inkludiet tal-inqas wieħed mis-siti internet tagħha fil-FSG inkwistjoni.

516 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel Surfboard, li l-fatt li din tal-aħħar indikat, bħala risposta għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li hija ġeneralment kienet inkludiet is-siti internet tagħha kollha fil-FSG inkwistjoni ma jeskludix il-fatt li uħud mis-siti internet tagħha setgħu ma ġewx inklużi fih. B'hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-ittra tad-Direttur Ġenerali ta' Surfboard u r-risposta ta' din tal-aħħar għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni ma kinux kontradittorji.

517 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kellha tqis li l-ittra ta' Surfboard, li fiha din tal-aħħar kienet indikat li l-klawżola ta' esklużività ma kienx kellha effett fuq l-imġiba tagħha, kienet tali li tikkontesta l-fatt li l-imsemmija klawżola kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarju ieħor għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

vii) Konklużjoni fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti għad-diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni u l-ittra ta' Surfboard

518 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni setgħet, korrettament, tieħu inkunsiderazzjoni l-eżempji tar-risposti tal-imsieħba diretti li jinsabu fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata bħala elementi li jistgħu jikkorroboraw l-evalwazzjoni tagħha li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, setgħet tiddiswadihom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, kif ġie rrilevat fil-punti 503 sa 517 iktar 'il fuq, ir-risposti ta' uħud mill-imsieħba diretti l-oħra tas-siti kollha jew ta' gruppi li għalihom dawn kienu jappartjenu, kif ukoll l-ittra ta' Surfboard, ma setgħux jikkorroboraw tali evalwazzjoni.

519 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li Google tikkontesta li ċerti risposti ċċitati fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri dawk tal-gruppi [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], jirriflettu l-pożizzjoni tal-imsieħba diretti li kisbu provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom bis-saħħa tal-klawżola ta' esklużività, mill-punt 455 iktar 'il fuq jirriżulta li r-risposti tal-imsieħba diretti l-oħra jew tal-gruppi li għalihom kienu jappartjenu għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ġejjin mill-imsieħba diretti tas-siti kollha. B'mod partikolari, fir-rigward tal-grupp [*kunfidenzjali*], għandu jiġi rrilevat li Google tikkontesta biss li waħda mill-kumpanniji li tappartjeni għal dan il-grupp, jiġifieri [*kunfidenzjali*], kienet imsieħeb dirett tas-siti kollha, iżda hija ma tikkontestax li kumpannija oħra li tappartjeni għall-imsemmi grupp, jiġifieri [*kunfidenzjali*], kienet kisbet provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u anki jekk l-argumenti ta' Google jistgħu jintlaqgħu, jiġifieri fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, dan ma jkollux impatt fuq il-provi użati mill-Kummissjoni u mfakkra fil-punt 457, f'dak li jirrigwarda [*kunfidenzjali*] u l-grupp [*kunfidenzjali*], u fil-punti 459 sa 467 u 473 sa 482 iktar 'il fuq, li għandhom tendenza li jikkorroboraw, bħala element rilevanti fost oħrajn, li l-klawżola ta' esklużività kellha l-kapaċità li tiddiswadi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

3) Fuq l-investimenti magħmula minn Yahoo!

520 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li Yahoo! kienet wettqet investimenti kapitali sinjifikattivi fis-servizz tagħha ta' tiftix ġenerali bejn l-2006 u l-2015. Hija kkonstatat, fil-premessa 402 tal-imsemmija deċiżjoni, li "dokument intern ta' Google tal-2006" kien jikkonferma li l-livell ta' dawn l-investimenti kien "simili" għal dak ta' Google.

521 Google ssostni li, kif intwera matul il-proċedura amministrattiva, AFS kien servizz aħjar minn dawk tal-kompetituri tagħha, minħabba li dawn tal-aħħar ma kinux investew suffiċjentament fis-servizzi tagħhom. B'mod partikolari, Yahoo! u Microsoft ma kinux, essenzjalment, wettqu "investimenti effettivi" fl-iżvilupp teknoloġiku u fil-qasam tal-lokalizzazzjoni. Barra minn hekk, hija tirrileva li l-ammont ta' investimenti ta' Yahoo!, indikat fid-deċiżjoni kkontestata, kien jieħu inkunsiderazzjoni x-xiri u l-bejgħ tal-beni immobbli. Minn dan hija tiddeduċi li dan l-ammont ma kienx jippermetti li tiġi evalwata l-iskala tal-investimenti magħmula minn Yahoo! speċifikatament fis-servizz tagħha ta' tiftix online.

522 Il-Kummissjoni ssostni li mill-premessi 401 u 402 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħha ma huwiex ikkontestat, jirriżulta li Yahoo! kienet irreferiet għal investimenti sostanzjali fis-servizz ta' tfittxija online ġenerali bejn l-2006 u l-2015 li kienu komparabbli ma' dawk ta' Google. Hija żżid li l-allegazzjoni ta' Google li dawn l-investimenti inkludew ix-xiri u l-bejgħ ta' beni immobbli, li saret fir-replika, hija tardiva u, konsegwentament, inammissibbli.

523 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li Google kienet iddeskriviet lill-Kummissjoni, fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ir-raġunijiet li għalihom hija kienet qieset li AFS kien ikkunsidrat mill-pubblikaturi bħala li huwa servizz aħjar minn dak ta' Yahoo! u ta' Microsoft. L-ewwel nett, hija rrilevat li t-teknoloġija prekursura, żviluppata minn Overture u akkwistata minn Yahoo! fl-2003, ma kinitx ġiet ikkonċepita sabiex tintuża fuq skala kbira u li hija kienet sinjifikattivament iktar bil-mod minn dik ta' Google sabiex tippermetti kontroll manwali ta' kull reklamar muri fuq sit internet. It-tieni nett, hija rrappurtat diffikultajiet sabiex tintegra t-timijiet li kienu pparteċipaw fl-iżvilupp tat-teknoloġija akkwistata minn Yahoo!, u dan wassal għat-tluq ta' diversi "engineering chiefs" (Kapijiet tat-Taqsima tal-Inġenerija). It-tielet nett, hija kienet irrilevat li Yahoo! bdiet iżżomm kont tar-rati ta' klikks, sabiex tistabbilixxi r-reklamar li għandu jintwera bħala risposta għal tfittxija online, mill-2007, minkejja li mid-Dokument Nru 36 tal-Anness C.1 tar-risposta, li kienet tirreferi għalih ir-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jirriżulta li Google kienet żviluppat din il-karatteristika mill-2002. Barra minn hekk, hija kienet innotat li, minkejja din il-bidla, Yahoo! kienet irrikonoxxiet pubblikament fl-2008 li AFS kien għadu jippermetti valorizzazzjoni aħjar, bid-distakk bejn AFS u s-servizz ta' Yahoo!, skont din tal-aħħar, naqas biss b'30 %. Ir-raba' nett, Google kienet irrilevat li l-implimentazzjoni tas-sħubija bejn Yahoo! u Microsoft kienet bil-mod. Fil-fatt, hija kienet ikkonstatat li din is-sħubija kienet ġiet konkluża fl-2009, iżda li [*kunfidenzjali*]. Il-ħames nett, hija kienet innotat li l-imsemmija sħubija ma kinitx laħqet l-għanijiet tagħha. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li Yahoo! kienet pubblikament irreferiet għal "limitazzjonijiet tekniċi" tal-pjattaforma Microsoft fl-2011, li t-timijiet ta' Yahoo! u ta' Microsoft inkarigati mill-pubblikaturi fiż-ŻEE kienu jinkludu rispettivament inqas minn għoxrin persuna, filwaqt li dawk ta' Google kienu jilħqu madwar 300 persuna u li Yahoo! u Microsoft kienu ttardjaw sabiex jadattaw is-servizzi tar-reklamar tagħhom relatati mat-tiftix online għal kull Stat Membru, biex jieħdu inkunsiderazjzoni l-lokalizzazzjoni tal-utenti.

524 Il-Kummissjoni ma kkontestatx l-allegazzjonijiet ta' Google. Hija sempliċement, fil-premessi 401 u 402 tad-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, stabbilixxiet l-ammont annwali tal-investimenti kapitali ta' Yahoo! fis-servizz ta' tiftix ġenerali tagħha bejn l-2006 u l-2016 u, min-naħa l-oħra, iċċitat estratti ta' dokument intern ta' Google tal-2006 sabiex tikkunsidra li l-livell ta' investimenti ta' Yahoo! u ta' Google kien komparabbli.

525 Madankollu, jekk ipotetikament, kif issostni l-Kummissjoni, l-ammont annwali tal-investimenti kapitali ta' Yahoo! fis-servizz ta' tiftix ġenerali tagħha bejn l-2006 u l-2016 kien rilevanti sabiex tiġi evalwata l-iskala tal-investimenti magħmula minn din tal-aħħar fis-servizz tagħha ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, għandu jiġi rrilevat li ma jistax jirriżulta biss mid-dokument intern ta' Google tal-2006, iċċitat fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ammonti ta' investimenti ta' Google u ta' Yahoo! kienu simili għall-perijodu kollu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Marzu 2016. B'mod partikolari, jekk dan id-dokumenti kien diġà jirreferi għall-"fużjoni" bejn Microsoft u Yahoo! u għall-effett possibbli ta' din il-fużjoni fuq l-investiment, għandu jiġi rrilevat li l-awtur tal-imsemmi dokument ma setax jipprevedi l-avvenimenti sussegwenti invokati minn Google u msemmija fil-punt 523 iktar 'il fuq.

526 Konsegwentament, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà tal-argumenti ta' Google intiżi sabiex jikkontestaw l-ammont eżatt tal-investimenti magħmula minn Yahoo!, hemm lok li jiġi rrilevat li ma kienx stabbilit li dawn l-investimenti kienu simili għal dawk magħmula minn Google.

527 Minkejja dan, għandu jiġi rrilevat li, irrispettivament mid-domanda dwar jekk u sa fejn l-ammont ta' investimenti magħmula minn Yahoo! kien komparabbli ma' dak ta' investimenti magħmula minn Google, mill-premessa 401 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ammont ta' investimenti ta' Yahoo! kien, fi kwalunkwe każ, sinjifikattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet, korrettament, fid-deċiżjoni kkontestata, l-argument ta' Google li kien minħabba l-investimenti insuffiċjenti ta' Yahoo!, u mhux minħabba l-klawżola ta' esklużività, li din tal-aħħar ma setax ikollha aċċess għal sehem sinjifikattiv tas-suq.

528 Barra minn hekk, mit-Tabella Nru 8 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li s-sehem tas-suq ta' Yahoo! fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien naqas b'mod sinjifikattiv bejn l-2006 u l-2008, jiġifieri matul il-perijodu li matulu l-klawżola ta' esklużività kienet tinsab fil-mudell tal-FSG.

529 Konsegwentament, iċ-ċirkustanza, jekk tiġi preżunta stabbilita, li l-investimenti ta' Yahoo! ma kinux ippermettew lil din tal-aħħar tiżviluppa servizz ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online effiċjenti daqs dak ta' AFS ma hijiex suffiċjenti sabiex turi li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma kellhiex effett dissważiv fir-rigward ta' dawn tal-aħħar.

4) Fuq il-preferenza tal-pubblikaturi li jiksbu reklamar tat-tiftix online mingħand intermedjarju wieħed kull darba

530 Fid-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, il-Kummissjoni spjegat li, għall-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-kuntratti online ma kinux jikkostitwixxu alternattiva għall-FSG. Fil-fatt, billi bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq is-seduti li saru quddiem il-FTC, tat-2 u 3 ta' Mejju 2012, ta' [*kunfidenzjali*], imbagħad rispettivament [*kunfidenzjali*] għand Google, kif ukoll fuq direttivi interni ta' Google, hija kkunsidrat li l-kuntratti online kienu kuntratti standardizzati li ma kinux jippermettu li jiġu ssodisfatti l-"bżonnijiet speċifiċi" ta' dawn l-imsieħba diretti.

531 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni rrilevat li l-eżami tal-imġiba tal-imsieħba online kienet irrilevanti peress li l-bżonnijiet ta' dawn tal-aħħar u dawk tal-imsieħba diretti kienu differenti. Minn dan hija ddeduċiet li l-istudju prodott minn Google, matul il-proċedura amministrattiva, li juri li l-imsieħba online kienu użaw kważi esklużivament AFS fis-siti internet inkluż fil-kuntratti online tagħhom, minkejja l-assenza tal-klawżola ta' esklużività f'dawn il-kuntratti, ma kienx rilevanti.

532 Google ssostni li l-klawżola ta' esklużività ma setgħetx tipproduċi effett ta' esklużjoni inkwantu l-maġġoranza tal-imsieħba diretti xtaqu jiksbu provvista mingħand intermedjarju wieħed kull darba. F'dan ir-rigward, minn naħa, hija bbażat ruħha fuq l-istudju, imsemmi fil-punt 531 iktar 'il fuq, li minnu jirriżulta li [*kunfidenzjali*] % biss mill-oqsma li jikkorrispondu mas-siti internet tal-imsieħba online li jiġġeneraw dħul fiż-ŻEE kienu jużaw AFS u s-servizzi ta' Yahoo! jew ta' Microsoft fl-istess ħin. Min-naħa l-oħra, hija tirrileva li r-risposti tal-imsieħba diretti għal diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni jikkonfermaw il-fatt li l-imsieħba diretti kienu jagħżlu li jiksbu provvista mingħand intermedjarju wieħed fl-assenza tal-imsemmija klawżola.

i) Fuq l-istudju prodott minn Google matul il-proċedura amministrattiva

533 Google ssostni, essenzjalment, li l-imsieħba diretti, inkluż l-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellhom il-possibbiltà li jikkonkludu kuntratti online u li, fil-pratttika, ikkonkludew tali kuntratti, b'tali mod li l-pubblikaturi setgħu jkunu kemm imsieħba diretti u msieħba online. Hija żżid li l-"allegati differenzi" bejn il-bżonnijiet tal-imsieħba diretti u dawk tal-imsieħba online, identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, ma kellhomx effett fuq l-għażla ta' dawn tal-aħħar li jiksbu provvista mingħand intermedjarju wieħed kull darba jew mingħand diversi intermedjarji fl-istess ħin. Hija tqis b'hekk li l-imġiba tal-imsieħba online kienet rilevanti sabiex tiġi evalwata l-imġiba li setgħu jadottaw l-imsieħba diretti tas-siti kollha fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-perijodi li matulhom dawn l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom.

534 Surfboard issostni li l-pubblikaturi setgħu jikkonkludu kuntratti online fir-rigward ta' siti internet li ma kinux jeħtieġu li Google tissodisfa rekwiżiti speċifiċi. Hija żżid li n-negozjar ta' FSG ippermettilha tikseb kundizzjonijiet aħjar minn dawk offruti permezz ta' kuntratt online.

535 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Surfboard.

536 F'dan ir-rigward, mill-Anness A.42 tar-rikors jirriżulta li l-pubblikaturi il-kbar, fosthom uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, kienu użaw FSG għal uħud mis-siti internet tagħhom u kuntratti online għal oħrajn. Il-Kummissjoni ma tikkontestax il-kontenut ta' dan l-Anness, kif ikkonfermat waqt is-seduta.

537 Madankollu, l-ewwel nett, hemm lok li jiġi nnutat li fid-deċiżjoni kkontestata ma kien ikkonstatat l-ebda abbuż minn pożizzjoni dominanti f'dak li jirrigwarda l-imsieħba online.

538 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li l-Anness A.42 tar-rikors isemmi siti internet, li jappartjenu lil pubblikaturi kbar, li kienu inklużi f'kuntratti online, ma fih l-ebda informazzjoni li tippermetti li jiġi stabbilit il-perċentwali tad-dħul mir-reklamar tat-tiftix online ġġenerat minn dawn is-siti internet meta mqabbla ma' dak ta' dawn l-istess pubblikaturi li kienu inklużi f'FSG. Huwa lanqas jispeċifika l-perijodu li għalih l-imsemmija siti internet kienu ġew inklużi f'kuntratti online.

539 It-tielet nett, mill-premessa 76 u mill-punti 1 u 2 tal-premessa 371 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat minn Google, jirriżulta li l-FSG kienu nnegozjati individwalment minn kull pubblikatur u kienu, bħala regola, irriżervati għall-pubblikaturi l-iktar kbar li setgħu jiġġeneraw dħul mill-bejgħ suffiċjentament għoli sabiex ikun jista' jiġġustifika l-ispejjeż sostnuti minn Google relatati mal-persunal u mas-servizzi ta' assistenza ddedikati għall-imsieħba diretti. Barra minn hekk, Google ssostni li l-FSG kienu joffru lill-pubblikaturi sehem mid-dħul iktar vantaġġjuż minn dak stipulat fil-kuntratti online, li kienu kuntratti standard u mhux negozjabbli. Bl-istess mod, Surfboard issostni li l-konklużjoni ta' FSG ippermettilha tikseb kundizzjonijiet iktar vantaġġjużi minn dawk offruti minn kuntratt online.

540 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn naħa, filwaqt li, kif issostni Google, il-pubblikaturi kollha setgħu jikkonkludu kuntratt online, Google kienet tistabbilixxi hi stess il-pubblikaturi li setgħu jikkonkludu FSG. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-pubblikaturi kellhom l-għażla li jikkonkludu FSG jew kuntratt online, bħala regola, kien fl-interess tagħhom li jikkonkludu FSG pjuttost milli kuntratt online.

541 Minn dan isegwi li, fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet addizzjonali minn Google, l-eżempji, imsemmija fl-Anness A.42 tar-rikors, ta' msieħba diretti li kkonkludew ukoll, f'mument partikolari u għal uħud mis-siti internet tagħhom, kuntratt online, għandhom jiġu kkunsidrati bħala eżempji speċifiċi li mhux neċessarjament jirriflettu l-imġiba tal-imsieħba diretti fit-totalità tagħhom.

542 Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat li l-imsieħba diretti u l-imsieħba online kienu jikkostitwixxu, bħala regola, żewġ kategoriji separati ta' pubblikaturi, b'tali mod li l-imġiba tal-imsieħba online ma tikkostitwixxix indikazzjoni suffiċjentament affidabbli sabiex jiġi stabbilit jekk l-imsieħba diretti tas-siti kollha kinux jiksbu provvista esklużivament mingħand Google fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività.

543 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, korrettament, li l-istudju prodott minn Google, matul il-proċedura amministrattiva, ma kienx rilevanti.

ii) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti invokati minn Google

544 Google ssostni li diversi msieħba diretti indikaw, bħala risposta għal diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li ma xtaqux jużaw, fl-istess ħin, servizzi kompetituri ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Hija tispeċifika, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni ma allegatx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kellhom imġiba differenti minn dik ta' msieħba diretti oħra.

545 Surfboard issostni li ma kienx hemm interess kummerċjali li jintwera reklamar li ġej minn intermedjarji differenti fuq l-istess paġna u li storikament hija kienet tippreferi taħdem biss ma' intermedjarju wieħed kull darba. Hija tispjega, f'dan ir-rigward, li kollaborazzjoni mill-qrib bejn, minn naħa, intermedjarju u, min-naħa l-oħra, l-uffiċċju editorjali tagħha u l-kap tat-taqsima tal-prodott kienet neċessarja u li l-użu fl-istess ħin ta' servizzi differenti kien tali li jżid ir-riskju li jintwerew reklami żejda jew ta' kwalità ħażina. Barra minn hekk, hija żżid li l-maġġoranza tal-intermedjarji jitolbu l-esklużività għall-inventarju li jiġġestixxu sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-persuni li jirreklamaw. B'hekk, il-klawżola ta' esklużività ma tirriżultax mis-setgħa tas-suq ta' Google, iżda mill-volontà tal-persuni li jirreklamaw li jibbenefikaw minn inventarju ta' kwalità.

546 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Surfboard.

547 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni kkonstatat l-effett dissważiv tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward biss tal-imsieħba diretti tas-siti kollha. Minn dan isegwi li huma biss ir-risposti ta' dawn l-imsieħba diretti li huma rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk dawn l-istess imsieħba diretti kinux jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google matul il-perijodu li matulu huma kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom. Il-fatt, invokat minn Google, li l-Kummissjoni ma urietx li dawn l-imsieħba diretti kellhom imġiba differenti minn dik ta' msieħba diretti oħra huwa, f'dan ir-rigward, irrilevanti.

548 Fit-tieni lok, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat, kif għamlet Google, li [*kunfidenzjali*] iddikjara, bħala risposta għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li "huwa ddeċieda li jaħdem ma' fornitur għal kull wieħed mit-tip ta' reklamar għaliex ma kienx jemmen li ż-żieda ta' [intermedjarju] ieħor kienet ittejjeb il-prodott [tiegħu] jew kienet itejjeb il-valorizzazzjoni tiegħu".

549 Minn dan isegwi li [*kunfidenzjali*] ma xtaqx jikseb provvista mingħand intermedjarji differenti fl-istess ħin. Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt, diġà invokat mill-Kummissjoni u mfakkar fil-punt 504 iktar 'il fuq, li [*kunfidenzjali*] kien aċċetta l-klawżola ta' esklużività, minħabb li Google kienet tirrikjedi l-applikazzjoni tagħha "bħala kundizzjoni minn qabel" għall-konklużjoni tal-FSG.

550 Ċertament, il-Kummissjoni ssostni li [*kunfidenzjali*], li hija sussidjarja ta' [*kunfidenzjali*], kienet irrispondietha li taħdem ma' numru kbir ta' intermedjarji.

551 Madankollu, minn naħa, hemm lok li jiġi kkonstatat li [*kunfidenzjali*] kienet espressament spjegat, fir-risposta tagħha, li l-intermedjarji li għalihom kienet irreferiet kienu aġenziji tal-midja u mhux fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi kkonstatat li [*kunfidenzjali*] kien indika lill-Kummissjoni li huwa kien jikseb provvista esklużivament mingħand Google fir-rigward tar-rekalamar testwali, li, kif jirriżulta mill-premessa 137 tad-deċiżjoni kkontestata, jikkorrispondi "ġeneralment" għar-reklamar tat-tiftix online.

552 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, ir-risposta ta' [*kunfidenzjali*] ma hijiex tali li turi li l-imsieħba diretti tas-siti kollha xtaqu jiksbu provvista mingħand diversi intermedjarji fl-istess ħin.

553 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li [*kunfidenzjali*] kien iddikjara, bħala risposta għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li, "[b]'mod ġenerali, li tagħżel fornitur wieħed skont it-tip ta' apparat ippermett[a] li jinkisbu l-aħjar kundizzjonijiet finanzjarji" u li, "[f]il-każijiet kollha, minn perspettiva kummerċjali, ma kienx verament jagħmel sens li jkollok diversi fornituri ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fl-istess ħin fuq l-istess paġna/u tip ta' apparat".

554 Kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, il-fatt li [*kunfidenzjali*] kien iddikjara, essenzjalment, li kien finanzjarjament iktar vantaġġjuż li jikseb provvista, għal kull sit internet, mingħand intermedjarju wieħed, għandu tendenza li jikkorrobora l-fatt li l-imsieħba diretti tas-siti kollha, li kienu għażlu li ġeneralment jinkludu s-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom, ma kinux jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra għal parti mill-bżonnijiet tagħhom fl-assenza tal-klawżola ta' esklużività.

555 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li Surfboard issostni li hija ma kellhiex interess kummerċjali li turi reklamar li ġej minn intermedjarji differenti fuq l-istess paġna u li storikament kienet ippreferiet li taħdem biss ma intermedjarju wieħed kull darba.

556 Kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi il-Kummissjoni, il-fatt li imsieħba diretti oħra tas-siti kollha, li r-risposti tagħhom huma ċċitati fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, kien ġew skorraġġuti mill-klawżola ta' esklużività milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra ma huwiex tali li juri li Surfboard kienet tikseb provvista mingħand tali intermedjarji fl-assenza tal-imsemmija klawżola. Bl-istess mod, il-fatt li Google kienet ikkonkludiet FSG li kien fihom il-klawżola ta' esklużività mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u li dan il-fatt kien indikazzjoni li Google kienet tqis li dawn l-imsieħba diretti kellhom interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra ma jippermettix li jiġu kkontestati d-dikjarazzjonijiet ta' Surfboard.

557 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li Google waslet sabiex turi li kienu biss [*kunfidenzjali*], il-grupp [*kunfidenzjali*] u Surfboard li ppreferew jiksbu provvista mingħand intermedjarju wieħed kull darba. Min-naħa l-oħra, ir-risposti tagħhom ma jippermettux li jiġu kkontestati l-eżempji ta' risposti ta' msieħba diretti tas-siti kollha li jinsabu fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, li, kif ġie rrilevat fil-punti 518 u 519 iktar 'il fuq, setgħu jikkorroboraw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi ma' tali msieħba diretti, setgħet tiddiswadi lil dawn tal-aħħar milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

5) Konklużjoni fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-imsieħba diretti tas-siti kollha

558 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, mingħajr ħsara għall-eżami taċ-ċirkustanzi l-oħra kollha rilevanti u b'mod partikolari l-perijodu li matulu kienet tapplika l-klawżola ta' esklużività (ara l-punt 562 iktar 'il quddiem), il-Kummissjoni kkunsidrat, korrettament, li din il-klawżola, li tipprojbixxi lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli juru kompetitur fis-siti internet tagħhom, li kienu inklużi fil-FSG tagħhom, setgħet tiddiswadi uħud minnhom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

559 Fil-fatt, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, kif issemma fil-punt 518 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet, korrettament, tieħu inkunsiderazzjoni l-eżempji ta' risposti ta' msieħba diretti tas-siti kollha li jinsabu fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata, bħala elementi li jistgħu jikkorroboraw l-evalwazzjoni tagħha li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi ma' tali msieħba diretti, setgħet tiddiswadi lil dawn tal-aħħar milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

560 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni fil-premessi 230, 276 u 364 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ishma tas-suq ta' Google kienu żdiedu bejn l-2006 u l-2016 fil-maġġoranza tas-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online kif ukoll fis-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' tali tiftix. B'hekk, fl-2016, kważi ma kienx baqa' iktar kompetituri ta' Google f'dawn is-swieq. Barra minn hekk, l-imsemmija swieq kienu kkaratterizzati mill-eżistenża ta' barrieri għad-dħul u għat-tkabbir sinjifikattivi u minn nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-persuni li jirreklamaw u tal-pubblikaturi. B'mod partikolari, l-effetti ta' skala u ta' network kienu għamlu diffiċli li jidħlu kompetituri ġodda.

561 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, kuntrarjament għal dak li ssostni Google, is-sempliċi fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma kellhiex effett fuq l-imġiba ta' uħud minn dawn l-imsieħba diretti ma kienx suffiċjenti sabiex juri li din il-klawżola ma kellhiex il-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

562 Konsegwentament, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, seta' jkollha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, kif tfakkar fil-punti 389, 399 u 400 iktar 'il fuq, id-domanda dwar jekk din il-klawżola kellhiex tali kapaċità tiddependi wkoll mill-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti l-oħra kollha u, b'mod partikolari, mill-perijodu li matulu dawn l-imsieħba diretti kienu obbligati, fid-dawl tal-imsemmija klawżola, li jiksbu provvista

esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom, kif, barra minn hekk, irrilevat b'mod korrett il-Kummissjoni, fil-premessa 364 tad-deċiżjoni kkontestata.

b) Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jaċċessaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

563 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kienet ipprekludiet lill-kompetituri ta' Google milli jaċċessaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, hija tirrileva li d-dħul gross iġġenerat minn dawn il-FSG kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva minn dan is-suq. It-tieni nett, hija kkonstatat li Google kienet sistematikament tinkludi l-klawżola ta' esklużività fil-FSG li kienu jiġġenerawlha l-iktar dħul. It-tielet nett, hija nnotat li l-volum ta' tiftix li sar fis-siti internet inklużi fil-FSG konklużi ma' dawn l-imsieħba diretti kien sinjifikattiv meta mqabbel man-numru ta' tiftix li sar permezz ta' servizzi kompetituri ta' tfittxija ġenerali. Ir-raba' nett, hija tqis li l-perijodu li matulu l-klawżola ta' esklużività kienet timponi lil dawn l-imsieħba diretti li jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom kien twil. Il-ħames nett, hija rrilevat li l-fatt li din il-klawżola pprekludiet lill-intermedjarji kompetituri milli jaċċessaw parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq kien rifless fl-iżvilupp tal-ishma tas-suq ta' Google. Is-sitt nett, hija kkonstatat li l-imsemmija klawżola kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. Is-seba' nett, hija qieset li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi ma' 69 imsieħba diretti oħra, li ma setgħux jikkonfermawlha jekk kinux jew le ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom f'dawn il-FSG, kienet ipprekludiet lill-intermedjarji kompetituri milli jagħtu s-servizzi tagħhom fis-siti internet inklużi f'dawn il-FSG.

564 L-ewwel nett, Google ssostni li l-klawżola ta' esklużività ma kinitx tapplika għall-formati kollha tar-reklamar tat-tiftix online. It-tieni nett, hija tikkontesta l-evalwazzjoni tal-kopertura tas-suq bil-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha. It-tielet nett, hija tikkritika lill-Kummissjoni li ma urietx li din il-klawżola setgħet teskludi lil kompetitur effettiv daqsha. Ir-raba' nett, hija ssostni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-possibbiltà, għall-imsieħba diretti tas-siti kollha, li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri fi tmiem kull FSG tagħhom u tal-eventwali estensjoni ta' dawn tal-aħħar kif ukoll fejn dritt ta' xoljiment unilaterali kien ġie previst.

565 L-argumenti ta' Google għandhom jiġu eżaminati separatament.

1) Fuq l-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużività għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online

566 Google ssostni li l-klawżola ta' esklużività ma kinitix tipprekludi lill-imsieħba diretti milli juru formati oħra ta' reklamar tat-tiftix online, bħal "product listing ads" (lista ta' reklami għal prodotti, iktar 'il quddiem il-"PLA"), kif ukoll reklamar mhux relatat ma' tali tiftix.

567 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

568 Minn naħa, mill-premessa 28 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħha ma huwiex ikkontestat minn Google, jirriżulta li l-PLA jaqgħu fir-riżultati ta' tiftix speċjalizzat. Madankollu, hemm lok li jiġi rrilevat li Google la tallega u wisq inqas tistabbilixxi, inkluż fil-qafas tal-ewwel motiv, li r-riżultati ta' tiftix speċjalizzat u r-reklamar tat-tiftix online kienu jappartjenu

għall-istess suq. B'hekk, għandu jiġi kkunsidrat li Google lanqas ma tistabbilixxi li s-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u dawk relatati mar-riżultati ta' tiftix speċjalizzat kienu jappartjenu għall-istess suq.

569 Barra minn hekk, Google ma tispjegax liema formati oħra ta' reklamar tat-tiftix online, apparti l-PLA, l-imsieħba diretti setgħu juru u ma stabbilixxietx li dawn il-formati kienu jappartjenu għall-istess suq bħal dak tar-reklamar tat-tiftix online.

570 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat ukoll, kif jirriżulta mill-punt 305 iktar 'il fuq, li Google ma stabbilixxietx li ż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni, jiġifieri r-reklamar tat-tiftix online u dak mhux relatat ma' tali tiftix, kienu jappartjenu għall-istess suq, li jfisser li hija ma stabbilixxietx li s-servizzi ta' intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatati mat-tiftix online u dawk mhux relatati mat-tiftix online kienu jappartjenu għall-istess suq.

571 Konsegwentament, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma kinitx tapplika għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online, fosthom il-PLA, u lanqas mar-reklamar mhux relatat ma' tali riċerki, ma kienx jippermetti li jiġi kkontestat il-fatt li din il-klawżola kienet tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jaċċessaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

2) Fuq il-kopertura tas-suq permezz tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha

572 Fid-deċiżjoni kkontestata, qabelxejn, il-Kummissjoni qieset li, bejn l-2006 u l-2009, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. Hija spjegat, f'dan ir-rigward, li l-FSG konklużi ma' [*kunfidenzjali*] (li kienu jappartjenu għall-grupp [*kunfidenzjali*] u li, flimkien, kienu jikkostitwixxu wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati mill-Kummissjoni), [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu jirrappreżentaw, waħidhom, bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % ta' dan is-suq. Sussegwentament, hija kkonstatat li, bejn l-2010 u l-2012, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq u li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li kien fihom klawżola ta' pożizzjonament kienu, fir-rigward tagħhom, għaddew minn [*kunfidenzjali*] sa [*kunfidenzjali*] % f'dan l-istess suq. Finalment, hija rrilevat li, bejn l-2013 u l-2015, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kien jirrappreżenta tal-inqas [*kunfidenzjali*] % tas-suq inkwistjoni, kif ikkonfermat waqt is-seduta, u li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien jirrappreżenta tal-inqas [*kunfidenzjali*] % tiegħu.

573 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset li Google kienet inkludiet sistematikament il-klawżola ta' esklużività fil-FSG li kienu jiġġeneraw l-iktar dħul għaliha. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li, bejn l-2006 u l-2009 u bejn l-2010 u l-2012, l-imsieħba diretti tas-siti kollha rrappreżentaw rispettivament bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % u bejn [*kunfidenzjali*] [*kunfidenzjali*] % tad-dħul gross iġġenerat mill-imsieħba diretti kollha.

574 It-tielet nett, il-Kummissjoni kkonstatat li, filwaqt li, fiż-ŻEE, il-volum ta' tiftix online mwettaq fis-siti internet tal-imsieħba diretti tas-siti kollha kien sinjifikattiv meta mqabbel man-numru ta' tiftix online magħmul permezz tas-servizz ta' tiftix ġenerali tal-kompetituri ta' Google, madankollu dan kien negliġibbli meta mqabbel mal-volum ta' tiftix online magħmul permezz tas-servizz ta' tiftix ġenerali ta' Google.

575 Ir-raba' nett, il-Kummissjoni nnutat li mill-iżvilupp tal-parti tas-suq ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE kien jirriżulta li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kienet ipprekludiet l-aċċess ta' intermedjarji kompetituri għal parti sinjifikattiva ta' dan is-suq.

576 Il-ħames nett, il-Kummissjoni rrilevat li, kif jirriżulta minn studju kkomunikat fl-2011 u implimentat fl-2013 minn Microsoft (iktar 'il quddiem l-"istudju ta' Microsoft"), li hija waħda mil-lanjanti f'din il-kawża, il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati. B'mod iktar partikolari, hija kkonstatat li Google kienet tipprovdi servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tal-ismijiet ta' dominju l-iktar iffrekwentati fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit fl-2010.

577 Is-sitt nett, il-Kummissjoni tfakkar li, bejn l-2006 u l-2009, il-klawżola ta' esklużività kienet ukoll preżenti fil-FSG konklużi ma' 69 imsieħeb diretti oħra li ma setgħux jikkonfermaw jekk kinux ġeneralment inkludew, fil-FSG tagħhom, is-siti internet kollha tagħhom. Minn dan hija ddeduċiet li din il-klawżola kienet ipprekludiet lill-kompetituri ta' Google milli jipprovdu servizz ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online għas-siti internet inklużi fil-FSG tagħha matul dan il-perijodu.

578 Google ssostni li l-analiżi tal-kopertura tas-suq bil-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ibbażata fuq l-importanza tad-dħul iġġenerat minn dawn il-FSG, ma huwiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit li l-imsemmija klawżola ta' esklużività kienet ipproduċiet effett ta' esklużjoni. Barra minn hekk, hija tikkritika lill-Kummissjoni, l-ewwel nett, li kkunsidrat li uħud minn dawn l-imsieħba diretti kienu kisbu provvista esklużivament mingħandha għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom, it-tieni nett, li ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul tal-imsieħba diretti li ma kinux imsieħba diretti tas-siti kollha, it-tielet nett, li użat approċċ fir-rigward tal-klawżola ta' esklużività li ma kienx koerenti ma' dak użat fir-rigward tal-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ir-raba' nett, li għaqdet il-kopertura tal-klawżola ta' esklużività ma' dik tal-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel u, il-ħames nett, li ma stabbilixxietx il-kopertura tal-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha għas-sena 2016.

i) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data wara l-konklużjoni tal-FSG għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività

579 Google ssostni li l-imsieħba diretti kienu liberi li jagħżlu s-siti internet li xtaqu jinkludu fil-FSG tagħhom. Analiżi *a posteriori* tar-rata ta' kopertura ta' dawn il-FSG turi għalhekk ir-riżultat tal-kompetizzjoni fuq il-merti, iżda ma turix l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività.

580 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

581 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-obbligi li tinkiseb provvista esklużiva huma intiżi sabiex ineħħu jew jirrestrinġu l-libertà tal-għażla tax-xerrej f'dak li jirrigwarda s-sorsi ta' provvista tiegħu u jċaħħdu l-aċċess għas-suq lil produtturi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, punt 90).

582 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, kif issemma fil-punt 414 iktar 'il fuq, li ladarba imsieħeb dirett kien għażel li jinkludi wieħed mis-siti internet tiegħu fil-FSG tieħu, huwa neċessarjament kellu jikseb provvista esklużivament Google għall-bżonnijiet tiegħu f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online f'dak li jirrigwarda dan is-sit internet. Sussegwentament, meta pubblikatur ikun għażel li jinkludi s-siti internet kollha tiegħu fil-FSG tiegħu, huwa neċessarjament għandu, bis-saħħa ta' din il-klawżola ta' esklużività, jikseb provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tiegħu f'termini ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online għall-perijodu tal-imsemmi FSG. B'hekk, il-kompetituri ta' Google ma kellhomx il-possibbiltà li jipprovdu s-servizzi tagħhom lil dan il-pubblikatur matul l-imsemmi perijodu.

583 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi Google, il-fatt li d-dħul iġġenerat mill-imsemmija FSG, li fih l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet tagħhom kollha, li kienu jirrappreżentaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, seta' joħloq effett ta' esklużjoni kuntrarju għall-Artikolu 102 TFUE fir-rigward tal-intermedjarji l-oħra kompetituri ta' Google, anki jekk dawn l-imsieħba diretti kienu huma stess inizjalment għażlu s-siti internet li kienu inkludew fil-FSG tagħhom.

ii) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġenerat minn FSG konklużi mal-imsieħba diretti li jappartjenu għall-istess grupp bħal uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha

584 Google ssostni li, anki jekk l-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew parti kunsiderevoli minnhom, il-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod żbaljat, mhux biss id-dħul iġġenerat mill-FSG konklużi minn dawn l-imsieħba diretti, iżda wkoll minn dawk iġġenerati minn kuntratti li ma kienx fihom il-klawżola ta' esklużività konklużi minn entitajiet oħra tal-gruppi li fihom dawn tal-aħħar jappartjenu. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni kienet kabbret b'mod artifiċjali l-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha.

585 Bħala eżempju, Google tirrileva li, skont id-deċiżjoni kkontestata, [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li kollha jagħmlu parti mill-grupp [*kunfidenzjali*], kull wieħed kien jikkostitwixxi imsieħeb dirett separat minn fost l-imsieħba diretti tas-siti kollha. Madankollu, hija tikkonstata li entitajiet oħra ta' dan il-grupp, fosthom [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], kienu kkonkludew kuntratti magħha dwar il-provvista ta' AFS u li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat dħul iġġenerat minn dawn il-kuntratti għall-finijiet tal-kalkolu ġġenerat mill-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha.

586 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

587 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li Google ma tipproduċi l-ebda prova insostenn tal-allegazzjoni tagħha li d-deċiżjoni kkontestata kellha tieħu inkunsiderazzjoni dħul iġġenerat mill-kuntratti konklużi ma' [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] għall-finijiet tal-kalkolu ġġenerat mill-grupp [*kunfidenzjali*].

588 B'mod iktar partikolari, għandu jiġi rrilevat li, bħala risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li talbet lil Google tipproduċi l-kuntratti li hija kienet ikkonkludiet ma' [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] li jikkonċernaw il-provvista ta' AFS, Google sempliċement indikat li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] ma kinux ikkonkludew FSG magħha. Madankollu, hija

ma pproduċietx il-prova li [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu effettivament użaw AFS permezz, pereżempju, ta' kuntratti online. B'hekk, hija ma stabbilixxietx li dawn il-kuntratti kienu ġġeneraw dħul li l-Kummissjoni, sussegwentament ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod żbaljat, sabiex tistabbilixxi r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha.

589 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u inkwantu Google ma tinvokax eżempji oħra li jistgħu jistabbilixxu li l-Kummissjoni kellha tuża data relatata mad-dħul iġġenerat minn kuntratti konklużi mal-pubblikaturi li ma kinux imsieħba diretti tas-siti kollha, hemm lok li jiġi kkunsidrat li Google ma hijiex fondata li tikkritika lill-Kummissjoni li ħadet inkunsiderazzjoni dħul iġġenerat minn tali kuntratti.

iii) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel

590 Google tikkritika lill-Kummissjoni li ħadet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ta' dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkluż, fuq kollox, meta l-imsieħba diretti li jkunu kkonkludew dawn il-FSG ma inkludewx fihom is-siti internet kollha tagħhom.

– Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha

591 Kif jirriżulta mill-punt 572 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament sabiex tistabbilixxi d-dħul gross iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha li jirrappreżentaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

592 Google tikkritika lill-Kummissjoni li ħadet inkunsiderazzjoni, sabiex tikkaratterizza l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività tal-FSG, id-dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel. F'dan ir-rigward, hija tispjega li, inkwantu l-Kummissjoni identifikat, fid-deċiżjoni kkontestata, tliet istanzi ta' ksur separati tal-Artikolu 102 TFUE, li jirriżultaw mill-inklużjoni tat-tliet klawżoli rispettivament, ta' esklużività, ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-kopertura speċifika ta' kull waħda minn dawn il-klawżoli.

593 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

594 L-ewwel nett, għandu jiġi spjegat li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi Google, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod speċifiku d-dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, anki jekk ma huwiex ikkontestat li, kif indikat fil-punt 4 tal-premessa 630 tad-deċiżjoni kkontestata, l-FSG kollha li kellhom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhom ukoll il-klawżola ta' pożizzjonament.

595 It-tieni nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 107 u 390 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tagħha tal-effetti tal-klawżola ta’ esklużività, iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ u, b’mod partikolari, ir-rata ta’ kopertura tas-suq tal-klawżola ta’ esklużività (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta’ Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 139).

596 Barra minn hekk, l-għeluq ta’ parti sostanzjali tas-suq minn impriża dominanti ma jistax jiġi ġġustifikat jekk jintwera li l-parti tas-suq li setgħet tiġi mirbuħa għadha suffiċjenti sabiex tissostitwixxi numru limitat ta’ kompetituri. Minn naħa, il-klijenti li jinsabu fil-parti eskluża tas-suq għandu jkollhom l-opportunità li japprofittaw minn kull grad ta’ kompetizzjoni li hija possibbli fis-suq u l-kompetituri għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fuq il-mertu għas-suq kollu kemm hu u mhux għal parti minnu biss. Min-naħa l-oħra, ma huwiex ir-rwol tal-impriża dominanti li tistabbilixxi kemm għandhom jikkompetu kompetituri profittabbli għal perċentwali tad-domanda li għadha tista’ tinkiseb (sentenza tad-19 ta’ April 2012, Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/10 P, EU:C:2012:221, punt 42).

597 F’dan il-kuntest, sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rata ta’ kopertura tal-klawżola ta’ esklużività kinitx suffiċjenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, sabiex tippermetti lil din il-klawżola tipproduċi effett ta’ esklużjoni, il-Kummissjoni kellha neċessarjament tistabbilixxi s-sehem tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online li għalih il-kompetituri ta’ Google seta’ jkollhom aċċess fl-assenza tal-imsemmija klawżola.

598 Madankollu, minn naħa, kif essenzjalment ġie rrilevat fil-punti 78 sa 82 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta’ pożizzjonament kellha l-kapaċità li toħloq effett ta’ esklużjoni, billi tillimita, tal-inqas sa ċertu punt, il-kapaċità tal-imsieħba diretti li juru reklamar kompetitur marbut mat-tiftix online.

599 B’mod iktar partikolari, il-Kummissjoni kkonstatat, fil-premessa 630 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżoli ta’ esklużività u ta’ pożizzjonament kienu kumplimentari sa fejn kellhom tendenza li jiddiswadu lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista f’termini ta’ reklamar kompetitur u jipprekludu lill-intermedjarji kompetituri ta’ Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. Hija fakkret ukoll, fil-premessi 335, 467, fil-punt 2 tal-premessa 630 u fil-premessi 712 u 718 tad-deċiżjoni kkontestata, li Google stess kienet kklassifikat il-klawżola ta’ pożizzjonament bħala klawżola ta’ esklużività iktar flessibbli. Hija b’hekk qieset li din il-klawżola setgħet tirrestrinġi l-parti tas-suq li fiha Google u l-kompetituri tagħha setgħu jikkompetu.

600 Minn dan isegwi li l-klawżola ta’ pożizzjonament, skont il-Kummissjoni, setgħet tirrestrinġi l-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online li fih il-kompetituri ta’ Google seta’ jkollhom aċċess.

601 Min-naħa l-oħra, mill-premessi 89 u 335 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Google kienet bdiet progressivament tissostitwixxi, minn Marzu 2009, il-klawżola ta’ esklużività b’mod partikolari bil-klawżola ta’ pożizzjonament fil-FSG tagħha, b’tali mod li dawn il-klawżoli setgħu fl-istess ħin ikopru partijiet differenti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online u kkoinċidew, tal-inqas parzjalment, matul il-perijodu bejn Marzu 2009 u l-31 ta’ Marzu 2016.

602 L-argument ta’ Google, li essenzjalment il-Kummissjoni kellha teżamina l-kopertura tal-klawżola ta’ esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u dik tal-klawżola ta’ pożizzjonament b’mod separat minn xulxin, iwassal sabiex jaqsam artifiċjalment l-eżami

tal-kopertura tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online skont allegati prattiki ta' Google, mingħajr rikonoxximent tal-kuntest fattwali u legali li fih dawn kienu jaqgħu, li huwa kkaratterizzat b'mod partikolari bis-sostituzzjoni gradwali tal-klawżola ta' esklużività bil-klawżola ta' pożizzjonament. Tali tqassim kellu, effettivament, bħala konsegwenza aritmetika li jbaxxi r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, matul l-aħħar snin li matulhom din il-klawżola kienet ġiet applikata, filwaqt li ġie injorat il-fatt li matul dawn l-istess snin, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet eċċediet fi żmien qasir il-parti tas-suq koperta bl-imsemmija klawżola ta' esklużività b'effett mill-emenda tal-mudell tal-FSG f'Marzu 2009. Tali tqassim ma kienx jirrifletti għalhekk ir-realtà ekonomika tal-imsemmi suq bejn l-2009 u l-2016.

603 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għad-domanda, imqajma fil-kuntest tat-tielet motiv, dwar jekk il-klawżola ta' pożizzjonament kinitx effettivament tista' tipproduċi effett ta' esklużjoni li jikser l-Artikolu 102 TFUE, ma għandux jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kkommettiet żball ta' liġi, minħabba s-sempliċi raġuni li hija kkunsidrat il-kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament sabiex tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività kinitx suffiċjenti sabiex tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

– Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġeneart mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel konklużi ma' imsieħba diretti li ġeneralment ma inkludewx is-siti internet kollha tagħhom f'dawn il-FSG għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha

604 Fil-premessi 523 u 593 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li kienet naqset għal 34 in-numru ta' msieħba diretti, li hija qieset li kienu jiksbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom, filwaqt li 69 imsieħba diretti oħra (imsemmija fil-punt 563 iktar 'il fuq) kienu inkludew tal-inqas uħud mis-siti internet tagħhom li juru reklamar tat-tiftix online fil-FSG tagħhom li fihom il-klawżola ta' esklużività. Minn dan hija ddeduċiet li Google ma kinitx iġġustifikata li tikkritikaha li ħadet inkunsiderazzjoni l-FSG kollha li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u mhux biss dawk l-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom.

605 Google ssostni li l-analiżi tal-Kummissjoni hija inkoerenti. Fil-fatt, hija tikkonstata li din tal-aħħar qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE biss meta l-klawżola kienet tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, filwaqt li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu kkunsidrati li jiksru din id-dispożizzjoni meta jkunu inklużi fi kwalunkwe FSG. Barra minn hekk, hija tikkritika lill-Kummissjoni li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul iġġenerat mill-FSG kollha li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkluż dawk li fihom l-imsieħba diretti ma kinux ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom.

606 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

607 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 349 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li d-69 imsieħba diretti, li għalihom il-Kummissjoni tirreferi fil-premessi 523 u 593 ta' din id-deċiżjoni, huma dawk li ma kinux f'pożizzjoni li jikkonfermaw jekk kinux inkludew ġeneralment, jew le, is-siti internet kollha tagħhom li juru reklamar tat-tiftix online fil-FSG tagħhom. Dawn kienu

għalhekk imsieħba diretti li fil-konfront tagħhom il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tistabbilixxi, skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), li kienu kisbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

608 Konsegwentament, minkejja li, fil-premessa 349 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li użat approċċ prudenti u favorevoli għal Google, dan kien sempliċement għaliex kien possibbli li numru ikbar ta' msieħba diretti setgħu jiksbu provvista esklużivament mingħand din tal-aħħar għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Min-naħa l-oħra, minn din il-premessa ma jistax jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet tqis li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti ma kinux ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36).

609 Minn dan isegwi li, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk l-approċċ tal-Kummissjoni kienx "eċċessivament prudenti u favorevoli għal Google", kif din tal-aħħar indikat fil-punt 49 tar-risposta tagħha, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni ma qiesitx li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konkluż mad-69 imsieħba diretti msemmija fil-punt 607 iktar 'il fuq, kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE.

610 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel l-Kummissjoni fil-premessa 455 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu inqas restrittivi mill-klawżola ta' esklużività għall-imsieħba diretti inkwantu kienu jawtorizzaw lil dawn tal-aħħar, tal-inqas sa ċertu punt, jużaw fl-istess ħin l-AFS u servizz kompetitur ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fis-siti internet inklużi fil-FSG tagħhom. Barra minn hekk, fil-premessi 335, 467, fil-punt 2 tal-premessa 630 u fil-premessi 712 u 718 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni fakkret f'dikjarazzjoni ta' Google li kklassifikat il-klawżola ta' pożizzjonament bħala klawżola ta' esklużività iktar flessibbli.

611 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li, ċertament, hemm ċertu asimmetrija fid-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività ma kinitx tikser l-Artikolu 102 TFUE sa fejn kienet tinsab fil-FSG konkluż mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, filwaqt li qieset li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu jiksru din l-istess dispożizzjoni peress li kienu japplikaw għall-imsieħba diretti kollha li l-FSG tagħhom kien fihom tali klawżoli.

612 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, sabiex tistabbilixxi jekk il-klawżola ta' esklużività kinitx tikser l-Artikolu 102 TFUE, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tistabbilixxi li din il-klawżola kienet effettivament tobbliga lill-imsieħba diretti tas-siti kollha jiksbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36).

613 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 108 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet b'mod partikolari tillimita ruħha sabiex turi li l-klawżola ta' esklużività kellha l-kapaċità li turi effett ta' esklużjoni.

614 Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kellha tikkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 595 iktar 'il fuq. Madankollu, sabiex tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konkluż mal-imsieħba diretti tas-siti kollha,

kinitx suffiċjenti sabiex ikollha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, il-Kummissjoni setgħet tieħu inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanza rilevanti, il-fatt li l-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online li ma kinitx koperta bl-imsemmija klawżola kienet parzjalment koperta mill-klawżola ta' pożizzjonament, li kien jillimita l-possibbilitajiet ta' aċċess, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, għall-imsemmi suq.

615 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li l-Kummissjoni qieset li kienet biss il-klawżola ta' esklużività li kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE inkwantu din il-klawżola kienet tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha ma kienx jipprekludi lill-Kummissjoni milli tqis li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu wkoll jiksru din id-dispożizzjoni fejn kienu japplikaw għall-imsieħba diretti kollha li l-FSG tagħhom kien fihom tali klawżoli.

616 Minn naħa, minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li fiha kontradizzjoni, minħabba s-sempliċi raġuni li l-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE biss meta din il-klawżola kienet tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, filwaqt li qieset li l-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu jiksru din id-dispożizzjoni meta kienu japplikaw għall-imsieħba diretti kollha li l-FSG tagħhom kien fihom tali klawżoli.

617 Min-naħa l-oħra, bla ħsara għad-domanda, imqajma fil-qafas tat-tielet motiv, dwar jekk il-klawżola ta' pożizzjonament setgħetx effettivament tipproduċi effett ta' esklużjoni li jikser l-Artikolu 102 TFUE, hemm lok li jiġi kkunsidrat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod żbaljat, FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament, inkluż dawk li fihom l-imsieħba diretti ma kinux inkludew is-siti internet kollha tagħhom, sabiex jevalwaw il-portata tar-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività.

iv) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' msieħba diretti li ma inkludewx is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom li fihom il-klawżola ta' esklużività għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' kopertura ta' din l-aħħar klawżola

618 Google tikkontesta l-klassifikazzjoni ta' "imsieħba diretti tas-siti kollha" mogħtija mill-Kummissjoni lil ċerti operaturi. Hija ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-imsieħba diretti tas-siti kollha, identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, kienu inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom u li kienu, konsegwentament, kisbu l-provvista esklużivament mingħandha għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Minn dan hija ddeduċiet li l-Kummissjoni ssopravalutat id-dħul iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti li kisbu provvista esklużivament mingħandha għall-bżonnijiet kollha tagħhom jew għal parti kunsiderevoli minnhom. Barra minn hekk, hija ssostni li, anki jekk tibbaża ruħha fuq id-data li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellha tqis il-fatt li parti sinjifikattiva tad-dħul fiż-ŻEE mis-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online baqgħet "disponibbli" għall-intermedjarji l-oħra.

619 Għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 395 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li d-domanda dwar jekk dħul "sinjifikattiv" iġġenerat fiż-ŻEE mis-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online baqax "disponibbli" għall-kompetituri ta' Google kienet irrilevanti. Fil-fatt, hija qieset li kien suffiċjenti li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tas-suq tal-imsemmija servizzi bejn l-2006 u l-2015.

620 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi Google, il-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, li ma kinitx koperta mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, mhux neċessarjament baqgħet "disponibbli" għall-kompetituri ta' Google. Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, b'effett minn Marzu 2009, din il-parti tas-suq kienet parzjalment koperta mill-klawżola ta' pożizzjonament, li ssostitwixxiet progressivament, minn din id-data, il-klawżola ta' esklużività. Issa, kif jirriżulta mill-punt 598 iktar 'il fuq u mill-punt 767 iktar 'il quddiem, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriżerva l-ispazji l-iktar prominenti tal-paġni tar-riżultati għar-reklamar ta' Google.

621 It-tieni nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, kif tfakkar fil-punt 596 iktar 'il fuq, l-għeluq ta' parti sostanzjali tas-suq minn suq dominanti ma jistax jiġi ġġustifikat billi jintwera li l-parti tas-suq li setgħet tiġi mirbuħa għadha suffiċjenti sabiex tissostitwixxi numru limitat ta' kompetituri.

622 Konsegwentament, kif issostni l-Kummissjoni, il-fatt li parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kienet koperta mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha seta', bħala regola, ikun suffiċjenti sabiex jipproduċi effett ta' esklużjoni.

623 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonstatat, fit-Tabella Nru 13 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati f'din id-deċiżjoni kienet is-segwenti:

Sena	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Kopertura	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denz-jali*]%	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %

624 Kif ġie rrilevat fil-punt 450 iktar 'il fuq, Google u Surfboard isostnu li ħdax mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata ma kisbux provvista esklużivament mingħand Google għal tal-inqas parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tagħhom. Dawn kienu [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], Surfboard, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*].

625 Fl-interess tal-effiċjenza proċedurali, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, jiġifieri dak fejn jiġi preżunt li mir-rata ta' kopertura kkonstatata fid-deċiżjoni kkontestata għandha titnaqqas dik li tikkorrispondi għall-FSG konklużi mal-ħdax-il imsieħeb dirett identifikati minn Google u minn Surfboard, mit-Tabella Nru 13 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti l-oħra tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata tkun is-segwenti:

Sena	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Kopertura	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-kunfi-denzjali*] %

626 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, ir-rata ta' kopertura relattivament żgħira tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konkluži mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, b'mod partikolari mill-2010, tirriżulta, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 601 iktar 'il fuq, b'mod partikolari mis-sostituzzjoni progressiva tal-klawżola ta' esklużività bil-klawżola ta' pożizzjonament fil-FSG wara l-emenda tal-mudell tal-FSG f'Marzu 2009.

627 Barra minn hekk, huwa stabbilit li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament, li ġiet introdotta biss minn Marzu 2009, kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE bejn l-2009 u l-2015.

628 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat, f'dan ir-rigward, fit-Tabella Nru 25 tal-imsemmija deċiżjoni, li r-rata ta' kopertura meħuda flimkien mal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konkluži mal-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati f'din id-deċiżjoni, minn naħa, u tal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, kienet is-segwenti:

Sena	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015
Kopertura magħquda	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %

629 Madankollu, abbażi tax-xenarju l-iktar favoreoli għal Google, jiġifieri dak li fih ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konkluži mal-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati kienet, bejn l-2006 u l-2012, dik indikata fil-punt 625 iktar 'il fuq u kienet żero bejn l-2013 u l-2015, li madankollu ma huwiex allegat minn Google, mit-Tabella Nru 24 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament, meħuda flimkien ma' dik tal-klawżola ta' esklużività, kienet tkun is-segwenti:

Sena	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015
Kopertura magħquda	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %	[*kunfi-denzjali*] %

630 Minn dan isegwi li, anki abbażi ta' data l-iktar favorevoli għal Google, minn naħa, fil-perijodu qabel l-introduzzjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament fil-FSG, bejn l-2006 u l-2008, ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, kienet bejn [*kunfidenzjali*] %, fl-2007, u [*kunfidenzjali*] %, fl-2008. Min-naħa l-oħra, fil-perijodu li matulu l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tapplika, jiġifieri bejn l-2009 u l-2015, ir-rata ta' kopertura magħquda ta' dawn iż-żewġ klawżoli kienet bejn [*kunfidenzjali*] %, fl-2009, u [*kunfidenzjali*] %, fl-2012.

631 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, anki fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, minn naħa, u tal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, meħuda flimkien, setgħet tkun suffiċjenti sabiex tippermetti lil dawn il-klawżoli li jkollhom il-kapaċità li jipproduċu effett ta' esklużjoni bejn l-2006 u l-2015.

632 Minn dan isegwi li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, ma setgħetx tipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba s-sempliċi raġuni li parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online ma kinitx koperta minn dawn il-klawżoli bejn l-2006 u l-2015.

v) Fuq id-dħul iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha fl-2016

633 Google tikkritika lill-Kummissjoni talli ma evalwatx il-kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kif ukoll tal-klawżola ta' pożizzjonament u tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel għas-sena 2016.

634 Minn naħa, il-Kummissjoni ssostni li mill-premessi 388 u 457 u mit-Tabella Nru 15 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li [*kunfidenzjali*], wieħed mit-tliet imsieħba diretti l-iktar importanti mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, baqa' parti minn FSG li fih klawżola ta' esklużività sal-31 ta' Marzu 2016. Min-naħa l-oħra, hija tirrileva li mill-premessi 99 sa 106, 564 u 633 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li Google informat, fis-6 ta' Settembru 2016, lil dan l-aħħar imsieħeb dirett bid-deċiżjoni tagħha li tirrinunzja għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament. Hija żżid li ċertu numru ta' msieħba diretti, inkluż l-imsieħba diretti importanti, kienu parti minn FSG li kien fih din il-klawżola sat-3 ta' Ġunju 2016.

635 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 594 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod speċifiku d-dħul iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel fl-evalwazzjoni tal-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, anki jekk ma huwiex ikkontestat li, kif tispjega Google, l-FSG kollha li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhom ukoll il-klawżola ta' pożizzjonament.

636 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li d-deċiżjoni kkontestata ma tidentifikax il-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online koperta mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, minn naħa, u dik tal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, għas-sena 2016, filwaqt li kkunsidrat li kull waħda minn dawn il-klawżoli kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti sal-31 ta' Marzu 2016 u sas-6 ta' Settembru 2016 rispettivament.

– *Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha*

637 Fir-rigward tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni sempliċement tirreferi għall-premessi tad-deċiżjoni kkontestata, li minnhom jirriżulta li l-aħħar FSG li kien fih l-imsemmija klawżola li fih wieħed minn dawn l-imsieħba diretti, jiġifieri [*kunfidenzjali*], kien ġeneralment inkluda s-siti internet kollha tiegħu, kien skada fil-31 ta' Marzu 2016.

638 Madankollu, filwaqt li l-Kummissjoni tiddikjara, fir-risposta, li [*kunfidenzjali*] kien "wieħed mit-tliet [imsieħba diretti] l-iktar sinjifikattivi" fost l-imsieħba diretti tas-siti kollha, għandu jiġi rrilevat li hija ma pproduċietx, fid-deċiżjoni kkontestata, provi li permezz tagħhom jista' jiġi evalwat l-ammont tad-dħul iġġenerat mill-FSG inkwistjoni konkluż ma' dan l-imsieħeb dirett speċifikament għas-sena 2016. B'mod partikolari, hija spjegat biss li s-siti internet ta' [*kunfidenzjali*] kienu jirrappreżentaw, bħala medja, [*kunfidenzjali*] % tad-dħul gross iġġenerat

minn Google fis-suq taż-ŻEE tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online bejn l-2006 u l-2012, filwaqt li rrilevat, barra minn hekk, li l-klawżola ta' esklużività kienet applikata għall-imsemmija siti internet bejn il-15 ta' Mejju 2003 u l-31 ta' Marzu 2016.

639 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-Kummissjoni ma identifikat ebda imsieħeb dirett ieħor, minbarra [*kunfidenzjali*], li ġeneralment inkluda s-siti internet kollha tiegħu f'FSG li fih il-klawżola ta' esklużività matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2016, hemm lok li jiġi kkonstatat li hija lanqas ma stabbilixxiet li, minħabba l-kopertura tagħha, din il-klawżola setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni matul dan il-perijodu, irrispettivament mill-fatt dwar jekk, kif issostni Google, l-imsemmija klawżola, kif redatta fil-FSG, imsemmija fil-premessa 348 tad-deċiżjoni kkontestata, kinitx imponiet fuq [*kunfidenzjali*] li jikseb provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

– *Fuq il-klawżola ta' pożizzjonament*

640 Fir-rigward tal-klawżola ta' pożizzjonament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni sempliċement ikkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li Google kienet informatha, minn naħa, fit-28 ta' Mejju 2016, li kellha l-ħsieb li temenda l-imsemmija klawżola u, min-naħa l-oħra, fid-9 ta' Settembru 2016, li kienet bagħtet [*kunfidenzjali*] ittri lill-imsieħba diretti kollha għal dan il-għan. Madankollu, il-Kummissjoni ma ppreżentatx, f'din id-deċiżjoni, provi li permezz tagħhom setgħet tiġi evalwata l-portata tal-kopertura tal-FSG li fihom il-klawżola inkwistjoni għas-sena 2016. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, magħmula fir-risposta, li disa' imsieħba diretti kienu għadhom suġġetti għal tali FSG sat-3 ta' Ġunju 2016, ma hijiex tali li tikkonstata din il-konstatazzjoni.

641 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżoli ta' esklużività u ta' pożizzjonament setgħu jipprekludu lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE fl-2016.

vi) Fuq it-traffiku tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha

642 Google ssostni li l-istudju ta' Microsoft, imsemmi fil-punt 576 iktar 'il fuq, ma jippermettix li jiġu evalwati l-effetti tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha sa fejn, minn naħa, uħud mis-siti internet identifikati f'dan l-istudju ma kinux suġġetti għall-imsemmija klawżola u fejn, min-naħa l-oħra, il-perijodu kopert bl-istudju u n-numru ta' Stati Membri kien limitat. Barra minn hekk, hija ssostni li n-numru ta' żjarat ta' sit internet mhux neċessarjament jikkostitwixxi indikazzjoni affidabbli tan-numru ta' tiftix online magħmul fuq dan is-sit internet u lanqas, konsegwentament, tad-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online ġġenerat minnu. Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, li minn aġġornament ulterjuri tal-imsemmi studju jirriżulta li s-siti internet li kienu jużaw is-servizzi ta' Microsoft kellhom iktar żjarat minn dawk li kienu jużaw is-servizzi ta' Google.

643 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

644 Fil-premessa 390 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat, abbażi tal-istudju ta' Microsoft, li "uħud" mis-siti l-iktar imfittxija taż-ŻEE kienu koperti mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha.

645 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 623 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni stabbilixxiet, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rata ta' kopertura eżatta tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, abbażi tad-dħul gross iġġenerat minn dawn il-FSG.

646 L-istudju ta' Microsoft, imsemmi fil-premessa 390 tad-deċiżjoni kkontestata, stabbilixxa li Google kienet tipprovdi servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tal-ismijiet ta' dominju l-iktar imfittxija fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fir-Renju Unit fl-2010. Huwa veru li, kif tirrileva Google, l-imsemmi studju jirrigwarda biss sena tal-perijodu tal-ksur u ħames Stati Membri. Bl-istess mod, Google hija ġġustifikata li tirrileva li dan l-istudju ma jippermettix li jiġi identifikat it-traffiku ġġenerat speċifikatament mis-siti internet koperti mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha. Fl-aħħar nett, hija tosserva, korrettament, li n-numru ta' żjarat ta' sit internet ma jikkostitwixxix neċessarjament indikazzjoni affidabbli tad-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online.

647 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li l-istudju ta' Microsoft jikkostitwixxi indizju addizzjonali li jippermetti li tiġi evalwata l-iskala tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online pprovduti minn Google kif ukoll il-kopertura tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online mill-imsemmija klawżola, sa fejn, qabelxejn, huma involuti ħamsa mill-ikbar Stati Membri taż-ŻEE, fejn, sussegwentament, ma huwiex ikkontestat li tal-inqas uħud mis-siti internet koperti minn dan l-istudju kienu suġġetti għall-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u fejn, fl-aħħar nett, hemm ċertu korrispondenza bejn in-numru ta' żjarat ta' sit internet u d-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online.

648 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-istudju ta' Microsoft bħala indiżju li jikkorrobora l-eżami tar-rata ta' kopertura, mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà tal-argumenti ta' Google, ikkontestata mill-Kummissjoni.

649 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma bbażatx il-kalkolu tagħha tar-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha fuq l-istudju ta' Microsoft, b'tali mod li, anki jekk l-argumenti ta' Google f'dan ir-rigward kienu fondati, dawn ma kellhomx effett fuq il-kalkolu tal-imsemmija rata magħmul mill-Kummissjoni.

vii) Konklużjoni fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha

650 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat li, anki fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, korrettament, wara li tieħu inkunsiderazzjoni l-kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament u fid-dawl taċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punt 602 iktar 'il fuq, li l-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom setgħet kienet suffiċjenti sabiex din il-klawżola jkollha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2015. Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' esklużività setgħet tipproduċi tali effett, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2016.

3) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv

651 Fil-premessa 433 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċita li teskludi eventwali kompetitur effettiv daqs Google. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-dħul iġġenerat minn dawn il-FSG bejn l-2006 u l-2009 kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. It-tieni nett, id-dħul iġġenerat mill-imsemmija FSG u dawk li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament bejn l-2009 u l-2015 kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq. It-tielet nett, Google kellha sehem "kbir ħafna" tas-suq bejn l-2006 u l-2016. Ir-raba' nett, l-imsemmi suq kien suġġett għall-effetti ta' network.

652 Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 434 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma "kienx probabbli wisq" li eventwali intermedjarju effettiv daqs Google seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li matulu l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet applikabbli. Fl-aħħar nett, hija qieset li d-domanda dwar jekk Google kinitx segwiet strateġija intiża li teskludi kompetituri effettivi daqsha ma kinitx rilevanti.

653 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, u lanqas li tali kompetitur seta' jiġi eskluż mill-imsemmi suq. Surfboard iżżid li din il-klawżola ma pprekludithiex milli tikseb provvista f'termini ta' reklamar kompetitur meta hija kkunsidrat li s-servizzi ta' intermedjarju kompetitur kienu attraenti. Hija tirrileva li, barra minn hekk, kienet kisbet provvista mingħand Yahoo! għal wieħed mis-siti internet tagħha.

i) Osservazzjonijiet preliminari

654 Google ssostni li l-Kummissjoni illimitat ruħha, b'mod żbaljat, sabiex tikkunsidra li "ma kienx probabbli wisq" li eventwali intermedjarju effettiv daqsha seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet applikabbli. Fil-fatt hija tqis li l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi li r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni kienet "probabbli".

655 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

656 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni, fil-premessa 433 tad-deċiżjoni kkontestata, tikkonkludi, abbażi ta' erba' fatturi elenkati fil-punt 651 iktar 'il fuq, li l-klawżola ta' esklużività kellha l-"kapaċità" li teskludi eventwali kompetitur effettiv daqs Google u li, fil-premessa 434 ta' din id-deċiżjoni, hija tirrileva, abbażi ta' dawn l-istess fatturi, "ma kienx probabbli wisq" li tali kompetitur seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li matulu l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet applikabbli.

657 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-argument ta' Google huwa ta' natura purament terminoloġika u li l-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata li rrilevat li imġiba, li kellha l-"kapaċità" li teskludi kompetitur effettiv daqs Google, kienet trendi "mhux probabbli wisq" id-dħul fis-suq ta' tali kompetitur.

ii) Fuq il-fatturi rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-test tal-kompetitur daqstant effettiv

658 Google ssostni li ebda fattur imsemmi fil-premessa 433 tad-deċiżjoni kkontestata ma jippermetti li juri li kien "prattikament impossibbli" għal kompetitur effettiv daqsha li jidħol fis-suq f'dan il-każ jew li dan seta' jiġi eskluż. B'hekk, l-ewwel nett, hija tqis li l-kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma tippermettix, bħala tali, li jiġi stabbilit li tali kompetitur kien f'pożizzjoni li jikkompetilha "b'mod sostenibbli" u li, fi kwalunkwe każ, dan il-kompetitur seta', fi kwalunkew ħin, ikollu aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq inkwistjoni. It-tieni nett, hija ssostni li l-Kummissjoni kabbret b'mod artifiċjali l-portata ta' din il-kopertura billi ħadet inkunsiderazzjoni dħul tal-imsieħba diretti suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament li ma kinux inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom. It-tielet nett, hija tikkritika lill-Kummissjoni, minn naħa, li ssopravalutat l-ishma tagħha tas-suq u, min-naħa l-oħra, li ma stabbilixxietx rabta ta' kawżalità bejn l-ishma tagħha tas-suq, il-"pożizzjoni tal-kompetituri daqstant effettivi" u l-imsemmija klawżola ta' esklużività. Ir-raba' nett, hija tqis li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-fatt li s-suq inkwistjoni kien suġġett għall-effetti ta' network seta' juri li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fih.

659 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

660 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li t-test tal-kompetitur daqstant effettiv jeżamina jekk il-prattiki ta' kumpannija f'pożizzjoni dominanti jirriskjawx li jipprekludu mis-suq kompetitur effettiv daqs din l-impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Post Danmark, C-23/14, EU:C:2015:651, punt 53). Dan il-kunċett b'hekk jirreferi għal testijiet differenti li għandhom għan komuni bejniethom li tiġi evalwata l-kapaċità ta' prattika li tipproduċi effetti ta' esklużjoni antikompetittivi billi tirreferi għall-kapaċità ta' kompetitur ipotetiku tal-impriża f'pożizzjoni dominanti li jkun effettiv daqsha f'termini ta' struttura tal-ispejjeż, li jipproponi lill-klijenti tariffa suffiċjentement vantaġġjuża sabiex tinċentivahom jibdlu l-fornitur, minkejja l-iżvantaġġi ġġenerati, mingħajr ma dan iwassal sabiex dan il-kompetittur jissubixxi telf. Din il-kapaċità hija ġeneralment iddeterminata fid-dawl tal-istruttura tal-ispejjeż tal-impriża f'pożizzjoni dominanti stess (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 56).

661 Issa, test ta' din in-natura jista' ma jkunx xieraq fil-preżenza b'mod partikolari ta' ċerti prattiki mhux tariffarji, bħal rifjut ta' provvista, jew meta s-suq inkwistjoni huwa protett minn ostakoli kbar. Barra minn hekk, tali test huwa biss metodu fost oħrajn li jippermetti li jiġi evalwat jekk prattika għandhiex il-kapaċità li tipproduċi effetti ta' esklużjoni, liema metodu barra minn hekk jieħu inkunsiderazzjoni biss il-kompetizzjoni permezz tal-prezzijiet. B'mod partikolari, l-użu, minn impriża f'pożizzjoni dominanti, ta' riżorsi li ma humiex dawk li jirregolaw il-kompetizzjoni fuq il-merti jista' jkun biżżejjed, f'ċerti ċirkustanzi, sabiex jikkaratterizza l-eżistenza ta' tali abbuż (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 57).

662 Madankollu, anki fil-preżenza ta' prattiki mhux tariffarji, ir-rilevanza ta' tali test ma tistax tiġi eskluża. Fil-fatt, test ta' dan it-tip jista' jkun utli peress li l-konsegwenzi tal-prattika inkwistjoni jistgħu jiġu kkwantifikati. B'mod partikolari, fil-każ ta' klawżoli ta' esklużività, tali test jista' teoretikament iservi sabiex jiġi ddeterminat jekk kompetitur ipotetiku li jkollu struttura ta' spejjeż simili għal dik tal-impriża f'pożizzjoni dominanti jkunx f'pożizzjoni li joffri l-prodotti jew is-servizzi tiegħu b'mod ieħor għajr b'telf jew b'marġni insuffiċjenti jekk huwa jkollu jħallas

għall-kumpens li d-distributuri jkollhom iħallsu sabiex jibdlu l-fornitur jew it-telf li jkollhom jagħmlu wara tali bidla wara l-irtirar tar-roħs mogħti preċedentement (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 59).

663 Konsegwentement, meta impriża f'pożizzjoni dominanti ssuspettata b'prattika abbużiva tipprovdi lill-Kummissjoni analiżi bbażata fuq test tal-kompetitur daqstant effettiv, din l-istituzzjoni ma tistax twarrab din il-prova mingħajr lanqas ma teżamina l-valur probatorju tagħha (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 60).

664 Madankollu, ma huwiex possibbli li jinsilet mill-Artikolu 102 TFUE jew mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja obbligu legali li jsir użu sistematiku tal-kriterju tal-kompetitur daqstant effettiv biex tiġi kkonstatata n-natura abbużiva ta' prattika implimentata minn impriża f'pożizzjoni dominanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Post Danmark, C-23/14, EU:C:2015:651, punt 57).

665 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni setgħet sempliċement turi l-kapaċità tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, li tipproduċi effett ta' esklużjoni billi tibbaża ruħha fuq diversi elementi rilevanti, mingħajr ma neċessarjament tibbaża ruħha, għal dan il-għan, fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv.

666 F'dan il-każ, il-kontenut stess tal-klawżola ta' esklużività, li jipprekludi, bħala regola, lill-imsieħba diretti tas-siti kollha milli juru reklamar kompetitur, u l-elementi msemmija fil-premessa 433 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li l-imsemmija klawżola, flimkien mal-klawżola ta' pożizzjonament, kienet tkopri parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, kif ġie rrilevat fil-punt 650 iktar 'il fuq, u, min-naħa l-oħra, il-portata tal-pożizzjoni dominanti ta' Google li tirriżulta b'mod partikolari mill-ishma tagħha fis-suq għolja ħafna u mill-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fil-forma b'mod partikolari ta' effetti ta' network, setgħu juru li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, seta' jkollha l-kapaċità li teskludi eventwali kompetitur effettiv daqs Google. Minn dan jirriżulta li dawn l-elementi setgħu wkoll juru li "ma kienx probabbli wisq" li tali kompetitur seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih l-imsemmija klawżola kienet applikabbli.

667 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 663 iktar 'il fuq, minkejja li Google pproduċiet, matul il-proċedura amministrattiva, analiżi bbażata fuq test ta' kompetitur daqstant effettiv, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 660 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kellha teżamina din l-analiżi, u dan ser jiġi vverifikat iktar 'il quddiem.

iii) Fuq il-provi prodotti minn Google matul il-proċedura amministrattiva

668 Google ssostni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni provi li hija pproduċiet matul il-proċedura amministrattiva li setgħu juru li kompetitur effettiv daqsha seta' jidħol fis-suq. B'mod iktar partikolari, hija tirrileva li msieħba diretti għażlu li jiksbu reklamar tat-tiftix online mingħand uħud mill-kompetituri tagħha.

669 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

670 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li Google kienet identifikat, fir-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, disa' sejħiet għal offerti, organizzati minn diversi pubblikaturi, fosthom [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li hija tilfet fil-konfront ta' [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] jew Microsoft, bejn l-aħħar kwart tal-2006 u t-tieni kwart tal-2007 kif ukoll fl-2015

u fl-2016. Barra minn hekk, mill-Anness A.45 tar-rikors jidher li l-fajl tal-Kummissjoni kien fih provi li [*kunfidenzjali*] kompla jikseb provvista mingħand intermedjarji oħra bejn l-2006 u l-2015 għal parti mill-bżonnijiet tiegħu u rnexxielu jilħaq, fl-2008, sa [*kunfidenzjali*] % tal-bżonnijiet tiegħu.

671 B'hekk, filwaqt li huwa veru li, matul il-proċedura amministrattiva, Google tat lill-Kummissjoni xi eżempji speċifiċi u iżolati li fihom imsieħba diretti kienu ppreferew jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra milli mingħandha, xorta jibqa' l-fatt li tali eżempji ma jikkostitwixxux analiżi bbażata fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 663 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, huwa stabbilit li Google ma pprovdiet, la matul il-proċedura amministrattiva u lanqas quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ebda analiżi fis-sens ta' din il-ġurisprudenza.

672 Fi kwalunkwe każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fl-assenza ta' spjegazzjonijiet addizzjonali, l-eżempji speċifiċi invokati minn Google ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li kompetituri tal-inqas effettivi daqsha setgħu jidħlu fis-suq.

673 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 108 iktar 'il fuq, li, sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva ta' aġir, il-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament turi li dan l-aġir effettivament ipproduċa effetti antikompetittivi. Fil-fatt, l-Artikolu 102 TFUE huwa intiż li jissanzjona l-fatt, għal impriża waħda jew iktar, li tisfrutta b'mod abbużiv pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, indipendentement minn jekk tali użu jirriżultax jew le b'suċċess (sentenza tad-19 ta' Jannar 2023, Unilever Italia Mkt. Operations, C-680/20, EU:C:2023:33, punt 41).

674 Konsegwentament, il-fatt li ċerti intermedjarji kompetituri ta' Google rnexxilhom jirbħu xi sejħiet għal offerti organizzati mill-pubblikaturi ma jippermettix li jiġi eskluż li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-34 imsieħba diretti tas-siti kollha setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni li jikser l-Artikolu 102 TFUE. Fl-aħħar nett, il-fatt li l-imsieħba diretti setgħu jagħżlu li ma jużawx AFS, li jużawh mingħajr ma jikkonkludi FSG jew li ma jinkludux is-siti internet li huma xtaqu fil-FSG tagħhom ma jippermettix li tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni fir-rigward ta' kompetitur tal-inqas effettiv daqs Google. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 582 iktar 'il fuq, ladarba dawn il-FSG ġew konklużi, l-imsemmija klawżola setgħet tipprekludi lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-imsemmija msieħba diretti matul il-perijodu previst minn dawn l-istess FSG.

675 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li Google tilfet ċerti sejħiet għal offerti matul il-perijodu ta' ksur ma jippermettix li tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni fir-rigward ta' kompetitur tal-inqas effettiv daqs Google.

iv) Fuq l-eżistanza ta' strateġija intiża sabiex teskludi lill-kompetituri daqstant effettivi

676 Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li l-assenza ta' strateġija li teskludi l-kompetituri effettivi daqsha ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.

677 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

678 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi vverifikat li imġiba setgħet tipproduċi effetti ta' esklużjoni, il-Kummissjoni kienet b'mod partikolari obbligata tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija li hija intiża li teskludi l-kompetituri li tal-inqas huma daqstant effettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 139). Madankollu, kuntrarjament għal dak li ssostni Google, minn dan ma għandux jiġi dedott li l-Kummissjoni għandha sistematikament turi l-eżistenza ta' tali strateġija sabiex tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

679 Fil-fatt, minkejja li l-eżistenza ta' eventwali intenzjoni antikompetittiva tikkostitwixxi waħda minn diversi ċirkustanzi fattwali li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, hemm lok li jitfakkar li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma hija obbligata tistabbilixxi l-eżistenza ta' tali intenzjoni fl-impriża f'pożizzjoni dominanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' April 2012, Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/10 P, EU:C:2012:221, punti 20 u 21, u tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 162).

680 Minn dan isegwi li l-fatt, allegat minn Google, li hija ma kellhix l-intenzjoni li teskludi kompetitur effettiv daqsha ma jippermettix li jiġu kkontestati l-effetti ta' esklużjoni kkonstatati fid-deċiżjoni kkontestata.

681 Konsegwentament, il-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata, minn naħa, li ma stabbilixxietx li Google kienet adottat strateġija intiża sabiex teskludi kompetituri tal-inqas effettivi daqsha u, min-naħa l-oħra, li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li din tal-aħħar ma kellhiex l-intenzjoni li teskludi tali kompetituri.

v) Konklużjoni fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv

682 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi rrilevat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online jew li tali kompetitur seta' jiġi eskluż minn dan is-suq, minkejja l-provi prodotti minnha u l-assenza ta' strateġija implimentata minnha f'dan ir-rigward.

4) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' ċerti msieħba diretti

683 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu suġġetti għall-klawżola ta' esklużività għal perijodu twil, minn sena sa iktar minn għaxar snin. Barra minn hekk, hija qieset, essenzjalment, li l-fatt li l-perijodu tal-FSG konkluża mal-imsemmija msieħba diretti, meħuda individwalment, kien qasir, jiġifieri ġeneralment inqas minn sentejn, kien irrilevanti għaliex numru sinjifikattiv minn dawn il-FSG kienu ġew estiżi, xi drabi diversi drabi, mingħajr bidliet sostanzjali. Fl-aħħar nett, hija rrilevat li d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' msieħeb dirett ma kienx jipprekludi l-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużività sakemm dan l-imsieħeb dirett eżerċita dan id-dritt.

684 Google ssostni li d-diversi intermedjarji setgħu jikkompetu fuq il-merti meta l-FSG kienu qegħdin jiġu nnegozjati jew innegozjati mill-ġdid jew meta dritt ta' xoljiment unilaterali seta' jiġi eżerċitat. Konsegwentament, hija tikkritika lill-Kummissjoni, minn naħa, talli kkonfondiet il-perijodu totali

tar-relazzjoni kummerċjali mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u l-perijodu ta' kull FSG konkluż ma' dawn tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni drittijiet ta' xoljiment unilaterali.

685 F'dan ir-rigward, Google tispjega li l-maġġoranza tal-FSG kellhom perijodu ta' jew inqas minn sentejn, b'tali mod li, pereżempju, fl-2011, l-FSG li kienu jirrappreżentaw [*kunfidenzjali*] % tad-dħul mill-bejgħ totali ġġenerat mill-AFS fiż-ŻEE kellhom jiġġeddu fis-sentejn segwenti. Barra minn hekk, hija tirrileva li kważi terz mill-imsemmija msieħba diretti kienu nnegozjaw drittijiet ta' xoljiment unilaterali. Fl-aħħar nett, hija tfakkar li l-imsieħba diretti setgħu, f'kull ħin, jagħżlu li jużaw servizz kompetitur ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fis-siti li ma kinux inklużi fil-FSG tagħhom.

686 Surfboard issostni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni li, matul it-tmien snin li matulhom hija użat l-AFS, kienu ġew konklużi erba' FSG differenti u tal-inqas għaxar estensjonijiet jew emendi, li jikkorrispondu, bħala medja, għal iktar minn emenda kull sena. Hija tispjega, f'dan ir-rigward, li dawn id-diversi negozjati tawha l-opportunità li tittermina l-FSG tagħha u li tikseb diversi benefiċċji mingħand Google permezz tal-kompetizzjoni.

687 Il-Kummissjoni tikkonstata li Google ssostni, b'mod żbaljat, li l-intermedjarji l-oħra setgħu jikkompetu waqt it-tiġdid tal-FSG. L-ewwel nett, l-allegazjoni li, fl-2011, l-FSG li kienu jirrappreżentaw [*kunfidenzjali*] % tad-dħul mill-bejgħ ta' AFS fiż-ŻEE kellhom jiġu mġedda fis-sentejn segwenti kienet irrilevanti sa fejn din l-allegazzjoni kienet tirrigwarda l-FSG kollha u mhux dawk konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha. It-tieni nett, mill-Anness A.46 tar-rikors jirriżulta li l-intermedjarji l-oħra ma kienx kellhom, effettivament, il-possibbiltà li jikkompetu ma' Google waqt it-tiġdid tal-FSG konklużi minn 29 mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, jew dawn il-FSG ġew imġedda "qabel ma wasal iż-żmien tat-tiġdid" jew l-imsieħba diretti kkonċernati kkonkludew biss FSG wieħed li b'hekk qatt ma wasal sal-"istadju ta' tiġdid". It-tielet nett, minn naħa, il-fatt li msieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali huwa irrilevanti sa fejn il-klawżola ta' esklużività kompliet tapplika sal-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, mill-Anness A.46 tar-rikors jirriżulta li ħadd mill-imsieħba diretti tas-siti kollha ma seta' jeżerċita tali dritt fi kwalunkwe mument.

688 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li Google tikkritikaha, għall-ewwel darba fir-replika, li d-deċiżjoni kkontestata "ma tevalwax il-perijodu tal-FSG kollha" li fihom il-klawżola ta' esklużività, b'tali mod li dan l-argument huwa tardiv u, konsegwentament, inammissibbli.

689 Fir-rigward ta' Surfboard, il-Kummissjoni ssostni li din tal-aħħar ma wettqet ebda emenda tal-FSG tagħha matul il-perijodu bejn bejn l-1 ta' Lulju 2007 u t-30 ta' Ġunju 2010 imsemmi fid-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, Surfboard ma kellhix dritt ta' xoljiment f'kull ħin matul dan l-istess perijodu.

i) Fuq l-ammissibbiltà tal-argument ta' Google

690 Skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul l-istanza, sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura.

691 Madankollu, motiv li jikkostitwixxi l-estensjoni ta' motiv imsemmi preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors u li għandu rabta stretta miegħu, għandu jiġi ddikjarat ammissibbli. Sabiex jitqies li huwa estensjoni ta' motiv jew ta' ilment imsemmi preċedentement, argument ġdid għandu jkollu, mal-motivi jew l-ilmenti inizjalment spjegati fir-rikors, rabta stretta biżżejjed sabiex jista' jitqies bħala li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża (sentenza tat-8 ta' Lulju 2020, VQ vs BĊE, T-203/18, EU:T:2020:313, punt 56).

692 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 86 tar-rikors, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-intermedjarji kompetituri setgħu jikkompetu magħha għad-domanda kollha, jew parti minnha, ta' msieħeb dirett waqt in-negozjar ta' FSG, waqt in-negozjar mill-ġdid tiegħu jew meta ġie previst dritt ta' xoljiment unilaterali. Barra minn hekk, fil-punt 99 u fl-Anness A.46 tar-rikors, Google ssostni li l-Kummissjoni kellha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni il-perijodu ta' kull FSG u mhux il-perijodu tar-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-imsieħba diretti tas-siti kollha.

693 Konsegwentament, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 691 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li l-argument ta' Google, żviluppat fir-replika u li jikkritika lill-Kummissjoni li ma eżaminatx il-perijodu ta' kull FSG inkwistjoni, għandu rabta stretta biżżejjed ma' dak żviluppat fir-rikors sabiex jista' jitqies bħala li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża, b'tali mod li ma għandux jitqies bħala tardiv. Konsegwentament, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-argument huwa ammissibbli.

ii) Fuq il-fondatezza tal-argument ta' Google

694 Għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 390 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti sabiex tistabbilixxi jekk imġiba kellhiex il-kapaċità effettiva li tipproduċi effett ta' esklużjoni fir-rigward ta' kompetitur tal-inqas effettiv daqs Google.

695 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, ta' obbligu ta' provvista esklużiva, għandu jiġi spjegat li t-tul ta' dan l-obbligu, irrispettivament minn jekk dan ikollux il-korrispettiv tiegħu fl-għoti ta' tnaqqis, jaqa' fil-portata ta' tali ċirkustanzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2022, Intel Corporation vs Il-Kummissjoni, T-286/09 RENV, taħt appell, EU:T:2022:19, punt 507, u tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm – pagamenti ta' esklużività), T-235/18, EU:T:2022:358, punt 425).

696 Fil-fatt, kif enfasizzat fil-paragrafu 36 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti", il-probabbiltà ta' effetti ta' esklużjoni tiżdied, bħala regola ġenerali, mal-perijodu tal-obbligu ta' provvista esklużiva, peress li, jekk l-impriża dominanti hija sieħeb kummerċjali indispensabli għall-maġġoranza jew għall-konsumaturi kollha, anki obbligu ta' provvista esklużiva għal perijodu qasir jista' jwassal għal esklużjoni antikompetittiva.

697 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-perijodu ta' provvista esklużiva, il-kuntest ekonomiku u legali li fih jaqa' dan l-obbligu. F'dan ir-rigward, hemm lok, b'mod partikolari, li jiġu kkunsidrati n-natura tal-beni u tas-servizzi affettwati minn dan l-obbligu u l-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew swieq inkwistjoni.

698 F'dan il-każ, minn naħa, mill-premessi 388 u 398 tad-deċiżjoni kkontestata, u mit-Tabella Nru 15 li tinsab fiha, jirriżulta li l-Kummissjoni illimitat ruħha sabiex tistabilixxi l-perijodu totali li matulu kull wieħed mill-imsieħba diretti tas-siti kollha kien parti minn FSG li kien fih ġeneralment is-siti internet kollha tiegħu sabiex tistabbilixxi l-perijodu li matulu dawn l-imsieħba diretti kienu obbligati jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom, jew għal parti kunsiderevoli minnhom. B'hekk hija ħadet inkunsiderazzjoni biss il-perijodu kumulattiv tal-FSG li fihom dawn l-imsieħba kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom. Min-naħa l-oħra, fil-premessa 399 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' msieħeb dirett ma pprekludix l-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużività sakemm dan l-imsieħeb dirett agħmel użu minn dan id-dritt.

699 B'hekk, mid-deċiżjoni kkontestata u mill-Anness A.46 tar-rikors, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni, jirriżulta li din tal-aħħar ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-perijodu ta' kull wieħed mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, meħuda individwalment, u lanqas il-perijodu ta' kull waħda mill-eventwali estensjonijiet ta' dawn il-FSG. Hija lanqas ħadet inkunsiderazzjoni kundizzjonijiet reali u modalitajiet li bihom ġew maqbula dawn l-estensjonijiet u lanqas il-kontenut tal-klawżoli li kienu jistipulaw drittijiet ta' xoljiment unilaterali, li kellhom uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha, jew tal-kundizzjonijiet li fihom dawn id-drittijiet setgħu jiġu eżerċitati.

700 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk l-imsieħba diretti kollha tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom, il-Kummissjoni ma setgħetx, abbażi biss tal-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punt 698 iktar 'il fuq u mingħajr ma eżaminat il-kundizzjonijiet reali u l-modalitajiet li bihom ġew maqbula l-estensjonijiet tal-FSG, tal-klawżoli li jistipulaw drittijiet ta' xoljiment unilaterali, li kellhom uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha, jew tal-kundizzjonijiet li fihom dawn id-drittijiet setgħu jiġu eżerċitati, teskludi li dawn l-imsieħba diretti kellhom il-fakultà li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fi tmiem kull FSG tagħhom, inkluż qabel l-eventwali estensjoni tagħhom, jew qabel ma jiġi eżerċitat dritt ta' xoljiment unilaterali. Minn dan isegwi li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tikkonstata li l-imsemmija msieħba diretti kienu obbligati jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom, jew għal parti kunsiderevoli minnhom, matul il-perijodu kollu kumulattiv tal-FSG tagħhom b'tali mod li l-imsemmija intermedjarji ma kellhomx il-possibbiltà li jikkontestaw il-parti tal-imsemmi suq kopert minn dawn il-FSG matul dan il-perijodu.

701 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata bl-argumenti tal-Kummissjoni.

702 Fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li ssostni, essenzjalment, il-Kummissjoni, l-eżami tal-perijodu kumulattiv tal-FSG li fih l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, kif ippreżentat fid-deċiżjoni kkontestata, ma kienx jippermetti li, waħdu, juri li l-klawżola ta' esklużività li tinsab f'dawn il-FSG kienet ipproduċiet effett ta' esklużjoni.

703 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li Google sostniet, matul il-proċedura amministrattiva, li, fid-dawl tal-perijodu mnaqqas tal-FSG, dawk li jirrappreżentaw [*kunfidenzjali*] % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-AFS li ġej mill-imsieħba diretti fiż-ŻEE kellhom jiġġeddu bejn Mejju 2011 u Mejju 2013. Huwa veru li l-Kummissjoni tikkontesta r-rilevanza ta' din id-data, minħabba li tirrigwarda l-imsieħba diretti fiż-ŻEE u mhux biss l-imsieħba diretti tas-siti kollha. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li hija evalwat, fid-deċiżjoni kkontestata, il-kapaċità tal-intermedjarji kompetituri ta' Google sabiex ikollhom aċċess għas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar

tat-tiftix online, meħuda kollha kemm hi. Issa, il-fatt, mhux ikkontestat, li l-FSG li kienu jirrappreżentaw [*kunfidenzjali*] % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-AFS li ġej mill-imsieħba diretti fiż-ŻEE kellhom jiġġeddu bejn Mejju 2011 u Mejju 2013 kien jikkostitwixxi ċirkustanza rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-kapaċità tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, li tipproduċi effett ta' esklużjoni, li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni.

704 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni, fir-risposta tagħha, li 29 mill-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata kienu kkonkludew biss FSG wieħed li, jew ma ġiex estiż, jew ġie estiż qabel it-terminu tiegħu. Minn dan hija ddeduċiet li l-kompetituri ta' Google ma kellhomx il-possibbiltà li "jikkompetu għal dan is-suq".

705 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li tali argument ma jidhirx fid-deċiżjoni kkontestata. Issa, hemm lok li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 441 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ma tistax, fi kwalunkwe każ, tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha stess b'dik tal-Kummissjoni u din tal-aħħar ma tistax tikkompleta l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata matul il-kawża.

706 Fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' uħud mill-imsieħba diretti identifikati fir-risposta, għandu ċertament jiġi rrilevat, kif għamlet il-Kummissjoni, li dawn ikkonkludew FSG wieħed, li ma ġiex estiż, li fih huma kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni ma kkunsidratx, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' esklużività, li kienet tinsab biss fil-FSG konklużi ma' dawn l-imsieħba diretti, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li dawn il-FSG, peress li kienu jinkludu, skont il-Kummissjoni, ġeneralment is-siti internet kollha tal-imsieħba diretti inkwistjoni, kellhom perijodu ta' bejn sena u tlett snin u tlett xhur. Issa, mingħajr il-bżonn li tingħata risposta dwar id-domanda jekk il-perijodu ta' dawn il-FSG kienx suffiċjenti, f'dan il-każ, sabiex jippermetti lill-klawżola ta' esklużività li tinsab f'dawn tal-aħħar li jkollha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-imsemmija FSG ma kinux jippermettu li tiġi sostnuta d-dikjarazzjoni, li tinsab fil-premessa 388 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-imsieħba diretti kienu suġġetti għal obbligu li jiksbu provvista għall-bżonnijiet kollha tagħhom, jew għal parti kunsiderevoli minnhom, għal perijodu li seta' kien iktar minn għaxar snin. Finalment, uħud minn dawn il-FSG kienu jistipulaw drittijiet ta' xoljiment unilaterali favur l-imsieħba diretti kkonċernati, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni la eżaminat il-kontenut tal-klawżoli li jistipulaw dawn id-drittijiet u lanqas il-kundizzjonijiet reali li fihom setgħu jiġu eżerċitati, kif ġie rrilevat fil-punt 699 iktar 'il fuq.

707 Fir-rigward ta' msieħba diretti oħra identifikati fir-risposta, il-Kummissjoni tirrileva li uħud, jekk mhux l-FSG kollha, konklużi minn dawn l-imsieħba diretti, li fihom huma kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, kienu ġew estiżi qabel it-terminu tagħhom. Madankollu, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, minn dan mhux neċessarajament għandu jiġi dedott li l-intermedjarji l-oħra ma setgħux jikkompetu ma' Google qabel dan it-terminu. Fil-fatt, kif issostni Google, il-Kummissjoni tidher tibbaża ruħha fuq il-premessa mhux sostanzjata li l-imsemmija intermedjarji ma setgħux jikkompetu ma' Google ħlief waqt it-tiġdid tal-FSG, jiġifieri waqt il-firma tal-FSG ġodda, iżda mhux waqt l-estensjoni tal-FSG eżistenti. B'mod iktar partikolari, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma tinvoka l-ebda element li jippermetti li jiġi kkunsidrat li n-negozjati li jirrigwardaw l-estensjoni ta' FSG ma setgħux isiru fi tmiem ta' proċess kompettitiv li permezz tiegħu l-imsieħeb dirett ikkonċernat ipparaguna s-servizzi pprovduti minn Google u mill-kompetituri ta' din tal-aħħar.

708 Barra minn hekk, bħala risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, il-Kummissjoni żiedet li l-intermedjarji kompetituri ta' Google ma kinux neċessarjament jafu d-dati tal-iskadenza tal-FSG tal-imsieħba diretti u li kienu, fi kwalunkwe każ, assumew li l-FSG kienu ser jiġu estiżi qabel it-terminu tagħhom, b'tali mod li ma kinux f'pożizzjoni li jipproponu s-servizzi tagħhom lill-imsemmija msieħba diretti.

709 Madankollu, minbarra l-fatt li dawn l-ispjegazzjonijiet ma jidhrux fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma identifikatx ir-raġuni li għaliha l-imsieħba diretti ma setgħux la jikkommunikaw id-data tal-iskadenza tal-FSG tagħhom lill-intermedjarji kompetituri ta' Google u lanqas jibdew negozjati ma' dawn tal-aħħar qabel jiddeċiedu jekk jestenduhomx jew le.

710 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tal-1 ta' April 1993, BPB Industries u British Gypsum vs Il-Kummissjoni (T-65/89, EU:T:1993:31, punt 73), iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 571 tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex tikkonstata li ma kellhix tikkunsidra drittijiet ta' xoljiment unilaterali, li kellhom uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha, sa fejn il-klawżola ta' esklużività baqgħet tapplika sal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

711 Madankollu, hemm lok li jitfakkar li, fis-sentenza tal-1 ta' April 1993, BPB Industries u British Gypsum vs Il-Kummissjoni (T-65/89, EU:T:1993:31, punt 73), il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet li l-possibbiltà tal-klijenti li joħorġu mir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom mal-impriża inkwistjoni li dak iż-żmien kienet dominanti ma kinitx, rilevanti, għaliex il-"possibbiltà legali ta' xoljiment" kienet "illużorja". Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma indikatx, la fid-deċiżjoni kkontestata u lanqas fir-risposta għad-domandi tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, li hija kkunsidrat li l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' xoljiment unilaterali mill-imsieħba diretti kienet illużorja.

712 Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas sostniet li Google kienet sieħba indispensabbli għall-imsieħba diretti kollha jew għall-maġġoranza tagħhom, fis-sens tal-paragrafu 36 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet adottati mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] għall-prattiki ta' esklużjoni abużivi tal-impriżi dominanti".

713 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra drittijiet ta' xoljiment unilaterali, li kellhom ċerti msieħba diretti tas-siti kollha, sabiex tistabbilixxi jekk l-intermedjarji kompetituri ta' Google setax ikollhom aċċess għal parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online li kien kopert mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi ma' dawn l-imsieħba diretti matul il-perijodu ta' dawn il-FSG.

714 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt, invokat mill-Kummissjoni fir-risposta, li Google tidentifika biss tmien imsieħba diretti, minn fost l-34 imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata, li kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali u li dawn id-drittijiet ma setgħux jiġu eżerċitati fi kwalunkwe ħin. Fil-fatt, kif issostni Google u kif jirriżulta mill-punti 699 u 700 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kellha teżamina l-kontenut tal-klawżoli li jistipulaw dawn id-drittijiet u l-kundizzjonijiet li fihom huma setgħu jiġu eżerċitati, iżda wkoll l-imsieħba diretti li setgħu jibbenefikaw minnhom, sabiex tistabbilixxi jekk l-imsemmija drittijiet kinux ta' natura li jikkontestaw, tal-inqas sa ċertu punt, il-fatt, ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet ipprekludiet lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online matul il-perijodu ta' dawn il-FSG.

715 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, anki jekk il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, il-perijodu kumulattiv tal-FSG differenti li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, bħala waħda miċ-ċirkutanzi rilevanti tal-każ, għandu jiġi kkonstatat li hija kellha tivverifika, fid-dawl tal-kuntest legali u ekonomiku tal-każ, l-imsieħba diretti tas-siti kollha li kellhom il-possibbiltà li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fi tmiem kull wieħed mill-FSG tagħhom, inkluż qabel l-eventwali estensjoni tagħhom, jew qabel li jiġi eżerċitat dritt ta' xoljiment unilaterali.

5) Konklużjoni dwar l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

716 Kif ġie rrilevat fil-punt 650 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, b'mod korrett, li, wara li kkunsidrat il-kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament fid-dawl taċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punt 602 iktar 'il fuq, il-kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, setgħet kienet suffiċjenti sabiex tippermetti lil din il-klawżola jkollha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2015. Barra minn hekk, fil-punt 682 iktar 'il fuq ġie rrilevat li Google ma kinitx iġġustifikata ssostni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online jew li tali kompetitur seta' jiġi eskluż minn dan is-suq.

717 B'kuntrast ma' dan, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 650 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' esklużività setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Marzu 2016. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 715 iktar 'il fuq, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-perijodu li matulu l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu obbligata, skont din il-klawżola, li jiksbu provvista esklużivament mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom, jew għal parti kunsiderevoli minnhom, anki jekk wieħed jassumi li l-imsieħba diretti kollha tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata kienu suġġetti għal tali obbligu.

718 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li titlob il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 107 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma urietx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kellha l-kapaċità li tipprekludi lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, matul il-perijodu li fih kienet tapplika l-imsemmija klawżola.

c) Konklużjoni fuq it-tielet parti tat-tieni motiv

719 Kif tfakkar fil-punt 392 iktar 'il fuq, fil-premessa 362 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lil dawn l-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lill-imsemmija intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet

l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

720 Kif tfakkar fil-punti 393 u 394 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni, essenzjalment, ikkunsidrat li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, billi kkonstatat li, minn naħa, kienet iddiswadiet lil dawn l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Barra minn hekk, minn dan l-effett ta' esklużjoni hija ddeduċiet li l-imsemmija klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

721 Kif tfakkar fil-punt 399 iktar 'il fuq, fil-premessa 364 tad-deċiżjoni kkontestata, qabel teżamina l-effetti ta' kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li hija identifikat (ara l-punt 719 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni spjegat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha sabiex turi li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni t-"tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola", filwaqt li rreferiet, f'dan ir-rigward, għat-Taqsima 8.3.4.2 ta' din id-deċiżjoni, relatata mal-impossibbiltà għall-intermedjarji kompetituri ta' Google li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, u billi enfasizzat b'dan il-mod, korrettament, l-importanza tal-iżviluppi msemmija fil-premessi 388, 398 u 399 li jinsabu f'din it-taqsima. Hija indikat ukoll li ħadet inkunsiderazzjoni r-rata ta' kopertura tal-imsemmija klawżola, li hija eżaminat f'din l-istess taqsima tal-imsemmija deċiżjoni. Mill-post sistematiku tal-imsemmija premessa 364 fl-istruttura tad-deċiżjoni inkwistjoni jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-perijodu u r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività meta eżaminat l-effetti tagħha fil-kuntest ta' kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet identifikati fl-imsemmija deċiżjoni.

722 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 717 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma kkunsidratx iċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-perijodu li matulu hija qieset li, bis-saħħa tal-klawżola ta' esklużività, l-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu obbligati jiksbu provvista mingħand Google għall-bżonnijiet kollha tagħhom, jew għal parti kunsiderevoli minnhom.

723 Barra minn hekk, kif ġie wkoll rrilevat fil-punt 717 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha, setgħu jipproduċu effett ta' esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2016.

724 Minn dan isegwi li l-iżbalji kommessi mill-Kummissjoni, imfakkra fil-punti 722 u 723 iktar 'il fuq, jivvizjaw ir-restrizzjonijiet kollha identifikati minnha fid-deċiżjoni kkontestata, b'tali mod li għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma urietx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tiddiswadi lil dawn l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google jew li kellha l-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE u, konsegwentament, li din l-istess klawżola kellha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fl-imsemmija deċiżjoni.

725 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma wrietx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

726 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-premessi 422 u 423 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, essenzjalment, ikkunsidrat li l-klawżola Ingliża kienet saħħet l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, billi skorraġixxiet iktar lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google. Madankollu, il-Kummissjoni la stabbilixxiet li l-klawżola ta' esklużività li kienet tinsab f'dawn il-FSG setgħet tipproduċi tali effett, u lanqas allegat li l-klawżola Ingliża kienet, waħidha, setgħet tipproduċi dan l-effett. Konsegwentament, il-klawżola Ingliża ma għandhiex tkun suffiċjenti, waħidha, sabiex turi li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fl-imsemmija FSG kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE.

727 Minn dan isegwi li hemm lok li t-tielet parti tat-tieni motiv tiġi milqugħa, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra ta' Google fil-kuntest ta' dan il-motiv, u li, konsegwentament, tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata inkwantu kkonstatat li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE.

D. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti

728 Permezz tat-tielet motiv, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. Dan il-motiv huwa magħmul minn żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata tal-imsemmija klawżola u, it-tieni waħda, fuq l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni.

729 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar li, fil-mudell tal-FSG ta' Marzu 2009, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet redatta kif ġej:

"Il-partijiet jaqblu li: […] jekk Google qed tipprovdi s-servizz AFS tagħha lill-Kumpannija skont Ftehim li jirrigwarda sit/i [wieħed jew iktar], il-Kumpannija għandha f'kull mument matul il-Perijodu titlob tal-inqas tliet (3) Reklami AFS f'format kbir ta' Google għal kull Tfittxija magħmula f'[dan/dawn] is-Sit/i u għandha turi r-Reklami AFS ipprovduti minn Google fil-Paġni tar-riżultati kkonċernati b'tali mod li (i) ebda Reklamar Ekwivalenti ma jidher fuq tali Reklamar AFS jew direttament maġenbu, u (ii) ir-Reklami AFS jintwerew fi blokka waħda kontinwa u ma jiġux isseparati minn reklamar jew kontenut ieħor."

730 Il-klawżola 1.1 tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 tispjega li l-kliem "reklamar ekwivalenti" għandhom jinftiehmu li jirreferu għal "kull reklamar li huwa identiku jew sostanzjalment identiku fin-natura tiegħu għar-reklamar AFS ipprovdut minn Google skont Ftehim".

731 Bejn Ġunju 2010 u Ottubru 2013, il-klawżola ta' pożizzjonament tal-mudell tal-FSG ġiet emendata, f'dak li jirrigwarda r-reklamar għal telefon mobbli jew tablet, bil-mod segwenti:

"Il-partijiet jaqblu li: jekk Google qiegħda tipprovdi s-servizz AFS tagħha lill-Kumpannija skont Ftehim li jirrigwarda sit/i [wieħed jew iktar], il-Kumpannija għandha f'kull mument matul il-Perijodu titlob […], jekk it-Talba AFS ġejja min Tfittixija magħmula minn Utent Finali li juża Apparat Mobbli jew Tablet, tal-inqas Reklam Mobbli wieħed (1) relatat mat-Tiftix jew tal-inqas Reklam Tablet wieħed (1) relatat mat-Tiftix […]".

1. Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament

732 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriserva l-ispazju l-iktar viżibbli tas-siti internet tal-imsieħba diretti għar-reklamar tat-tiftix online li jiġi minn Google.

733 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat li l-imsieħba diretti ma setgħux juru reklamar kompetitur "'il fuq jew immedjatament maġenb" dak li jiġi minn Google. Minn dan hija ddeduċiet li, bħala regola, ir-reklamar li jiġi minn Google kien muri fl-għoli fin-naħa tax-xellug tal-paġna tar-riżultati, 'il fuq mill-imsemmija riżultati. Barra minn hekk, meta l-ebda reklamar ma kien muri fil-għoli fin-naħa tax-xellug tal-imsemmija paġna, hija rrilevat li r-reklamar ta' Google kellu jintwera fl-ispazju li l-utent jara l-ewwel, li seta' jkun in-naħa ta' isfel ta' din il-paġna.

734 It-tieni nett, il-Kummissjoni nnotat li Google, minn naħa, kienet tikklassifika l-klawżola ta' pożizzjonament bħala klawżola ta' "allegata esklużività" u, min-naħa l-oħra, kienet inkludiet din il-klawżola fit-taqsima intitolata "esklużività" ta' ċerti FSG. Barra minn hekk, hija ċċitat ir-risposti ta' Google għal xi domandi ta' uħud mill-imsieħba diretti li fihom kien indikat b'mod partikolari li Google ma xtaqitx li reklamar kompetitur jintwera f'pożizzjoni "iktar favorevoli" jew "aħjar" mir-reklamar tagħha.

735 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li l-ispazju 'il fuq mir-riżultati ta' tiftix kien l-ispazju l-iktar profitabbli u li l-ispazju allokat għar-reklamar kompetitur kien, konsegwentament, inqas profitabbli.

a) Fuq il-possibbiltà li jintwera reklamar kompetitur taħt ir-reklamar ta' Google

736 Google ssostni li l-Kummissjoni qieset, b'mod żbaljat, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tipprojbixxi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur taħt ir-reklamar tagħha. Hija tirrileva li t-termini "direttament maġenb" ma setgħux jiġu interpretati bħala li jfissru "vertikalment maġenb ir-reklamar relatat mat-tiftix ta' Google" sa fejn ġie spjegat, fil-mudell tal-FSG, li l-imsemmija klawżola kienet tapplika għar-reklamar kompetitur muri "'il fuq" mir-reklamar tagħha jew "direttament maġenb" tagħha. Effettivament, jekk it-terminu "maġenb" kien jirreferi għar-reklamar muri "vertikalment maġenb", ma kienx hemm il-ħtieġa li-jsir riferiment għar-reklamar muri "'il fuq". Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma tidentifika l-ebda imsieħeb dirett li interpreta t-terminu "maġenb" bl-istess mod bħall-Kummissjoni.

737 Vinden u Surfboard jindikaw li huma wkoll interpretaw il-klawżola ta' pożizzjonament fis-sens li kienet tawtorizza l-wiri ta' reklamar kompetitur taħt ir-reklamar ta' Google.

738 Il-Kummissjoni ssostni li Google ma tikkontestax il-fatt li mis-sens ordinarju tat-termini "direttament" u "maġenb", użati fil-klawżola ta' pożizzjonament, jirriżulta li l-imsieħba diretti interpretaw din il-klawżola bħala li tipprojbixxi l-wiri ta' reklamar kompetitur vertikalment maġenb ir-reklamar tagħha. Barra minn hekk, diversi FSG kienu jispjegaw li l-projbizzjoni li turi reklamar kompetitur "direttament maġenb" ir-reklamar ta' Google kellha tiġi interpretata fis-sens li r-reklamar kompetitur ma setax jintwera la "taħt" ir-reklamar tagħha u lanqas "b'mod direttament maġenb" dan ir-reklamar. Fl-aħħar nett, Google ma identifikatx, matul il-proċedura amministrattiva, imsieħeb dirett wieħed li kien interpreta l-imsemmija klawżola bħala li tawtorizza wkoll il-wiri ta' reklamar kompetitur taħt ir-reklamar tagħha.

739 Fir-rigward tal-argumenti ta' Vinden u ta' Surfboard, il-Kummissjoni żżid li dawn tal-aħħar ma urewx li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tawtorizza l-wiri ta' reklamar direttament taħt reklamar ta' Google. B'mod iktar partikolari, hija tirrileva li l-provi prodotti minn Vinden imorru lura għall-2020 u li, konsegwentament, jirrigwardaw perijodu li matulu l-imsemmija klawżola ma kinitx għadha tapplika. Barra minn hekk, minn dawn il-provi jirriżulta li Vinden kienet turi biss reklamar kompetitur taħt riżultati ta' tiftix.

740 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ddefinixxiet il-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament b'modi differenti fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 733 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni sempliċement indikat, fil-premessa 465 ta' din id-deċiżjoni, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tipprojbixxi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur "'il fuq jew immedjatament maġenb" ir-reklamar ta' Google. Min-naħa l-oħra, fil-premessa 481 tal-imsemmija deċiżjoni, fil-parti tar-raġunament tagħha relatat mar-risposta għall-argumenti żviluppati minn Google matul il-proċedura amministrattiva, hija spjegat li t-termini "direttament maġenb" kienu jirreferu wkoll għar-reklamar kompetitur muri taħt ir-reklamar ta' Google.

741 Fit-tieni lok, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni bbażat ruħha, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq żewġ definizzjonijiet tal-kelma Ingliża "adjacent" li jinsabu fid-dizzjunarji online *Oxford English Dictionary* u *Merriam Webster* sabiex tikkunsidra li din il-kelma kienet tirreferi wkoll għar-reklamar kompetitur impoġġi taħt ir-reklamar ta' Google. Minn dawn id-definizzjonijiet jirriżulta li din il-kelma tfisser, minn naħa, "maġenb jew ħdejn xi ħaġa oħra" u, min-naħa l-oħra, "mhux 'il bogħod", "li għandu punt ta' tmiem komuni" u "li jiġi immedjatament qabel jew wara".

742 Minn dan isegwi li, għalkemm huwa veru li l-kelma "adjacent" tista' tirreferi għal dak kollu li jista' jkun madwar xi ħaġa, mid-definizzjonijiet iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din il-kelma tista' wkoll tirreferi speċifikatament għal dak li jinsab "maġenb" din il-ħaġa. Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat, kif tagħmel Google, li t-tifsira eżatta ta' din il-kelma tiddependi mill-kuntest li fih hija tintuża u li mhux neċessarjament tirreferi għal dak li taħt l-imsemmija ħaġa.

743 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni identifikat, fid-deċiżjoni kkontestata, tmien FSG li fihom it-termini "direttament maġenb" ġew iddefiniti bħala li jirreferu għal reklamar kompetitur muri "taħt u maġenb".

744 Madankollu, minn naħa, mill-Anness A.53 tar-rikors, li l-kontenut tiegħu ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni, jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li hija ssostni, il-klawżoli tat-tmien FSG imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata ma jiddefinixxux it-termini "direttament maġenb" bħala li jfissru "taħt u maġenb". Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, kif issostni Google, li dawn il-klawżoli kienu jispjegaw direttament li r-reklamar kompetitur ma setax jiġi muri "taħt"

ir-reklamar ta' Google u lanqas "maġenbu". B'hekk, ir-redazzjoni tal-imsemmija klawżoli tissuġġerixxi li l-kelma "maġenb" ma hijiex suffiċjenti, waħidha, sabiex tirreferi għar-reklamar kompetitur li intwera "taħt" ir-reklamar ta' Google.

745 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li t-tmien FSG kollha msemmija fid-deċiżjoni kkontestata ġew konklużi mal-istess grupp [*kunfidenzjali*]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, mir-redazzjoni speċifika ta' dawn it-tmien FSG, maqbula ma' dan l-imsieħeb dirett b'mod partikolari, ma għandux jiġi dedott li l-kliem "direttament maġenb", jekk jiġi preżunt li ġew utilizzati fi klawżoli oħra ta' dawn il-FSG, kellhom l-istess tifsira f'dawn tal-aħħar bħal f'dawk konklużi mal-imsieħba diretti l-oħra.

746 It-tieni nett, hemm lok li jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li l-fatt li l-mudell tal-FSG, parzjalment riprodott fil-premessa 91 tad-deċiżjoni kkontestata, jispjega li r-reklamar kompetitur ma setax jintwera "'il fuq" mir-reklamar ta' Google jew "direttament maġenb" dan ir-reklamar jissuġġerixxi wkoll li l-kliem "direttament maġenb" ma kinux suffiċjenti, waħidhom, sabiex jirreferu għar-reklamar kompetitur li kien intwera "'il fuq" mir-reklamar ta' Google.

747 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni rrikonoxxiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li wieħed mill-imsieħba diretti kien interprata l-klawżola ta' pożizzjonament fis-sens li kienet tawtorizza l-wiri ta' reklamar kompetitur 'il fuq mir-reklamar ta' Google. Madankollu, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, mis-sempliċi fatt li Google, matul il-proċedura amministrattiva, identifikat biss imsieħeb dirett wieħed, ma għandux jirriżulta li l-imsieħba diretti l-oħra kienu interpretaw din il-klawżola b'mod differenti. Fil-fatt, minn naħa, mill-għażla tal-imsieħba diretti li ma urewx reklamar kompetitur 'il fuq mir-reklamar ta' Google ma jistax jiġi dedott li din l-għażla kienet tirriżulta esklużivament mill-interpretazzjoni tagħhom tal-imsemmija klawżola, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel Google, li l-Kummissjoni, minkejja s-setgħat ta' investigazzjoni li jagħtiha r-Regolament Nru 1/2003, ma identifikat l-ebda imsieħeb dirett li kien interpreta din il-klawżola fis-sens li kienet tipprojbixxi tali wiri.

748 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tipprojbixxi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur taħt ir-reklamar ta' Google.

b) Fuq l-ispazji li jiġġeneraw l-ogħla rata ta' klikks

749 Google ssostni li l-klawżola ta' pożizzjonament ma titlobx lill-imsieħba diretti juru r-reklamar tagħha stess fl-ispazju li jiġġenera l-ogħla rata ta' klikks. Fil-fatt, minn naħa, hija kkonstatat li r-reklamar kompetitur seta', f'ċerti konfigurazzjonijiet, jintwera fi spazji li jiġġeneraw l-ogħla rata ta' klikks minn dawk irriżervati għar-reklamar tagħha stess. F'dan ir-rigward, hija tispjega li, minkejja li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-pubblikaturi "rarament" kienu adottaw dawn il-konfigurazzjonijiet, dawn tal-aħħar madankollu ma kinux ipprojbiti mill-imsemmija klawżola. Min-naħa l-oħra, hija tikkonstata li l-imsieħba diretti setgħu juru reklamar kompetitur 'il fuq mir-riżultati ta' tiftix u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rati ta' klikks ta' dan ir-reklamar u tar-reklamar tagħha kienu komparabbli.

750 Surfboard tikkonferma li l-klawżola ta' pożizzjonament ippermettitilha turi reklamar kompetitur fi spazji li jwasslu għal rati ta' klikks komparabbli ma' dawk ta' Google.

751 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Surfboard.

752 F'dan ir-rigward, għandhom jiġu eżaminati, minn naħa, l-immaġnijiet riprodotti fl-Anness A.52 tar-rikors u, min-naħa l-oħra, ir-ritratti tal-iskrin tal-paġni ta' riżultati ta' msieħba diretti li jikkorrispondu għall-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta.

1) Fuq l-immaġnijiet li jinsabu fl-Anness A.52 tar-rikors

753 Hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Anness A.52 tar-rikors jirriproduċi ż-żewġ immaġnijiet segwenti ta' konfigurazzjonijiet, konformi mal-klawżola ta' pożizzjonament, li kienu jippermettu reklamar kompetitur jiġġenera rati ta' klikks ogħla jew komparabbli ma' dawk tar-reklamar li ġej minn Google:

Figure 1
Google And Competing Search Ads To The Right Of Search Results And Competing Search Ads Below The Search Results




Figure 2
Competing Search Ads Above And To The Right Of The Search Results And Google Search Ads At The Top



754 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li mit-Tabelli Nri 18 sa 22 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-reklamar muri taħt ir-riżultati ta' tiftix iġġenera rati ta' klikks ogħla minn dawk tar-reklamar muri fuq in-naħa tal-lemin ta' dawn ir-riżultati bejn l-2012 u l-2015. Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat, kif tagħmel Google, li, fil-konfigurazzjoni li tikkorrispondi għall-Figura Nru 1, ir-reklamar kompetitur seta' jiġġenera rati ta' klikks ogħla minn dawk tar-reklamar tagħha, fatt li, barra minn hekk, ma ġiex ikkontestat mill-Kummissjoni.

755 Madankollu, il-Kummissjoni rrilevat, fid-deċiżjoni kkontestata, li din il-konfigurazzjoni kienet rarament magħżula mill-imsieħba diretti, u dan lanqas ġie kkontestat minn Google. Minkejja li hija ma tagħtix dettalji b'mod espress dwar ir-raġunijiet ta' din is-sitwazzjoni, mit-Tabelli Nri 18 sa 22 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li r-reklamar muri 'il fuq mir-riżultati ta' tiftix kienu jiġġenera l-ogħla rati ta' klikks. B'hekk, billi ma wrew l-ebda reklamar 'il fuq minn dawn ir-riżultati, l-imsieħba diretti kienu aċċettaw li jnaqqsu n-numru ta' klikks iġġenerati mill-paġni ta' riżultati tagħhom u, konsegwentament, id-dħul tagħhom. Konsegwentament, l-imsieħba diretti kellhom jaċċettaw li jillimitaw id-dħul totali tagħhom sabiex jippermettu lir-reklamar kompetitur jiġġenera rati ta' klikks ogħla minn dawk ta' Google.

756 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, fid-dawl taċ-ċirkutanzi tal-każ, il-Figura Nru 1 ma turix konfigurazzjoni li tippermetti, fil-prattika, lill-imsieħba diretti jagħtu lir-reklamar kompetitur spazji li jiġġeneraw rati ta' klikks ogħla minn dawk irriżervati għar-reklamar ta' Google.

757 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 748 iktar 'il fuq, l-imsieħba diretti setgħu juru reklamar kompetitur taħt ir-reklamar ta' Google. Minn dan isegwi li hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Figura Nru 2 tirrappreżenta konfigurazzjoni konformi mal-klawżola ta' pożizzjonament.

758 Madankollu, huwa stabbilit li l-imsieħba diretti għandhom juru tal-inqas tliet reklami ta' Google fl-istess "blokka" meta t-tfittxija online tkun saret fuq kompjuter.

759 Issa, minn naħa, hemm lok li jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li ssostni Google, mit-Tabelli Nri 18 sa 22 tad-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li r-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni 'il fuq mir-riżultat ta' tiftix kien jiġġenera rata ta' klikks ftit inqas minn dawk tar-reklamar muri fit-tliet pożizzjonijiet ta' qabel. B'mod iktar preċiż, jekk huwa veru li d-differenza fir-rati ta' klikks bejn ir-reklamar muri fit-tielet u fir-raba' pożizzjoni ma kinitx sinjifikattiva – barra minn hekk, fl-2015, ir-rata ta' klikks tar-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni kien anki ogħla minn dak tar-reklamar muri fit-tielet pożizzjoni –, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li teżisti differenza sinjifikattiva bejn ir-rati ta' klikks ta' reklamar muri fl-ewwel pożizzjon u r-rati ta' dawk muri fir-raba' pożizzjoni. B'hekk, pereżempju, għas-sena 2013, mit-tabella hawn taħt jirriżulta li r-rata ta' klikks tar-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni kienet ta' [*kunfidenzjali*] %, filwaqt li dik tar-reklamar muri fl-ewwel pożizzjoni kienet ta' [*kunfidenzjali*] %. Minn dan isegwi li, fl-2013, ir-reklamar muri fl-ewwel pożizzjoni kien iġġenera [*kunfidenzjali*] % klikks iktar mir-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni. Bl-istess mod, fl-2015, ir-rata ta' klikks tar-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni kienet ta' [*kunfidenzjali*] %, filwaqt li dik tar-reklamar muri fl-ewwel pożizzjoni kienet ta' [*kunfidenzjali*] %. Minn dan isegwi li, fl-2015, ir-reklamar muri fl-ewwel pożizzjoni kien jiġġenera [*kunfidenzjali*] % ta' klikks iktar mir-reklamar muri fir-raba' pożizzjoni:

Sena	2011	2012	2013	2014	2015
Rata ta' klikks- l-1 pożizzjoni	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %
Rata ta' klikks- ir-4 pożizzjoni	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %
Żieda tan-numru ta' klikks bejn ir-4 u l-1 pożizzjoni	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %	[*kunfidenz-fidenzjali*] %

760 Min-naħa l-oħra, mit-tielet kolonna tat-Tabella Nru 23 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod partikolari li d-differenza fir-rata ta' klikks bejn l-ewwel tliet reklami murija u dawk li jsegwu taħt (iżda 'il fuq mir-riżultati ta' tiftix) tiżdied ġeneralment man-numru ta' reklamar muri. B'hekk, il-fatt li jintwera numru ikbar ta' reklamar kompetitur ma jikkontestax il-fatt li, fil-Figura Nru 2, ir-reklamar ta' Google kien jokkuppa l-ispazji li jiġġeneraw l-ogħla rati ta' klikks.

761 Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-konfigurazzjoni li tikkorrispondi mal-Figura Nru 2 kienet tippermetti lir-reklamar kompetitur jiġġenera rati ta' klikks komparabbli ma' dawk tar-reklamar tagħha stess.

2) Fuq il-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta

762 Google ssostni li l-imsieħba diretti setgħu juru reklamar kompetitur maġenb ir-reklamar tagħha stess, li setgħu, b'hekk, jiġġeneraw rati ta' klikks komparabbli ma' dawk ta' dan tal-aħħar. Hija tirreferi, f'dan ir-rigward, għar-ritratti tal-iskrin ta' siti internet ta' żewġ imsieħba diretti li huma riprodotti fil-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta.

763 Madankollu, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-argument ta' Google jidher li jikkontesta t-termini stess tal-klawżola ta' pożizzjonament li tipprojbixxi l-wiri ta' reklamar kompetitur maġenb ir-reklamar tagħha stess. Madankollu, il-fatt li żewġ imsieħba diretti ma osservawx dawn it-termini, f'mument partikolari, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbiliti li din il-klawżola kienet tippermetti tali wiri.

764 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li Google rrikonoxxiet, waqt is-seduta, minn naħa, li l-imsieħba diretti ma setgħux juru reklamar kompetitur 'il fuq mir-reklamar tagħha stess u, min-naħa l-oħra, li l-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta kienu juru l-wiri ta' reklamar kompetitur li ma kienx 'il fuq mir-riżultati tat-tiftix, kif irrilevat il-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 81 tal-kontroreplika. Minn dan isegwi li kien hemm reklamar kompetitur li għandu jiġi kkunsidrat li kien ippożizzjonat fuq in-naħa tal-lemin tal-paġna tar-riżultati. Mit-Tabelli Nri 18 sa 22 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat minn Google, jirriżulta li tali reklamar iġġenera rati ta' klikks sinjifikattivament iżgħar minn dak iġġenerat mir-reklamar li kien jinsab fin-naħa ta' fuq ta' paġna tar-riżultati.

765 Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat li, anki jekk il-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta juru wiri ta' reklamar kompetitur kompatibbli mal-klawżola ta' pożizzjonament, tali wiri ma jippermettix li jiġu ġġenerati, għal dan ir-reklamar, rati ta' klikks komparabbli ma' dawk ta' reklamar ta' Google.

766 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-imsieħba diretti setgħu, b'mod konformi mal-klawżola ta' pożizzjonament, jadottaw konfigurazzjonijiet li fihom ir-reklamar kompetitur kienu jiġġeneraw rati ta' klikks ogħla jew komparabbli ma' dawk tar-reklamar tagħha stess.

c) Konklużjoni fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv

767 Google ma stabbilixxietx li, fil-prattika, ir-rata ta' klikks tar-reklamar kompetitur setgħet, tal-inqas, tkun komparabbli ma' dik tar-reklamar tagħha stess, kif murija skont il-klawżola ta' pożizzjonament. Minn dan isegwi li, fir-rigward tar-reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni kkunsidrat, korrettament, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriżerva l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti għar-reklamar ta' Google.

768 Konsegwentament, hemm lok li l-ewwel parti tat-tielet motiv ta' Google tiġi miċħuda bħala infondata.

2. Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' pożizzjonament

769 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 494 ta' din id-deċiżjoni, li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi. Barra minn hekk, hija kkonstatat li n-natura vinkolanti tal-mudelli kienet żiedet il-kapaċità ta' din il-klawżola li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

770 B'mod iktar partikolari, għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li kkonstatat li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet, minn naħa, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni effettivament qieset li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni.

771 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni, mill-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament iddeduċiet li din il-klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

772 Fil-fatt, qabelxejn, mill-premessi 530 sa 532 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament kien ipprekluda lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jipprovdu jew jiżviluppaw diversi reklamar tat-tiftix online, b'tali mod li din il-klawżola kienet skorraġixxiethom milli jinvestu fl-innovazzjoni. Sussegwentament, mill-premessa 534 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li dan l-effett ta' esklużjoni kien ċaħħad lill-imsemmija intermedjarji minn dħul u data li setgħu jintużaw għall-finijiet tal-provvista ta' reklamar tat-tiftix online. Fl-aħħar nett, mill-premessa 539 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-effett ta' esklużjoni kien ippermetta lil Google li tistabbilixxi l-prezzijiet imħallsa mill-persuni li jirreklamaw f'livell għoli, biex b'hekk żdiedu l-prezzijiet, imħallsa mill-konsumaturi, ta' prodotti li kienu s-suġġett tar-reklamar tat-tiftix online. Il-Kummissjoni żiedet, fil-premessa 540 ta' din l-istess deċiżjoni, li l-fatt li l-imsemmija klawżola kienet setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni kien ukoll ipprekluda lill-konsumaturi minn għażla ikbar ta' reklamar tat-tiftix online.

773 Google ssostni li l-klawżola ta' pożizzjonament, l-ewwel nett, ma pproduċietx l-effetti ta' esklużjoni kkonstatati fid-deċiżjoni kkontestata, it-tieni nett, ma għenithiex iżżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online u, it-tielet nett, ma kkawżatx dannu la għall-innovazzjoni u lanqas għall-konsumaturi. Barra minn hekk, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma wrietx li l-mudelli setgħu jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

774 Surfboard u Vinden isostnu li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kellhiex effett fuq l-imġiba tagħhom. Barra minn hekk, Vinden tispjega li l-mudelli setgħu jiġi emendati u tikkontesta l-fatt li kienu vinkolanti. Surfboard iżżid li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet oġġettivament iġġustifikata.

775 Qabelxejn għandu jiġi eżaminat l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata li jirriżulta mill-klawżola ta' pożizzjonament. Għalhekk hemm lok li jiġi vverifikat jekk din il-klawżola kellhiex il-kapaċità, minn naħa, li tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

776 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 496 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha li turi li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fosthom, b'mod partikolari, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google kemm fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online kif ukoll fis-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' dan it-tiftix u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tal-imsemmija klawżola fuq dan l-aħħar suq u t-"tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola". F'dan ir-rigward, hija rreferiet, rispettivament, għat-Taqsima 7, li tinkludi l-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punti 401 sa 404 iktar 'il fuq, kif ukoll, essenzjalment, għat-Taqsima 8.4.4.2 tal-imsemmija deċiżjoni, relatata mal-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq.

777 Bħal kif ġie rrilevat fil-punti 400 u 405 iktar 'il fuq, għandu jiġi nnotat, minn naħa, li l-approċċ użat mill-Kummissjoni huwa konformi mal-ġurisprudenza u, min-naħa l-oħra, li Google ma tikkontestax il-kontenut tat-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata ħlief biex targumenta, fil-qafas tal-ewwel motiv, li l-Kummissjoni kienet ddefinixxiet b'mod żbaljat is-swieq rilevanti fit-Taqsima 6 ta' din id-deċiżjoni.

778 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 767 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, korrettament, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriżerva l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti għar-reklamar ta' Google. Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessi 335, 467, mill-punt 2 tal-premessa 630, u mill-premessi 712 u 718 tad-deċiżjoni kkontestata, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet simili għal klawżola ta' esklużività iktar flessibbli f'dak li jirrigwarda s-siti internet li kienu inklużi fil-FSG li fihom din il-klawżola.

779 Issa, kif tfakkar fil-punt 406 iktar 'il fuq, minkejja li l-kapaċità tal-klawżoli ta' esklużività li jeskludu l-kompetituri ma hijiex awtomatika, kif barra minn hekk juri l-paragrafu 36 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet adottati mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] għall-prattiki ta' esklużjoni abużivi tal-impriżi dominanti", xorta jibqa' l-fatt li dawn il-klawżoli jqajmu, minħabba n-natura tagħhom, tħassib leġittimu dwar il-kompetizzjoni.

780 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk il-klawżola ta' pożizzjonament kellhiex il-kapaċità li tiddiswadi l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, fit-tieni lok, jekk l-imsemmija klawżola kellhiex il-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

a) Fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' pożizzjonament fir-rigward tal-imsieħba diretti

781 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

782 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Kummissjoni kkonstatat, fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google. Min-naħa l-oħra, hija rrilevat, fil-premessa 500 ta' din id-deċiżjoni, li l-imsemmija klawżola kienet ipprekludiet lill-imsemmija msieħba diretti milli jkunu jistgħu jadottaw ċerti konfigurazzjonijiet fir-rigward tal-paġni tar-riżultati tagħhom sa fejn kellhom neċessarjament juru tliet reklami ta' Google fi blokk wieħed meta l-utent kien iżur dawn il-paġni minn kompjuter. Barra minn hekk, bħala risposta għal argument ta' Google, hija kkunsidrat, fil-premessa 502 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-imsieħba diretti kien kellhom interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament.

1) Fuq il-kapaċità tal-klawżola ta' pożizzjonament li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google

783 Google ssostni minn naħa, li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx tali li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri u, min-naħa l-oħra, li d-dikjarazzjonijiet taż-żewġ imsieħba diretti, li jinsabu fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, ma kinux jippermettu li jiġi stabiblit li l-imsemmija klawżola kienet effettivament ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand tali intermedjarji.

i) Fuq il-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament

784 Google ssostni, essenzjalment, li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx, fid-dawl tal-portata tagħha, ta' natura li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri. B'mod iktar partikolari, hija ssostni li, l-ewwel nett, l-imsieħba diretti kienu liberi li jagħżlu s-siti internet li xtaqu jinkludu fil-FSG tagħhom, it-tieni nett, l-intermedjarji l-oħra setgħu jikkompetulha waqt in-negozjati jew in-negozjati mill-ġdid ta' dawn il-FSG jew meta l-imsemmija msieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali, it-tielet nett, l-imsieħba diretti setgħu jużaw l-AFS billi jikkonkludu kuntratti online u, ir-raba nett, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet tawtorizza espressament il-wiri ta' reklamar kompetitur.

785 Vinden ssostni li l-klawżola ta' pożizzjonament ma ddiswadithiex milli turi reklamar kompetitur. Hija tispjega li kienet kisbet provvista wkoll f'reklamar tat-tiftix online mingħand Yahoo! u li l-FSG li hija kkonkludiet kien jipprevedi espressament li hija setgħet turi reklamar kompetitur.

786 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Vinden.

787 L-ewwel nett, hemm lok li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 412 sa 415 iktar 'il fuq u kif essenzjalment tirrileva l-Kummissjoni, il-fatt li l-imsieħba diretti setgħu liberament jipproċedu b'esperimentazzjoni ma' reklamar kompetitur fuq is-siti internet li ma kinux inklużi fil-FSG tagħhom ma jippermettix li jiġi evalwat l-effett tal-klawżola ta' pożizzjonament fir-rigward tas-siti li kienu, min-naħa tagħhom, inklużi f'dawn il-FSG. B'hekk, il-fatt li l-imsieħba diretti setgħu jagħżlu s-siti internet li kienu inkludew fil-FSG tagħhom, irrispettivament minn jekk dan sarx waqt in-negozjar jew waqt in-negozjar mill-ġdid tagħhom jew inkella wara l-eżerċizzju ta' dritt ta' xoljiment unilaterali, jew jekk setgħux jagħżlu li jinkludu s-siti internet tagħhom f'kuntratt online ma huwiex ta' natura li jikkontesta l-fatt li l-imsemmija klawżola setgħet, matul ċertu perijodu, tipprekludihom milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, tal-inqas, fir-rigward tas-siti internet inklużi fil-FSG tagħhom.

788 It-tieni nett, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 767 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat, korrettament, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tirriżerva, favur ir-reklamar tat-tiftix online li ġej minn Google, l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti u għalhekk l-ispazji li jiġġeneraw l-ogħla rati ta' klikks. Konsegwentament, il-fatt li din il-klawżola kienet tawtorizza reklamar kompetitur ma jikkontestax il-fatt li hija neċessarjament illimitat l-esperimentazzjoni li setgħu jipproċedu biha l-imsieħba diretti fir-rigward tal-wiri tal-imsemmi reklamar.

789 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx, fid-dawl tal-portata tagħha, tista' tipprekludi, tal-inqas sa ċertu punt, lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda s-siti internet inklużi fil-FSG li fihom din il-klawżola.

ii) Fuq id-dikjarazzjonijiet tal-imsieħba diretti

790 Google tirrileva li l-Kummissjoni bbażat ruħha biss, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq id-dikjarazzjonijiet ta' żewġ imsieħba diretti biex tikkunsidra li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti, kollha kemm huma, milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra. Barra minn hekk, hija tikkonstata li mid-dikjarazzjonijiet ta' ħafna imsieħba diretti, fosthom wieħed mit-tnejn imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta li l-imsemmija klawżola ma pprekludithomx milli jevalwaw tali interess.

791 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tal-argument ta' Google li jikkontesta l-fatt li l-imsieħba diretti kienu kkonfermaw li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludithom milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra, minħabba li dan l-argument ġie żviluppat għall-ewwel darba fir-replika. Barra minn hekk, hija tqis li dan l-argument ma huwiex fi kwalunkwe każ, fondat.

– *Fuq l-ammissibbiltà tal-argument ta' Google*

792 Huwa veru li huwa fl-istadju tar-risposta li Google tikkritika lill-Kummissjoni talli bbażat ruħha biss fuq id-dikjarazzjonijiet ta' żewġ imsieħba diretti sabiex tikkunsidra li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti, meħuda kollha flimkien, milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri.

793 Madankollu, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li Google espressament ikkontestat, fil-punti 125 u 126 tar-rikors, id-dikjarazzjoni li tinsab fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri.

794 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi kkonstatat li Google tispjega li l-argument tagħha, żviluppat fir-replika, huwa intiż sabiex jikkontesta l-punt 273 tar-risposta. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont l-imsemmi punt, il-fatt, invokat fir-rikors minn Google, li tliet msieħba diretti oħra setgħu jippruvaw reklamar kompetitur – b'mod partikolari sabiex jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jakkwistaw iktar minnhom – f'siti internet suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ma huwiex rilevanti. Issa, huwa stabbilit li, kif ġie rrilevat fil-punt 594 iktar 'il fuq, il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tapplika biss meta l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tapplika wkoll. Konsegwentament, il-fatt li l-imsieħba diretti, suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, setgħu jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra huwa rilevanti wkoll għall-finijiet tal-eżami tal-effetti tal-klawżola ta' pożizzjonament.

795 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 691 iktar 'il fuq, li l-argument ta' Google jippreżenta flimkien mal-ilmenti inizjalment esposti fir-rikors, rabta suffiċjentament stretta sabiex jista' jitqies bħala li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża u jikkostitwixxi amplifikazzjoni tal-imsemmija ilmenti. Kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, dan l-argument ma għandux għalhekk jiġi miċħud bħala inammissibbli.

– *Fuq il-fondatezza tal-argument ta' Google*

796 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 111 iktar 'il fuq, hemm lok, bħala regola, li jingħata valur probatorju għar-risposti għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni.

797 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tispjega li diversi msieħba diretti kkonfermaw il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludithom milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google. F'dan ir-rigward, hija tiċċita r-risposti ta' żewġ imsieħba diretti, jiġifieri l-grupp [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], għal talba għal informazzjoni tal-31 ta' Lulju 2015. Barra minn hekk, mit-Tabella Nru 26 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni identifikat 53 imsieħeb dirett li kkonkludew FSG li kien fih il-klawżola ta' pożizzjonament.

798 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li mill-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ma kellhiex l-intenzjoni li tistabbilixxi lista eżawrjenti tar-risposti kollha li hija rċeviet matul il-proċedura amministrattiva, iżda illimitat ruħha sabiex tagħti eżempji ta' risposti li jikkonfermaw il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarju kompetitur ta' Google.

799 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li Google ma tikkontestax il-kontenut tar-risposta tal-grupp [*kunfidenzjali*], imsemmija fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, li, essenzjalment, il-klawżola ta' pożizzjonament affetwat l-istrateġija ta' reklamar tagħha, b'mod partikolari billi

llimitat il-mod li bih hija setgħet turi r-reklamar li ġej minn kompetituri ta' Google, u, dan min-naħa tiegħu, ipprekluda li jiġu pparagunati r-reklamar ta' Google u dak tal-kompetituri tagħha.

800 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rriproduċiet, fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, l-estratt ta' risposta ta' [*kunfidenzjali*] li minnha rriżulta li dan tal-aħħar xtaq li seta' jpoġġi intermedjarji differenti f'kompetizzjoni fl-istess ħin, għal kull tfittxija online, sabiex jistabbilixxi liema reklamar jpoġġi fl-ispazji normalment irriżervati għar-reklamar ta' Google skont il-klawżola ta' pożizzjonament. [*kunfidenzjali*] spjega, essenzjalment, li l-klawżola ta' pożizzjonament potenzjalment setgħet ipprekludietu milli jibbenefika minn żieda fid-dħul tiegħu.

801 Google ssostni li [*kunfidenzjali*] kien indika wkoll li jaħdem ma' kumpannija oħra differenti minn Google f'dak li jirrigwarda l-"links sponsorizzati". Madankollu, għandu jiġi rrilevat li Google ma tipproduċi l-ebda prova sabiex issir distinzjoni bejn dawn il-links u r-riżultati ta' tiftix speċjalizzat, li hija ma tallegax li jappartjenu għas-suq tar-reklamar tat-tiftix online. Fi kwalunkwe każ, minn dan il-fatt ma għandux jiġi dedott li [*kunfidenzjali*] kien uża s-servizzi ta' intermedjarju ieħor minbarra l-AFS, li fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament, ma kienx jixtieq jevalwa l-interess kummerċjali li juri r-reklamar li ġej minn dan l-intermedjarju l-ieħor fuq l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tiegħu.

802 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni, qieset, li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet tali li tikkorrobora l-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

803 Fit-tieni lok, għandu, ċertament, jiġi kkonstatat, kif tagħmel Google, li uħud mill-imsieħba diretti oħra kienu indikaw lill-Kummissjoni li l-istrateġija ta' reklamar tagħhom ma kinitx ġiet affettwata mill-klawżola ta' pożizzjonament.

804 Fil-fatt, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, għad-domanda dwar sa fejn il-klawżoli inkwistjoni seta' kellhom effett fuq l-istrateġija ta' reklamar tiegħu, [*kunfidenzjali*] kien irrisponda b'dan il-mod: "Peress li l-[i]strateġija ta' reklamar tiegħ[u …] fuq is-siti internet tqis li Google AdSense for Search ma kinitx l-attività prinċipali tiegħu, dawn il-klawżoli ma kienu pprekludew l-ebda sħubija ma' intermedjarji oħra."

805 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] ma kinitx rilevanti, għaliex ma kinitx tirrigwarda l-kapaċità ta' dan l-imsieħeb dirett sabiex jevalwa r-reklamar kompetitur.

806 Madankollu, minn naħa, sa fejn kemm id-domanda magħmula mill-Kummissjoni kif ukoll ir-risposta mogħtija minn [*kunfidenzjali*] kienet tirrigwarda l-istrateġija ta' reklamar ta' dan l-imsieħeb dirett, meħuda kollha kemm hi, hemm lok li jiġi rrilevat li din ir-risposta kienet neċessarjament ittrattat il-kapaċità tal-imsemmi imsieħeb dirett sabiex jevalwa l-eventwali interess kummerċjali li jikseb provvista mingħand intermedjarji oħra minbarra Google. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li r-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], iċċitati fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, kienu jirrispondu wkoll din l-istess domanda. B'hekk, minn dawn ir-risposti jirriżulta wkoll li l-grupp [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kienu jikkunsidraw ukoll li l-kapaċità li jiġi evalwat l-interess kummerċjali li tinkiseb provvista mingħand tali intermedjarji tikkostitwixxi element li jaqa' fl-istrateġija ta' reklamar tagħhom.

807 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*], inkwantu kienet tispjega li l-klawżola ta' pożizzjonament "ma kien[et] ippreklud[iet] l-ebda sħubija ma' intermedjarji oħra", kienet tali li tikkontesta l-fatt, ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, li din il-klawżola kienet iddiswadiet lil dan l-imsieħeb dirett milli jikseb provvista mingħand tali intermedjarji.

808 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma kinitx iġġustifikata li ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] ma kinitx rilevanti.

809 It-tieni nett, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni kienet talbet lil [*kunfidenzjali*] jispjega sa fejn il-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludietu milli juri reklamar kompetitur jew kienet illimitat, fil-prattika, il-kapaċità tiegħu li juri tali reklamar. [*kunfidenzjali*] kien għalhekk irrisponda li ma kienx "affettwat [mill-]klawżola [ta' pożizzjonament] u, konsegwentament, ma [kien] qatt ikkontesta[ha] peress li [kien] iddeċieda li l-inklużjoni ta' diversi elementi ekwivalenti relatati mat-tiftix li ġej minn partijiet terzi kienet tikkawża dannu lill-esperjenza tal-utent".

810 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] ma kinitx rilevanti inkwantu din ir-risposta kienet tispjega li "l-inklużjoni ta' diversi elementi ekwivalenti relatati mat-tiftix li ġej minn partijiet terzi kienet tikkawża dannu lill-esperjenza tal-utent". Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li imsieħeb dirett spjega r-raġuni li għaliha huwa ma riedx jikseb provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google jikkostitwixxi, min-naħa l-oħra, element li jagħmel iktar kredibbli d-dikjarazzjoni li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx iddiswadiet lil dan l-imsieħeb dirett milli jikseb provvista minn tali intermedjarji.

811 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata li ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet irrilevanti.

812 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li [*kunfidenzjali*] kien indika lill-Kummissjoni, bħala risposta għal talba għal informazzjoni, li "[l]e, is-sħubija [tiegħu] ma' Google ma [kinitx] tillimita l-kapaċità tiegħ[u] […] li jintegra ma' intermedjarji oħra".

813 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet irrilevanti, minħabba li ma kinitx tikkonċerna l-klawżola ta' pożizzjonament. Madankollu, qabel xejn hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma tressaq l-ebda prova insostenn tal-allegazzjoni tagħha u lanqas tikkontesta l-fatt li [*kunfidenzjali*] kien imsieħeb dirett suġġett għal FSG. Sussegwentament, mid-Dokumenti Nri 6 u 7 tal-Anness C.15 tar-risposta jirriżulta li d-domanda inkwistjoni kienet tirrigwarda l-klawżoli kollha tal-kuntratti relatati mal-AFS u li l-imsemmija risposta kienet tagħmel riferiment espressament għas-"sħubija" kollha ma' Google. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, kif issemma fil-punt 594 iktar 'il fuq, l-FSG kollha li fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien fihom ukoll il-klawżola ta' pożizzjonament, b'tali mod li, jekk dan l-imsieħeb dirett kien suġġett għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, kif jidher li qiegħda tissuġġerixxi l-Kummissjoni, huwa kien neċessarjament suġġett ukoll għall-klawżola ta' pożizzjonament.

814 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet irrilevanti.

815 Ir-raba' nett, għandu jiġi nnotat li l-avukat ta' [*kunfidenzjali*], li hija l-kumpannija omm ta' [*kunfidenzjali*], kien, f'posta elettronika datata 31 ta' Ottubru 2016 bagħat lill-Kummissjoni bħala Anness mar-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, iddikjara dan li ġej: "[i]l-klawżola ta' pożizzjonament ma kellha l-ebda effett fuqna. Kif indikat iktar 'il fuq, aħna ressaqna lill-utenti 'l

bogħod minn Google billi ddiriġejna t-traffiku ta' tiftix tagħna lejn [*kunfidenzjali*], li huwa dominju li aħna għażilna li nistmaw fi flus billi nużaw reklamar relatat mat-tiftix ta' Yahoo! minflok l-AFS".

816 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li din il-posta elettronika kienet irrilevanti, minħabba li [*kunfidenzjali*] ma kienx iddikjara li r-reklamar kompetitur kien jiġġenera rata ta' klikks komparabbli ma' dak tar-reklamar ta' Google. Hija żżid li, fi kwalunkwe każ, il-valur probatorju tal-imsemmija posta elettronika kien limitat inkwantu hija ma kinitx taf il-"kuntest" li fih Google kienet kisbitha.

817 Madankollu, minn naħa, hemm lok li jiġi rrilevat li [*kunfidenzjali*] ma kellux bżonn jindika li r-reklamar kompetitur seta' jiġġenera rata ta' klikks komparabbli ma' dik tar-reklamar ta' Google sabiex jispjega li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx iddiswadietu milli jikseb provvista mingħand intermedjarju ieħor. Barra minn hekk, l-ebda waħda mir-risposti taż-żewġ imsieħba diretti ċċitati fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata ma ssemmi l-paragun tar-rati ta' klikks bejn ir-reklamar ta' Google u dak li ġej minn intermedjarji oħra.

818 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma tallegax li l-posta elettronika ta' [*kunfidenzjali*] ma kellhiex valur probatorju. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma setgħetx, fid-dawl tal-punti 512 sa 514 iktar 'il fuq, tikkontesta r-rilevanza tal-posta elettronika ta' [*kunfidenzjali*] minħabba r-raġuni biss li kienet prodotta minn Google, meta hija kienet libera li titlob informazzjoni addizzjonali direttament lil [*kunfidenzjali*] bis-saħħa tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003.

819 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata ssostni li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*] kienet irrilevanti.

820 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-risposti l-oħra invokati minn Google ma jippermettux li jkun magħruf jekk l-imsieħba diretti kkonċernati kinux qiesu li l-klawżola ta' pożizzjonament kinitx ipprekludithom, jew le, milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' din tal-aħħar.

821 Fil-fatt, qabelxejn, ir-risposti ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*] jindikaw, essenzjalment, li kien possibbli li jintwera reklamar kompetitur, li Google ma talbitx li jinbidel il-mod ta' kif jintwera dan ir-reklamar matul diversi snin u li kien possibbli li jiġu ttestjati pożizzjonamenti differenti għar-reklamar ta' Google. Min-naħa l-oħra, huma ma jispjegawx jekk il-pożizzjonament irriżervat għar-reklamar ta' Google kienx ipprekluda lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' din tal-aħħar.

822 Sussegwentament, l-estratti tar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*], invokati minn Google, huma ambigwi. Fil-fatt, il-grupp [*kunfidenzjali*] kien verament irrisponda "le" għad-domanda dwar jekk il-klawżola ta' pożizzjonament kinitx ipprekludietu milli juri reklamar kompetitur bejn l-2011 u l-2014 jew kinitx, fil-prattika, illimitat il-kapaċità tiegħu li juri tali reklamar matul l-istess perijodu. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li dan il-grupp kien ukoll xtaq jikkwalifika din ir-risposta, billi jżid il-frażi segwenti: "Madankollu, nirreferu għar-risposta preċedenti tagħna f'dak li jirrigwarda tali klawżoli inklużi fi ftehimiet konklużi ma' Google qabel dan il-perijodu." Madankollu, Google ma pproduċietx din ir-"risposta preċedenti" li għaliha l-imsemmi grupp kien irrefera.

823 Finalment, fir-rigward ta' Vinden, id-dikjarazzjoni invokata minn Google hija limitata sabiex tiddeskrivi, b'mod estremament konċiż, il-kontenut tal-klawżola ta' pożizzjonament, b'tali mod li ma kienx jidher possibbli li jiġu misluta konsegwenzi fuq l-eventwali effetti ta' esklużjoni tal-imsemmija klawżola.

824 Minkejja dan, Vinden tiddikjara, quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kellhiex effett fuq l-istrateġija ta' reklamar tagħha inkwantu l-AFS kien jiġġenera dħul ikbar minn dawk ta' servizzi oħra ta' kompetituri ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat li din id-dikjarazzjoni ma hijiex suffiċjenti, anki jekk jiġu kkunsidrati r-risposti ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*], ta' [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], sabiex jikkontestaw il-kontenut tar-risposti tal-grupp [*kunfidenzjali*] u ta' [*kunfidenzjali*], imsemmija fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata.

825 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif jirriżulta mill-punt 802 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet, korrettament, tieħu inkunsiderazzjoni l-eżempji ta' risposti ta' msieħba diretti li jinsabu fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, bħala elementi li jistgħu jikkorroboraw l-evalwazzjoni tagħha li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, anki meta msieħba diretti oħra kienu indikawlha li ma kinux affettwati mill-imsemmija klawżola.

2) Fuq il-kapaċità tal-klawżola ta' pożizzjonament li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jkunu jistgħu jadottaw ċerti konfigurazzjonijiet li jirrigwardaw il-paġni tar-riżultati tagħhom, meta l-utent kien iżur dawn il-paġni minn kompjuter

826 Google ssostni l-maġġoranza tal-imsieħba diretti kienu jitolbu li s-siti internet tagħhom juru iktar reklamar li ġej mingħandha minn dak li kienet tirrikjedi l-klawżola ta' pożizzjonament. B'mod iktar partikolari, hija tirrileva li l-imsieħba diretti li, bħala medja, kienu jitolbu inqas minn erba' reklami minn tagħha, kienu jiġġeneraw inqas minn [*kunfidenzjali*] % tad-dħul tal-AFS bejn l-2011 u l-2015. Barra minn hekk, mill-fajl tal-Kummissjoni kien jirriżulta li l-maġġoranza tal-imsieħba diretti kienu jitolbu, bħala medja, iktar minn seba' reklami ta' Google. B'hekk, Google ssostni li l-obbligu li turi tal-inqas tlieta mir-reklami tagħha ma kellu l-ebda effett fuq dawn l-imsieħba diretti.

827 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

828 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 781 u 782 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 500 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, minħabba li, b'mod partikolari, din il-klawżola kienet tipprekludi lil dawn l-imsieħba diretti milli jkunu jistgħu jadottaw konfigurazzjonijiet li jirrigwardaw il-paġni tar-riżultati tagħhom inkwantu kellhom neċessarjament juru tal-inqas tliet reklami ta' Google f'daqqa meta l-utent kien iżur dawn il-paġni minn kompjuter.

829 Skont il-Kummissjoni, il-klawżola ta' pożizzjonament kienet tiddiswadi, b'mod partikolari, lill-imsieħba diretti li xtaqu juru biss tliet reklami relatati mat-tiftix online, tal-inqas, milli jiksbu provvista mingħand intermedjarju kompetitur ta' Google, peress li, f'dan il-każ, l-imsieħba diretti setgħu juru biss reklamar li kien ġej minn din tal-aħħar.

830 Issa, f'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma identifikatx, fil-premessa 500 tad-deċiżjoni kkontestata, il-proporzjon ta' msieħba diretti li xtaqu juru biss tliet reklami, tal-inqas, relatati mat-tiftix online.

831 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi rrilevat li l-fatt, mhux ikkontestat mill-Kummissjoni, li l-imsieħba diretti li talbu li juru inqas minn erba' reklami relatati mat-tiftix online kienu jirrappreżentaw inqas minn [*kunfidenzjali*] % tad-dħul tal-AFS bejn l-2011 u l-2015 huwa rilevanti sabiex jiġi evalwat l-effett ta' esklużjoni li jirriżulta mir-rekwiżit li turi tal-inqas tliet reklami ta' Google. Dan huwa iktar u iktar peress li l-fatt, ukoll mhux ikkontestat mill-Kummissjoni, li l-maġġoranza tal-imsieħba diretti kienu juru, bħala medja, iktar minn seba' reklami ta' Google jissuġġerixxi li n-numru totali ta' msieħba diretti li xtaqu juru tliet reklami relatati mat-tiftix online, jew inqas, kien baxx.

832 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li din iċ-ċirkustanza tikkonċerna biss aspett wieħed tal-klawżola ta' pożizzjonament, jiġifieri r-rekwiżit għall-imsieħeb dirett li juri tal-inqas tliet reklami ta' Google. Hija għalhekk mingħajr effett fuq l-aspetti l-oħra ta' din il-klawżola, b'mod partikolari fuq ir-rekwiżit li jiġu rriżervati l-pożizzjonamenti l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti għar-reklamar ta' Google u li dawn jinwerew f'daqqa. Konsegwentament, iċ-ċirkustanza rrilevata fil-punt 831 iktar 'il fuq ma tippermettix, waħidha, li jiġi kkunsidrat li, fl-assenza ta' din il-klawżola, uħud mill-imsieħba diretti ma kinux juru reklamar kompetitur f'pożizzjonamenti li jiġġeneraw iktar dħul u ma kinux għalhekk jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal parti ikbar tal-bżonnijiet tagħhom.

3) Fuq l-interess kummerċjali tal-imsieħba diretti li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament

833 Google ssostni li l-maġġoranza tal-imsieħba diretti kienu jiksbu provvista mingħandha, inkluż fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament. F'dan ir-rigward, hija tikkritika, essenzjalment, lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-pubblikaturi għażlu l-AFS, għaliex dan kien servizz ta' kwalità ogħla, u li l-pubblikaturi ma kellhom, konsegwentament, l-ebda interess minn perspettiva kummerċjali, sabiex jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra.

834 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

835 Qabel xejn, kif ġie rrilevat fil-punt 108 iktar 'il fuq, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tistabbilixxi n-natura abbużiva tal-klawżola ta' pożizzjonament, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata turi li din kienet effettivament ipproduċiet effetti antikompetittivi, iżda biss li kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

836 Għandu jiġi rrilevat li, wara li ddikjarat, fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, il-Kummissjoni kkonstatat, fil-premessa 502 tal-imsemmija deċiżjoni, li tal-inqas ċerti msieħba diretti kien kellhom, fi kwalunkwe każ, interess kummerċjali li jiksbu provvista fl-istess ħin mingħand diversi intermedjarji fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament.

837 F'dan ir-rigward, mill-punt 825 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, korrettament, fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra kien jippermettilha tikkonkludi li din il-klawżola setgħet tiddiswadi lil dawn l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand dawn tal-aħħar.

838 Mill-punti 825 u 832 iktar 'il fuq jirriżulta li l-provi prodotti minn Google ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li, fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament, ċerti msieħba diretti ma kinux kisbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal parti ikbar tal-bżonnijiet tagħhom. Fil-fatt, il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, korrettament, fil-premessa 500 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-imsemmija klawżola kellha l-kapaċità li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jkunu jistgħu jadottaw ċerti konfigurazzjonijiet fir-rigward tal-paġni tar-riżultati tagħhom, meta l-utent kien iżur dawn il-paġni minn kompjuter.

839 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet turi biss li l-imsieħba diretti kienu xtaqu jevalwaw l-interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra mingħajr ma jkollha tistabbilixxi, barra minn hekk, li, kieku setgħu jwettqu din l-evalwazzjoni, huma kienu effettivament jagħżlu li jiksbu provvista mingħand tali intermedjarji fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament.

840 Fil-fatt, qabel ma jiddeċiedu jekk ridux jiksbu provvista mingħand tali intermedjarju, l-imsieħba diretti kellhom neċessarjament jevalwaw jekk kellhomx interess kummerċjali jagħmlu dan. Minn dan isegwi li, sa fejn il-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludithom milli jwettqu tali evalwazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tqis li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni billi tiddiswadihom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

841 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 504 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li Google kienet inkludiet il-klawżola ta' pożizzjonament fil-FSG tagħha kien jikkostitwixxi indikazzjoni li, minkejja l-allegata kwalità aħjar tal-AFS, din ikkunsidrat li, fl-assenza ta' din il-klawżola, l-imsieħba diretti kellhom interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra.

842 Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' [*kunfidenzjali*], li tinsab fil-premessa 505 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-imsieħba diretti, "jekk ikun possibbli, jixtiequ jevitaw jaħdmu ma' Google", għandha t-tendenza li tikkorrobora li tal-inqas uħud minnhom kellhom interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

4) Konklużjoni dwar in-natura dissważiva tal-klawżola ta' pożizzjonament fir-rigward tal-imsieħba diretti

843 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, bla preġudizzju għall-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti l-oħra kollha u b'mod partikolari tal-perijodu li matulu l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tapplika (ara l-punt 848 iktar 'il quddiem), il-Kummissjoni qieset, korrettament, li din il-klawżola, li kienet tipprekludi lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur fuq l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom, setgħet tiddiswadi lil uħud minn dawn l-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

844 Fil-fatt, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, kif issemma fil-punt 825 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet, korrettament, tikkunsidra l-eżempji ta' risposti ta' msieħba diretti li jinsabu fil-premessa 499 tad-deċiżjoni kkontestata, bħala elementi li jistgħu jikkorroboraw l-evalwazzjoni tagħha li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet tiddiswadihom milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

845 It-tieni nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, kif ġie rrilevat fil-punt 832 iktar 'il fuq, il-fatt biss li l-maġġoranza tal-imsieħba diretti, fosthom dawk li jiġġeneraw l-iktar dħul, kienu ddeċidew li juru iktar minn tliet reklami ta' Google ma jippermettix li, waħdu, jiġi kkunsidrat li, fl-assenza ta' din il-klawżola, l-imsieħba diretti ma setgħux juru reklamar li ġej minn intermedjarji kompetituri ta' Google f'pożizzjonamenti li jiġġeneraw iktar dħul.

846 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel ill-Kummissjoni fil-premessi 230 u 276 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ishma tas-suq ta' Google kienu żdiedu bejn l-2006 u l-2016 fil-maġġoranza tas-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online kif ukoll fis-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' tali tiftix. B'hekk, fl-2016, kważi ma kienx baqa' kompetituri ta' Google fuq dawn is-swieq. Barra minn hekk, l-imsemmija swieq kienu kkaratterizzati mill-eżistenza ta' barrieri għad-dħul u għat-tkabbir sinjifikattivi u minn nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja min-naħa tal-persuni li jirreklamaw u tal-pubblikaturi. B'mod partikolari, l-effetti ta' skala u ta' network għamlu diffiċli d-dħul ta' kompetituri ġodda.

847 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, kuntrarjament għal dak li ssostni Google, is-sempliċi fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kellhiex effett fuq l-imġiba ta' uħud mill-imsieħba diretti ma huwiex suffiċjenti sabiex juri li din il-klawżola ma kellhiex il-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

848 Konsegwentament, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-klawżola ta' pożizzjonament seta' jkollha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, kif tfakkar fil-punti 776 u 777 iktar 'il fuq, id-domanda dwar jekk din il-klawżola kellhiex tali kapaċità tiddependi wkoll mill-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti l-oħra kollha u, b'mod partikolari, mill-perijodu li matulu l-imsieħba diretti kienu obbligati, fid-dawl tal-imsemmija klawżola, jirriżervaw l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom għar-reklamar ta' Google, kif, barra minn hekk, irrilevat korrettament, mill-Kummissjoni fil-premessa 496 tad-deċiżjoni kkontestata.

b) Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

849 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, hija rrilevat li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva ta' dan is-suq. It-tieni nett, hija qieset li l-imsemmija klawżola kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. It-tielet nett, hija qieset li, billi tobbliga lill-imsieħba diretti juru tal-inqas tliet reklami f'"format kbir" ta' Google relatati mat-tiftix online fuq kompjuter u tal-inqas reklam wieħed ta' Google relatat mat-tiftix online fuq telefon mobbli, il-klawżola inkwistjoni kienet ipprekludiet lill-kompetituri ta' Google minn dħul sinjifikattiv li jirriżulta mill-wiri ta' tali reklami. Ir-raba' nett, hija nnutat li l-volum ta' tiftix magħmul fis-siti internet kollha tal-imsieħba diretti kien sinjifikattiv fid-dawl tat-tiftix online kollu magħmul fiż-ŻEE. Il-ħames nett, hija qieset li l-perijodu medju tal-FSG li kellhom il-klawżola ta' pożizzjonament

kien twil. Is-sitt nett, hija rrilevat li l-fatt li din l-istess klawżola kienet tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq kien konsistenti mal-iżvilupp tal-ishma tas-suq ta' Google.

1) Fuq l-applikazzjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online

850 Google ssostni li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx tapplika għal ċerti formati ta' reklamar relatati mat-tiftix online, bħall-PLA, u lanqas għar-reklamar mhux relatat ma' tali tiftix. Minn dan hija tiddeduċi li l-Kummissjoni qieset, b'mod żbaljat, li din il-klawżola kienet tirriżerva għar-reklamar tagħha stess relatat mat-tiftix online l-ispazju l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti.

851 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 568 sa 571 iktar 'il fuq, il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx tapplika la għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online, fosthom il-PLA, u lanqas għar-reklamar mhux relatat ma' tali tiftix ma jippermettix li jiġi kkontestat il-fatt li din il-klawżola kienet tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li Google ma stabbilixxietx, inkluż fil-qafas tal-ewwel motiv, li l-PLA, ir-reklamar tat-tiftix online u r-reklamar mhux relatat ma' dan it-tiftix kien jappartjeni għall-istess suq, b'tali mod li hija lanqas stabbilixxiet li s-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, dawk mhux relatati mat-tiftix online u dawk relatati mar-riżultati ta' tiftix speċjalizzat kienu jappartjenu wkoll għall-istess suq.

2) Fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' pożizzjonament

852 Fid-deċiżjoni kkontestata, l-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li, bejn l-2009 u l-2015, minn naħa, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, li dan id-dħul gross u dak iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' esklużività u konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kienu jirrappreżentaw, flimkien, bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq.

853 It-tieni nett, il-Kummissjoni rrilevat, filwaqt li rreferiet għall-istudju ta' Microsoft imsemmi fil-punt 576 iktar 'il fuq, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. Barra minn hekk, hija spjegat li l-volum ta' tiftix online magħmul fuq is-siti internet tal-imsieħba diretti kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tat-tiftix online kollu magħmul f'dan l-ispazju.

i) Fuq il-parti tas-suq koperta mill-klawżola ta' pożizzjonament

854 L-ewwel nett, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli ħadet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-klawżola ta' pożizzjonament, minn naħa, dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' esklużività konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha u, min-naħa l-oħra, dħul iġġenerat minn FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament li fihom l-imsieħba diretti ma kinux inkludew is-siti internet kollha tagħhom. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dħul iġġenerat mill-FSG konklużi ma' [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], filwaqt li dawn tal-aħħar qatt ma kienu suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament. It-tieni nett, hija ssostni li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li parti sinjifikattiva, tal-inqas

[*kunfidenzjali*] % tad-dħul fiż-ŻEE mis-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online baqgħet "disponibbli" għall-kompetituri tagħha. It-tielet nett, hija tirrileva li l-Kummissjoni ma evalwatx il-kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament għas-sena 2016.

855 Il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li Google kienet bdiet progressivament tissostitiwixxi, mill-2009, il-klawżola ta' esklużività permzz tal-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel, it-tieni nett, li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online u, it-tielet nett, li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Google informat, fis-6 ta' Settembru 2016, lill-aħħar imsieħeb diretti bid-deċiżjoni tagħha li tirrinunzja għall-applikazzjoni tal-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Hija żżid li uħud mill-imsieħba diretti, inkluż imsieħba diretti kbar, kienu parti minn FSG li fihom il-klawżola ta' pożizzjonament sat-3 ta' Ġunju 2016 (ara l-punt 634 iktar 'il fuq).

856 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar, kif ġie rrilevat fil-punt 599 iktar 'il fuq, li l-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, minn naħa, u l-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, setgħu jirrestrinġu l-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online li fih il-kompetituri ta' Google seta' jkollhom aċċess. Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 601 iktar 'il fuq, huwa stabbilit li dawn il-klawżoli kienu jkopru partijiet differenti tal-istess suq fl-istess ħin.

857 Konsegwentament, kif jirriżulta mill-punt 603 iktar 'il fuq, ma għandux jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kkommettiet żball ta' liġi, għar-raġuni biss li hija ħadet inkunsiderazzjoni l-kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, sabiex tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament kinitx suffiċjenti sabiex tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq inkwistjoni.

858 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma għandhiex tkun ikkritikata li ħadet inkunsiderazzjoni FSG konklużi milll-imsieħba diretti, fosthom [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li ma kinux suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament, u lanqas li ħadet inkunsiderazzjoni FSG li fihom din il-klawżola, iżda li fihom l-imsieħba diretti ma kinux ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom.

859 Barra minn hekk, fil-punt 650 iktar 'il fuq ġie rrilevat li, anki fix-xenarju l-iktar favorevoli għal Google, ir-rata ta' kopertura flimkien mal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, minn naħa, u mal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, setgħet tkun suffiċjenti sabiex ikollha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni bejn l-2006 u l-2015.

860 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt, invokat minn Google, li parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online ma kinitx koperta mill-klawżola ta' pożizzjonament ma jippermettix li jiġi eskluż li din tal-aħħar kellha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni.

861 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jitfakkar, kif issemma fil-punt 641 iktar 'il fuq, li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżoli ta' esklużività u ta' pożizzjonament setgħu jipprekludu lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE fl-2016.

ii) Fuq it-traffiku u l-volum ta' tiftix online tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' pożizzjonament

862 Google tqis, essenzjalment, li, għar-raġunijiet esposti fil-punt 642 iktar 'il fuq, l-istudju ta' Microsoft ma kienx jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta ta' kawżalità bejn, minn naħa, il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati taż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, il-fatt li din il-klawżola kienet ipprekludiet lill-kompetituri tagħha milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

863 Barra minn hekk, Google ssostni li, kuntrarjament għal dak indikat fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma urietx li l-volum ta' tiftix online magħmul fuq is-siti internet tal-imsieħba diretti kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tat-tiftix online kollu magħmul fiż-ŻEE. Fil-fatt, it-Tabella Nru 27 ta' din id-deċiżjoni setgħet esaġerat il-proporzjon ta' tiftix online magħmul fuq is-siti internet tal-ikbar 20 imsieħba diretti, billi ħadet inkunsiderazzjoni siti internet li ma kinux suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament u kienet tirrigwarda biss is-sena 2015 u ħames Stati Membri taż-ŻEE biss.

864 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

865 L-ewwel nett, fil-premessa 515 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat, filwaqt li rreferiet għall-istudju ta' Microsoft imsemmi fil-premessa 390 ta' din id-deċiżjoni, li "uħud" mis-siti l-iktar iffrekwentati taż-ŻEE kienu koperti mill-klawżola ta' pożizzjonament.

866 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 628 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni stabbilixxiet, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rata ta' kopertura eżatta tal-klawżola ta' pożizzjonament, abbażi tad-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola.

867 Kif ġie rrilevat fil-punt 646 iktar 'il fuq, l-istudju ta' Microsoft, imsemmi fil-premessa 390 tad-deċiżjoni kkontestata, stabbilixxa li Google kienet tipprovdi servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tad-dominji l-iktar iffrekwentati fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fir-Renju Unit fl-2010. Huwa veru, kif tirrileva Google, li l-imsemmi studju jirrigwarda biss sena tal-perijodu tal-ksur u ħames Stati Membri. Bl-istess mod, Google hija ġġustifikata li tirrileva li dan l-istudju ma jippermettix li jiġi identifikat it-traffiku ġġenerat speċifikatament mis-siti internet koperti mill-klawżola ta' pożizzjonament. Finalment, hija tosserva, korrettament, li n-numru ta' żjarat ta' sit internet mhux neċessarjament jikkostitwixxi indikazzjoni affidabbli tad-dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online.

868 Madankollu, minn naħa, xorta jibqa' l-fatt li l-istudju ta' Microsoft jikkostitwixxi indizju addizzjonali li jippermetti li tiġi evalwata l-iskala tas-servizzi ta' intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online pprovdut minn Google u tal-kopertura tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online mill-imsemmija klawżola, inkwantu, qabelxejn, kien jirrigwarda ħamsa mill-ikbar Stati Membri taż-ŻEE, fejn, sussegwentament, ma huwiex ikkontestat li, tal-inqas, uħud mis-siti internet koperti b'dan l-istudju kienu suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament u fejn, finalment, hemm ċertu korrispondenza bejn il-volum ta' żjarat ta' sit internet u dħul li ġej mir-reklamar tat-tiftix online.

869 Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma bbażatx ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament fuq l-istudju ta' Microsoft, b'tali mod li, anki jekk l-argumenti ta' Google f'dan ir-rigward kienu ġġustifikati, dan ma jkollux effett fuq il-kalkolu tal-imsemmija rata magħmul mill-Kummissjoni.

870 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li, fit-Tabella Nru 27 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eskludiet mill-volum totali ta' tiftix online fiż-ŻEE t-tiftix online magħmul fuq il-muturi ta' tfittxija ta' Google, ta' Microsoft, ta' Yahoo!, ta' Yandex u ta' Baidu kif ukoll it-tiftix online magħmul fis-siti internet ta' Microsoft u ta' Yahoo! B'hekk, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi Google, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi dan l-istess tiftix online mill-volum totali ta' tiftix online magħmul fis-siti internet tal-ikbar 20 imsieħba diretti, peress li ma huwiex ikkontestat li ebda FSG ma kien japplika għas-siti internet li fihom sar dan it-tiftix online.

871 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li Google ssostni, korrettament, li t-Tabella Nru 27 tad-deċiżjoni kkontestata kienet tirrigwarda biss sena mill-perijodu tal-ksur bejn il-31 ta' Marzu 2009 u s-6 ta' Settembru 2016 u kienet tirrigwarda biss ħamsa mill-31 Stati Membri taż-ŻEE matul dan il-perijodu. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li tlieta mill-20 imsieħba diretti, li hija identifikat, ma kinux suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament. Madankollu, minn naħa, hija ma spjegatx il-proporzjon ta' tiftix online iġġenerat mis-siti internet ta' dawn it-tliet imsieħba diretti. Min-naħa l-oħra, filwaqt li ssostni li tnejn minn dawn it-tliet imsieħba diretti kienu suġġetti għall-klawżola ta' esklużività, għandu jiġi rrilevat li din iċ-ċirkustanza ma hijiex inkluza mal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata u li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma tallegax li dawn iż-żewġ imsieħba diretti kienu fost l-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fil-premessa 348 ta' din id-deċiżjoni.

872 Konsegwentament, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-fatt, imsemmi fil-premessa 518 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-volum ta' tiftix online magħmul fuq is-siti internet tal-imsieħba diretti kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tat-tiftix online kollu magħmul fl-2015 fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fir-Renju Unit ma huwiex suffiċjenti sabiex juri li l-volum ta' tiftix online magħmul fis-siti internet suġġetti speċifikatament għall-klawżola ta' pożizzjonament kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva tat-tiftix online kollu magħmul bejn il-31 ta' Marzu 2009 u s-6 ta' Settembru 2016 fiż-ŻEE.

873 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-kwistjoni dwar jekk is-siti internet koperti speċifikatament mill-klawżola ta' pożizzjonament kinux iġġeneraw volum għoli ta' tiftix online hija biss indizju li tippermetti li jiġi evalwat id-daqs tal-kopertura tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kollu kemm hu mill-imsemmija klawżola.

874 Kif tfakkar fil-punt 866 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni, barra minn hekk, stabbilixxiet ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament abbażi tad-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola. Barra minn hekk, fil-punti 650 u 859 iktar 'il fuq ġie rrilevat li din ir-rata ta' kopertura, flimkien ma' dik tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, setgħet kienet suffiċjenti sabiex tippermetti lil dawn il-klawżoli li jkollhom, flimkien, il-kapaċita li jipproduċu effett ta' esklużjoni.

875 Konsegwentament, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-istudju ta' Microsoft u fuq l-informazzjoni riprodotta fit-Tabella Nru 27 tad-deċiżjoni kkontestata bħala indizji li jsostnu l-evalwazzjoni tar-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' pożizzjonament mingħajr bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissabbiltà tal-argument ta' Google, ikkontestat mill-Kummissjoni.

3) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv

876 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li teskludi eventwali intermedjarju kompetitur effettiv daqs Google. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-dħul iġġenerat bejn l-2009 u l-2015, mill-FSG li fihom din il-klawżola kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. It-tieni nett, id-dħul iġġenerat minn din il-klawżola u l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, bejn l-2009 u l-2015, kien jirrappreżenta [*kunfidenzjali*] sa [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq. It-tielet nett, Google żammet parti "kbira ħafna" tas-suq bejn l-2006 u l-2016. Ir-raba' nett, l-imsemmi suq kien suġġett għall-effetti ta' network.

877 Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li "kien improbabbli" li eventwali intermedjarju effettiv daqs Google seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih il-klawżola ta' pożizzjonament kienet applikabbli. Fl-aħħar nett, hija qieset li d-domanda dwar jekk Google kinitx segwiet strateġija intiża sabiex teskludi kompetituri effettivi daqsha ma kinitx rilevanti.

878 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online minħabba l-klawżola ta' pożizzjonament. Vinden tispjega, f'dan ir-rigward, li din il-klawżola ma pprekludithiex milli tikseb provvista mingħand Yahoo! Fl-aħħar nett, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli qieset li l-assenza ta' strateġija intiża sabiex teskludi l-kompetituri effettivi daqsha ma kinitx rilevanti f'dan il-każ.

879 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google u ta' Vinden.

880 F'dan ir-rigward, hemm lok jiġi rrilevat li, kif ġie msemmi fil-punti 656 u 657 iktar 'il fuq, il-fatt li l-Kummissjoni indikat li "kien improbabbli" li eventwali intermedjarju effettiv daqs Google seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih il-klawżola ta' pożizzjonament kienet applikabbli ma huwiex tali li jikkontesta l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

881 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 665 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet sempliċement turi l-kapaċità tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, li tipproduċi effett ta' esklużjoni billi tibbaża ruħha fuq diversi elementi rilevanti, mingħajr ma neċessarjament tibbaża ruħha, għal dan il-għan, fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv. Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 671 iktar 'il fuq, huwa stabbilit li Google ma pproduċiet, la matul il-proċedura amministrattiva u lanqas quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ebda analiżi bbażata fuq l-imsemmi test.

882 F'dan il-każ, il-kontenut stess tal-klawżola ta' pożizzjonament, li jipprekudi, bħala regola, lill-imsieħba diretti milli juru reklamar kompetitur fl-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom, u l-elementi msemmija fil-premessa 549 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li l-imsemmija klawżola, flimkien mal-klawżola ta' esklużività li tinsab f'FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, kienet tkopri parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, kif ġie rrilevat essenzjalment fil-punti 650 u 859 iktar 'il fuq, u, min-naħa l-oħra, il-portata tal-pożizzjoni dominanti ta' Google li tirriżulta b'mod partikolari mill-ishma tas-suq tagħha għolja ħafna u mill-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fil-forma b'mod partikolari ta' effetti ta' network, setgħu juru li l-klawżola ta' pożizzjonament seta' jkollha l-kapaċità li teskludi eventwali kompetitur

effettiv daqs Google. Minn dan isegwi li dawn l-elementi setgħu wkoll juru li "kien improbabbli" li tali kompetitur seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih l-imsemmija klawżola kienet applikabbli.

883 Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-punti 678 sa 681 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata li, minn naħa, ma stabbilixxietx li Google kienet adottat strateġija intiża sabiex teskludi kompetituri effettivi daqsha u, min-naħa l-oħra, li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li din tal-aħħar ma kellhiex l-intenzjoni li teskludi tali kompetituri.

4) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' ċerti msieħba diretti

884 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-perijodu medju tal-FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien twil. Hija spjegat, f'dan ir-rigward, li Google u l-imsieħba diretti kienu estendew uħud mill-FSG, xi drabi diversi drabi, mingħajr emendi sostanzjali. Barra minn hekk, hija rrilevat li kien ukoll daqstant twil il-perijodu li fih l-imsieħba diretti kellhom kemm jiksbu provvista għal numru minimu ta' reklamar ta' Google u jirriżervaw l-ispazji l-iktar viżibbli għal dawn tal-aħħar. Fl-aħħar nett, hija kkonstatat li msieħeb dirett wieħed biss kellu dritt ta' xoljiment unilaterali.

885 Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkonfondiet il-perijodu tar-relazzjoni kummerċjali mal-imsieħba diretti suġġetti għall-klawżola ta' pożizzjonament u l-perijodu tal-FSG li fihom din il-klawżola. Hija b'hekk tirrileva li l-FSG imsemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 707 u 713 tad-deċiżjoni kkontestata kellhom perijodu ta' sentejn jew inqas bejn kull tiġdid jew kull estensjoni. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li uħud mill-imsieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali.

886 Vinden issostni li l-FSG konklużi ma' Google kienu qosra inkwantu kienu, bħala medja, imġedda kull sentejn. Barra minn hekk, hija tirrileva li l-formola ta' ordni għas-sena 2011, li hija mliet, kienet tipprevedi dritt ta' xoljiment unilaterali suġġett għal avviż minn qabel ta' 60 jum qabel għeluq is-sena tal-kuntratt. B'hekk, hija ssostni li kellha regolarment il-possibbiltà li tikseb provvista mingħand intermedjarju kompetitur ta' Google.

887 L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssostni li l-FSG ta' ħdax mill-ħdax imsieħba diretti msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 707, 713, 766 u 767 tad-deċiżjoni kkontestata, fosthom dawk konklużi ma' Vinden, ġew imġedda b'mod sistematiku qabel ma waslu fl-"istadju ta' tiġdid". Konsegwentament, il-kompetituri ta' Google "ma kienu qatt f'pożizzjoni jikkompetu f'dan is-suq". Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrileva li l-maġġoranza tal-FSG konklużi minn wieħed mill-erba' imsieħba diretti li baqgħu ġew imġedda qabel dan l-istadju, b'tali mod li l-imsemmija kompetituri ta' Google "ġeneralment ma kellhomx il-possibbiltà li jikkompetu f'dan is-suq".

888 It-tieni nett, qabelxejn, il-Kummissjoni tqis li l-fatt li ċerti msieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali ma huwiex rilevanti inkwantu l-eżistenza ta' dan id-dritt ma pprekludietx l-applikazzjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament sakemm dawn l-imsieħba diretti jeżerċitaw, jekk ikun il-każ, dan id-dritt. Sussegwentament, hija kkonstatat li d-drittijiet ta' xoljiment unilaterali inkwistjoni ma setgħux jiġu eżerċitati f'kull ħin. Fl-aħħar nett, hija tirrileva li l-argument ibbażat fuq il-fatt li s-sitt imsieħba diretti, identifikati minn Google fir-replika, kienu jibbenefikaw minn tali dritt huwa tardiv u, konsegwentament, inammissibbli.

889 Qabelxejn, fir-rigward tal-inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li Google tikkritika, fil-punt 131 tar-rikors, li d-deċiżjoni kkontestata ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li ċerti msieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali. Hija tirreferi, f'dan ir-rigward,

għat-Tabelli Nri 1 u 2 tal-Anness A.55 tar-rikors, li jidentifikaw lill-imsieħba diretti li l-FSG tagħhom huma msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 707, 713, 766 u 767 tad-deċiżjoni kkontestata, li jibbenefikaw minn tali dritt. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 691 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li l-argument ta' Google, imqajjem fir-replika u bbażat fuq il-fatt li msieħba diretti oħra kienu wkoll jibbenefikaw minn dan id-dritt, jipprovdi rabta stretta biżżejjed mal-argument żviluppat fl-istadju tar-rikors sabiex jista' jitqies bħala li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża.

890 Fir-rigward tal-fondatezza tal-argumenti ta' Google, għandu jiġi rrilevat li, kif ġie indikat fil-punt 778 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, korrettament, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet simili għal klawżola ta' esklużività iktar flessibbli f'dak li jirrigwarda s-siti internet li kienu inklużi fil-FSG li kien fihom din il-klawżola peress li kienet tirriżerva l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tal-imsieħba diretti għar-reklamar ta' Google.

891 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 695 u 696 iktar 'il fuq, il-perijodu tal-obbligu li minħabba fih l-imsieħba diretti kellhom jirriżervaw l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom huwa wieħed miċ-ċirkustanzi rilevanti sabiex jiġi evalwat l-effett ta' esklużjoni ta' din il-klawżola.

892 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, sabiex jiġi kkunsidrat li l-perijodu medju tal-FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien twil, il-Kummissjoni bbażat ruħha biss, fil-premessa 519 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq il-fatt li diversi FSG kienu ġew estiżi, xi drabi diversi drabi, mingħajr emendi sostanzjali.

893 Minn naħa, mill-Anness A.55 tar-rikors, li l-kontenut tiegħu ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni, u mill-premessi 519 u 525 tad-deċiżjoni kkontestata,u b'mod iktar partikolari min-noti ta' qiegħ il-paġna 707 u 713 ta' din id-deċiżjoni, peress li l-kontenut ta' din l-aħħar nota ta' qiegħ il-paġna huwa riprodott fin-noti ta' qiegħ il-paġna 766 u 767 tal-imsemmija deċiżjoni msemmija fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, jirriżulta li din tal-aħħar ħadet inkunsiderazzjoni l-perijodu totali ta' dawn il-FSG, billi inkludiet l-eventwali estensjonijiet tagħhom kollha. Min-naħa l-oħra, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni la l-perijodu inizjali ta' kull wieħed mill-imsemmija FSG, meħuda individwalment, u lanqas it-tul ta' kull waħda mill-eventwali estensjonijiet tagħhom, li tikkonferma, essenzjalment, il-punt 241 tar-risposta.

894 Min-naħa l-oħra, min-nota ta' qiegħ il-paġna 707 tad-deċiżjoni kkontestata u mill-Anness A.55 tar-rikors jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-premessa 519 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx biss inkunsiderazzjoni l-perijodu totali ta' kull FSG, bl-estensjoni inkluża, iżda wkoll il-perijodu kumulat tal-FSG differenti konlużi mill-istess imsieħeb direttt.

895 B'hekk, mid-deċiżjoni kkontestata u mill-Anness A.55 tar-rikors jirriżulta li l-Kummissjoni ma ħaditx inkusiderazzjoni la l-perijodu ta' kull FSG, meħud individwalment, u lanqas il-perijodu ta' kull eventwali estensjoni ta' dawn il-FSG.

896 It-tieni nett, sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-drittijiet ta' xoljiment unilaterali għall-finijiet tal-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonstatat, fil-premessa 526 tad-deċiżjoni kkontestata, li Google kienet identifikat biss, matul il-proċedura amministrattiva, imsieħeb direttt wieħed li kien jibbenefika minn tali dritt. Hija għalhekk qieset li din kienet eċċezzjoni u ddikjarat li ebda msieħeb direttt ieħor ma kellu tali dritt.

897 Madankollu, mill-Annessi A.55 tar-rikors u C.8 tar-risposta jirriżulta li tal-inqas disa' imsieħba diretti oħra, jiġifieri Vinden, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali, li ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, min-noti ta' qiegħ il-paġna 707, 713, 766 u 767 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni kienet iġġustifikata fuq il-perijodu tal-FSG konklużi ma' mhux iktar minn ħmistax-il imsieħba diretti. Konsegwentament, il-fatt li tal-inqas għaxar imsieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali ma għandux jiġi kkunsidrat bħala eċċezzjoni sabiex jiġġustifika li ma ġiex ikkunsidrat għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament.

898 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma setgħetx, abbażi biss tal-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punti 892 u 896 iktar 'il fuq u mingħajr ma eżaminat il-kundizzjonijiet reali u l-modalitajiet li bihom l-estensjonijiet tal-FSG ġew maqbula, kif ukoll il-kontenut tal-klawżoli li kienu jipprevedu drittijiet ta' xoljiment unilaterali li kellhom ċerti msieħba diretti u ta' kundizzjonijiet li fihom dawn id-drittijiet setgħu jiġu eżerċitati, teskludi li dawn l-imsieħba diretti kellhom il-possibbiltà li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fir-rigward tal-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom, inkluż qabel l-eventwali estensjoni tal-FSG tagħhom jew qabel ma ġie eżerċitat dritt ta' xoljiment unilaterali. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni lanqas setgħet tikkonstata li dawn l-intermedjarji ma kellhomx il-possibbiltà li jikkontestaw il-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online koperta mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament matul il-perijodu totali ta' dawn il-FSG, u lanqas *a fortiori* matul il-perijodu kumulat ta' dawn tal-aħħar.

899 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tal-Kummissjoni.

900 Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li xi FSG kienu ġew estiżi qabel ma jkunu waslu fi tmiemhom. Madankollu, għandu jitfakkar li, kif issemma fil-punt 707 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-premessa mhux sostnuta li l-intermedjarji l-oħra ma setgħux jikkompetu ma' Google waqt l-estensjoni ta' dawn il-FSG. B'mod partikolari, hija ma tinvoka l-ebda prova li tippermetti li jiġi kkunsidrat li n-negozjati li jirrigwardaw l-estensjoni ta' FSG ma setgħux isiru fi tmiem proċess kompetittiv li permezz tiegħu l-imsieħeb dirett ikkonċernat kien jipparaguna s-servizzi pprovduti minn Google u mill-kompetituri ta' din tal-aħħar.

901 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata ssostni, fir-risposta, li kien irrilevanti l-fatt li l-imsieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali, minħabba li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tkompli tapplika sal-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 714 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kellha teżamina l-kontenut tal-klawżoli li jistipulaw dawn id-drittijiet, il-kundizzjonijiet li fihom setgħu jiġu eżerċitati u li l-imsieħba diretti li setgħu jibbenefikaw minnhom, sabiex tistabbilixxi jekk l-imsemmija drittijiet kinux ta' natura li jikkontestaw, almenu sa ċertu punt, il-fatt, ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet ipprekludiet lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online matul il-perijodu tal-FSG li fihom din il-klawżola.

5) Konklużjoni dwar l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

902 Kif ġie rrilevat fil-punt 859 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, korrettament, li, fid-dawl tal-kopertura tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha, fid-dawl taċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punt 602 iktar 'il fuq, il-kopertura tal-klawżola ta'

pożizzjonament setgħet kienet suffiċjenti sabiex tippermetti lil din il-klawżola jkollha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni bejn l-31 ta' Marzu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2015. Barra minn hekk, fil-punt 882 iktar 'il fuq ġie rrilevat li Google ma kinitx iġġustifikata li ssostni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online jew li tali kompetitur seta' jiġi eskluż minn dan is-suq.

903 Għal kuntrarju, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 861 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar u s-6 ta' Settembru 2016. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 898 iktar 'il fuq, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-perijodu li matulu l-imsieħba diretti kienu obbligati, bis-saħħa ta' din il-klawżola, jirriżervaw l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom għar-reklamar ta' Google.

904 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li tirrikjedi l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 107 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma urietx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tipprekludi lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, fil-perijodu li matulu kienet tapplika l-imsemmija klawżola.

c) Konklużjoni dwar it-tieni parti tat-tielet motiv

905 Kif tfakkar fil-punt 769 iktar 'il fuq, fil-premessa 494 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

906 Kif tfakkar fil-punti 770 u 771 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, filwaqt li kkonstatat li kienet, minn naħa, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Barra minn hekk, minn dan l-effett ta' esklużjoni hija ddeduċiet li l-imsemmija klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

907 Kif tfakkar fil-punt 776 iktar 'il fuq, fil-premessa 496 tad-deċiżjoni kkontestata, qabel ma jiġu eżaminati l-effetti ta' kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li hija identifikat (ara l-punt 905 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni spjegat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha sabiex tistabbilixxi li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni "it-tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola", biex enfasizzat għalhekk, essenzjalment, l-importanza tal-argumenti esposti fil-premessi 519, 525 u 526 li jinsabu fit-Taqsima 8.4.4.2 ta' din id-deċiżjoni, relatati mal-impossibbiltà, għall-intermedjarji

kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. Hija indikat ukoll li ħadet inkunsiderazzjoni r-rata ta' kopertura tal-imsemmija klawżola, li hija eżaminat f'din l-istess taqsima tal-imsemmija deċiżjoni. Mill-post sistematiku ta' din il-premessa 496 fl-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dan il-perijodu u din ir-rata ta' kopertura meta eżaminat l-effetti tal-klawżola ta' pożizzjonament fil-qafas ta' kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet identifikati fid-deċiżjoni kkontestata.

908 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 903 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma kkunsidratx iċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-perijodu li matulu l-imsieħba diretti kienu obbligati jirriżervaw l-ispazji l-iktar viżibbli tal-paġni tar-riżultati tagħhom għar-reklamar ta' Google skont il-klawżola ta' pożizzjonament.

909 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 903 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar u s-6 ta' Settembru 2016.

910 Minn dan isegwi li l-iżbalji kommessi mill-Kummissjoni, imfakkra fil-punti 908 u 909 iktar 'il fuq, jivvizzjaw ir-restrizzjonijiet kollha identifikati minnha fid-deċiżjoni kkontestata, b'tali mod li għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma urietx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google jew li kellha l-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE u, konsegwentament, li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fl-imsemmija deċiżjoni.

911 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni lanqas ma wriet, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

912 Fl-aħħar nett, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-premessi 541 u 542 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, essenzjalment, qieset li n-natura vinkolanti tal-mudelli kienet saħħet l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament, filwaqt li illimitat iktar il-possibbiltà, għall-imsieħba diretti, li jibdlu l-pożizzjonament kemm tar-reklamar ta' Google u tar-reklamar kompetitur. Madankollu, il-Kummissjoni la stabbilixxiet li l-klawżola ta' pożizzjonament setgħet tipproduċi tali effet u lanqas allegat li l-mudelli kienu, waħidhom, jistgħu jipproduċu dan l-effet. Konsegwentament, il-mudelli ma għandhomx ikunu suffiċjenti, waħidhom, sabiex juru li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

913 Minn dan isegwi li hemm lok li tintlaqa' t-tieni parti tat-tielet motiv, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra ta' Google fil-qafas ta' dan il-motiv, u li konsegwentament, tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata inkwantu kkonstatat li l-klawżola ta' pożizzjonament kienet tikser l-Artikolu 102 TFUE.

E. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti

914 Permezz tar-raba' motiv, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE. Dan il-motiv huwa magħmul minn żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq l-assenza ta' restrizzjoni ta' kompetizzjoni u, it-tieni waħda, fuq li l-imsemmija klawżola kienet oġġettivament iġġustifikata.

915 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar li, fil-mudell tal-FSG ta' Marzu 2009, il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet redatta b'dan il-mod:

"Jekk mhux approvat minn qabel bil-miktub minn Google, il-Kumpannija ma tista' tipproċedi bl-ebda bidliet li jirrigwardaw: […] il-wiri tar-Reklamar Ekwivalenti, tal-Logħob tar-Reklamar AFS jew ta' Reklamar AFS fuq Paġni tar-riżultati, inkluż il-bidliet relatati man-numru, kulur, font, daqs jew pożizzjonament jew kemm-il darba jista' jkun hemm klikks fuq dan ir-reklamar".

916 Il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet issupplimentata bil-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 li kienet redatta kif ġej:

"Meta l-Kumpannija titlob l-approvazzjoni skont il-klawżola [ta' awtorizzazzjoni minn qabel] iktar 'il fuq, Google tista' tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tagħha biss jekk il-bidla proposta tikser il-Ftehim applikabbli jew il-Linji Gwida ta' Google dwar it-Trade mark u Google ma tistax tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tagħha għal raġunijiet purament kummerċjali. Jekk Google ma tirrispondix għal tali talba għal approvazzjoni fil-15-il jum ta' xogħol [b'effett] minn meta tiġi riċevuta, jiġi preżunt li tali approvazzjoni tkun ingħatat minn Google."

917 Kif tfakkar fil-punt 730 iktar 'il fuq, il-klawżola 1.1 tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 kienet tispjega li "reklamar ekwivalenti" għandu jinftiehem bħala li jirreferi għal "kull reklamar li huwa identiku jew sostanzjalment identiku fin-natura tiegħu għar-reklamar AFS ipprovdut minn Google skont Ftehim".

918 Ir-redazzjoni tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel ġiet mibdula fil-mudell tal-FSG matul iż-żmien. Din il-klawżola ġie redatta mill-ġdid bil-mod segwenti:

"Jekk il-Kumpannija tixtieq twettaq bidliet dwar il-wiri ta': Reklamar Ekwivalenti fuq Paġna tar-riżultati, inkluż il-bidliet relatati man-numru, kulur, font, daqs jew pożizzjonament jew kemm-il darba jista' jkun hemm klikks fuq dan ir-reklamar, il-Kumpannija ma għandha twettaq ebda bidla sakemm Google ma tapprovahiex minn qabel bil-miktub. Google ma tistax tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tagħha sakemm il-bidliet proposti ma jiksrux il-Ftehim applikabbli. Jekk Google ma tirrispondix għal talba għal approvazzjoni prevista f'din il-klawżola […] fil-15-il jum ta' xogħol [b'effett] minn meta tiġi rċevuta, jiġi preżunt li tali approvazzjoni tkun ingħatat minn Google."

919 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 573, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet

l-innovazzjoni, ir-raba' nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

920 B'mod iktar partikolari, għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li kkonstatat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet, minn naħa, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, il-Kummissjoni effettivament qieset li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipproduċi effett ta' esklużjoni.

921 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni, minn dan l-effett ta' esklużjoni ddeduċiet li l-imsemmija klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

922 Fil-fatt, qabelxejn, mill-premessi 598 sa 600 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipprekludiet lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jipprovdu jew jiżviluppaw diversi reklami relatati mat-tiftix online, b'tali mod li din il-klawżola kienet iddiswadithom milli jinvestu fl-innovazzjoni. Sussegwentament, mill-premessa 602 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li dan l-effett kien ipprevjena lill-imsemmija intermedjarji minn dħul u minn data li setgħu jintużaw għall-finijiet tal-provvista ta' reklamar tat-tiftix online. Fl-aħħar nett, mill-premessa 605 ta' din l-istess deċiżjoni jirriżulta li l-imsemmi effett kien ippermetta lil Google jistabbilixxi l-prezzijiet imħallsa mill-persuni li jirreklamaw f'livell għoli, biex b'hekk żdiedu l-prezzijiet, imħallsa mill-konsumaturi, ta' prodotti li kienu s-suġġett tar-reklamar tat-tiftix online. Il-Kummissjoni żiedet, fil-premessa 606 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni kien ukoll ipprekluda lill-konsumaturi minn għażla ikbar ta' reklamar tat-tiftix online.

923 Fil-qafas tal-ewwel parti tar-raba' motiv, Google ssostni li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, l-ewwel nett, ma pproduċietx l-effetti ta' esklużjoni kkonstatati fid-deċiżjoni kkontestata, it-tieni nett, ma għenithiex iżżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online u, it-tielet nett, ma kkawżatx dannu la għall-innovazzjoni u lanqas għall-konsumaturi.

924 Surfboard u Vinden isostnu li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma kellhiex effett fuq l-imġiba tagħha u li kienet oġġettivament iġġustifikata.

925 Qabelxejn għandu jiġi eżaminat l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata li jirriżulta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Għalhekk hemm lok li jiġi vverifikat jekk din il-klawżola kellhiex il-kapaċità, minn naħa, li tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

926 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 574 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha li turi li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni

ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti fosthom, b'mod partikolari, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google kemm fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online kif ukoll fis-suq tal-intermedjazzjoni fir-rigward tar-reklamar relatat ma' dan it-tiftix u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tal-imsemmija klawżola fuq dan l-aħħar suq kif ukoll "it-tul ta' żmien ta' [din il-]klawżola". F'dan ir-rigward, hija rreferiet, rispettivament, għat-Taqsima 7 ta' din id-deċiżjoni, relatata mal-pożizzjoni dominanti ta' Google, li tinkludi l-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punti 401 sa 404 iktar 'il fuq, u l-integralità tat-Taqsima 8.5.4.2 tal-imsemmija deċiżjoni, relatata mal-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq.

927 Kif ġie rrilevat fil-punti 400 u 405 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-approċċ użat mill-Kummissjoni huwa konformi mal-ġurisprudenza u, min-naħa l-oħra, li Google ma tikkontestax il-kontenut tat-Taqsima 7 tad-deċiżjoni kkontestata ħlief billi targumenta, fil-qafas tal-ewwel motiv, li l-Kummissjoni ddefinixxiet b'mod żbaljat is-swieq rilevanti fit-Taqsima 6 ta' din id-deċiżjoni.

928 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandu jiġi eżaminat, qabelxejn, jekk il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhiex il-kapaċità li tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, sussegwentament, jekk l-imsemmija klawżola kellhiex il-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

1. Fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel fir-rigward tal-imsieħba diretti

929 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google.

930 B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni kkonstatat, l-ewwel nett, fil-premessa 577 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, billi imponiet negozjar "triangolari" sabiex jiġi emendat il-wiri tar-reklamar kompetitur, it-tieni nett, fil-premessa 578 ta' din id-deċiżjoni, li l-portata tal-imsemmija klawżola u r-rifjut ta' Google li tinnegozja jew li tikkjarifikaha kienu ddiswadew lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand dawn l-intermedjarji u, it-tielet nett, fil-premessa 579 tal-imsemmija deċiżjoni, li, fl-assenza ta' din l-istess klawżola, l-imsieħba diretti kienu jiksbu provvista mingħand l-imsemmija intermedjarji b'mod iktar liberu.

931 Google tikkontesta l-kontenut ta' kull waħda mill-premessi 577 sa 579 tad-deċiżjoni kkontestata.

932 Fl-ewwel lok, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli qieset, fil-premessa 577 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra.

933 B'mod iktar partikolari, l-ewwel nett, Google ssostni li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, minn naħa, kienet tapplika biss għas-siti internet li l-imsieħba diretti kienu għażlu li jinkludu fil-FSG tagħhom u, min-naħa l-oħra, kienet tawtorizza l-wiri ta' reklamar kompetitur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda każ li fih Google rrifjutat il-wiri ta' tali reklamar. It-tieni nett, hija tirrileva li l-imsemmija klawżola ma kienet tapplika la għall-wiri inizjali

tar-reklamar kompetitur u lanqas għall-konformità ta' dan il-wiri mal-Linji Gwida differenti tagħha dwar ir-reklamar (u intiżi sabiex jipprojbixxu l-wiri ta' reklamar offensiv, perikoluż, mhux mixtieq jew qarrieqi), b'tali mod li din l-istess kawża ma setgħetx iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli juru r-reklamar kompetitur. It-tielet nett, hija kkonstatat li, minkejja li l-klawżola inkwistjoni kellha bħala għan li jiġi evitat li l-bidliet proposti mill-imsieħba diretti milli jiksru l-imsemmija Linji Gwida, il-Kummissjoni ma kkunsidratx li dawn l-istess direttivi kellhom il-kapaċità li jirrestriġu l-kompetizzjoni. Ir-raba' nett, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni, minn naħa, tal-fatt li, skont il-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009, hija ma setgħetx tiċħad talba għal bdil relatat mal-wiri ta' reklamar għal raġunijiet kummerċjali biss u, min-naħa l-oħra, tal-provi li jistabbilixxu li hija kienet aċċettat talbiet ta' msieħba diretti biex jibdlu dan il-wiri. F'dan ir-rigward, hija tirrileva, barra minn hekk, li l-Kummissjoni ma identifikat l-ebda każ li fih hija rrifjutat tibdel il-wiri ta' reklamar kompetitur bis-saħħa ta' din il-klawżola. Il-ħames nett, hija tqis li l-Kummissjoni lanqas ħadet inkunsiderazzjoni provi li jistabbilixxu li l-imsieħba diretti setgħu jevalwaw ir-reklamar kompetitur muri fuq siti internet suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

934 Fit-tieni lok, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-premessa 578 tad-deċiżjoni kkontestata, provi li juru li l-imsieħba diretti setgħu jinnegozjaw l-irtirar tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-FSG tagħhom. Barra minn hekk, hija kkonstatat li ebda dikjarazzjoni ta' msieħba diretti, iċċitata mill-Kummissjoni f'din il-premessa, ma tippermetti li jiġi stabbilit li hija rrifjutat li tinnegozja jew tikkjarifika l-portata tal-imsemmija klawżola.

935 Fit-tielet lok, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli bbażat ruħha, fil-premessa 579 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq dikjarazzjonijiet ta' msieħba diretti li ma kinux jippermettu li jiġi kkonfermat li dawn tal-aħħar kienu jiksbu provvista b'mod iktar liberu mingħand intermedjarji oħra fl-assenza tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

936 Surfboard ssostni li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tippromwovi esperjenza pożittiva għall-utent, għall-persuna li tirreklama u l-imsieħeb dirett, billi tipprekludi l-wiri ta' reklamar offensiv jew frawdolenti. Barra minn hekk, hija tirrileva li Google ma setgħetx tirrifjuta talba għal bidla minħabba raġunijiet kummerċjali biss. Barra minn hekk, hija tqis li din il-klawżola ma pprekludithiex milli tipproċedi bil-bidliet li hija xtaqet fuq is-siti internet tagħha, kif spjegat lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva. Vinden iżżid li l-imsemmija klawżola ma kinitx obbligata titlob il-permess ta' Google sabiex tibdel il-wiri ta' reklamar kompetitur.

937 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google, ta' Surfboard u ta' Vinden.

938 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, meħuda flimkien mal-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009, kienet tipprevedi li l-imsieħba diretti kellhom jiksbu, minn qabel, il-kunsens bil-miktub ta' Google jew, jekk din tal-aħħar ma tirrispondix it-talba tagħhom għal awtorizzazzjoni, jistennew l-iskadenza ta' ħmistax-il jum tax-xogħol, qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur, inkluż il-bidliet relatati man-numru, mal-kulur tagħhom, mal-font tagħhom, mad-daqs tagħhom u mal-pożizzjonament tagħhom u kemm-il darba jista' jkun hemm klikks fuq dan ir-reklamar.

939 B'hekk, il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tippermetti lil Google, minn naħa, li tkun informata b'kull intenzjoni ta' bidla ta' wiri tar-reklamar kompetitur u, min-naħa l-oħra, li tissorvelja b'mod kostanti r-relazzjonijiet kummerċjali tal-imsieħba diretti ma' intermedjarji

kompetituri u tinterferi fihom, peress li għandha l-possibbiltà, jekk ikun il-każ, li ma tawtorizzax, fil-kundizzjonijiet previsti mill-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009, il-bidliet tal-wiri tal-imsemmi reklamar li ma taqbilx magħhom.

940 Għalhekk, il-Kummissjoni rrilevat, korrettament, fil-premessa 577 tad-deċiżjoni kkontestata, li, meta poġġiet fuq l-imsieħba diretti l-obbligu li jiksbu minn qabel il-kunsens ta' Google qabel ma jwettqu kwalunkwe bidla tal-wiri tar-reklamar kompetitur, il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel imponiet negozjar triangolari itqal bejn dawn l-imsieħba diretti, Google u l-intermedjarji kompetituri ta' din tal-aħħar.

941 Bl-istess mod, għandu jiġi nnotat li l-Kummissjoni qieset, korrettament, fil-premessa 579 tad-deċiżjoni kkontestata, li, fl-assenza tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, l-imsieħba diretti setgħu jiksbu provvista mingħand intermedjarji oħra b'mod iktar liberu, u dan irrispettivament mill-argument ta' Google intiż sabiex jikkontesta r-rilevanza tad-dikjarazzjonijiet tal-imsieħba diretti ċċitati, bħala eżempji, f'din il-premessa.

942 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-risposta ta' [*kunfidenzjali*], iċċitata fil-premessa 578 tad-deċiżjoni kkontestata, hija tali li tikkonferma l-fatt li Google kienet irrifjutat tinnegozja l-portata tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Fil-fatt, minn din il-premessa jirriżulta, u dan mhux ikkontestat minn Google, li [*kunfidenzjali*] kien ippropona jibdel l-FSG tiegħu sabiex jispeċifika, minn naħa, li Google kellha taġixxi "raġonevolment" u, min-naħa l-oħra, li hija setgħet tirrifjuta biss talba mressqa bis-saħħa ta' din il-klawżola abbażi tal-"Linji Gwida ta' Google dwar it-Trade mark" u ta' "Linji Gwida oħra ta' Google". Jirriżulta li [*kunfidenzjali*] pprova jemenda l-klawżola inkwistjoni sabiex jillimita ċ-ċirkustanzi li fihom Google setgħet tirrifjuta l-bidla tal-wiri tar-reklamar kompetitur. Google ma aċċettatx din it-talba.

943 Barra minn hekk, kif jirriżulta min-nota ta' qiegħ il-paġna 422 u mill-premessa 630 tad-deċiżjoni kkontestata u kif tikkonferma Google fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-FSG kollha li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellhom ukoll il-klawżola ta' pożizzjonament. Madankollu, fil-punt 843 iktar 'il fuq ġie rrilevat li l-klawżola ta' pożizzjonament kellha l-kapaċità li tiddiswadi ċerti msieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħet issaħħaħ in-natura disswaživa tal-klawżola ta' pożizzjonament billi tagħmel iktar diffiċli l-bidla tal-wiri ta' reklamar kompetitur diġà ristrett bl-imsemmija klawżola.

944 Konsegwentament, għandu jitqies li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u tal-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, u b'mod partikolari l-eżistenza ta' barrieri għad-dħul u għat-tkabbir sinjifikattiv f'dan is-suq, il-Kummissjoni uriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inkwantu kienet tobbliga lill-imsieħba diretti jiksbu minn qabel il-kunsens bil-miktub ta' Google qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur, li kien jirrestringihom milli jipproċedu għal negozjar triangolari bl-interferenza ta' Google u li kienet tipprekludihom milli jiksbu provvista b'mod iktar liberu mingħand kompetituri ta' din tal-aħħar, setgħet tiddiswadi lil ċerti msieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal tal-inqas parti mill-bżonnijiet tagħhom.

945 L-argumenti l-oħra ta' Google ma jistgħux jqiegħdu f'dubju din l-evalwazzjoni.

946 L-ewwel nett, hemm lok li jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 787 iktar 'il fuq, il-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tapplika biss għas-siti internet inklużi fil-FSG li fihom din il-klawżola u mhux għas-siti internet kollha tal-imsieħba diretti ma huwiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-imsemmija klawżola kinitx ipprekludiet lil dawn tal-aħħar milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google, tal-inqas, fir-rigward tas-siti internet inklużi fl-imsemmija FSG.

947 It-tieni nett, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanza, invokata minn Google, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet, essenzjalment, oġġettivament iġġustifikata, minħabba li kienet intiża sabiex tipprojbixxi l-wiri ta' reklamar offensiv, perikoluż, mhux mixtieq jew qarrieqi, ma hijiex relatata mal-eżistenza ta' effetti antikompetittivi bħala tali. Fil-fatt, huwa biss fil-każ fejn jiġi kkonstatat, wara li jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, li din il-klawżola kienet tipproduċi tali effetti, li għandu jiġi vverifikat jekk Google ġġustifikatx l-użu tal-imsemmija klawżola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2012, Post Danmark, C-209/10, EU:C:2012:172, punt 40).

948 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li Google ma hijiex iġġustifikata li ssostni li l-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 setgħet tikkontesta n-natura dissważiva tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

949 Fil-fatt, il-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 fil-verità kienet tinkludi l-possibbiltà, għal Google, li tiċħad talba għal bidla relatata mal-wiri tar-reklamar kompetitur imressqa minn imsieħeb dirett. Barra minn hekk, hija kienet tistipula li tali talba kienet titqies bħala approvata jekk Google ma tirrispondhiex f'terminu ta' ħmistax-il jum ta' xogħol. Madankollu, is-sempliċi preżenza tagħha fil-FSG ma tikkontestax il-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tobbliga, lill-imsieħba diretti, jitolbu minn qabel l-awtorizzazzjoni ta' Google sabiex jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur u li kienet tagħmel għalhekk, fil-prattika, iktar diffiċli l-kisba ta' provvista mill-imsemmija imsieħba diretti mingħand intermedjarji oħra. Dan kien il-każ, irrispettivament mill-kwistjoni dwar f'liema ċirkustanzi Google setgħet tiċħad it-talbiet għal bidla tal-wiri tar-reklamar kompetitur u tal-possibbiltà għaliha li tittardja l-implimentazzjoni ta' tali bidliet fid-dawl tat-terminu ta' ħmistax-il jum tax-xogħol sabiex tirrispondi għal tali talbiet. Barra minn hekk, huwa veru, kif issostni Google, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel u l-klawżola 6.2(b) tal-mudell ta' FSG ta' Marzu 2009 ma kinitx tirrigwarda l-wiri inizjali tar-reklamar kompetitur. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija klawżola kienet tagħmel iktar diffiċli l-bidliet tal-wiri tar-reklamar kompetitur, ladarba dawn ikunu ġew murija f'paġna tar-riżultati ta' sit internet ta' msieħeb dirett.

950 Ir-raba' nett, ċertament hemm lok li jiġi kkonstatat, kif tagħmel Google, li l-Kummissjoni ma identifikatx każijiet li fihom Google rrifjutat, abbażi tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, talba għal bidla mressqa minn imsieħeb dirett. Bl-istess mod, Google ssostni, korrettament, li l-fajl tal-Kummissjoni kien fih provi li hija kienet, effettivament, aċċettat tali talbiet. Madankollu, il-Kummissjoni ma argumentatx, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li hija kienet ikkonstatat kienet tirriżulta mir-rifjut ta' Google li tawtorizza tali talbiet. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni qieset, korrettament, li s-sempliċi fatt li timponi fuq l-imsieħba diretti l-obbligu li tikseb minn qabel il-kunsens bil-miktub ta' Google jew, fin-nuqqas, li tistenna ħmistax-il jum ta' xogħol qabel ma tibdel l-imsemmi wiri kellu l-konsegwenza li jirrestringġihom milli jipparteċipaw f'negozjar triangolari iktar oneruż għal dan il-għan u li jipprekludihom milli jiksbu provvista b'mod iktar liberu mingħand kompetituri ta' Google.

951 Il-ħames nett, Google tinvoka b'mod partikolari r-risposti għal talba għal informazzjoni tat-30 ta' Ottubru 2015 ta' tliet imsieħba diretti, jiġifieri [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], li indikaw lill-Kummissjoni li huma setgħu jevalwaw il-prestazzjonijiet tar-reklamar kompetitur muri fis-siti internet tagħhom suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Madankollu, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Google ma spjegatx jekk [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] kellhomx jiksbu l-kunsens tagħha qabel ma jagħmlu tali evalwazzjonijiet. Barra minn hekk, mill-imsemmija osservazzjonijiet bil-miktub jirriżulta li l-portata ta' dawn l-evalwazzjonijiet kienet limitata, peress li [kunfidenzjali] iddikjarat li għamlet "biss test żgħir" ma' fornitur u [kunfidenzjali] spjegat li, wara "negozjar progressiv matul is-snin", hija setgħet "tuża perċentwali mill-utenti [tagħha] f'dak li jissejħu "test buckets" sabiex ikollha ċertu kwantità ta' traffiku fuq l-alternattiva li tiġi ttestjata.

952 Min-naħa l-oħra, ma huwiex ikkontestat li, skont din il-klawżola, l-imsieħba diretti kellhom jiksbu l-kunsens ta' Google qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur. Minn dan isegwi li, anki jekk dawn it-tliet imsieħba diretti setgħu jevalwaw il-prestazzjonijiet tar-reklamar kompetitur, dan ma jippermettix li jiġi konkluż li l-imsemmija klawżola ma kellhiex effett dissważiv fuq l-imsieħba diretti.

953 Is-sitt nett, filwaqt li Google tirrileva, korrettament, li ċerti msieħba diretti setgħu jinnegozjaw il-portata, saħansitra t-tneħħija, tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, mill-punt 942 iktar 'il fuq jirriżulta li l-imsieħba diretti l-oħra ma kellhomx din il-possibbiltà. Barra minn hekk, il-fatt li ċerti msieħba diretti ma kinux suġġetti għal din il-klawżola ma jippermettix, fi kwalunkwe każ, li jiġi eskluż li din l-istess klawżola setgħet tiddiswadi lill-imsieħba diretti li kienu suġġetti għaliha milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google għal parti ikbar mill-bżonnijiet tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-imsemmija klawżola seta' jkollha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta' esklużjoni kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, kif tfakkar fil-punti 926 u 927 iktar 'il fuq, il-kwistjoni dwar jekk din il-klawżola kellhiex tali kapaċità tiddependi wkoll mill-eżami taċ-ċirkustanzi l-oħra kollha rilevanti u, b'mod partikolari mill-perijodu li matulu l-imsieħba diretti kienu obbligati, fid-dawl tal-imsemmija klawżola, jitolbu l-awtorizzazzjoni ta' Google sabiex jibdlu l-wiri ta' reklamar kompetitur, kif barra minn hekk irrilevat, korrettament, il-Kummissjoni fil-premessa 574 tad-deċiżjoni kkontestata.

2. Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

954 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipprekludiet lill-imsieħba diretti milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, hija rrilevat li din il-klawżola kienet tagħti lil Google d-dritt li tikkontrolla l-bdil relatat mal-wiri tar-reklamar tat-tiftix online li għandu effett fuq ir-rata ta' klikks, jiġifieri l-bidliet relatati man-numru ta' dan ir-reklamar, il-kulur tagħhom, il-font tagħhom, id-daqs tagħhom jew il-pożizzjonament tagħhom, kif ukoll il-bidliet relatati ma' "kemm-il darba [seta' kien] hemm klikks fuq dan ir-reklamar". It-tieni nett, hija kkonstatat li Google kienet progressivament inkludiet l-imsemmija klawżola fil-maġġoranza kbira tal-FSG. It-tielet nett, hija qieset li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola kien jirrappreżenta parti sinjifikattiva ta' dan is-suq. Ir-raba' nett, hija rrilevat li l-imsemmija klawżola kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. Il-ħames nett, hija osservat li n-numru ta' tiftix magħmul fuq is-siti internet tal-imsieħba diretti kien sinjifikattiv fid-dawl tal-tiftix online kollu magħmul fiż-ŻEE. Is-sitt nett, hija qieset li

l-perijodu medju tal-FSG li kien fihom il-klawżola inkwistjoni kien twil. Is-sitt nett, hija indikat li l-fatt li din l-istess klawżola kienet tipprekludi l-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tal-imsemmi suq kien konsistenti mal-iżvilupp tal-ishma tas-suq ta' Google.

a) Fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel

955 Fid-deċiżjoni kkontestata, l-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset li, bejn l-2011 u l-2015, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien jirrappreżenta, minn naħa, bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tad-dħul gross iġġenerat mill-FSG kollha fiż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE.

956 It-tieni nett, il-Kummissjoni rrilevat, filwaqt li rreferiet għall-istudju ta' Microsoft imsemmi fil-punt 576 iktar 'il fuq, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tapplika għal uħud mis-siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. Barra minn hekk, hija qieset, abbażi tat-Tabella Nru 27 tad-deċiżjoni kkontestata, imsemmija fil-punti 870 u 871 iktar 'il fuq, li l-volum ta' tiftix magħmul fis-siti internet tal-imsieħba diretti kien sinjifikattiv fid-dawl tat-tiftix online kollu magħmul fiż-ŻEE.

1) Fuq il-parti tas-suq koperta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel

957 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tkopri parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE.

958 L-ewwel nett, mill-kalkolu tal-Kummissjoni stess jirriżulta li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tapplika biss rispettivament għal [*kunfidenzjali*] % u għal [*kunfidenzjali*] % ta' dan is-suq bejn l-2009 u l-2010. Barra minn hekk, id-dħul gross iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola kien jirrappreżenta biss, bħala medja, bejn l-2009 u l-2015, [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq u, bħala massimu, inqas minn [*kunfidenzjali*] % tiegħu. Fl-aħħar nett, Google tirrileva li l-Kummissjoni ma evalwatx il-kopertura tal-imsemmija klawżola għas-sena 2016.

959 It-tieni nett, Google tikkritika lill-Kummissjoni talli, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ġabret flimkien ir-rata ta' kopertura ta' din il-klawżola ma' dik tal-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dħul li ġej mill-imsieħba diretti li qatt ma kienu suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel u li ġeneralment ma kinux inkludew is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom.

960 Minn naħa, il-Kummissjoni ssostni li Google kienet progressivament bdiet tissostitwixxi, b'effett mill-2009, il-klawżola ta' esklużività bil-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel u li, konsegwentament, il-fatt, invokat minn Google, li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien jirrappreżenta, bħala medja, matul il-perijodu ta' ksur, [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online kien "qarrieqi". Hija tfakkar, f'dan ir-rigward, li d-dħul gross iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' pożizzjonament kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % ta' dan is-suq u li din il-klawżola kienet tapplika għal xi siti internet l-iktar iffrekwentati fiż-ŻEE. Min-naħa l-oħra, hija tirrileva li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Google kienet informat, fis-6 ta' Settembru 2016, lill-aħħar imsieħeb dirett, bid-deċiżjoni tagħha li tirrinunzja

għall-applikazzjoni tal-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Hija żżid li ċertu numru ta' msieħba diretti, inkluż imsieħba diretti kbar, kienu parti f'FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel sat-3 ta' Ġunju 2016.

961 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti mill-31 ta' Marzu 2009 sas-6 ta' Settembru 2016.

962 It-tieni nett, hemm lok li jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni pparagunat, fil-premessi 586 u 587 ta' din id-deċiżjoni, il-parti tad-dħul iġġenerat mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel bejn l-2009 u l-2015, minn naħa, meta mqabbla mad-dħul iġġenerat mill-FSG kollha u, min-naħa l-oħra, meta mqabbla mad-dħul iġġenerat fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. Minn dan hija ddeduċiet li r-rata ta' kopertura ta' dan is-suq mill-imsemmija klawżola kienet "sinjifikattiva" bejn l-2011 u l-2015.

963 Barra minn hekk, mill-premessa 611 tad-deċiżjoni kkontestata, relatata mat-test tal-kompetitur daqstant effettiv, jirriżulta li l-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni fir-rigward ta' tali kompetitur bejn l-2009 u l-2015, fid-dawl tar-rata ta' kopertura ta' din il-klawżola, tal-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, u tal-klawżola ta' pożizzjonament meħuda flimkien.

964 Barra minn hekk, huwa stabbilit li l-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħu jkopru fl-istess ħin partijiet differenti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, peress li l-FSG kollha li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienu jinkludu wkoll il-klawżola ta' pożizzjonament (ara l-punti 594 u 943 iktar 'il fuq).

965 Konsegwentament, kif jirriżulta mill-punti 603 u 857 iktar 'il fuq, ma għandux jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kkommettiet żball ta' liġi għas-sempliċi raġuni li ħadet inkunsiderazzjoni l-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha kif ukoll dik tal-klawżola ta' pożizzjonament sabiex tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kinitx suffiċjenti sabiex tipprekludi lill-kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq inkwistjoni.

966 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ħadet inkunsiderazzjoni FSG konklużi mill-imsieħba diretti li qatt ma kienu suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel u lanqas li ħadet inkunsiderazzjoni FSG li fihom din il-klawżola, iżda li fihom l-imsieħba diretti ma kinux ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom.

967 Barra minn hekk, fil-punti 631 u 859 iktar 'il fuq ġie rrilevat li r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom, minn naħa, u tal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra, meħuda flimkien, setgħu jkunu suffiċjenti sabiex ikollhom il-kapaċità li jipproduċu effett ta' esklużjoni bejn l-2006 u l-2015. Minn dan isegwi li r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħet, fiha nnifisha, tkun suffiċjenti sabiex ikollha l-kapaċità li tipproduċi tali effett.

968 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt, invokat minn Google, li parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online ma kinitx koperta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma tippermettix li jiġi eskluż li din tal-aħħar setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni.

969 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx ir-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel għas-sena 2016. Fil-fatt, hija llimitat ruħha sabiex tikkonstata, fid-deċiżjoni kkontestata, li Google kienet informatha, fit-28 ta' Mejju 2016, li hija riedet tneħħi din il-klawżola mill-FSG kollha bbażati fuq il-mudell tal-FSG ta' Marzu 2009 u li hija kienet informat, fis-6 ta' Settembru 2016, lill-aħħar imsieħeb dirett, bid-deċiżjoni tagħha li tirrinunzja għall-applikazzjoni tal-imsemmija klawżola. Madankollu, f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma pproduċietx provi li jippermettu li tiġi evalwata l-portata tal-kopertura tal-FSG li kien fihom il-klawżola inkwistjoni għas-sena 2016. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, magħmula fir-risposta, li erba' msieħba diretti kienu għadhom suġġetti għal tali FSG sat-3 ta' Ġunju 2016, ma hijiex tali li tikkontesta din il-konstatazzjoni.

970 Konsegwentament, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħet tipprekludi lill-intermedjarji kompetituri ta' Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE fl-2016.

2) Fuq it-traffiku tas-siti internet u l-volum ta' tiftix online tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel

971 Google tqis, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipprekludiet lill-kompetituri tagħha milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online billi tibbaża ruħha fuq l-istudju ta' Microsoft u fuq il-fatt, allegat fil-premessa 589 tad-deċiżjoni kkontestata li tirreferi għat-Tabella Nru 27 tagħha, li s-siti internet tal-imsieħba diretti kienu jirrappreżentaw parti sinjifikatttiva tat-tiftix online kollu magħmul fiż-ŻEE.

972 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

973 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punti 872 u 875 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet sempliċement tistabbilixxi r-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tevalwa l-portata ta' din il-kopertura. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-istudju ta' Microsoft u fuq id-data riprodotta fit-Tabella Nru 27 tad-deċiżjoni kkontestata bħala indizji li jikkorroboraw l-evalwazzjoni tal-imsemmija rata.

b) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv

974 Fil-premessa 611 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li teskludi eventwali intermedjarju effettiv daqs Google. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-dħul iġġenerat mill-FSG li fihom din il-klawżola, bejn l-2011 u l-2015, kien jirrappreżenta bejn [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*] % tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE. It-tieni nett, id-dħul iġġenerat mill-klawżola ta' pożizzjonament u l-klawżola ta' esklużività, li jinsabu fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti

tas-siti kollha, bejn l-2009 u l-2015, kienu jirrappreżentaw [*kunfidenzjali*] sa [*kunfidenzjali*] % tal-imsemmi suq. It-tielet nett, Google kellha parti "kbira ħafna" tas-suq bejn l-2006 u l-2016. Ir-raba' nett, l-imsemmi suq kien suġġett għall-effetti ta' network.

975 Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 612 tad-deċiżjoni kkontestata, li "kien improbabbli" li eventwali intermedjarju effettiv daqs Google seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet applikabbli. Fl-aħħar nett, hija qieset li d-domanda dwar jekk Google kinitx segwiet strateġija intiża sabiex teskludi kompetituri effettivi daqsha ma kinitx rilevanti.

976 Google ssostni li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online minħabba l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Barra minn hekk, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli qieset li l-assenza ta' strateġija intiża sabiex teskludi l-kompetituri effettivi daqsha ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.

977 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti ta' Google.

978 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, kif issemma fil-punti 656, 657 u 880 iktar 'il fuq, il-fatt li l-Kummissjoni indikat li "kien improbabbli" li eventwali intermedjarju effettiv daqs Google seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet applikabbli ma huwiex tali li jikkontesta l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

979 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punti 665 u 881 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet tillimita ruħha sabiex turi l-kapaċità tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tipproduċi effett ta' esklużjoni billi tibbaża ruħha fuq diversi elementi rilevanti, mingħajr neċessarjament ma tibbaża ruħha, għal dan il-għan, fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv. Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 671 iktar 'il fuq, huwa stabbilit li Google ma ressqet l-ebda analiżi bbażata fuq dan it-test, la matul il-proċedura amministrattiva u lanqas quddiem il-Qorti Ġenerali.

980 F'dan il-każ, il-kontenut stess tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, li kienet essenzjalment tipprevedi li l-imsieħba diretti kellhom jiksbu l-ftehim bil-miktub ta' Google qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur, u l-elementi msemmija fil-premessa 611 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, flimkien mal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu ġeneralment inkludew is-siti internet kollha tagħhom u l-klawżola ta' pożizzjonament, kienet tkopri parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online, kif ġie rrilevat fil-punti 650 u 859 iktar 'il fuq, u, min-naħa l-oħra, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti ta' Google li tirriżulta b'mod partikolari mill-ishma tas-suq tagħha għoljin ferm u mill-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir fil-forma b'mod partikolari ta' effetti ta' network, setgħu juru li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel seta' jkollha l-kapaċità li teskludi eventwali kompetitur effettiv daqs Google. Minn dan isegwi li dawn l-elementi setgħu wkoll juru li "kien improbabbli" li tali kompetitur seta' jidħol fis-suq matul il-perijodu li fih l-imsemmija klawżola kienet applikabbli.

981 Finalment, kif jirriżulta mill-punti 678 sa 681 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata, minn naħa, li ma stabbilixxietx li Google kienet adottat strateġija intiża sabiex teskludi lil kompetituri tal-inqas effettivi daqsha u, min-naħa l-oħra, li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li din tal-aħħar ma kellhiex l-intenzjoni li teskludi tali kompetituri.

c) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali tal-imsieħba diretti

982 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-perijodu medju tal-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien twil. Hija spjegat f'dan ir-rigward, li Google u l-imsieħba diretti kienu estendew xi FSG, xi drabi ripetutament, mingħajr emendi sostanzjali.

983 Google tikkritika lill-Kummissjoni talli kkonfondiet il-perijodu tar-relazzjoni kummerċjali mal-imsieħba diretti suġġetti għall-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel u l-perijodu tal-FSG li fihom din il-klawżola. Hija tirrileva għalhekk li l-FSG imsemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 766 u 767 tad-deċiżjoni kkontestata kellhom perijodu ta' sentejn jew inqas bejn kull tiġdid jew kull estensjoni. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li ċerti msieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali.

984 Vinden issostni li l-perijodu tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kien qasir u li hija kellha dritt ta' xoljiment unilaterali bis-saħħa tal-FSG tagħha tal-2011.

985 Il-Kummissjoni tirreferi għall-argument tagħha relatat mal-fondatezza tal-argument ta' Google li jikkonċerna l-klawżoli ta' esklużività u ta' pożizzjonament. Hija tikkontesta l-allegazzjonijiet ta' Google li, minn naħa, it-tul ta' kull FSG bejn żewġ perijodi ta' tiġdid kien ta' sentejn jew inqas u, min-naħa l-oħra, ċerti msieħba diretti kellhom drittijiet ta' xoljiment unilaterali.

986 F'dan ir-rigward, kif ġie indikat fil-punt 919 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet, minn naħa, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online.

987 Konsegwentament, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, kif barra minn hekk, essenzjalment indikat fil-premessi 629 u 630 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet ipproduċiet effett ta' esklużjoni simili għal dak tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, minn naħa, u dak tal-klawżola ta' pożizzjonament, min-naħa l-oħra.

988 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 695, 696 u 891 iktar 'il fuq, il-perijodu tal-obbligu li permezz tiegħu l-imsieħba diretti kellhom jitolbu l-awtorizzazzjoni lil Google qabel ma jkunu jistgħu jbiddlu l-wiri tar-reklamar kompetitur huwa wieħed miċ-ċirkustanzi rilevanti sabiex jiġi evalwat l-effett ta' esklużjoni ta' din il-klawżola.

989 Madankollu, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, sabiex il-perijodu medju tal-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel jitqies bħala twil, il-Kummissjoni bbażat ruħha biss, fil-premessa 590 tad-deċiżjoni kkontestata, li għaliha tirreferi l-premessa 519 ta' din l-istess deċiżjoni, imsemmija fil-punt 892 iktar 'il fuq, u fil-premessa 594 tal-imsemmija deċiżjoni, fuq il-fatt li ċerti FSG kienu ġew estiżi, xi drabi ripetutament, mingħajr emendi sostanzjali. B'mod iktar partikolari, kif jirriżulta mill-punt 893 iktar 'il fuq, mill-Anness A.55 tar-rikors u min-noti ta' qiegħ il-paġna 766 u 767 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħhom jirriproduċi dak tan-nota ta' qiegħ il-paġna 713 ta' din id-deċiżjoni, jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-perijodu totali ta' dawn il-FSG, u inkludiet l-eventwali estensjonijiet tagħhom kollha. Min-naħa l-oħra, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni la l-perijodu inizjali tal-imsemmija FSG, meħuda individwalment, u lanqas il-perijodu ta' kull eventwali estensjoni ta' dawn il-FSG.

990 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-qafas tal-analiżi tagħha tal-effetti tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel, il-Kummissjoni ma semmietx drittijiet ta' xoljiment unilaterali li kellhom ċerti msieħba diretti suġġetti għall din il-klawżola. Mill-Annessi A.55 tar-rikors u C.8 tar-risposta jirriżulta li tal-inqas ħames imsieħba diretti msemmija fit-Tabella Nru 28 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri Vinden, [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*], [*kunfidenzjali*] u [*kunfidenzjali*], kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali, u dan ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, min-noti ta' qiegħ il-paġna 766 u 767 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-perijodu tal-FSG konklużi biss ma' ħdax-il imsieħba diretti. Konsegwentament, kif ġie rrilevat fil-punt 897 iktar 'il fuq, il-fatt li tal-inqas ħames imsieħba diretti kellhom dritt ta' xoljiment unilaterali ma għandux jiġi kkunsidrat bħala eċċezzjoni suffiċjentament rari sabiex tiġġustifika li ma ġiex meħud inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effett ta' esklużjoni tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

991 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif jirriżulta mill-punt 898 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma setgħetx, abbażi biss tal-premessi 590 u 594 tad-deċiżjoni kkontestata u mingħajr ma eżaminat il-kundizzjonijiet reali u l-modalitajiet li bihom ġew maqbula l-estensjonijiet tal-FSG u l-kontenut tal-klawżoli li kienu jipprevedu drittijiet ta' xoljiment unilaterali, li kellhom ċerti msieħba diretti, u l-kundizzjonijiet li fihom dawn id-drittijiet setgħu jiġu eżerċitati, teskludi li dawn l-imsieħba diretti kellhom il-possibbiltà li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google mingħajr ma jitolbu l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' din tal-aħħar sabiex jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur, inkluż qabel l-eventwali estensjoni tal-FSG tagħhom jew qabel ma jiġi eżerċitat dritt ta' xoljiment unilaterali. Minn dan isegwi li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tikkonstata li dawn l-intermedjarji ma kellhomx il-possibbiltà li jikkontestaw il-parti tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online koperta mill-FSG li kien fihom il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel matul il-perijodu kollu ta' dawn il-FSG, u wisq inqas, matul il-perijodu kumulattiv ta' dawn tal-aħħar.

d) Konklużjoni fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online

992 Kif ġie rrilevat fil-punt 967 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset, korrettament, li, fid-dawl tal-kopertura tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha u dik tal-klawżola ta' pożizzjonament, fid-dawl taċ-ċirkustanzi mfakkra fil-punt 602 iktar 'il fuq, il-kopertura tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel setgħet kienet suffiċjenti sabiex tippermetti lil din il-klawżola li jkollha l-kapaċita li tipproduċi effett ta' esklużjoni bejn l-31 ta' Marzu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2015. Barra minn hekk, fil-punt 980 iktar 'il fuq ġie rrilevat li Google ma kinitx iġġustifikata li ssostni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li kompetitur effettiv daqsha ma setax jidħol fis-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online jew li tali kompetitur seta' jkun eskluż minn dan is-suq.

993 Għall-kuntrarju, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 969 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel kienet setgħet tipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta' Jannar u s-6 ta' Settembru 2016. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 991 iktar 'il fuq, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-perijodu li matulu l-imsieħba diretti kienu obbligati, bis-saħħa ta' din il-klawżola, jitolbu l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' Google qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur fuq il-paġni tar-riżultati tagħhom.

994 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li tirrikjedi l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 107 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni ma urietx b’mod suffiċjenti fid-dritt, fir-rigward taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tipprekludi lill-intermedjarji kompetituri ta’ Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, matul il-perijodu li fih kienet tapplika l-imsemmija klawżola.

3. Konklużjoni fuq l-ewwel parti tar-raba’ motiv

995 Kif tfakkar fil-punt 919 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 573 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ. F’dan ir-rigward, hija rrilevat li din il-klawżola kienet, l-ewwel nett, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta’ Google, it-tieni nett, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online, it-tielet nett, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, ir-raba’ nett, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tal-Portugall, u, il-ħames nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

996 Kif tfakkar fil-punti 920 u 921 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel setgħet tipproduċi effett ta’ esklużjoni, filwaqt li kkonstatat li kienet, minn naħa, iddiswadiet lill-imsieħba diretti milli jużaw intermedjarji kompetituri ta’ Google u, min-naħa l-oħra, ipprekludiet lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online. Barra minn hekk, minn dan l-effett ta’ esklużjoni hija ddeduċiet li l-imsemmija klawżola kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

997 Kif tfakkar fil-punt 926 iktar ’il fuq, fil-premessa 574 tad-deċiżjoni kkontestata, qabel ma eżaminat l-effetti ta’ kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet ta’ kompetizzjoni li hija identifikat (ara l-punt 995 iktar ’il fuq), il-Kummissjoni speċifikat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha intiża sabiex turi li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni “it-tul ta’ żmien ta’ [din il-]klawżola”, billi rreferiet, f’dan ir-rigward, għat-Taqsima 8.5.4.2 ta’ din id-deċiżjoni, relatata mal-impossibbiltà għall-intermedjarji kompetituri ta’ Google milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online, u billi enfasizzat b’hekk, korrettament, l-importanza tal-argumenti esposti fil-premessi 589 u 594 li jinsabu f’din it-taqsima. Hija indikat ukoll li ħadet inkunsiderazzjoni r-rata ta’ kopertura tal-imsemmija klawżola, li hija eżaminat f’din l-istess taqsima tal-imsemmija deċiżjoni. Mill-post fejn tpoġġiet din il-premessa 574 fl-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni dan it-tul ta’ żmien u din ir-rata ta’ kopertura meta eżaminat l-effetti tal-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel fil-qafas ta’ kull waħda mill-ħames restrizzjonijiet identifikati fl-imsemmija deċiżjoni.

998 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 993 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-perijodu li fih l-imsieħba diretti kienu obbligati, bis-saħħa tal-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel, jitolbu l-awtorizzazzjoni minn qabel ta’ Google qabel ma jibdlu l-wiri tar-reklamar kompetitur fuq il-paġni tar-riżultati tagħhom.

999 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 993 iktar ’il fuq, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel setgħet tipproduċi effett ta’ esklużjoni, minħabba l-kopertura tagħha, bejn l-1 ta’ Jannar u s-6 ta’ Settembru 2016.

1000 Minn dan isegwi li l-iżbalji kommessi mill-Kummissjoni, imfakkra fil-punti 998 u 999 iktar ’il fuq, jivvizzjaw ir-restrizzjonijiet kollha identifikati minnha fid-deċiżjoni kkontestata, b’tali mod li għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma urietx, b’mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kellha l-kapaċità li tiddiswadi lill-imsieħba diretti milli jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta’ Google jew li kien kellha l-kapaċità li tipprekludi lil dawn l-intermedjarji milli jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta’ reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE, u, konsegwentament, li din il-klawżola kellha l-kapaċità li tipproduċi l-effett ta’ esklużjoni kkonstatat fl-imsemmija deċiżjoni.

1001 F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma wrietx, b’mod suffiċjenti fid-dritt, li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kienet, qabelxejn, setgħet ipprekludiet l-innovazzjoni, sussegwentament, għenet lil Google żżomm u ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali inkwistjoni tar-reklamar tat-tiftix online, u, fl-aħħar nett, setgħet ikkawżat dannu lill-konsumaturi.

1002 Minn dan isegwi li hemm lok li tintlaqa’ l-ewwel parti tar-raba’ motiv, mingħajr il-bżonn li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra ta’ Google fil-qafas tal-istess motiv, u li konsegwentament, tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata inkwantu kkonstatat li l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel kienet tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

F. Konklużjoni fuq ir-rikors

1003 Mill-punti 727, 913 u 1002 iktar ’il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni ma stabbilixxiet l-ebda wieħed mit-tliet istanzi ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jikkostitiwxxu ksur uniku u kontinwu għal din id-dispożizzjoni, imsemmija fl-Artikoli 1 sa 3 tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, kif essenzjament issostni Google, mill-istruttura u mid-dispożittiv ta’ din id-deċiżjoni jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li dan il-ksur uniku u kontinwu kien ikkaratterizzat biss minn istanzi ta’ ksur separati.

1004 Konsegwentament, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata inkwantu tikkonstata li l-klawżola ta’ esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, il-klawżola ta’ pożizzjonament u l-klawżola ta’ awtorizzazzjoni minn qabel jikkostitwixxu, flimkien, ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 102 TFUE, mingħajr ma hemm il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar il-fondatezza tal-argument ta’ Google li jikkontesta speċifikatament il-klassifikazzjoni ta’ tali ksur uniku u kontinwu u, konsegwentament, dwar l-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà, imqajma mill-Kummissjoni, ibbażata fuq l-inammissibbiltà ta’ dan l-argument.

1005 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha, mingħajr ma hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar il-ħames motiv ta’ Google.

IV. Fuq l-ispejjeż

1006 L-ewwel nett, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż sostnuti minn Google, kif mitlub minn din ta' l-aħħar.

1007 It-tieni nett, skont l-Artikolu 138(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li intervenjent, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu. F'dan il-każ, hemm lok li jiġi deċiż li Surfboard u Vinden għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2173 final tal-20 ta' Marzu 2019 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ AT.40411 – Google Search (AdSense)), hija annullata.**

2) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż ta' Google LLC u ta' Alphabet Inc.**

3) **Surfboard Holding BV u Vinden.NL BV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Kornezov Buttigieg Kowalik-Bańczyk

Hesse Petrlík

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Settembru 2024.

Firem

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

A. Fuq is-servizzi u l-kuntratti ta' Google relatati mal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online . . . 2

B. Fuq il-proċedura amministrattiva . . . 4

C. Fuq id-deċiżjoni kkontestata . . . 5

1. Fuq id-definizzjoni tas-suq . . . 5

a) Fuq is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online . . . 5

1) Fuq is-suq tal-prodotti . . . 5

2) Fuq is-suq ġeografiku . . . 6

b) Fuq is-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE . . . 6

1) Fuq is-suq tal-prodotti . . . 6

2) Fuq is-suq ġeografiku . . . 6

2. Fuq il-pożizzjoni dominanti . . . 6

a) Fuq is-swieq nazzjonali tar-reklamar tat-tiftix online . . . 7

1) Fuq l-ishma tas-suq . . . 7

2) Fuq il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir . . . 7

3) Fuq in-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja . . . 8

b) Fuq is-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online fiż-ŻEE . . . 8

1) Fuq l-ishma tas-suq . . . 8

2) Fuq il-barrieri għad-dħul u għat-tkabbir . . . 9

3) Fuq in-nuqqas ta' saħħa tax-xerrej kumpensatorja . . . 9

3. Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG li fihom l-imsieħba diretti kienu "ġeneralment" inkludew is-siti internet tagħhom kollha . . . 10

a) Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha inkwantu kienet tikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva li jikser, bħala tali, l-Artikolu 102 TFUE . . . 10

b) Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha inkwantu kienet tikkostitwixxi obbligu ta' provvista esklużiva li jista' jillimita l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE 11

c) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi 11

4. Fuq il-klawżola ta' pożizzjonament 12

a) Fuq il-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament 12

b) Fuq ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' pożizzjonament . 12

c) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi 12

5. Fuq il-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel 13

a) Fuq ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel 13

b) Fuq l-assenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi 13

6. Fuq il-ksur uniku u kontinwu 14

7. Fuq l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri 14

8. Fuq il-multa 14

II. Talbiet tal-partijiet 15

III. Id-dritt 15

A. Rimarki preliminari 15

B. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ddefinixxiet b'mod żbaljat is-swieq rilevanti inkwistjoni u l-pożizzjoni dominanti ta' Google 18

1. Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażat fuq is-sostitwibbiltà tar-reklamar tat-tiftix online u dak mhux relatat mat-tiftix online 18

a) Osservazzjonijiet preliminari 19

b) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-perspettiva tal-pubblikaturi 20

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha 21

d) Fuq l-argumenti ta' Google relatati mat-test SSNIP 22

1) Fuq in-natura adegwata tal-analiżi relatata mal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni 23

2) Fuq il-fondatezza tal-konklużjonijiet misluta mill-Kummissjoni mill-analiżi relatata mal-prezzijiet li hija wettqet 26

i) Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet 27

– Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-pubblikaturi 27

– Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-persuni li jirreklamaw 28

– Fuq l-interpretazzjoni tar-risposti tal-aġenziji tal-midja 30

– Konklużjoni dwar l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet 31

ii) Fuq il-preżentazzjoni allegatament żbaljata tar-risposti għad-domanda dwar il-prezzijiet 32

e) Fuq il-fondatezza tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-karatteristiċi differenti taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 33

1) Fuq l-iskattar u l-pożizzjonament taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 33

2) Fuq il-format taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 34

3) Fuq l-ispejjeż ta' disinn taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 35

4) Fuq il-kapaċitajiet ta' mira taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 35

5) Fuq l-għanijiet taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 38

6) Fuq ir-rati ta' klikks u ta' konverżjoni taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni . . . 39

7) Fuq il-possibilitajiet li titkejjel il-prestazzjoni taż-żewġ tipi ta' reklamar inkwistjoni 40

8) Fuq ir-rilevanza tad-differenzi fil-karatteristiċi u fl-użu għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq 42

f) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' eżempji ta' imġiba reali tal-pubblikaturi li allegatament issostitwixxew jew kienu ser jissostitwixxu r-reklamar tat-tiftix online b'reklamar mhux relatat mat-tiftix online 43

g) Fuq l-interpretazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' ċerti rappreżentanti ta' Google 45

h) Fuq id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni 46

i) Konklużjoni fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv 48

2. Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq is-sostitwibbiltà tal-bejgħ tar-reklami online permezz ta' intermedjazzjoni u l-bejgħ ta' tali reklamar direttament mill-pubblikaturi 48

a) Fuq is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-pubblikaturi 49

1) Fuq l-ispejjeż ta' tranżazzjoni għall-pubblikaturi 49

2) Fuq l-indikatur relatat mal-aċċess għal bażi suffiċjenti ta' persuni li jirreklamaw 51

3) Fuq l-assenza ta' analiżi "vera" tas-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni . . . 52

4) Fuq il-pubblikaturi li jużaw iż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni . . . 53

b) Fuq is-sostitwibbiltà taż-żewġ kanali ta' bejgħ inkwistjoni mill-perspettiva tal-persuni li jirreklamaw . . . 55

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni Telefónica UK . . . 55

d) Konklużjoni fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv . . . 56

3. Konklużjoni fuq l-ewwel motiv . . . 56

C. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konkluża mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti . . . 57

1. Fuq l-ewwel u t-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażati, rispettivament, fuq il-fatt li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konkluża mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, ma tikkostitwixxix obbligu ta' provvista esklużiva fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), u fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha obbligu li tanalizza l-effetti ta' din il-klawżola . . . 57

2. Fuq it-tielet parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li l-klawżola ta' esklużività, li tinsab fil-FSG konkluża mal-imsieħba diretti tas-siti kollha, kellha l-kapaċità li tirrestrinġi l-kompetizzjoni . . . 60

a) Fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-imsieħba diretti tas-siti kollha . . . 63

1) Fuq l-għażla tal-imsieħba diretti li jinkludu sit internet f'FSG . . . 64

2) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti għad-diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni u l-ittra ta' Surfboard . . . 64

i) Fuq ir-rilevanza tar-risposti għad-domanda 5.2.d tat-talba għal informazzjoni tat-22 ta' Diċembru 2010 . . . 66

ii) Fuq ir-rilevanza tar-risposti tal-imsieħba diretti li ma humiex imsieħba diretti tas-siti kollha . . . 66

iii) Fuq l-imsieħba diretti tas-siti kollha identifikati fid-deċiżjoni kkontestata . 67

– Fuq ir-rilevanza tal-argumenti ta' Google . . . 68

– Fuq l-affidabbiltà tar-risposti għat-talba għal informazzjoni tal-24 ta' Frar 2017 . . . 68

iv) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti tas-siti kollha msemmija fil-premessi 367 u 368 tad-deċiżjoni kkontestata . . . 71

– Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] 71

– Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali] 73

– Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] 73

– Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali] 74

– Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali] 75

– Fuq ir-risposti tal-grupp [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali] 77

v) Fuq ir-risposti l-oħra tal-imsieħba diretti tas-siti kollha invokati minn Google 77

– Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] u ta' [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali], ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali] 77

– Fuq ir-risposti ta' [kunfidenzjali] u tal-grupp [kunfidenzjali] 78

vi) Fuq l-ittra ta' Surfboard 79

vii) Konklużjoni fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti għad-diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni u l-ittra ta' Surfboard 81

3) Fuq l-investimenti magħmula minn Yahoo! 81

4) Fuq il-preferenza tal-pubblikaturi li jiksbu reklamar tat-tiftix online mingħand intermedjarju wieħed kull darba 83

i) Fuq l-istudju prodott minn Google matul il-proċedura amministrattiva . . 84

ii) Fuq ir-risposti tal-imsieħba diretti invokati minn Google 85

5) Konklużjoni fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' esklużività fir-rigward tal-imsieħba diretti tas-siti kollha 87

b) Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jaċċessaw parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online 88

1) Fuq l-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużività għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online 88

2) Fuq il-kopertura tas-suq permezz tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha 89

i) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data wara l-konklużjoni tal-FSG għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' kopertura tal-klawżola ta' esklużività . 90

ii) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġenerat minn FSG konklużi mal-imsieħba diretti li jappartjenu għall-istess grupp bħal uħud mill-imsieħba diretti tas-siti kollha 91

iii) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel 92

– Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġenerat mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha 92

– Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġeneart mill-FSG li fihom il-klawżoli ta' pożizzjonament u ta' awtorizzazzjoni minn qabel konklużi ma' imsieħba diretti li ġeneralment ma inkludewx is-siti internet kollha tagħhom f'dawn il-FSG għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ta' esklużjoni tal-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha 94

iv) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' msieħba diretti li ma inkludewx is-siti internet kollha tagħhom fil-FSG tagħhom li fihom il-klawżola ta' esklużività għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' kopertura ta' din l-aħħar klawżola 96

v) Fuq id-dħul iġġenerat mill-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha fl-2016 99

– Fuq il-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha 99

– Fuq il-klawżola ta' pożizzjonament 100

vi) Fuq it-traffiku tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mal-imsieħba diretti tas-siti kollha 100

vii) Konklużjoni fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' esklużività li tinsab fil-FSG konklużi mill-imsieħba diretti tas-siti kollha 101

3) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv 102

i) Osservazzjonijiet preliminari 102

ii) Fuq il-fatturi rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-test tal-kompetitur daqstant effettiv 103

iii) Fuq il-provi prodotti minn Google matul il-proċedura amministrattiva . . 104

iv) Fuq l-eżistanza ta' strateġija intiża sabiex teskludi lill-kompetituri daqstant effettivi 105

v) Konklużjoni fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv 106

4) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' ċerti msieħba diretti 106

i) Fuq l-ammissibbiltà tal-argument ta' Google 107

ii) Fuq il-fondatezza tal-argument ta' Google 108

5) Konklużjoni dwar l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online 112

c) Konklużjoni fuq it-tielet parti tat-tieni motiv 112

D. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' pożizzjonament ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti 114

1. Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament 115

a) Fuq il-possibbiltà li jintwera reklamar kompetitur taħt ir-reklamar ta' Google 115

b) Fuq l-ispazji li jiġġeneraw l-ogħla rata ta' klikks 117

1) Fuq l-immaġnijiet li jinsabu fl-Anness A.52 tar-rikors 118

2) Fuq il-Figuri Nri 5 u 6 tal-Anness C.11 tar-risposta 120

c) Konklużjoni fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv 120

2. Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-klawżola ta' pożizzjonament 121

a) Fuq in-natura disswaživa tal-klawżola ta' pożizzjonament fir-rigward tal-imsieħba diretti 123

1) Fuq il-kapaċità tal-klawżola ta' pożizzjonament li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jevalwaw l-eventwali interess kummerċjali sabiex jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google 123

i) Fuq il-portata tal-klawżola ta' pożizzjonament 123

ii) Fuq id-dikjarazzjonijiet tal-imsieħba diretti 124

– Fuq l-ammissibbiltà tal-argument ta' Google 124

– Fuq il-fondatezza tal-argument ta' Google 125

2) Fuq il-kapaċità tal-klawżola ta' pożizzjonament li tipprekludi lill-imsieħba diretti milli jkunu jistgħu jadottaw ċerti konfigurazzjonijiet li jirrigwardaw il-paġni tar-riżultati tagħhom, meta l-utent kien iżur dawn il-paġni minn kompjuter 129

3) Fuq l-interess kummerċjali tal-imsieħba diretti li jiksbu provvista mingħand intermedjarji kompetituri ta' Google fl-assenza tal-klawżola ta' pożizzjonament 130

4) Konklużjoni dwar in-natura disswaživa tal-klawżola ta' pożizzjonament fir-rigward tal-imsieħba diretti 131

b) Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online . . 132

1) Fuq l-applikazzjoni tal-klawżola ta' pożizzjonament għal ċerti formati ta' reklamar tat-tiftix online 133

2) Fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' pożizzjonament 133

i) Fuq il-parti tas-suq koperta mill-klawżola ta' pożizzjonament 133

ii) Fuq it-traffiku u l-volum ta' tiftix online tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' pożizzjonament 135

3) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv 137

4) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali ta' ċerti msieħba diretti 138

5) Konklużjoni dwar l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online 140

c) Konklużjoni dwar it-tieni parti tat-tielet motiv 141

E. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma kinitx tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti 143

1. Fuq in-natura dissważiva tal-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel fir-rigward tal-imsieħba diretti 145

2. Fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online 149

a) Fuq il-kopertura tas-suq mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel 150

1) Fuq il-parti tas-suq koperta mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel 150

2) Fuq it-traffiku tas-siti internet u l-volum ta' tiftix online tas-siti internet koperti mill-klawżola ta' awtorizzazzjoni minn qabel 152

b) Fuq it-test tal-kompetitur daqstant effettiv 152

c) Fuq il-perijodu tal-FSG u d-dritt ta' xoljiment unilaterali tal-imsieħba diretti 154

d) Konklużjoni fuq l-impossibbiltà, għall-intermedjarji kompetituri ta' Google, li jkollhom aċċess għal parti sinjifikattiva tas-suq tal-intermedjazzjoni ta' reklamar tat-tiftix online 155

3. Konklużjoni fuq l-ewwel parti tar-raba' motiv 156

F. Konklużjoni fuq ir-rikors 157

IV. Fuq l-ispejjeż 158